 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Testi Adottati, 1.6.2006, P6_TA(2006)0234.

⁽²⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

⁽³⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

P6_TA(2006)0557**Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-linja gwida konġunta addottata mill-Kunsill bl-għan li jiġi adottat regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (14259/2006 — C6-0431/2006 — 2005/0090(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-linja gwida konġunta tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2006 (14259/2006),
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2005)0181 ⁽¹⁾) u l-proposta emendata (COM(2006)0213) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra il-pożizzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006 ⁽³⁾ u tas-6 ta' Lulju 2006 ⁽⁴⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni u tas-6 ta' Settembru 2006 dwar il-proposta emendata tal-Kummissjoni ⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 279 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0431/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 56 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju (A6-0447/2006),
1. Jaċċetta l-konklużjonijiet tal-konċiljazzjoni tal-21 ta' Novembru 2006 u jiddikjara bħala magħluqa l-proċedura ta' konċiljazzjoni li hemm dispożizzjoni għaliha fl-Artikolu 194 tar-Regolament Finanzjarju;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu kif annessa ma' din ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

⁽²⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

⁽³⁾ Testi adottati, P6_TA(2006)0085.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P6_TA(2006)0312.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P6_TA(2006)0343.

ANNEX

Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-**Artikolu 279** tiegħu,

wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 183 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta min-naħa tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽²⁾, minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju", jstabbilixxi l-pedamenti legali tar-riforma tal-ġestjoni finanzjarja. F'dan ir-rigward, l-elementi essenzjali tiegħu għandhom jinżammu u jissaħħu. It-trasparenza, partikolarment, għandha tissaħħaħ billi tkun ipprovduta informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-fondi Komunitarji. Barra minn hekk, il-prinċipji baġitarji stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju għandhom jiġu rrispettati mill-atti leġislattivi kollha u d-derogi għandhom jinżammu għal minimu strett.
- (2) In the light of practical experience, certain amendments should be made in order to facilitate budget implementation and the realisation of the underlying policy objectives and to adjust some procedural and documentary requirements so as to make them more proportionate to the risks and cost involved, in accordance with the principle of proportionality as set out in the third subparagraph of Article 5 of the EC Treaty.
- (3) L-emendi kollha għandhom jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-oġġettivi tar-riformi tal-Kummissjoni u għandhom jgħinu sabiex tittejjeb jew tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda u b'hekk jikkontribwixxu għall-kisba ta' assigurarazzjoni raġonevoli tal-legalità u r-regolarità ta' l-operati finanzjarji.
- (4) Għandu jittieħed kont ta' dispożizzjonijiet li jimplementaw id-dħul u l-infiq tal-baġit, misjuba fl-atti leġislattivi bażiċi adottati għall-perijodu mill-2007 sa l-2013, sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawn l-atti u r-Regolament Finanzjarju.
- (5) Għandu jkun iċċarat li ġestjoni finanzjarja tajba titlob kontroll intern effettiv u effiċjenti, u għandhom ikunu definiti l-fatturi u l-oġġettivi ewlenin tas-sistemi interni ta' kontroll.
- (6) Sabiex tkun żgurata t-trasparenza ta' l-użu tal-fondi li ġejjin mill-baġit, huwa meħtieġ li informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' dawn il-fondi ssir disponibbli f'ċerti limiti meħtieġa biex jipproteġu l-interessi pubbliċi u privati leġittimi u b'kont meħud ta' l-ispeċifità tas-sena tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija.
- (7) Rigward il-prinċipju ta' l-unità tal-baġit, għandha tkun simplifikata r-regola li tmexxi l-interessi ġġenerati mill-pre-finanzjament. Il-piż amministrattiv involut fl-irkupru ta' dak l-interess huwa sproporzjonat għall-oġġettiv segwit u jkun aktar effiċjenti li l-interess jitħalla jitnaqqas b'ħala kumpens mill-pagament finali lill-benefiċjarju.
- (8) Fir-rigward tal-prinċipju ta' l-annwalità, għandhom jiġu introdotti aktar flessibbiltà u trasparenza biex jirrispondu għall-ħtiġiet funzjonali. It-tmexxija 'l quddiem ta' l-appropriazzjonijiet għandha tkun permessa biss eċċezjonalment għal ħlasijiet diretti lill-bdiewa taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija l-ġdid (EAGF).

⁽¹⁾ ĠU C 13, 18.1.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (9) It-talbiet għal ħlasijiet mill-Istati Membri taħt ir-regolamenti l-ġodda għall-agrikoltura se jkunu kkonċentrati l-aktar bil-qawwa fil-bidu tas-sena baġitarja *n*. Għalhekk, il-limitu massimu għal impenji minn qabel fir-rigward tal-EAGF (mill-15 ta' Novembru tas-sena *n-1*) biex tkun koperta n-nefqa ta' ġestjoni ta' rutina (maħruġ mill-baġit tas-sena *n*) għandu jiddied għal tliet kwarti ta' l-appropriazzjonijiet korrispondenti fl-aħħar baġit agrikolu adottat. Fir-rigward tal-limitu fuq l-impenn minn qabel għan-nefqa amministrattiva, it-test għandu jkun emendat sabiex jirreferi għal appropriazzjonijiet deċiżi mill-awtorità baġitarja, u għalhekk jeskludi trasferimenti ta' appropriazzjonijiet.
- (10) L-użu ta' appropriazzjonijiet mhux differenzjati għall-miżuri veterinarji, imħallsin mill-EAGF, itellfu inutilment l-implimentazzjoni ta' tali azzjonijiet, speċjalment fir-rigward tal-limiti imposti fuq il-possibbiltajiet għal ħlasijiet li jitmexxew 'il quddiem. L-użu ta' appropriazzjonijiet differenzjati għal tali nefqa għandu għalhekk jiġi permess, peress illi dan huwa aktar skond in-natura pluriennali ta' l-azzjonijiet.
- (11) Rigward il-prinċipju ta' l-universalità, għandhom jiddiedu żewġ punti mal-lista tad-dħul assenjat. L-ewwel, kif inhu possibbli bħalissa taħt programmi ta' riċerka speċifiċi, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jagħmlu kontribuzzjonijiet ad hoc, bħala dħul assenjat, għal proġetti taħt programmi ta' relazzjonijiet esterni ġestiti mill-Kummissjoni. It-tieni, id-dħul mill-bejgħ ta' vetturi, apparat, installazzjonijiet, materjali, u apparat xjentifiku u tekniku li jkun se jinbidel jew isir ruttam għandu jiġi trattat bħala dħul assenjat, bħala inkoraġġiment għall-uffiċjali awtorizzanti biex jiksbu l-aħjar prezzi jiet meta jiddisponu minnhom.
- (12) Fil-preżent, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata mill-awtorità baġitarja qabel ma taċċetta kwalunkwe donazzjoni, bħal rigali jew legati, li jinvolvu ħlas. Biex jiġu evitati proċeduri li mhumix meħtieġa u ta' toqol żejjed, l-awtorizzazzjonijiet għandhom isiru obbligatorji biss fil-każ ta' donazzjonijiet li jaqbz u ċertu valur u li jinvolvu ħlasijiet sinifikanti.
- (13) Ir-regoli li jirregolaw it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet għandhom jiġu ssimplifikati u ċċarati fuq ċerti punti għaliex fil-prattika dawn urew li kienu tqal iżżejjed jew mhux ċari.
- (14) Għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-Kummissjoni għandha titħalla tiddeċiedi awtonomament dwar trasferimenti mir-riżerva f'każijiet fejn ma jeżisti l-ebda att bażiku għall-azzjoni kkonċernata fiż-żmien meta ġie stabbilit il-baġit, iżda fejn l-att bażiku huwa adottat matul is-sena.
- (15) Ir-regoli dwar trasferimenti amministrattivi tal-Kummissjoni għandhom ikunu adattati għall-istruttura l-ġdida ta' Baġitarja Ibbażat skond l-Attività (ABB). Hekk, għandha tkun prevista eżenzjoni mill-“proċedura ta' notifikazzjoni”. Waqt l-aħħar xahar tas-sena finanzjarja l-Kummissjoni għandha titħalla tiddeċiedi awtonomament dwar trasferimenti ta' appropriazzjonijiet li jirrigwardaw nefqa ta' persunal, fil-limitu ta' 3 % ta' l-appropriazzjonijiet tas-sena.
- (16) L-Artikoli 26, 45 u 46 tar-Regolament Finanzjarju għandhom jiġu emendati minħabba fl-abolizzjoni tar-riżerva konnessa ma' self u garanziji ta' self Komunitarji lil pajjiżi terzi u l-adozzjoni ta' mekkaniżmu ta' proviżjoni ġdid għall-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni.
- (17) Sabiex f'każi eċċezzjonali ta' diżastri umanitarji u kriżijiet internazzjonali li jseħħu fi tmiem is-sena baġitarja tkun aċċellerata l-mobilizzazzjoni ta' fondi, il-Kummissjoni għandha tkun permessa li titrasferixxi awtonomament appropriazzjonijiet tal-baġit mhux użati disponibbli taħt l-Intestatura 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali għat-titoli baġitarji konċernati.
- (18) Fir-rigward tal-proċedura baġitarja, il-ħtieġa stabbilita fl-Artikolu 29 tar-Regolament Finanzjarju li l-baġit għandu jkun ippubblikat fi żmien xahrejn mill-adozzjoni, uriet li mhix realista: tliet xhur ikun aktar prattikabbli. Il-kunċett ta' “Dikjarazzjoni ta' Attività” għandu jiddaħħal fl-Artikolu 33 tar-Regolament Finanzjarju sabiex wieħed mill-elementi ewlenin ta' l-ABB isir uffiċjali, u l-kontenut tagħhom għandu jkun iddefinit aktar preċiżament sabiex isiru aktar operattivi. L-iskedi ta' ħlasijiet għandhom ikunu inklużi fid-dokumenti ta' ħidma li jakkumpanjaw l-abbozz preliminari tal-baġit elenkati fl-Artikolu 33 tar-Regolament Finanzjarju minflok ma jitpoġġew fil-baġit innifsu, peress illi mhumix rilevanti għall-proċedura baġitarja u peress illi huma tqal iżżejjed għalhejn.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (19) Fir-rigward ta' l-implimentazzjoni baġitarja, jidher li jinħtieġu xi aġġustamenti sabiex jiġu riflessi aħjar il-karatteristiċi speċifiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (CFSP). Għal raġunijiet ta' ċarezza legali, it-tipi ta' atti bażiċi applikabbli taħt it-Trattat tal-KE u taħt it-Titoli V u VI tat-TUE għandhom ikunu identifikati fl-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju minflok fir-regoli implimentattivi. Barra minn hekk, għandha tiżdied dispożizzjoni speċifika oħra sabiex ikunu riflessi sewwa t-tipi ta' miżuri preparatorji li jistgħu jittieħdu fil-qasam tal-CFSP.
- (20) Fir-rigward tal-metodi ta' ġestjoni, l-Artikolu 53 tar-Regolament Finanzjarju għandu jiġi ristrutturatur għall-fini ta' ċarezza. Huwa meħtieġ ukoll li titneħħa l-limitazzjoni ta' ġestjoni komuni għall-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (EAGFG) u l-Fondi Strutturali, għaliex programmi addizzjonali issa għandhom joperaw taħt ġestjoni komuni. Il-ħtiġiet għal ġestjoni konġunta għandhom jiġu ċċarati aktar. L-Artikolu 54(2)(b) għandu jitkompla biex jinkludi partikolarment lill-Bank Ewropew ta' l-Investment u lill-Fond Ewropew ta' l-Investment bħala korpi Komunitarji li l-Kummissjoni tista' tiddelegahom kompiti. Il-kriterji mniżżlin fl-Artikolu 54 tar-Regolament Finanzjarju għall-użu ta' korpi tas-settur pubbliku nazzjonali għandhom jiġu ssimplifikati sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tagħhom u sabiex iwiegħbu għall-bżonnijiet operattivi li qed jikbru, u l-iskop tad-dispożizzjoni għandu jiġi estiż għall-korpi pubbliċi internazzjonali. L-Artikolu 54 għandu wkoll jiċċara l-pożizzjoni fir-rigward tal-każ ta' konsulenti speċjali jew kapijiet ta' missjoni appuntati mill-Kunsill biex jiġġestixxu ċerti azzjonijiet fil-kuntest tal-politika estera u ta' sigurtà komuni.
- (21) Ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri taħt ġestjoni komuni għandhom jitniżżlu f'faktar dettall, biex jieħdu kont tad-diskussjonijiet li għaddejjin bejn l-istituzzjonijiet dwar il-proċedura ta' kwittanza u s-sistemi ta' kontroll xierqa li għandhom jiġu attwati, biex jirriflettu r-responsabbiltajiet reċiproki ta' l-Istati Membri u tal-Kummissjoni. B'segwitu tal-ftehim interistituzzjonali l-ġdid (il-punt 44), l-Istati Membri għandhom jiġu obbligati li jipproduċu sommarju annwali tal-verifiki u d-dikjarazzjonijiet disponibbli *relatati* mal-fondi taħt il-ġestjoni komuni.
- (22) Il-projbizzjoni mid-delegar ta' kompiti implimentattivi għall-korpi privati għandha tiġi modifikata fl-Artikoli 57 tar-Regolament Finanzjarju għaliex it-termini ta' dik il-projbizzjoni irriżultaw li huma stretti aktar milli meħtieġ. Għandu jkun possibbli, per eżempju, għall-Kummissjoni li tingaġġa s-servizzi ta' aġenzija ta' l-ivvjaġġar jew organizzatur tal-konferenzi biex jieħu ħsieb li jkunu rimborżati l-ispejjeż tal-parteċipanti f'konferenzi, sakemm l-ebda poteri diskriminatorji ma jiġu eżerċitati mill-kumpannija privata.
- (23) Għandu jkun possibbli l-istabbiliment ta' bordijiet konġunti dwar irregolaritajiet finanzjarj minn diversi istituzzjonijiet..
- (24) Għandha tiġi ċċarata r-responsabbiltà ta' l-uffiċjal tal-kontijiet li jiċċertifika l-kontijiet abbażi ta' l-informazzjoni finanzjarja fornuta lill-uffiċjali regolaturi. Għal dan il-għan, l-uffiċjal tal-kontijiet għandu jingħata s-setgħa biex jivverifika l-informazzjoni li tasallu mingħand l-uffiċjal awtorizzanti b'delega u jagħmel ir-riżervi tiegħu jekk dan ikun meħtieġ.
- (25) Għandha tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn l-awditur intern tal-Kummissjoni u l-korpi attwati mill-Komunitajiet. Dawk il-korpi għandu jkollhom il-funzjoni ta' verifika interna tagħhom stess li tirrapporta lill-bordijiet ta' ġestjoni tagħhom stess, waqt li l-awditur intern tal-Kummissjoni jirrapporta lill-Kulleġġ dwar il-proċeduri u s-sistemi tal-Kummissjoni. Għandu jkun meħtieġ għall-awditur intern tal-Kummissjoni sabiex jikkonferma biss li l-funzjonijiet ta' verifika interna ta' l-aġenziji jilhqqu standards internazzjonali u għal dak il-għan għandu jkun jista' jikkonduċi verifiki tal-kwalità ta' l-attività interna ta' verifika.
- (26) A period of limitation on the validity of claims should be introduced. The Community, unlike many of its Member States, is not subject to a period of limitation under which financial claims are extinguished after a certain period of time. Il-Komunità lanqas mhija ristretta minn perijodu ta' limitazzjoni fl-insewiment tat-talbiet tagħha kontra terzi persuni. L-introduzzjoni ta' tali perijodu ta' limitazzjoni għandu jikkorrispondi għal ġestjoni finanzjarja tajba.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (27) Ir-Regolament Finanzjarju għandu jirrifletti l-importanza ta' kuntratti kwadru fil-ġestjoni ta' l-akkwist pubbliku. Għandu jinkoraġġixxi l-użu ta' proċeduri interistituzzjonali ta' akkwist u jippermetti l-possibbiltà ta' proċeduri konġunti ta' akkwist bejn istituzzjoni u awtorità kontraenti minn Stat Membru.
- (28) Għandhom isiru ċerti aġġustamenti tekniċi sabiex jiġi żgurat li t-terminoloġija tar-Regolament Finanzjarju tkun konformi bis-siġħ mad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-ġħoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ⁽¹⁾. Il-possibbiltà li għandhom l-Istati Membri taħt id-Direttiva biex jiddeterminaw proċeduri speċifiċi għal kuntratti li huma dikjarati sigrieti, meta r-rendiment tagħhom irid ikun akkumpanjat minn miżuri speċjali ta' sigurtà, jew meta l-ħarsien ta' l-Istat Membru jkun jesiġi dan, għandha ssir disponibbli għall-istituzzjonijiet tal-Komunità.
- (29) F'konformità mad-Direttiva 2004/18/KE, ir-regoli dwar l-esklużjoni minn proċedura ta' akkwisti għandhom bżonn ikunu ċċarati. Minbarra dan, għal raġunijiet ta' ċertezza legali u ta' proporzjonalità, għandu jiġi speċifikat perijodu massimu ta' esklużjoni fir-Regolament Finanzjarju. Fid-dawl tad-Direttiva 2004/18/KE, għandha ssir eċċezzjoni għar-regoli dwar l-esklużjoni għal xiri ta' provvidimenti b'termini partikolarment vantaġġjużi jew mingħand il-fornitur li jkun se jtemm l-attivitajiet tiegħu ta' negozju b'mod definit, jew mingħand ir-riċevituri jew il-likwidaturi ta' falliment, ftehim mal-kredituri, jew proċedura simili skond il-liġi nazzjonali.
- (30) Għandha ssir obbligatorja taħt l-Artikolu 93 tar-Regolament Finanzjarju għal kandidati jew appaltaturi fi proċeduri ta' akkwist li jiċċertifikaw, jekk ikunu mitluba, l-appartenenza jew il-ġestjoni, il-kontroll u s-setgħa ta' rappreżentanza ta' l-entità ġuridika li qed tissottometti offerta jew li s-sottokuntratturi tagħhom ma jkunux f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 93 tar-Regolament Finanzjarju. Fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, dawk li jissottomettu l-offerti ma jkunx hemm bżonn li jiċċertifikaw li mhumiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet li titlob l-esklużjoni meta jipparteċipaw fi proċedura ta' akkwist għal għotja ta' kuntratti ta' valur baxx ħafna.
- (31) Sabiex tissaħħaħ l-effikaċja tal-proċeduri ta' akkwist, id-database ta' kandidati jew appaltaturi f'sitwazzjonijiet ta' esklużjoni għandha tkun komuni għall-istituzzjonijiet, għall-aġenziji eżekuttivi u l-korpi imsemmijin fl-Artikolu 185.
- (32) Sabiex jitqiesu l-interessi ta' l-appaltaturi li ma jkollhomx suċċess, huwa xieraq li jkun previst li kuntratt kopert mid-Direttiva 2004/18/KE ma jistax ikun ffirmat qabel ma jgħaddi perijodu ta' żmien raġonevoli ta' pawsa.
- (33) L-obbligi ta' l-istituzzjonijiet li jisspendu l-proċedura jew kuntratt ta' akkwist skond l-Artikolu 103 f'każijiet ta' frodi jew irregolaritajiet jenħtieġ li jkunu ċċarati sabiex din id-dispożizzjoni ssir aktar operattiva.
- (34) Fir-rigward ta' l-għotjiet, hemm bżonn ta' simplifikazzjoni tar-regoli. Il-ħtiġiet għal iċċekkjar u għal garanziji għandhom ikunu aktar proporzjonali għar-riskji finanzjarji involuti. Id-definizzjoni ta' għotjiet jeħtieġ li tiġi ċċarata, partikolarment rigward il-finanzjament marbut ma' attivitajiet ta' self jew ishma u nfiq relatat mas-swieg tas-sajd. Biex tittejjeb il-ġestjoni ta' l-għotjiet u jiġu ssimplifikati l-proċeduri, għandu jkun possibbli li l-għotjiet jingħataw jew bdeċizzjoni ta' l-istituzzjoni jew bi ftehim bil-miktub mal-benefiċjarji.
- (35) Għal raġunijiet ta' ċarezza u trasparenza, l-użu ta' ħlasijiet ta' darba u b'rati fissi għandu jkun awtorizzat flimkien mal-metodu aktar tradizzjonali ta' rimborzar ta' spejjeż li jkunu ntgħamlu.
- (36) Għal raġunijiet ta' ċarezza legali, l-eċċezzjonijiet għar-regola ta' non-profit attwalment previsti fir-regoli implimentattivi għandhom ikunu inklużi fir-Regolament Finanzjarju. Barra minn hekk, għandu jkun iċċarat li l-għan ta' l-aġġudikazzjoni ta' l-għotjiet għal ċerti azzjonijiet huwa biex jgħin ir-rinfurzar tal-kapaċità finanzjarja jew biex jiġġenera qligħ.

⁽¹⁾ ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2083/2005 (ĠU L 333, 20.12.2005, p. 28).

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (37) Ir-regola li l-għotjiet għandhom jiġu aġġudikati abbażi ta' sejħiet għal proposti wriet il-validità tagħha. L-esperjenza wriet, madankollu, li f'ċerti sitwazzjonijiet in-natura ta' l-azzjoni ma tħalli l-ebda għażla fis-selezzjoni tal-benefiċjarji li għalhekk għandhom ikunu eżentati minn din ir-regola.
- (38) Għandha tiġi aġġustata r-regola li l-istess azzjoni m'għandhiex twassal għal aktar minn għotja waħda lil kwalunkwe benefiċjarju wieħed. Xi atti legali bażiċi jippermettu li l-Komunità tagħti fondi minn sorsi differenti li għandhom jingħaqdu, u tali każijiet jistgħu jiżdieđu fil-futur sabiex tkun żgurata l-effettività tan-nefqa. Madankollu, għandu jkun magħmul ċar fl-Artikolu 111 tar-Regolament Finanzjarju li l-istess spejjeż ma jistgħux jiġu ffinanzjati darbtejn mill-baġit Komunitarju.
- (39) Ir-regola li l-ftehim dwar għotja operattiva ma jistax ikun iffirmat aktar minn erba' xhur wara l-bidu tas-sena finanzjarja tal-benefiċjarju dehret li hija riġida bla bżonn. Dan it-terminu perentorju għandu għalhekk ikun estiż għal sitt xhur.
- (40) Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, fil-każ ta' għotjiet operattivi li jingħataw f'forma ta' somom ta' darba jew f'forma ta' finanzjament b'rata fissa, għandha titneħħa r-regola li l-għotjiet għandhom jitnaqqsu gradwalment.
- (41) Ċerti restrizzjonijiet dwar l-eliġibilità tal-benefiċjarji għandhom jitneħħew sabiex ikun hemm il-possibbiltà ta' għotjiet lil persuni fiżiċi u ċerti tipi ta' entitajiet li m'għandhomx personalità legali. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, għal għotjiet ta' valur baxx ħafna, l-uffiċjal awtorizzanti jista' joqgħod lura milli jitlob lill-applikanti jiċċertifikaw li mhumiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni taħt l-Artikoli 93, 94 jew 96 tar-Regolament Finanzjarju.
- (42) Waqt li l-għotjiet għandhom ikomplu jingħataw abbażi ta' kriterji ta' selezzjoni u ta' aġġudikazzjoni, fil-prattika mhemmx bżonn li dawk il-kriterji jiġu evalwati minn kumitat maħtur apposta u b'hekk dik il-ħtieġa għandha titneħħa.
- (43) Fir-rigward ta' l-istandards dwar akkwist pubbliku li għandhom jiġu applikati mill-benefiċjarji ta' għotjiet, ir-regola attwali fl-Artikolu 120 mhijiex ċara u jeħtiġ li tiġi ssimplifikata. Aktar minn hekk, għandu jkun previst il-każ li fih l-implimentazzjoni ta' azzjoni jkollha bżonn tagħti sostenn finanzjarju lil partijiet terzi.
- (44) Fir-rigward tar-regoli dwar il-kontabilità u l-kontijiet, l-Artikolu 121 tar-Regolament Finanzjarju għandu jagħmilha possibbli li l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni jiddetermina, b'konformità ma' standards internazzjonali, liema korpi oħrajn, barra dawk li qed jirċievu sussidji Komunitarji, jaqgħu fl-ambitu ta' l-iskop tal-konsolidament, jekk ikun miftiehem li l-konsolidazzjoni tal-kontijiet ma titlobx kwalunkwe trasferiment ta' fondi minn korpi li jiffinanzjaw lilhom infushom lill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u lanqas tinfluwenza l-awtonomija finanzjarja u operattiva tagħhom u l-proċeduri ta' kwittanza għall-kontijiet tagħhom.
- (45) Minħabba fit-twelid tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (EAGF), li jissostitwixxi l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwidi u Garanziji (EAGGF) mill-2007, it-terminoloġija għandha tiġi aġġustata fit-titolu tat-Titolu I tat-Tieni Parti, u fl-Artikoli 26, 148 sa 151, tar-Regolament Finanzjarju. Hemm bżonn ta' kjarifka fl-Artikolu 151 sabiex ikunu jistgħu jsiru impenji provviżorji wara t-terminu perentorju normali ta' xahrejn wara li jkunu ġew irċevuti r-rendikonti tan-nefqa ta' l-Istati Membri f'każijiet fejn tkun mistennija deċiżjoni dwar trasferiment ta' approprjazzjonijiet. L-Artikolu 153 dwar it-trasferimenti għandu bżonn jiġi ċċarat.
- (46) Fit-Titolu II tat-Tieni Parti u fl-Artikolu 155, it-terminoloġija għandha tiġi aġġustata sabiex issir referenza biss għall-fondi strutturali, il-fond ta' koeżjoni, il-fond tas-sajd u l-fond għall-iżvilupp rurali. Għandhom jitneħħew ir-referenzi għal miżuri strutturali (ISPA) u dawk agrikoli (SAPARD) ta' qabel l-adeżjoni, peress illi dawn jinvolvu ġestjoni minn pajjiżi terzi fuq bażi deċentralizzata skond l-Artikolu 164 u għandhom ikomplu jiġu implimentati l-aktar bl-istess mod bħal fil-preżent. Fir-rigward tad-disponibbiltà mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet disimpenjati, b'konformità ma' l-atti bażiċi l-ġodda għal azzjonijiet strutturali fil-perijodu 2007 sal-2013 li jkopru l-każ ta' *force majeure*, għandha tinżamm dispożizzjoni fir-Regolament Finanzjarju fil-każijiet biss fejn żball ċar huwa attribwibbli għall-Kummissjoni.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (47) Fl-Artikolu 160 tar-Regolament Finanzjarju, teħtieġ li tiżdied dispożizzjoni li tkopri d-dħul assenjat iġġenerat mill-istralċ tal-Komunità Ewropea għall-Faħam u l-Azzar u d-disponibbiltà ta' l-appropriazzjonijiet korrispondenti.
- (48) Huwa meħtieġ li jiġu permessi approprjazzjonijiet li kienu diżimpenjati bħala riżultat ta' non-implimentazzjoni totali jew parzjali tal-proġetti li għalihom kienu assenjati, li għandhom isiru mill-ġdid disponibbli. Madankollu, dan ikun jista' jsir biss taħt kondizzjonijiet stretti, u biss fil-qasam tar-riċerka, peress illi proġetti ta' riċerka jippreżentaw riskju finanzjarju akbar minn dawk foqsmahrajn ta' politika.
- (49) Fir-rigward ta' l-azzjonijiet esterni, għandu jiġi ċċarat li, b'konformità mal-prattika eżistenti l-proċeduri ta' għotjiet li għandhom jiġu applikati minn pajjiżi terzi fil-każ ta' ġestjoni deċentralizzata għandhom jiġu speċifikati fil-ftehim finanzjarji konklużi ma' dawk il-pajjiżi. Għandu jkun speċifikat li għandha tapplika r-“regola n+3” li skondha l-kuntratti u l-ftehim individwali li jimplementaw tali ftehim finanzjarji għandhom ikunu konklużi mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim finanzjarju. Għandhom ikunu previsti regoli speċifiċi għall-każ ta' ġestjoni deċentralizzata ta' programmi pluriennali taħt ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) ... (IPA u ENPI).
- (50) Għandu jkun possibbli għall-istituzzjonijiet li jiddelegaw il-poter ta' uffiċjal awtorizzanti lil diretturi ta' Uffiċċji Ewropej inter-istituzzjonali għall-ġestjoni ta' approprjazzjonijiet imdaħħlin fis-sezzjonijiet rispettivi tagħhom tal-baġit, sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni. Waqt li l-kontenut tagħhom m'għandux jinbidel, l-Artikoli 171, 173 u 176 tar-Regolament Finanzjarju għandhom jiġu kemmxejn ristrutturati sabiex jiċċaraw is-sotto-delegazzjoni ta' poteri awtorizzanti mid-diretturi ta' Uffiċċji.
- (51) Għandha tiġi ċċarata l-proċedura li taħtha l-awtorità baġitarja tista' toħroġ opinjoni dwar proġett ta' bini.
- (52) Programmi qafas ta' riċerka suċċessivi ffaċilitaw ix-xogħol tal-Kummissjoni billi stabilixxew regoli simplifikati għall-għażla ta' esperti esterni għall-evalwazzjoni ta' proposti jew ta' applikazzjonijiet għal għotjiet u assistenza teknika għal segwitu u evalwazzjoni tal-proġetti li nġataw fondi. Din il-proċedura għandha tkun disponibbli fir-rigward tal-programmi l-oħrajn kollha.
- (52a) Għandhom jiżdiedu dispożizzjonijiet transitorji. L-ewwelnett, fl-Artikolu 181(1), rigward li jerġgħu jsiru disponibbli approprjazzjonijiet disimpenjati korrispondenti għall-inpenji magħmula tul il-perjodu ta' programmar ta' Fondi Strutturali 2000-2006, il-każ ta' *force majeure* għandu jkompli jiġi applikat kif provdut fir-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 sat-tmiem ta' l-assistenza. Dan sabiex jiġi evitat tfixkil tas-sistema kurrenti peress li *force majeure* hija trattata diversament fir-Regolament il-ġdid li jirregola l-Fondi Strutturali. It-tieni, fl-Artikolu 181(2), biex tiġi trattata l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-*database* ċentrali għall-esklużjoni mill-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist u għotjiet. Finalment, fl-Artikolu 181(3) biex jiġu trattati l-impenji Komunitarji pendenti li għandhom ikunu finanzjarjament deċiżi sabiex tingħalaq l-assistenza provvuda fir-Regolamenti li jirregolaw il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu ta' programmar 2000-2006. Għall-appropriazzjonijiet li jikkonċernaw in-nefqa operattiva, għandha tiġi ppreservata l-possibbiltà għall-Kummissjoni li tagħmel trasferimenti minn titolu għall-ieħor, sakemm l-appropriazzjonijiet in kwistjoni huma għall-istess objettiv. B'mod simili, il-Kummissjoni tista' tkompli tagħmel trasferimenti minn titolu għall-ieħor meta l-appropriazzjonijiet in kwistjoni jirrelataw ma' inizjattivi Komunitarji jew assistenza teknika u miżuri innovattivi, sakemm huma jiġu trasferiti għall-miżuri ta' l-istess natura. Dan ifisser per eżempju t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet relatati ma' inizjattiva Komunitarja waħda għall-oħra f'titolu differenti.
- (53) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għat-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, minn hawn ‘il quddiem ‘il-baġit’, u l-preżentazzjoni u l-verifika tal-kontijiet.”

- (2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Il-baġit għandu jkun stabbilit u implimentat f'konformità mal-prinċipji ta' l-unità, il-preċiżjoni baġitarja, l-annwalità, l-ekwilibriju, l-unità tal-kont, l-universalità, l-ispeċifikazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja soda li titlob kontroll intern effettiv u effiċjenti, u t-trasparenza kif imniżżel f'dan ir-Regolament."

- (3) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 hu sostitwit b'li ġej:

"4. Soġġett għall-Artikoli 5a, 18 u 74, imgħax akkwistat mill-fondi li huma l-proprjetà tal-Komunitajiet għandu jiddaħħal fil-baġit bħala dħul varju."

- (4) L-Artikolu 5a li li ġej hu miżjud fil-Kapitolu 1 tat-Titolu II ta' l-Ewwel Parti:

"Artikolu 5a

1. Imgħax iġġenerat minn ħlasijiet ta' pre-finanzjament għandu jiġi assenjat lill-programm jew lill-azzjoni kkonċernata u mnaqqas mill-pagament tal-bilanċ ta' l-ammonti dovuti lill-benefiċjarju.

Ir-Regolament li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, minn issa 'l quddiem 'ir-regoli ta' implimentazzjoni', għandu jispeċifika l-każijiet li fihom l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu, b'eċċezzjoni, jirkupra tali interessi annwalment. Dak l-interess għandu jiddaħħal fil-baġit bħala dħul varju.

2. L-imgħax m'għandux ikun dovut lill-Komunitajiet fil-każijiet li ġejjin:

- a) pre-finanzjament li ma jirrappreżentax ammont konsiderevoli, kif determinat fir-regoli implimentattivi;
- b) pre-finanzjament imħallas taħt kuntratt ta' akkwist skond it-tifsira ta' l-Artikolu 88;
- c) pre-finanzjament imħallas lill-Istati Membri;
- d) pre-finanzjament imħallas taħt l-ghajjnuna ta' qabel l-adeżjoni;
- e) ħlasijiet bil-quddiem imħallas lill-membri ta' l-istituzzjonijiet u lill-persunal skond ir-Regolament tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-impjeg ta' uffiċjali oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej, minn hawn 'il quddiem imsejħa 'Regolamenti tal-Persunal';
- f) pre-finanzjament imħallas fl-ambitu tal-ġestjoni konġunta kif imsemmi fil-punt (ċ) ta' l-Artikolu 53(1)."

- (5) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

- a) in the introductory phrase of paragraph 2, "Appropriations for commitment of differentiated appropriations" is replaced by "Commitment appropriations";
- b) fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 3, "Appropriazzjonijiet għal ħlas ta' approprjazzjonijiet differenzjati" tinbidel b'"Approprjazzjonijiet ta' ħlas";

- (6) Fl-Artikolu 11, "l-Artikolu 157" hija sostwita b"l-Artikoli 157 u 160a".

- (7) Fl-Artikolu 16, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"Madankollu, għall-finijiet ta' dħul u ħruġ tal-flus imsemmija fl-Artikolu 61, l-uffiċjal tal-kontijiet, fil-każ ta' kontijiet imprest, l-amministraturi imprest, u, għall-ħtiġiet tal-ġestjoni amministrattiva tas-Servizz Estern tal-Kummissjoni, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jkun awtorizzat iwettaq operati fmuniti nazzjonali kif stabbilit fir-regoli implimentattivi."

- (8) L-Artikolu 18(1) huwa emendat kif ġej:

- a) il-frażi preliminari tinbidel b'li ġej:

"Bla preġudizzju għall-Artikolu 160(1a) u l-Artikolu 161(2), il-partiti ta' dħul li ġejjin għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw partiti speċifiċi tan-nefqa:"

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

b) jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

“aa) kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Komunità u ġestiti mill-Kummissjoni fisimhom, skond l-att bażiku rilevanti;”

c) jiddaħħal il-punt (ea) li ġej:

“ea) rikavat mill-bejgħ ta' vetturi, tagħmir, installazzjonijiet, materjali u apparat xjentifiku u tekniku li qed jinbidlu jew jintremew meta l-valur kif imniżżel fil-kotba huwa żvalutat għal kol-lox;”

(9) Fl-Artikolu 19(2), l-ewwel sentenza tinbidel b'li ġej:

“L-aċċettazzjoni ta' donazzjonijiet ta' valur ta' 50 000 Euro jew aktar li jinvolvu ħlas finanzjarju, inkluż spejjeż ta' segwitu, li jaqbuż l-10 % tal-valur tad-donazzjoni mogħtija, għandha tkun soġġetta għall-awtorizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li t-tnejn għandhom jaġixxu fuq din il-kwistjoni fi żmien xahrejn mid-data minn meta jirċievu t-talba mill-Kummissjoni.”

(10) L-Artikolu 22 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 22

1. Kull istituzzjoni ħliet il-Kummissjoni tista', fil-limiti tas-sezzjoni tagħha tal-baġit, tittrasferixxi approprjazzjonijiet:

a) Minn titolu għal ieħor sa massimu ta' 10 % ta' l-appropriazzjonijiet għas-sena indikata fil-linja minn fejn ikun sar it-trasferiment;

b) minn Kapitolu għal ieħor u minn Artikolu għal ieħor mingħajr limitu.

2. Tliet ġimgħat qabel ma jsiru t-trasferimenti msemmija f'paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jinfurmaw lill-awtorità baġitarja bl-intenzjonijiet tagħhom. F'każ li f'dan il-perjodu jitqajjmu raġunijiet sostnuti kif suppost minn kwalunkwe naħa ta' l-awtorità baġitarja, għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 24.

3. Kull istituzzjoni barra l-Kummissjoni tista' tipproponi lill-awtorità baġitarja fil-limiti tas-sezzjoni tagħha tal-baġit, trasferimenti minn titolu għal ieħor u taqbeż il-limitu ta' 10 % ta' l-appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja indikata fil-linja minn fejn ikun ser isir it-trasferiment. Dawk it-trasferimenti għandhom ikunu suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24.

4. Kull istituzzjoni barra l-Kummissjoni tista', fil-limiti tas-sezzjoni tagħha tal-baġit, tagħmel trasferimenti fil-limitu ta' l-Artikoli mingħajr ma tavża lill-awtorità baġitarja.”

(11) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

i) il-punt (b) huwa sostitwit b'li ġej:

“b) rigward in-nefqa fuq persunal u amministrazzjoni, tittrasferixxi approprjazzjonijiet minn titolu għal ieħor sa massimu ta' 10 % ta' l-appropriazzjonijiet għas-sena murija fil-linja li minnha jsir it-trasferiment, u sa massimu ta' 30 % ta' l-appropriazzjonijiet għas-sena murija fil-linja li jsir it-trasferiment lejha;”

ii) jiżded il-punt d) li ġej:

“d) tittrasferixxi approprjazzjonijiet, ladarba l-att bażiku jkun adottat skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ta' l-UE, mit-titolu 'dispożizzjonijiet' imsemmi fl-Artikolu 43 għall-każijiet fejn ma jeżisti l-ebda att bażiku għall-azzjoni kkonċernata meta l-baġit ikun ġie stabbilit.”

iii) It-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'li ġej:

“Tliet ġimgħat qabel tagħmel it-trasferimenti msemmija fil-punti (b) u (ċ) ta' l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità baġitarja bid-deċizzjoni tagħha. F'każ li jinġataw raġunijiet debitament sostanzjati matul dak il-perjodu ta' tliet ġimgħat minn fergħa jew oħra ta' l-awtorità baġitarja, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24.”

iv) jżiedu t-tielet u r-raba' subparagrafi li ġejjin:

“Madankollu, matul l-aħħar xahrejn tas-sena finanzjarja, il-Kummissjoni tista' awtonomament tittrasferixxi approprjazzjonijiet relatati ma' nfiq fuq persunal, persunal estern u aġenti oħrajn minn titolu għal ieħor sa limitu totali ta' 5 % ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità baġitarja fi żmien ġimagħtejn wara wara d-deċizzjoni tagħha dwar dawk it-trasferimenti.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità baġitarja fi żmien ġimgħatejn wara d-deċizzjoni tagħha dwar it-trasferimenti msemmija fil-punt (d) ta' l-ewwel subparagrafu.”

b) fil-paragrafu 2, il-“paragrafu 1(c)” huwa sostitwit bil-“paragrafi 1” .

(12) L-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

a) paragraph 1 is replaced by the following:

“1. It-trasferimenti bejn it-titoli tal-baġit dedikati għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (EAGF), il-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond tas-Sajd, il-Fond Ewropew Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) u r-Riċerka għandhom ikunu soġġetti għal dispożizzjonijiet speċjali taħt it-Titoli I, II u III tat-Tieni Parti”.

b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'li ġej:

“Id-deċizzjonijiet dwar trasferimenti biex tkun permessa l-utilizzazzjoni tar-riżerva għall-ghajjnuna ta' emerġenza għandhom jittieħdu mill-awtorità baġitarja fuq proposta mill-Kummissjoni. Għandha tintbagħat proposta separata għal kull operazzjoni individwali.”

c) jżied il-paragrafu 3 li ġej:

“3. F'każijiet eċċezzjonali debitament sostanzjati ta' diżastri umanitarji u kriżijiet internazzjonali, li jseħħu wara l-15 ta' Diċembru tas-sena baġitarja, il-Kummissjoni tista' tittrasferixxi approprjazzjonijiet baġitarji mhux użati għas-sena baġitarja attwali li għadhom disponibbli fit-titoli baġitarji li jaqgħu taħt l-intestatura 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali għat-titoli baġitarji dwar l-ghajjnuna għall-maniġġar ta' kriżijiet u operazzjonijiet ta' ghajjnuna umanitarja. Il-Kummissjoni għandha tinforma liż-żewġ fergħat ta' l-awtorità baġitarja immedjatament wara li tagħmel tali trasferimenti.”

(13) L-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

“1. Kull proposta jew inizjattiva sottomessa lill-awtorità leġislattiva mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-KE jew it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jista' jkollha impatt fuq il-baġit, inkluż tibdil fin-numru ta' entrati, għandha tkun akkumpanjata b'rendikont finanzjarju u l-ewwelwazzjoni prevista fl-Artikolu 27(4) ta' dan ir-Regolament.

Kwalunkwe emenda għal proposta jew inizjattiva sottomessa lill-awtorità leġislattiva li jista' jkollha implikazzjonijiet konsiderevoli fuq il-baġit, inkluż tibdil fin-numru ta' entrati, għandha tkun akkumpanjata b'rendikont finanzjarju mħejji mill-istituzzjoni li tkun qed tipproponi l-emenda”.

b) paragraph 3 is replaced by the following:

“3. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' frodi u ta' irregolaritajiet, ir-rendikont finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jirreġistra kwalunkwe informazzjoni dwar ħarsien eżistenti u ppjanat mill-frodi u dwar miżuri ta' protezzjoni.”

(14) Wara l-Artikolu 28, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 28a

1. Il-baġit għandu jiġi implimentat f'konformità ma' kontroll intern effettiv u effikaċi kif xieraq f'kull manjiera ta' ġestjoni, u skond ir-regolamenti speċifiċi għas-settur.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

2. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tal-baġit, il-kontroll intern huwa definit bħala proċess applikabbli fil-livelli kollha tal-ġestjoni u mfassal biex jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli għall-ksib ta' l-oġettivi li ġejjin:

- a) effettività, effikaċja u ekonomija ta' l-operati;
- b) irrappurtar ta' min jorbot fuqu;
- c) salvagwardjar ta' l-assi u l-informazzjoni;
- d) prevenzjoni u identifikar ta' frodi u irregolaritajiet;
- e) ġestjoni adegwata tar-riskji marbutin mal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti, b'kont meħud tal-karattru pluriennali tal-programmi kif ukoll tan-natura tal-ħlasijiet involuti."

(15) Fl-Artikolu 29, il-paragrafu 2 hu sostitwit b'li ġej:

"2. Il-President tal-Parlament Ewropew għandu jippubblika l-baġit u l-baġits emendatorji, kif ikunu adottati l-aħħar, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Il-baġit għandu jkun ippubblikat fi żmien tliet xhur wara d-data li fiha l-baġit ikun iddikjarat finalment adottat.

Il-kontijiet annwali kkonsolidati u r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u dik finanzjarja mfasslin minn kull istituzzjoni għandhom jiġu ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*."

(16) Fl-Artikolu 30, iżjed il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, b'mod xieraq, l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi li ġejjin mill-baġit miżmum minnha meta l-baġit ikun implimentat fuq bażi ċentralizzata u direttament mid-dipartimenti tagħha, u l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi kif previst mill-entitajiet li lilhom ikunu delegati l-kompiti ta' l-implimentazzjoni tal-baġit taħt modi oħrajn ta' ġestjoni.

Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli b'osservanza debita tal-ħtiġiet ta' kunfidenzjalità, partikolarment il-protezzjoni tad-data personali kif stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar tad-data personali u l-moviment ħieles ta' tali data ⁽¹⁾ u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar ta' data mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u dwar il-moviment ħieles ta' tali data ⁽²⁾, u tal-ħtiġiet tas-sigurtà, b'kont meħud ta' l-ispeċifikatijiet ta' kull mod ta' ġestjoni kif imsemmi fl-Artikolu 53 u fejn applikabbli f'konformità mar-regoli rilevanti speċifiċi għas-settur."

(17) L-Artikolu 33(2) huwa emendat kif ġej:

a) il-punt d) huwa sostitwit b'li ġej:

"d) id-dikjarazzjonijiet ta' l-attività li fihom li ġej:

- informazzjoni dwar il-kisba ta' l-oġettivi speċifiċi, miżurabbli, li jstgħu jintlaħqu, rilevanti u bil-ħin imkejje kollha li ġew stabbiliti minn qabel għall-attivitajiet varji kif ukoll oġettivi għodda mkejja permezz ta' indikaturi;
- ġustifikazzjoni sħiħa u approċċ kost-benefiċċju għal bidliet proposti fil-livell ta' approprjaz-zjonijiet;
- razzjonal ċar għal intervent fil-livell ta' l-UE parallel, fost l-oħrajn, mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;
- information on the implementation rates of the previous year's activity and implementation rates for the current year.

Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni għandhom ikunu kkonsultati u msemmija bħala evidenza tal-meriti possibbli ta' emendi baġitarji proposti."

⁽¹⁾ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

⁽²⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

b) jiżdied il-punt (e) li ġej:

“e) dikjarazzjoni fil-qosor ta' l-iskeda ta' ħlasijiet dovuti fi snin finanzjarji sussegwenti għal impenji baġitarji meħudin fi snin baġitarji preċedenti.”

(18) Fl-Artikolu 37 (1), huwa miżjud it-tielet subparagrafu li ġej:

“Qabel jippreżentaw abbozz preliminari ta' baġit emendatorju, il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet li mhumiex il-Kummissjoni għandhom jeżaminaw il-kamp ta' applikazzjoni għal riallokazzjoni ta' l-appropriazzjonijiet rilevanti, b'kont meħud ta' kwalunkwe sottoimplimentazzjoni ta' appropriazzjonijiet mistennjin.”

(19) Fl-Artikolu 40, il-punt a) huwa sostitwit b'li ġej:

“a) rendikont ġenerali tad-dħul u tan-nefqa;”

(20) It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 43(1), jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“L-appropriazzjonijiet f'dan it-titolu jistgħu jiġu wżati biss wara trasferiment skond l-proċedura stipulata fl-Artikolu 23(1)(d) fil-każijiet fejn l-att bażiku jkun adottat skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ta' l-UE, u dik ta' l-Artikolu 24 għall-każijiet l-oħra.”

(21) Fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 44, l-“Artikoli 22, 23 u 25” huma sostitwiti bl-“Artikoli 23 u 25”.

(22) L-Artikolu 45 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 45

1. Is-sezzjoni tal-baġit tal-Kummissjoni għandha tinkludi riżerva għall-ġhajjuna ta' emerġenza għall-pajjiżi terzi.

2. Ir-riżerva msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintuża qabel tmiem is-sena finanzjarja permezz ta' trasferiment skond il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 24 u 26.”

(23) L-Artikolu 46(1) huwa emendat kif ġej:

a) il-punt (1) hu emendat kif ġej:

i) il-frażi preliminari tinbidel b'li ġej:

“fir-rendikont ġenerali tad-dħul u tan-nefqa;”

ii) jitħassar il-punt f);

iii) il-punt g) hu sostitwit b'li ġej:

“g) rimarki xierqa dwar kull suddiviżjoni, kif imniżżel fl-Artikolu 41(1);”

b) il-punt (2) hu sostitwit b'li ġej:

“(2) fis-sezzjoni għal kull istituzzjoni, id-dħul u n-nefqa għandhom jintwerew fl-istess struttura bħal fil-punt 1 (1);”

ċ) fil-punt (3), il-punt (ċ) hu sostitwit b'li ġej:

“ċ) rigward persunal xjentifiku u tekniku, il-klassifikazzjoni tista' tkun ibbażata fuq gruppi ta' gradi, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'kull baġit; il-pjan stabbilit għandu jispjega n-numru ta' persunal tekniku jew xjentifiku kwalifikat ħafna li huwa mogħti vantaġġi speċjali taħt id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolamenti tal-Persunal;”

d) il-punt (5) hu sostitwit b'li ġej:

“(5) il-linji tal-baġit taħt id-dħul u n-nefqa meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni.”

(24) Fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 47(1), il-“gradi A1, A2 u A3” huma sostitwiti bil-“gradi AD 16, AD 15 u AD 14”.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

(25) L-Artikolu 49 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“Artikolu 49

1. Att bażiku għandu l-ewwel jiġi adottat qabel ma jkunu jistgħu jintużaw l-appropriazzjonijiet imdaħħlin fil-baġit għal kwalunkwe azzjoni mill-Komunitajiet jew mill-Unjoni Ewropea.

Att bażiku huwa att legali li jipprovdi bażi legali għall-azzjoni u għall-implimentazzjoni tan-nefqa korrispondenti mdaħħal fil-baġit.

2. Fl-applikazzjoni tat-Trattat tal-KE u t-Trattat Euratom, att bażiku huwa att adottat mill-awtorità leġislattiva u jista' jkun f'forma ta' regolament, direttiva, deċiżjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 249 tat-Trattat tal-KE jew deċiżjoni *sui generis*.

3. Fl-applikazzjoni tat-Titolu V tat-TUE (dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni — il-CFSP), att bażiku jista' jkun f'waħa mill-forom speċifikati fl-Artikoli 13(2) u (3), 14, 18(5), 23(1) u (2) u 24 tat-TUE.

4. Fl-applikazzjoni tat-Titolu VI tat-TUE (dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija u l-Ġudikatura f'Materji Kriminali), att bażiku jista' jkun f'waħa mill-forom imsemmijin fl-Artikolu 34(2) tat-TUE.

5. Ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjoni jistgħu ma jikkostitwux atti bażiċi skond it-tifsira ta' dan l-artikolu, u anqas dawk ir-riżoluzzjonijiet, il-konklużjonijiet, id-dikjarazzjonijiet jew atti oħrajn li m'għandhom ebda effett legali.

6. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 sa 4, dawn li ġejjin jistgħu jkunu implimentati mingħajr att bażiku sakemm l-azzjonijiet li jkunu intenzjonati li jiffinanzjaw jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunitajiet jew ta' l-Unjoni Ewropea:

a) appropriazzjonijiet għal proġetti pilota ta' natura sperimentali mfasslin biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjoni u s-siwi tagħha. L-appropriazzjonijiet ta' l-impenji rilevanti jistgħu jiddaħħlu fil-baġit għal sentejn finanzjarji suċċessivi biss;

b) appropriazzjonijiet għal azzjonijiet preparatorji fl-oqsma ta' l-applikazzjoni tat-Trattat tal-KE u t-Trattat Euratom u tat-Titolu VI tat-TUE, imfasslin biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri. L-azzjonijiet preparatorji jridu jsegwu approċċ koerenti u jistgħu jieħdu diversi forom. L-appropriazzjonijiet ta' impenji rilevanti jistgħu jiddaħħlu fil-baġit għal mhux aktar minn tliet snin finanzjarji suċċessivi. Il-proċedura leġislattiva għandha tkun magħluqa qabel tmiem it-tielet sena finanzjarja. Matul il-proċedura leġislattiva, l-impenn ta' appropriazzjonijiet għandu jikkorrispondi mal-karatteristiċi partikolari ta' l-azzjoni preparatorja fir-rigward ta' l-attivitajiet previsti, l-għanijiet immirati u l-persuni li bbenefikaw. Konsegwentement, il-mezzi implimentati ma jistgħux jikkorrispondu fil-volum ma' dawk previsti għall-iffinanzjar ta' l-azzjoni definittiva nfisha;

Meta jkun ippreżentat l-abbozz ta' baġit preliminari, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-awtorità baġitarja dwar l-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) li għandu jkopri wkoll valutazzjoni tar-riżultati u s-segwitu previsti;

c) appropriazzjonijiet għal miżuri preparatorji fil-qasam tat-Titolu V tat-TUE (dwar il-CFSP). Dawn il-miżuri għandhom ikunu limitati għal perijodu qasir ta' żmien u għandhom ikunu mfasslin biex jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex jitwettqu l-oġettivi tal-CFSP u għall-adozzjoni ta' l-istrumenti legali meħtieġa;

Għall-fini ta' l-operati ta' ġestjoni ta' kriżijiet ta' l-UE, il-miżuri preparatorji huma mfasslin fost l-oħrajn biex jivvalutaw il-ħtiġiet operattivi, jipprovdu għal skjerament inizjali mgħaġġel tar-riżorsi, jew jistabbilixxu l-kondizzjonijiet fil-post għat-tnedija ta' l-operat.

Il-miżuri preparatorji għandhom jinqablu mill-Kunsill, f'assoċjazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni. Għal dan il-għan, il-Presidentza, assistita mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/ir-Rappreżentant Għoli tal-CFSP, għandu jinforma lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli dwar l-intenzjoni tal-Kunsill biex iniedi miżura preparatorja u dwar l-istima tar-riżorsi meħtieġa għal dan il-għan. F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat ħlas mgħaġġel tal-fondi;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- d) approprjazzjonijiet għal azzjonijiet ta' darba, jew anke azzjonijiet għal durazzjoni indefinita, imwettqin mill-Kummissjoni permezz ta' ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tagħha fuq livell istituzzjonali skond it-Trattat tal-KE u t-Trattat Euratom barra mid-dritt tagħha għal inizzjattiva legiſlattiva msemmi fil-punt (b) u skond setgħat speċifiċi mogħtija lilha direttament minn dawk it-Trattati, li lista tagħhom tingħata fir-regoli implimentattivi;
- e) approprjazzjonijiet għall-operat ta' kull waħda mill-istituzzjonijiet skond l-awtonomija amministrattiva tagħha.”
- (26) Fl-Artikolu 50, jiżdied it-tieni paragrafu li ġej:
- “Kull istituzzjonijiet għandha teżerċita dawn il-poteri skond dan ir-Regolament u fil-limiti ta' l-approprjazzjonijiet awtorizzati.”
- (27) L-Artikolu 52 huwa mibdul b'dan li ġej:
- “Artikolu 52*
1. L-atturi finanzjarji kollha u kwalunkwe persuna oħra involuta fl-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-verifika jew il-kontroll għandhom ikunu pprojbiti milli jieħdu kwalunkwe azzjoni li tista' ġġib l-interessi tagħhom f'kunflitt ma' dawk tal-Kummissjoni. Jekk dan ikun il-każ, il-persuna in kwistjoni għandha tieqaf minn tali azzjonijiet u għandha tirreferi l-kwistjoni lill-awtorità kompetenti.
2. Hemm kunflitt ta' interessi fejn l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' tali attur finanzjarju jew ta' persuna oħra, kif imsemmi fil-paragrafu 1, tkun compromessa għal raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess komuni ieħor mal-benefiċjarju.”
- (28) L-Artikolu 53 huwa mibdul b'dan li ġej:
- “Artikolu 53*
- Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit skond id-dispożizzjonijiet imniżzin fl-Artikoli 53a sa 53d fi kwalunkwe minn dawn il-metodi:
- a) fuq bażi ċentralizzata;
- b) b'ġestjoni maqsuma jew deċentralizzata;
- c) b'ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.”
- (29) Jiddaħħlu l-Artikoli 53a sa 53d li ġejjin:
- “Artikolu 53a*
- Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit fuq bażi ċentralizzata, il-kompiti implimentattivi għandhom jitwettqu jew direttament mid-dipartimenti tagħha jew b'mod indirett, skond l-Artikoli 54 sa 57.
- Artikolu 53b*
1. Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit b'amministrazzjoni konġunta, il-kompiti implimentattivi għandhom ikunu delegati lill-Istati Membri. Dak il-metodu għandu japplika partikolarment għall-azzjonijiet imsemmija fit-Titoli I u II tat-Tieni Parti.
2. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet komplementari inklużi fir-regolamenti rilevanti speċifiċi skond is-settur, u sabiex fl-amministrazzjoni kondiviża jiġi żgurat li l-fondi jiġu użati skond ir-regoli u l-prinċipji applikabbli, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri legiſlattivi, regolatorji u amministrattivi kollha meħtieġa jew miżuri oħrajn meħtieġa biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet. Għal dan il-għan huma għandhom partikolarment:
- a) jissodisfaw lilhom infushom li azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit fil-fatt jitwettqu u jiżguraw li dawn jiġu implimentati korrettament;
- b) jipprevjenu u jittrattaw ħsieb l-irregolaritajiet u l-frodi;
- c) jirkupraw fondi mħallsa b'mod ħażin jew użati inkorrettament jew fondi mitlufin bħala riżultat ta' irregolaritajiet jew żbalji.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- d) jiżguraw, permezz ta' regolamenti rilevanti speċifiċi għas-settur u f'konformità ma' l-Artikolu 30 (3), il-pubblikazzjoni annwali *ex post* adegwata tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-baġit.

Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli u għandhom iwaqqfu sistema effettiva u effiċjenti ta' kontroll intern, skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28a. Dawn għandhom iwettqu proċedimenti legali skond kif ikun meħtieġ u xieraq.

3. L-Istati Membri għandhom jipproduċu taqsira annwali fil-livell nazzjonali xieraq tal-verifiki u d-dikjarazzjonijiet disponibbli.

4. Sabiex ikun żgurat li l-fondi jkunu użati skond ir-regoli applikabbli, il-Kummissjoni għandha tapplika proċeduri ta' approvazzjoni tal-kontijiet jew mekkaniżmi ta' korrezzjoni finanzjarja li bihom tkun tista' tassumi r-responsabbiltà finali għall-implimentazzjoni tal-baġit.

Artikolu 53c

1. Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit permezz ta' amministrazzjoni deċentralizzata, il-kompiti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu delegati lil pajjiżi terzi skond l-Artikolu 56 tat-Titolu IV tat-Tieni Parti, mingħajr preġudizzju għad-delegazzjoni ta' kompiti residwi lill-korpi msemmija fl-Artikolu 54(2).

2. Sabiex ikun żgurat li l-fondi jkunu użati skond ir-regoli applikabbli, il-Kummissjoni għandha tapplika proċeduri ta' approvazzjoni tal-kontijiet jew mekkaniżmi ta' korrezzjoni finanzjarja li bihom tkun tista' tassumi r-responsabbiltà finali għall-implimentazzjoni tal-baġit.

3. Jiżguraw, permezz ta' regolamenti rilevanti speċifiċi għas-settur u f'konformità ma' l-Artikolu 30 (3), il-pubblikazzjoni annwali *ex post* adegwata tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-baġit.

Artikolu 53d

1. Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit permezz ta' amministrazzjoni konġunta, ċerti kompiti implimentattivi għandhom ikunu delegati lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, skond ir-regoli implimentattivi, fil-każijiet li ġejjin:

- a) kull meta l-Kummissjoni u l-organizzazzjoni internazzjonali huma marbuta bi ftehim ta' qafas għal perijodu fit-tul li jistabbilixxi l-arranġamenti amministrattivi u finanzjarji għall-kooperazzjoni tagħhom;
- b) kull meta l-Kummissjoni u l-organizzazzjoni internazzjonali jellaboraw proġett jew programm konġunt;
- c) fejn il-fondi ta' bosta donaturi jinġabru flimkien u ma jkunux imholljin għal elementi speċifiċi jew kategoriji ta' nfiq, jiġifieri, fil-każ ta' azzjonijiet b'bosta donaturi.

Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom, fil-kontijiet, verifika, kontroll intern u proċeduri ta' akkwist tagħhom, japplikaw standards li joffru garanziji ekwivalenti għal standards aċċettati internazzjonalment.

2. Il-ftehim individwali li ntlaħaq ma' l-organizzazzjoni internazzjonali għall-għoti ta' finanzjament għandu jinkludi dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kompiti fdati f'idejn l-organizzazzjoni internazzjonali.

3. Organizzazzjonijiet internazzjonali li lilhom jiġu delegati kompiti ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw, f'konformità ma' l-Artikolu 30(3), il-pubblikazzjoni annwali *ex post* adegwata tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-baġit."

- (30) L-Artikolu 54 huwa emendat kif ġej:

- a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni ma taistax tiddelega lil partijiet terzi l-poteri eżekuttivi li hija għandha taħt it-Trattati fejn dawn jinvolvu miżura kbira ta' diskrezzjoni li timplika għażliet politiċi. Il-kompiti implimentattivi delegati għandhom ikunu definiti b'mod ċar u sorveljati rigward l-użu magħmul minnhom.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

Id-delegazzjoni tal-kompiti ta' l-implimentazzjoni tal-baġit għandha tikkonforma mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda li jitlob kontroll intern effettiv u effiċjenti u għandha tiżgura konformità mal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni, u l-viżibiltà ta' azzjoni Komunitarja. L-ebda kompiti implimentattivi delegati b'dan il-mod ma jistgħu jwasslu għal kunflitti ta' interessi.”

b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

i) il-frażi tal-bidu hija sostitwita b'li ġej:

“Fil-limiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', meta timplimenta l-baġit b'ġestjoni ċentralizzata indiretta jew b'ġestjoni deċentralizzata taħt l-Artikoli 53a jew 53ċ, tiddelega kompiti ta' awtorità pubblika u partikolarment kompiti implimentattivi tal-baġit lil: [...]”

ii) il-punt (b) huwa sostitwit b'li ġej:

“b) korpi stabbiliti mill-Komunitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 185 u korpi Komunitarji speċjalizzati oħrajn, bħall-Bank Ewropew ta' l-Investment jew il-Fond Ewropew ta' l-Investment, bil-kondizzjoni li dan huwa kompatibbli mal-kompiti ta' kull entità kif inhu definit fl-att bażiku”

iii) il-punt (ċ) huwa sostitwit b'li ġej:

“ċ) korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali jew korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati u li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stipulati fir-regoli implimentattivi.”

iv) jiżdied il-punt (d) li ġej:

“d) persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skond it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti skond it-tifsira ta' l-Artikolu 49.”

ċ) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'li ġej:

“Tali korpi jew persuni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu irregolaritajiet u frodi u jekk hu meħtieġ, li jibdew proċedimenti legali biex jirkupraw fondi mħallsa b'mod ħażin jew użat b'mod mhux korrett.”

(31) L-Artikoli 55 u 56 huma sostitwiti b'li ġej:

“Artikolu 55

1. L-aġenziji eżekuttivi għandhom ikunu persuni ġuridiċi taħt il-liġi Komunitarja, maħluqin b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni li jistgħu jiġu delegati poteri lilhom biex jimplimentaw programm jew proġett tal-Komunità sħiħ jew f'parti f'isem il-Kummissjoni u taħt ir-responsabbiltà tagħha skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 ⁽¹⁾.

2. L-implimentazzjoni ta' l-appropriazzjonijiet operattivi korrispondenti għandhom jitwettqu mid-direttur ta' l-aġenzija.

Artikolu 56

1. Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit permezz ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta, għandha l-ewwel tikseb evidenza ta' l-eżistenza u l-operat xieraq fl-entitajiet li tafdalhom l-implimentazzjoni ta' li ġej:

a) akkwist trasparenti u proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet non-diskriminatorji u li jeskludu kwalunkwe kunflitt ta' interess u li huma konformi tad-dispożizzjonijiet tat-Titoli V u VI rispettivamente;

b) sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti għall-ġestjoni ta' operati, li tinkludi segregazzjoni effettiva tad-doveri ta' l-uffiċjal awtorizzanti u ta' l-uffiċjal tal-kontijiet jew tal-funzjonijiet ekwivalenti;

⁽¹⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- c) sistema ta' kontabilità li tagħmel possibbli l-użu korrett tal-fondi Komunitarji li se jiġu vverifikati u l-użu tal-fondi li se jiġu riflessi fil-kontijiet Komunitarji;
- d) verifika esterna indipendenti;
- e) aċċess pubbliku għall-informazzjoni fil-livell previst fir-regolamenti Komunitarji;
- f) pubblikazzjoni ex post annwali adegwata tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-baġit f'konformità ma' l-Artikolu 30(3).

Il-Kummissjoni tista' taċċetta li s-sistemi tal-verifika, kontabilità u akkwist ta' l-entitajiet imsemmijin fil-Paragrafi 1 u 2 huma ekwivalenti għal tagħha, meta jitqiesu l-istandards aċċettati internazzjonalment.

2. Fil-każ ta' ġestjoni deċentralizzata, għandhom japplikaw l-istess kriterji li huma stabbiliti fil-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni tal-kriterju previst fil-punt (e), b'mod sħiħ jew f'parti, skond il-grad ta' deċentralizzazzjoni, miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż terz, korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali kkonċernati.

Irrispettivament mill-paragrafu (1)(a) u l-Artikolu 169a, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi:

- fil-każ tal-ġbir flimkien ta' fondi, u
- skond il-kondizzjonijiet previsti fl-att bażiku,

li tuża l-proċeduri ta' akkwist jew għotja tal-pajjiż imsieħeb benefiċjarju jew kif maqbul fost id-donaturi.

Qabel ma tittieħed tali deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha l-ewwel takkwista evidenza abbażi ta' każ b'każ li tali proċeduri jissodisfaw il-prinċipji tat-trasparenza, trattament ugwali u non-diskriminazzjoni, jipprevjenu kwalunkwe kunflitt ta' interess, joffru garanziji ekwivalenti għal standards aċċettati internazzjonalment u jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja soda li titlob kontroll intern effettiv u effiċjenti.

Il-pajjiż terz, korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali kkonċernati għandhom jikkonmettu ruħhom li jwettqu l-obbligi li ġejjin:

- a) li jikkonformaw, soġġett għall-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1;
- b) li jiżguraw li l-verifika msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 issir minn istituzzjoni nazzjonali għall-ivverifikar estern indipendenti;
- c) li jsir iċċekkjar regolari biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet li se jkunu ffinanzjati mill-baġit ikunu ġew implimentati korrettament;
- d) li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu evitati l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk ikun meħtieġ, jintużaw proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi li jkunu tħallsu bi żball.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura s-sorveljanza, l-evalwazzjoni u l-kontroll ta' l-implimentazzjoni tal-kompiti fdati. Għandha tiegħu f'kunsiderazzjoni l-ekwivalenza tas-sistemi ta' kontroll meta din twettaq kontrolli permezz ta' l-użu tas-sistemi tagħha ta' kontroll."

(32) Fl-Artikolu 57, il-paragrafu 1 hu sostitwit b'li ġej:

"1. Il-Kummissjoni ma tistax tafda miżuri ta' implimentazzjoni ta' fondi li ġejjin mill-baġit, inkluż il-pagament u l-irkupru, lil entitajiet jew korpi esterni tas-settur privat, ħlief fil-każ imsemmi fl-Artikolu 54(2)(c) jew f'każijiet speċifiċi fejn il-ħlasijiet involuti għandhom isiru lil benefiċjarji ddeterminati mill-Kummissjoni, li huma soġġett għal kondizzjonijiet u ammonti stabbiliti mill-Kummissjoni u li ma jinvolvu l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni mill-entità jew korp li qed jagħmel il-ħlasijiet."

(33) L-Artikolu 59 huwa emendat kif ġej:

- a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Għall-fini ta' dan it-Titolu, it-terminu "jirreferi għal persuni koperti mir-Regolamenti tal-Persunal."

b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'li ġej:

"2. Kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi fir-regoli amministrattivi interni tagħha l-persunal ta' livell xieraq li lillu tiddelega b'konformità mal-kondizzjonijiet fir-regoli ta' proċedura tagħha d-doveri ta' l-uffiċjal awtorizzanti, l-kamp ta' applikazzjoni tal-poteri delegati u l-possibbiltà li l-persuni delegati b'dawn il-poteri jistgħu jissubdelegawhom."

ċ) paragraph 3 is replaced by the following:

"3. Il-poteri ta' l-uffiċjal awtorizzanti għandhom jiġu delegati jew subdelegati biss lill-persunal."

(34) Fl-Artikolu 60, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'li ġej:

"7. L-uffiċjal awtorizzanti permezz ta' delega għandu jirrapporta lill-istituzzjoni tiegħu dwar il-prestazzjoni tad-doveri tiegħu fil-forma ta' rapport ta' l-attività annwali flimkien ma' informazzjoni finanzjarja u amministrattiva li tikkonferma li l-informazzjoni li hemm fir-rapport tippreżenta dehra vera u ġusta kif speċifikat mod ieħor fi kwalunkwe riserva marbuta ma' oqsma definti ta' dħul u nfiq.

Dak ir-rapport għandu jindika r-riżultati ta' l-operati b'referenza għall-oġettivi dikjarati, ir-riskji assoċjati ma' dawn l-operati, l-użu li sar mir-riżorsi pprovduti u l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern. L-awditur intern għandu jieħu nota tar-rapport annwali u ta' kwalunkwe biċċa informazzjoni oħra identifikata. Mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-awtorità baġitarja r-rapporti annwali għas-sena preċedenti."

(35) L-Artikolu 61 huwa emendat kif ġej:

a) fil-paragrafu 1, il-punt (e), tiżdied din is-sentenza li ġejja:

"l-uffiċjal tal-kontijiet għandu jingħata s-setgħa biex jivverifika li l-kriterji ta' validazzjoni jkunu ġew irrispettati;"

b) jiddaħħlu l-paragrafi 2a, 2b u 2ċ li ġejjin:

"2a. Qabel l-adozzjoni tal-kontijiet mill-istituzzjoni, l-uffiċjal tal-kontijiet għandu jiffirmahom u b'hekk jiċċertifika li huwa/hija għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-istituzzjoni.

Għal dak il-fini, l-uffiċjal tal-kontijiet għandu jkun sodisfatt li l-kontijiet tħejjew skond ir-regoli, il-metodi u s-sistemi tal-kontabilità stabbiliti taħt ir-responsabbiltà tiegħu kif stipulati f'dan ir-Regolament għall-kontijiet ta' l-istituzzjoni tiegħu, u li d-dħul u l-infiq kollu jkunu ddaħħlu fil-kontijiet.

L-uffiċjali awtorizzanti b'delega għandhom jgħaddu l-informazzjoni kollha li l-uffiċjal tal-kontijiet għandu bżonn biex ikun jista' jwettaq id-doveri tiegħu.

L-uffiċjali awtorizzanti għandhom jibqgħu totalment responsabbli għall-użu xieraq tal-fondi li jamministraw kif ukoll tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt il-kontroll tagħhom.

2b. L-uffiċjal tal-kontijiet għandu jingħata s-setgħa biex jiċċekkja l-informazzjoni li jirċievi kif ukoll biex jagħmel aktar verifiki li jemmen li jkunu meħtieġa sabiex ikun jista' jiffirma l-kontijiet.

L-uffiċjal tal-kontijiet għandu jagħmel riservi, jekk meħtieġ, fejn ifisser eżattament in-natura u l-kamp ta' l-applikazzjoni ta dawn ir-riservi.

2ċ. L-uffiċjali tal-kontijiet ta' istituzzjonijiet u aġenziji oħrajn għandhom jiffirmaw il-kontijiet annwali tagħhom u jibagħtuhom lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni."

ċ) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'li ġej:

"3. Ħlief meta pprovdut xort'oħra f'dan ir-Regolament, l-uffiċjal tal-kontijiet biss għandu l-poter li jamministra l-flus kontanti u l-ekwivalenti tal-flus kontanti. Huwa għandu jkun responsabbli għas-salvagwardja tagħhom."

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (36) Fl-Artikolu 62, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-uffiċjal tal-kontijiet jista', fit-tweqqi tad-doveri tiegħu, jiddelega ċerti kompiti lil persunal subordinat”.

- (37) L-Artikolu 63 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 63

1. Il-kontijiet imprest jistgħu jitwaqqfu għall-ġabra ta' dħul ħliet għal riżorsi proprji u għall-ħlas ta' somom żgħar kif iddefinit fir-regoli ta' implimentazzjoni.

Madankollu, fil-qasam ta' l-operati għall-għajnuna għall-ġestjoni tal-kriżijiet u għall-għajnuna umani tarja skond it-tifsira ta' l-Artikolu 110, il-kontijiet l-imprest jistgħu jintużaw mingħajr kwalunkwe limitu fuq l-ammont waqt li jirrispettaw il-livell ta' approprjazzjonijiet deċiż mill-awtorità baġitarja dwar il-linja tal-baġit korrispondenti għas-sena finanzjarja attwali.

2. Il-kontijiet imprest għandhom ikunu dotati mill-uffiċjal tal-kontijiet ta' l-istituzzjoni u għandhom jitpoġġew taħt ir-responsabbiltà ta' amministraturi ta' imprest maħturin mill-uffiċjal tal-kontijiet ta' l-istituzzjoni.”

- (38) Fl-Artikolu 65, il-paragrafu 1 hu sostitwit b'li ġej:

“1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu huma bla preġudizzju għar-responsabbiltà tal-liġi kriminali li l-atturi finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 64 jistgħu jiffaċċjaw kif previst fil-liġi nazzjonali applikabbli u fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet u dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet jew uffiċjali ta' l-Istati Membri.”

- (39) L-Artikolu 66 huwa emendat kif ġej:

- a) paragraph 1 is replaced by the following:

“1. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jkun responsabbli għall-ħlas ta' kumpens kif stipulat fir-Regolamenti tal-Persunal.”

- b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. L-obbligu biex jitħallas kumpens għandu partikolarment japplika jekk:

a) l-uffiċjal awtorizzanti, jew b'mod intenzjonat jew minħabba negliġenza serja min-naħa tiegħu, jiddetermina li għandhom jiġu rkuprati entrati jew jippubblika ordnijiet ta' rkupru, jikkommetti nefqa jew jiffirma ordni ta' ħlas mingħajr ma jikkonforma ma' dan ir-Regolament u r-regoli implimentattivi,

b) l-uffiċjal awtorizzanti, jew b'mod intenzjonat jew minħabba negliġenza serja min-naħa tiegħu, jonqos milli jfassal dokument li jistabbilixxi ammont dovut, jittraskura milli jorog ordni ta' rkupru jew jittardja l-ħruġ tagħha jew jittardja l-ħruġ ta' ordni għal ħlas, u b'hekk jesponi lill-istituzzjoni għal azzjoni ċivili minn partijiet terzi.”

- c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'li ġej:

“3. Fil-każ ta' sottodelegazzjoni fl-ambitu tas-servizzi tiegħu, l-uffiċjal awtorizzanti b'delegazzjoni jibqa' responsabbli għall-effikaċja u l-effettività tal-ġestjoni interna u tas-sistemi ta' kontroll stabbiliti u għall-għażla ta' l-uffiċjal awtorizzanti b'sottodelegazzjoni.”

- d) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'li ġej:

“4. Kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi bord speċjalizzat għall-irregolaritajiet finanzjarji jew tipparteċipa f'bord konġunt imwaqqaf minn diversi istituzzjonijiet. Il-bordijiet għandhom jiffunzjonaw indipendentement u jiddeterminaw jekk tkunx seħħet irregolarità finanzjarja u x'għandhom ikunu l-konsegwenzi, jekk dan ikun il-każ.”

(40) L-Artikolu 73(2) huwa emendat kif ġej:

a) *il-paragrafu jinbidel b'dan li ġej:*

"2. Fejn l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun qiegħed jippjana li jirrinunċja għal jew parzjalment jirrinunċja għal irkupru ta' xi ammont rekuperabbli stabbilit, huwa/hija għandu jiżgura li r-rinunċja hija magħmula sewwa u li hija konformi mal-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba u ta' proporzjonalità skond il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti fir-regoli implimentattivi. Id-deċiżjoni ta' rinunċja għandha tiġi ssostanzjata. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jiddelega d-deċiżjoni biss kif stabbilit fir-regoli implimentattivi."

b) *jiżdied is-subparagrafu li ġej:*

"L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' wkoll iħassar jew jaġġusta ammont dovut stabbilit, skond il-kondizzjonijiet imniżżlin fir-regoli implimentattivi."

(41) Jiddaħħal l-Artikolu 73a li ġej:

"Artikolu 73a

Bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' regolamenti speċifiċi u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill marbuta mas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet, id-drittijiet tal-Komunitajiet fir-rigward ta' partijiet terzi u d-drittijiet ta' partijiet terzi fir-rigward tal-Komunitajiet għandhom ikunu soġġetti għal perijodu ta' limitazzjoni ta' ħames snin.

Id-data biex jiġi kkalkulat il-perijodu ta' limitazzjoni u l-kondizzjonijiet għall-interruzzjoni tal-perijodu għandhom jitniżżlu fir-regoli implimentattivi."

(42) Fl-Artikolu 75(2), l-"Artikolu 49(2)" huwa sostitwit bl-"Artikolu 49 (6)e)"

(43) Fl-Artikolu 77(3), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"L-ammont ta' impenn tal-baġit li jikkorrispondi għal impenn legali li għalih ma sar l-ebda ħlas skond it-tifsira ta' l-Artikolu 81 f'perijodu ta' tliet snin wara l-iffirmar ta' l-impenn legali għandu jkun diżimpenjat."

(44) Fl-Artikolu 80, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Meta jsiru ħlasijiet perjodiċi għal servizzi mogħtija, inklużi servizzi ta' kiri, jew oġġetti kunsinnati, u soġġett għal analiżi tar-riskju tiegħu, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jordna l-applikazzjoni ta' sistema ta' debitu dirett."

(45) Fl-Artikolu 86(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'li ġej:

"b) biex ikunu vvalutati l-effikaċja u l-effettività tas-sistemi tal-kontroll intern u tal-verifika applikabbli għal kull operazzjoni ta' implimentazzjoni baġitarja."

(46) Fl-Artikolu 87, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"Jekk l-awditur intern hu membru tal-persunal, huwa għandu jassumi r-responsabbiltà kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Persunal u kif imniżżel fir-regoli implimentattivi."

(47) L-Artikolu 88 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 88

1. Il-kuntratti pubbliċi huma kuntratti għal interess tal-flus konklużi bil-kitba bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar u awtorità kontraenti waħda jew aktar skond it-tifsira ta' l-Artikoli 104 u 167, sabiex tinkiseb, bi ħlas ta' prezz imħallas totalment jew parzjalment mill-baġit, il-provvista ta' assi mobbli jew immobbli, l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet jew il-provvista ta' servizzi.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

Dawn il-kuntratti jinkludu:

- a) kuntratti għax-xiri jew il-kiri ta' bini;
- b) kuntratti ta' kunsinni;
- ċ) kuntratti ta' xogħlijiet;
- d) kuntratti ta' servizzi.

2. Il-kuntratti qafas huma kuntratti konklużi bejn awtorità kontraenti waħda jew aktar jew bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar, li l-għan tagħhom huwa biex jiġu stabbiliti t-termini li jirregolaw kuntratti li se jingħataw matul perijodu stipulat, partikolarment fir-rigward tal-prezz u, fejn xieraq, il-kwantità prevista. Huma għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu dwar il-proċedura ta' l-għoti, inklużi l-avviżi pubbliċitarji.

3. Dan it-Titolu mhuwiex marbut ma' għotjiet, bla preġudizzju għall-Artikoli 93 sa 96."

(48) Fl-Artikolu 89(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-awtoritajiet kontraenti ma jistgħux jużaw kuntratti ta' qafas kif mhux xieraq jew b'mod li l-għan jew l-effett huwa li jipprevjeni, jirrestrinġi jew ifixkel il-kompetizzjoni."

(49) L-Artikolu 90 huwa emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"1. Il-kuntratti kollha li jaqbżu l-limiti massimi previsti fl-Artikolu 105 jew l-Artikolu 167 għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*."

ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"L-avviżi tal-kuntratti għandhom jiġu ppubblikati bil-quddiem ħliet fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 91(2) ta' dan ir-Regolament, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi, u għall-kuntratti ta' servizz koperti bl-Anness IIB tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1)."

b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'li ġej:

"2. Kuntratti b'valur taħt il-limiti massimi provduti fl-Artikolu 105 jew l-Artikolu 167 u l-kuntratti ta' servizz imsemmija fl-Anness IIB għad-Direttiva 2004/18/KE għandhom ikunu rreklamati b'mezzi xierqa, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi."

(50) L-Artikolu 91 huwa emendat kif ġej:

a) paragraph 1 is replaced by the following:

"1. Il-proċeduri ta' akkwist għandhom jieħdu waħda minn dawn il-forom li ġejjin:

- a) il-proċedura miftuħa;
- b) il-proċedura ristretta;
- ċ) konkorsi;
- d) il-proċedura negozjata;
- e) id-djalogu kompetittiv.

Meta kuntratt pubbliku jew kuntratt qafas huwa ta' interess għal żewġ istituzzjonijiet jew aktar, l-aġenziji eżekuttivi jew il-korpi msemmija fl-Artikolu 185, u fejn hemm possibiltà li jkun realizzat qligħ effiċjenti, l-awtoritajiet kontraenti kkonċernati għandhom ifittxu li jwettqu l-proċedura ta' akkwist fuq bażi interistituzzjonali.

(1) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

Meta kuntratt pubbliku jew kuntratt qafas huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' azzjoni konġunta bejn istituzzjoni waħda u awtorità kontraenti minn Stat Membru, il-proċedura ta' akkwist tista' titwettaq konġuntament mill-istituzzjoni u din l-awtorità kontraenti, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi."

b) fil-paragrafu 2, jitħassar it-tieni subparagrafu;

ċ) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Ir-regoli implimentattivi għandhom jiddefinixxu l-proċedura ta' akkwist imsemmija fil-paragrafu 1, applikabbli għall-kuntratti ta' servizz koperti bl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18/KE u għal kuntratti ddikkjarati li huma sigrieti, li l-prestazzjoni tagħhom trid tkun akkumpanjata minn miżuri speċjali ta' sigurtà, jew meta l-ħarsien ta' interessi essenzjali tal-Komunitajiet jew l-Unjoni Ewropea jkun jesiġu dan."

(51) L-Artikolu 92 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 92

Id-dokumenti relatati mas-sejħa għall-offerti għandhom jagħtu deskrizzjoni sħiħa, ċara u preċiża tas-suġġett tal-kuntratt u jspeċifikaw il-kriterji ta' l-esklużjoni, l-għażla u l-għoti applikabbli għall-kuntratt."

(52) L-Artikolu 93 huwa emendat kif ġej:

a) Il-paragrafu 1 hu emendat kif ġej:

i) il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'li ġej:

"Il-kandidati jew appaltaturi għandhom ikunu esklużi mill-parteċipazzjoni fi proċedura ta' akkwist jekk:"

ii) il-punt (f) huwa sostitwit b'li ġej:

"(f) huma bħalissa soġġetti għal penalitajiet amministrattiva msemmija fl-Artikolu 96(1)."

iii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-punti (a) sa (d) ta' l-ewwel subparagrafu m'għandhomx japplikaw fil-każ ta' xiri ta' kunsinni b'termini partikolarment vantaġġjużi jew mingħand fornitur li definittivament se jtemm l-attivitajiet tan-negozju tiegħu, jew ir-riċevituri jew il-likwidaturi ta' falliment, ftehim mal-kredituri, jew proċedura simili skond il-liġi nazzjonali."

b) paragraph 2 is replaced by the following:

"2. Il-kandidati jew appaltaturi għandhom jiċċertifikaw li mhumiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1. Madankollu, l-awtorità kontraenti tista' tibqa' lura milli titlob tali ċertifikazzjoni f'każ ta' kuntratti ta' valur baxx ħafna, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi.

Għall-fini ta' l-applikazzjoni korretta tal-paragrafu 1, il-kandidat jew l-appaltatur, kulmeta jintalbu mill-awtorità kontraenti, iridu:

a) fejn il-kandidat jew l-appaltatur huwa entità ġuridika, jipprovdu informazzjoni dwar il-pussess jew dwar il-ġestjoni, il-kontroll u s-setgħa ta' rappreżentanza ta' l-entità ġuridika,

b) fejn ikun previst is-subkuntrattar, jiċċertifikaw li s- subkuntrattur mhumiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1."

ċ) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Ir-regoli implimentattivi għandhom jiddeterminaw il-perijodu massimu li matulu is-sitwazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 jagħtu lok għall-esklużjoni ta' kandidati jew ta' appaltaturi mill-parteċipazzjoni fi proċedura ta' akkwist. Il-perijodu massimu ma jstax jeċċedi l-għaxar snin."

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

(53) L-Artikoli 94, 95 u 96 huma sostitwiti b'li ġej:

“Artikolu 94

Ma jistax jiġi aġġudikat kuntratt lil kandidati jew appaltaturi li, matul il-perijodu ta' akkwist għal dan il-kuntratt:

- a) huma soġġetti għal kunflitt ta' interess;
- b) ikunu ħatja ta' miżrappreżentazzjoni meta jagħtu l-informazzjoni mitluba mill-awtorità kontraenti bħala kondizzjoni għall-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' akkwist jew jonqsu milli jagħtu din l-informazzjoni;
- ċ) isibu ruħhom f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni, imsemmija fl-Artikolu 93(1), għal din il-proċedura ta' akkwist;

Artikolu 95

1. Għandha titwaqqaf u tkun operata mill-Kummissjoni database ċentrali f'konformità mar-regoli Komunitarji dwar il-protezzjoni tad-data personali. Id-database għandu jkun fiha d-dettalji tal-kandidati u l-appaltaturi li jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 93, 94, 96 (1)(b) u (2) (a). Id-database għandha tkun komuni għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji eżekuttivi u l-korpi msemmijin fl-Artikolu 185.

2. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u pajjiżi terzi kif ukoll il-korpi, barra dawk imsemmija f'paragrafu 1, li qed jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-baġit skond l-Artikoli 53 u 54, għandhom jikkomunikaw informazzjoni dwar il-kandidati u l-offerenti li huma f'waħda mis-sitwazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 93(1)(e), fejn il-kondotta ta' l-operatur ikkonċernat kienet ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Komunità lill-uffiċjal kompetenti li jawtorizza. L-uffiċjal li jawtorizza għandu jirċievi din l-informazzjoni u jitlob lill-uffiċjal ta' verifika biex idahhala fid-database.

L-awtoritajiet u l-korpi msemmija fl-ewwel sotto-paragrafu għandhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni li hemm fid-database u jistgħu jikkunsidrawha, kif xieraq u fuq responsabilità tagħhom, għall-għoti ta' kuntratti assoċjati ma' l-implimentazzjoni tal-baġit.

3. Fir-regoli implimentattivi għandhom jiġi stabbiliti kriterji trasparenti u koerenti biex jiżguraw applikazzjoni proporzjonata tal-kriterji ta' esklużjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-proċeduri standardizzati u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-operat tad-database.

Artikolu 96

1. Jistgħu jiġu imposti penalitajiet amministrattivi jew finanzjarji mill-awtoritajiet kontraenti lil:

- a) kandidati jew appaltaturi fil-każijiet imsemmijin fil-punt (b) ta' l-Artikolu 94;
- b) kuntratturi li ġew iddikjarati li huma fi ksur serju ta' l-obbligi tagħhom skond kuntratti koperti mill-baġit.

Madankollu, fil-każijiet kollha, l-awtorità kontraenti trid l-ewwel tagħti lill-persuna konċernata l-opportunità li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha.

2. Il-penalitajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu proporzjonali ma' l-importanza tal-kuntratt u mas-serjetà ta' l-imġiba ħażina, u jistgħu jikkonsistu fi:

- a) l-esklużjoni tal-kandidat jew ta' l-appaltatur jew tal-kuntrattur ikkonċernat mill-kuntratti u l-għotjiet iffinanzjati mill-baġit, għal perijodu massimu ta' għaxar snin; u/jew
- b) il-ħlas ta' penalitajiet finanzjarji mill-kandidat jew appaltatur jew kuntrattur sal-valur tal-kuntratt involut.”

- (54) L-Artikolu 97 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 97

1. Il-kuntratti għandhom jingħataw abbażi ta' kriterji għall-għoti applikabbli għall-kontenut tas-sejħa għall-offerti wara li l-ħila ta' l-operaturi ekonomiċi mhux eskluża taħt l-Artikoli 93, 94 u 96(2) (a) tkun ġiet iċċekkjata skond il-kriterji ta' l-għażla li jinsabu fid-dokumenti relatati mas-sejħa għall-offerti.

2. Il-kuntratti għandhom jingħataw bil-proċedura awtomatika ta' għoti jew bil-proċedura ta' aċċertament ta' l-aħjar valur għall-flus maħruġin."

- (55) L-Artikolu 98 huwa emendat kif ġej:

- a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'li ġej:

"1. L-arranġamenti sabiex jintefgħu l-offerti għandhom ikunu tali li jiżguraw li jkun hemm kompetizzjoni ġenwina u li l-kontenut ta' l-offerti jibqa' kunfidenzjali sakemm jinfetħu kollha simultanjament.

2. L-awtorità kontraenti tista', jekk dan jitqies xieraq u proporzjonat, titlob lill-appaltaturi, kif previst fir-regoli implimentattivi, biex jissottomettu sigurtà bil-quddiem bħala garanzija li l-offerti magħmulin ma jitreġġgħux lura."

- b) paragraph 4 is replaced by the following:

"4. It-talbiet għal parteċipazzjoni jew l-offerti kollha ddikjarati mill-bord tal-ftuħ li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti għandhom jiġu evalwati, abbażi tal-kriterji previsti fid-dokumenti rigward is-sejħa għall-offerti, sabiex issir proposta lill-awtorità kontraenti li lilha ġie aġġudikat il-kuntratt jew qabel ma jsir irkant elettroniku."

- (56) L-Artikoli 102 u 103 huma sostitwiti b'li ġej:

"Artikolu 102

1. L-awtorità kontraenti għandha titlob lill-kuntratturi jissottomettu garanzija bil-quddiem fil-każi speċifikati fir-regoli implimentattivi.

2. L-awtorità kontraenti tista', jekk jitqies xieraq u proporzjonat, titlob lill-kuntratturi jissottomettu garanzija sabiex:

- a) tiżgura rendiment sħiħ tal-kuntratt;

- b) tillimita r-riskji finanzjarji konnessi mal-ħlas ta' pre-finanzjament.

Artikolu 103

Meta l-proċedura ta' aġġudikazzjoni tkun soġġetta għal żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi, l-istituzzjonijiet għandhom jissospendu l-proċedura u jistgħu jieħdu kwalunkwe miżuri meħtieġa, inkluża l-kanċellazzjoni tal-proċedura.

Meta, wara l-aġġudikazzjoni tal-kuntratt, il-proċedura ta' aġġudikazzjoni jew it-twettiq tal-kuntratt tkun soġġetta għal żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi, l-istituzzjonijiet jistgħu, skond l-istadju li jkun intlaħaq fil-proċedura, jibqgħu lura milli jikkonkludu l-kuntratt jew jissospendu t-twettiq tal-kuntratt jew, fejn xieraq, jiterminaw il-kuntratt.

Meta tali żbalji, irregolaritajiet jew frodi huma attribwibbli għall-kuntrattur, l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll jirrifjutaw li jagħmlu ħlasijiet, jistgħu jirkupraw ammonti diġà mħallsa jew jistgħu jiterminaw il-kuntratti kollha konklużi ma' dan il-kuntrattur, fi proporzjon mas-serjetà ta' l-iżbalji, irregolaritajiet jew frodi."

- (57) In Article 104, the following sentence is added:

"Dawn għandhom jiddelegaw il-poteri meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjoni ta' awtorità kontraenti skond l-Artikolu 59."

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

(58) L-Artikolu 105 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 105

1. Soġġett għat-Titolu IV tat-Tieni Parti ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva 2004/18/KE għandha tistabbilixxi l-limiti massimi li jiddeterminaw:

- a) l-arranġamenti tal-pubblikazzjoni msemmija fl-Artikolu 90;
- b) l-għażla ta' proċeduri msemmijin fl-Artikolu 91(1);
- ċ) il-limiti taż-żmien korrispondenti.

2. Soġġett għall-eċċezzjonijiet u l-kondizzjonijiet speċifikati fir-regoli implimentattivi, l-awtorità kontraenti m'għandhiex, fil-każ ta' kuntratti koperti mid-Direttiva 2004/18/KE, tiffirma l-kuntratt jew il-kuntratt qafas ma' l-appaltatur li jkun rebħu qabel ma jgħaddi perijodu ta' pawsa.”

(59) It-titolu tal-Kapitolu 1 tat-Titolu VI ta' l-Ewwel Parti huwa sostitwit b'li ġej:

“KAPITOLU 1**Kamp ta' applikazzjoni u forma ta' għotjiet”**

(60) L-Artikolu 108 huwa emendat kif ġej:

a) Fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'li ġej:

“Huma għandhom ikunu koperti jew bi ftehim miktub jew b'deċiżjoni tal-Kummissjoni notifikata lill-applikant rebbieħ.”

b) Il-Paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Dawn li ġejjin m'għandhomx jikkostitwixxu għotjiet skond it-tifsira ta' dan it-Titolu:

- a) nefqa fuq membri u persunal ta' l-istituzzjonijiet u kontribuzzjonijiet lill-iskejjel Ewropej;
- b) self, strumenti Komunitarji li jgħorru r-riskji jew kontribuzzjonijiet finanzjarji Komunitarji lil tali strumenti, il-kuntratti pubbliċi msemmijin fl-Artikolu 88 u għajna mħallsa bħala assistenza makrofinanzjarja u appoġġ tal-baġitarju;
- ċ) investimenti fishma abbażi tal-prinċipju ta' l-investitur privat, finanzjamenti kważi-ishma u proprjetà fishma jew parteċipazzjonijiet fishma f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD) jew korpi Komunitarji speċjalizzati bħal ma' huwa l-Fond Ewropew għall-Investment (EIF);
- d) kontribuzzjonijiet imħallsin mill-Komunitajiet bħala sottoskrizzjonijiet lil korpi li tagħhom huma membri;
- e) nefqa implimentata bħala parti minn ġestjoni komuni, deċentralizzata jew konġunta skond it-tifsira ta' l-Artikoli 53 sa 53d;
- f) ħlasijiet magħmulin lill-korpi li lilhom jiġu delegati kompiti ta' implimentazzjoni skond l-Artikoli 54(2) u kontribuzzjonijiet magħmulin permezz ta' l-att bażiku kostitutiv tagħhom lil korpi mwaqqfin mill-awtorità leġiżlattiva;
- g) nefqa relatata ma' swieq tas-sajd imsemmijin fil-Artikolu 3(2) il-punt (f) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (1);

(1) ĠU L 209, 11.08.2005, p. 1.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

h) ħlas b'lura ta' spejjeż ta' vvjaġġar u ta' sussistenza maħruġin minn, jew meta xieraq, kwalunkwe indennitajiet oħrajn imħallsin lil persuni mistiedna jew li rċevew il-mandat mill-istituzzjonijiet.”

ċ) jiżdiedu l-paragrafi 3 u 4 li ġejjin:

“3. Dan li ġej għandu jiġi assimilat għal għotjiet u għandu jkun irregolat, kif xieraq, minn dan it-Titolu:

a) il-benefiċċju derivat minn sussidju ta' interessi fuq ċertu self;

b) investimenti fiżma jew parteċipazzjonijiet ħliet daww imsemmijin fil-punt (ċ) tal-paragrafu 2.

4. Kull istituzzjoni tista' tagħti għotjiet għal attivitajiet ta' komunikazzjoni fejn, għal raġunijiet ġustifikati kif suppost, l-użu ta' proċeduri ta' xiri pubbliku m'huwiex xieraq”.

(61) L-Artikolu 108a li ġej huwa mdaħħal:

“Artikolu 108a

1. L-għotjiet jistgħu jkunu fi kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

a) rimborż ta' proporzjon speċifikat ta' l-ispejjeż eliġibbli li attwalment ikunu tħallsu;

b) somom ta' darba;

c) iffinanzjar b'rata fissa;

d) kombinazzjoni tal-forom imsemmijin fil-punti (a), (b) u (ċ);

2. L-għotjiet għandhom jirrispettaw limitu massimu ġenerali f'termini ta' valur assolut.”

(62) It-titolu tal-Kapitolu 2 tat-Titolu VI ta' l-Ewwel Parti huwa sostitwit b'li ġej:

“KAPITOLU 2

Prinċipji”

(63) L-Artikolu 109 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 109

1. L-għotjiet għandhom ikunu soġġetti għall-prinċipji ta' trasparenza u ta' trattament indaqs.

Dawn ma jistgħux ikunu kumulattivi jew iġġudikati retrospettivament u għandhom jinvolvu ko-finanzjament.

Fl-ebda ċirkustanza l-ispejjeż totali kombinati eliġibbli għall-iffinanzjar m'għandhom jinqabżu, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi.

2. L-għotjiet m'għandhomx ikollhom l-għan jew l-effett li jiproduċu profitt għall-benefiċjarju.

3. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għal dawn li ġejjin:

a) studju, riċerka jew boroż ta' studju għal taħriġ imħallsin minn persuni fiżiċi;

b) premjijiet mogħtijin wara kompetizzjonijiet;

ċ) azzjonijiet li għandhom l-oġġettiv li jirrinfuzaw il-kapaċità finanzjarja ta' benefiċjarju jew il-ħol-qien ta' dħul fil-qafas tar- relazzjonijiet esterni.”

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (64) Fl-Artikolu 110, il-paragrafu 1 hu sostitwit b'li ġej:

"1. L-għotjiet għandhom ikunu soġġetti għal programm ta' ħidma annwali, li jrid jiġi ppubblikat fil-bidu tas-sena.

Dak il-programm ta' ħidma annwali għandu jiġi implimentat permezz tal-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal proposti, ħlief f'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza debitament sostanzjati jew meta l-karatteristiċi tal-benefiċjarju jew ta' l-azzjoni ma jħallu l-ebda għażla oħra għal azzjoni partikulari, jew meta l-benefiċjarju jiġi identifikat f'att bażiku bħal riċevitur ta' għotja.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għal għajjnuna f'każ ta' ġestjoni ta' kriżi u operati ta' għajjnuna umanitarja."

- (65) L-Artikoli 111 u 112 huma sostitwiti b'li ġej:

"Artikolu 111

Azzjoni waħda tista' tagħti lok għall-aġġudikazzjoni ta' għotja waħda biss mill-baġit lil kwalunkwe benefiċjarju wieħed, ħlief fejn huwa awtorizzat xort'oħra mill-atti bażiċi kkonċernati.

Benefiċjarju jista' jkun aġġudikat għotja operattiva waħda biss mill-baġit għal kull sena finanzjarja.

L-applikant għandu jinforma lill-uffiċjali awtorizzanti immedjatament dwar kwalunkwe applikazzjonijiet multipli u għotjiet multipli relatati ma' l-istess azzjoni jew ma' l-istess programm ta' ħidma.

Fi kwalunkwe każ, l-istess spejjeż m'għandhomx jiġu ffinanzjati darbtejn mill-baġit.

Artikolu 112

1. Għotja tista' tingħata għal azzjoni li tkun diġà nbdiet biss meta l-applikant jista' juri l-ħtieġa li tinbeda l-azzjoni qabel ma jirċievi l-għotja.

F'tali każijiet, l-ispejjeż eliġibbli għall-finanzjament ma jistgħux ikunu ntefqu qabel id-data ta' sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-għotja, ħlief f'każijiet eċċezzjonali debitament issostanzjati, kif previst fl-att bażiku jew fil-każ ta' nefqa meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' l-għajjnuna għal ġestjoni ta' kriżi jew operati għal għajjnuna umanitarja, kif previst fir-regoli implimentattivi.

L-ebda għotja ma tingħata retrospettivament għal azzjonijiet diġà kompluti.

2. Għotja operattiva għandha tingħata fi żmien sitt xhur wara l-bidu tas-sena tal-baġit tal-benefiċjarju. Spejjeż eliġibbli għal finanzjament ma jistgħux ikunu ntefqu la qabel ma ġiet ippreżentata l-applikazzjoni u lanqas qabel il-bidu tas-sena baġitarja tal-benefiċjarju."

- (66) Fl-Artikolu 113, il-paragrafu 2 hu sostitwit b'li ġej:

"2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-att bażiku rigward korpi li qed jippruvaw jilhqqu objettiv ta' interess ġenerali Ewropew, meta jiġġeddu l-għotjiet operattivi, għandhom jitnaqqsu gradwalment. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal għotjiet f'waħda mill-forom imsemmijin fil-punti (b) u (ċ) ta' l-Artikolu 108a(1)."

- (67) L-Artikolu 114 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 114

1. L-applikazzjonijiet għal għotjiet għandhom ikunu sottomessi bil-miktub.

2. L-applikazzjonijiet għal għotjiet għandhom ikunu eliġibbli jekk ikunu sottomessi minn dawn li ġejjin:

- a) persuni ġuridiċi; applikazzjonijiet għall-għotjiet jistgħu jkun eliġibbli jekk sottomessi minn entitażjiet mingħajr personalità legali skond il-liġi nazzjonali applikabbli, dment li r-rappreżentanti tagħhom ikollhom il-kapaċità jidħlu għall-obbligi legali għan-nom tagħhom u jassumu r-responsabbiltà finanzjarja.

b) persuni fiżiċi safejn dan huwa meħtieġ min-natura jew il-karatteristiċi ta' l-azzjoni jew l-objettiv segwit mill-applikant.

3. L-għotjiet ma jistgħux jiġu aġġudikati lil applikanti li, fil-ħin ta' proċedura ta' l-aġġudikazzjoni ta' għotja, huma f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 93(1), 94 u 96(2)(a).

L-applikanti għandhom jiċċertifikaw li huma m'humiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu. Madankollu, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jżomm lura milli jitlob tali ċertifikazzjoni fil-każ ta' għotjiet ta' valur baxx ħafna, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi.

4. Il-penalitajiet amministrattivi u finanzjarji li huma effettivi, proporzjonati u disswasivi jistgħu jiġu imposti fuq applikanti mill-uffiċjal awtorizzanti, skond l-Artikolu 96.

Tali penalitajiet jistgħu wkoll jiġu imposti fuq benefiċjarji li, fil-mument tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni jew waqt l-implimentazzjoni ta' l-għotja jkunu għamlu dikjarazzjonijiet foloz fl-għoti ta' informazzjoni meħtieġa mill-uffiċjal awtorizzanti jew jonqsu milli jagħtu tali informazzjoni."

(68) Fl-Artikolu 116, il-paragrafu 1 hu sostitwit b'li ġej:

"1. Il-proposti għandhom jiġu evalwati, abbażi ta' kriterji ta' selezzjoni u ta' aġġudikazzjoni mħabbrin minn qabel, bil-ħsieb li jiġi ddeterminat liema proposti jiġu ffinanzjati."

(69) L-Artikolu 118 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 118

1. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista', jekk jitqies xieraq u proporzjonat, jitlob lill-benefiċjarju jissottometti garanzija bil-quddiem sabiex jillimita r-riskji finanzjarji konnessi mal-ħlas ta' ffinanzjar minn qabel.

2. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jitlob lill-benefiċjarju jissottometti tali garanzija bil-quddiem fil-każijiet speċifikati fir-regoli implimentattivi."

(70) Fl-Artikolu 119, il-paragrafu 2 hu sostitwit b'li ġej:

"2. F'każ li l-benefiċjarju jonqos milli jissodisfa l-obbligi li jorbtuh, l-għotja għandha tiġi sospiża u ridotta jew terminata fil-każijiet previsti fir-regoli implimentattivi wara li l-benefiċjarju jkun ingħata l-opportunità li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu."

(71) L-Artikolu 120 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 120

1. Fejn l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni teħtieġ l-aġġudikazzjoni ta' kuntratti ta' akkwist mill-benefiċjarju, il-proċeduri rilevanti għandhom ikunu kif imniżżlin fir-regoli implimentattivi.

2. Fejn l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni teħtieġ li jingħata appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, il-benefiċjarju ta' għotja Komunitarja jista' jagħti tali sostenn finanzjarju meta jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) is-sostenn finanzjarju ma jkunx l-għan primarju ta' l-azzjoni;

b) il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' dan l-appoġġ huma strettament iddefiniti fid-deċiżjoni dwar l-għotja jew il-ftehim bejn il-benefiċjarju u l-Kummissjoni, bla ebda marġini ta' diskrezzjoni;

c) l-ammonti konċernati huma żgħar.

Għall-fini tal-punt (ċ), l-ammont massimu ta' sostenn finanzjarju li jista' jitħallas lil terza persuna minn benefiċjarju għandu jiġi determinat fir-regoli implimentattivi.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

3. Kull deċiżjoni ta' għotja jew ftehim għandhom jipprovdu espressament li l-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri jeżerċitaw il-poteri tagħhom ta' kontroll, fuq dokumenti u fuq il-proprjetà, fuq il-kuntratturi u sub-kuntratturi kollha li rċevew fondi Komunitarji."

(72) L-Artikolu 121 huwa emendat kif ġej:

a) il-punt (a) huwa sostitwit b'li ġej:

"a) ir-rendikonti finanzjarji ta' l-istituzzjonijiet kif imniżżlin fl-Artikolu 126, dawk tal-korpi msemmijin fl-Artikolu 185 u ta' korpi oħrajn li l-kontijiet tagħhom għandhom bżonn jiġu kkonsolidati skond ir-regoli ta' kontabilità Komunitarji;"

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'li ġej:

"d) ir-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit li jippreżentaw l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti msemmijin fil-punt (ċ)."

(73) L-Artikolu 122 huwa emendat kif ġej:

a) l-ewwel paragrafu hu sostitwit b'li ġej:

"Il-kontijiet ta' l-istituzzjonijiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 121 għandhom ikunu akkumpanjati b'rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tas-sena finanzjarja."

b) jiżdied it-tieni paragrafu li ġej:

"Ir-rapport imsemmi fl-ewwel paragrafu għandu jagħti rendikont, fost affarijiet oħrajn, tar-rata implimentattiva ta' l-appropriazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn id-diversi elementi tal-baġit."

(74) L-Artikolu 128 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 128

L-uffiċjali tal-kontijiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħrajn imsemmin fl-Artikolu 121 għandhom jibagħtu lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri l-aktar tard sa l-1 ta' Marzu tas-sena ta' wara, il-kontijiet provviżorji tagħhom flimkien mar-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja ta' matul is-sena.

L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida dawn il-kontijiet provviżorji mal-kontijiet provviżorji tal-Kummissjoni u għandu jibgħat lill-Qorti ta' l-Awdituri, l-aktar tard sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, il-kontijiet provviżorji tal-Kummissjoni akkumpanjati mir-rapport tagħha dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja ta' matul is-sena, flimkien mal-kontijiet konsolidati provviżorji.

L-uffiċjal tal-kontijiet ta' kull istituzzjoni u korp imsemmi fl-Artikolu 121 għandu wkoll jibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sad-data speċifikata fit-tieni paragrafu."

(75) L-Artikolu 129 huwa emendat kif ġej:

a) fil-paragrafu 1, l-"Artikolu 185" huwa sostitwit bl-"Artikolu 121";

b) paragraph 2 is replaced by the following:

"2. L-istituzzjonijiet, ħliet il-Kummissjoni, u kull wieħed mill-korpi msemmijin fl-Artikolu 121, għandhom ifasslu l-kontijiet finali tagħhom skond l-Artikolu 61 u jibagħtuhom lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri l-aktar tard sa l-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara bil-ħsieb li jitfasslu l-kontijiet konsolidati finali."

c) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jipprepara l-kontijiet konsolidati finali abbażi ta' l-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet l-oħrajn taħt il-paragrafu 2. Il-kontijiet konsolidati finali għandhom ikunu akkumpanjati b'nota stabbilita mill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni, li biha huwa/hija jiddikjara li kienu ppreparati skond it-Titolu VII u mal-prinċipji, regoli u metodi tal-kontabilità mniżżlin fl-anness għar-rendikonti finanzjarji.";

d) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'li ġej:

"3. Il-Kummissjoni, wara li tkun approvat il-kontijiet konsolidati finali u l-kontijiet finali tagħha, għandha tibgħathom it-tnejn lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti ta' l-Awdituri qabel il-31 ta' Lulju tas-sena finanzjarja ta' wara.";

e) fil-paragrafu 4, "il-31 ta' Ottubru" huwa sostitwit bil-"15 ta' Novembru".

(76) L-Artikolu 131 huwa emendat kif ġej:

a) fil-paragrafu 1, "il-Kummissjoni" hija mibdula b'"l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni".

b) fil-paragrafu 2, "il-Kummissjoni" hija mibdula b'"l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni".

(77) Fl-Artikolu 133(1), l-"Artikolu 185" huwa sostitwit bl-"Artikolu 121".

(78) Fl-Artikolu 134, l-"Artikolu 185" huwa sostitwit bl-"Artikolu 121".

(79) Fl-Artikolu 138(1), l-"Artikolu 185" huwa sostitwit bl-"Artikolu 121".

(80) Fl-Artikolu 139, il-paragrafu 2 hu sostitwit b'li ġej:

"2. Kull istituzzjoni għandha tinforma lill-Qorti ta' l-Awdituri u liż-żewġ fergħat ta' l-awtorità baġitarja dwar kwalunkwe regola interna li jadottaw fir-rigward ta' materji finanzjarji."

(81) L-Artikolu 143 huwa emendat kif ġej:

a) fil-paragrafu 2, "15 ta' Ġunju" huwa sostitwit bi "30 ta' Ġunju", u "30 ta' Settembru" huwa sostitwit bi "15 ta' Ottubru";

b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'li ġej:

"5. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tittrasmetti lill-awtoritajiet responsabbli mill-għoti tal-kwittanza u lill-istituzzjonijiet l-oħrajn, l-aktar tard sal-15 ta' Novembru, ir-rapport annwali tagħha akkumpanjat mir-risposti ta' l-istituzzjonijiet u għandha tiżgura l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*."

c) fil-paragrafu 6, "15 ta' Frar" hija sostitwita bi "28 ta' Frar".

(82) L-Artikolu 144 huwa emendat kif ġej:

a) fil-paragrafu 1, il-ħames subparagrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"Jekk il-Qorti ta' l-Awdituri tiddeċiedi li tippublika tali rapporti speċjali fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, huma għandhom ikunu akkumpanjati mir-risposti ta' l-istituzzjonijiet ikkonċernati."

b) Fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'li ġej:

"L-opinjoni jiet imsemmijin fl-Artikolu 248(4) tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 160c(4) tat-Trattat Euratom li mhumiex marbutin ma' proposti jew abbozzi koperti mill-proċedura konsultattiva legiſlattiva jstgħu jgħu ppubblikati mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*."

(83) Fl-Artikolu 145(1), "30 ta' April" hija sostitwita bi "15 ta' Mejju";

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (84) Fit-Titolu I tat-Tieni Parti, it-titolu huwa sostitwit b'li ġej:

“TITOLU I**FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA”**

- (85) Fl-Artikolu 148, il-paragrafu 1 hu sostitwit b'li ġej:

“1. L-Ewwel u t-Tielet Parti ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għan-nefqa effettwata mill-awtoritajiet u l-korpi msemmijin fir-regoli dwar l-EAGF, u għal dħul, ħliet fejn huwa pprovdut mod ieħor f'dan it-Titolu.”

- (86) L-Artikolu 149 huwa emendat kif ġej:

- a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

“1. Għal kull sena finanzjarja, il-EAGF għandu jinkludi approprjazzjonijiet non-differenzjati, bl-eċċezzjoni għan-nefqa dwar il-miżuri msemmijin fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 ⁽¹⁾, li għandhom ikunu koperti minn approprjazzjonijiet differenzjati.”

- b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'li ġej:

“3. Approprjazzjonijiet li m'humiex kommissi dwar l-azzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, jistgħu jitmexxew biss għas-sena finanzjarja ta' wara.

Tali tmexxija 'l quddiem m'għandhiex teċċedi, fil-limitu ta' 2 % ta' l-approprjazzjonijiet inizjali msemmijin fl-ewwel subparagrafu, l-ammont ta' aġġustament ta' ħliet diretti msemmijin fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 ⁽²⁾ u li kien applikat matul l-aħħar sena finanzjarja.

L-approprjazzjonijiet li jitmexxew 'il quddiem għandhom jiġu ritornati esklussivament lil-linji tal-baġit li jkopru l-azzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

Tali tmexxija 'l quddiem tista' twassal biss għal ħliet addizzjonali lill-benefiċjarji finali li kienu soġġetti, matul l-aħħar sena finanzjarja, għall-aġġustament ta' ħliet diretti skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

Id-deċiżjoni għat-tmexxija 'l quddiem għandha tittieħed, l-aktar tard sal-15 ta' Frar tas-sena li għaliha qed issir it-tmexxija 'l quddiem, mill-Kummissjoni, li għandha tinforma lill-awtorità baġitarja.”

- (87) Fl-Artikolu 150, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'li ġej:

“2. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jstabbilixxu l-ammonti ta' dawn il-ħliet għandhom jikkostitwixxu impenji provviżorji globali, li ma jstgħux jeċċedu l-approprjazzjonijiet totali mdaħħlin għall-EAGF.

3. Mill-15 ta' Novembru, nefqa amministrattiva ta' rutina għall-EAGF tista' tiġi kommissa bil-quddiem kontra l-approprjazzjonijiet previsti għas-sena finanzjarja ta' wara. Tali impenji ma jstgħux, madankollu, jeċċedu [tliet kwarti ta'] l-approprjazzjonijiet korrispondenti totali għas-sena finanzjarja kurrenti. Dawn jistgħu japplikaw biss għan-nefqa li għaliha hu stabbilit il-prinċipju f'att bażiku eżistenti.”

- (88) Fl-Artikolu 151 (1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Nefqa effettwata mill-awtoritajiet u l-korpi msemmija fir-regoli dwar il-EAGF għandha, fi żmien xahrejn wara l-irċevuta tar-rendikonti mibgħutin mill-Istati Membri, tkun is-suġġett ta' impenn skond il-kapitolu, l-artikolu u l-partita. Tali impenn jista' jsir wara li jgħaddi l-perijodu ta' xahrejn kull meta hija meħtieġa proċedura għal trasferiment ta' approprjazzjonijiet dwar il-linji tal-baġit in kwistjoni. Ħliet meta ma jkunx għadu sar pagament mill-Istati Membri jew meta hemm dubju dwar l-eliġibiltà, l-ammonti għandhom ikunu maħruġin bħala ħliet fl-istess perijodu ta' xahrejn.”

⁽¹⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p.1.

⁽²⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p.1.

- (89) L-Artikolu 152 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 152

Fil-kontabilità baġitarja, nefqa għandha tiddaħħal fil-kontijiet għal sena finanzjarja abbażi tar-rifużjonijiet magħmulin mill-Kummissjoni lill-Istati Membri l-aktar tard sal-31 ta' Diċembru tas-sena kkonċernata, sakemm l-ordni għall-ħlas tkun waslet għand l-uffiċjal tal-kontijiet l-aktar tard sal-31 ta' Jannar tas-sena finanzjarja sussegwenti.”

- (90) Fl-Artikolu 153, il-paragrafu 1 hu sostitwit b'li ġej:

“1. Meta l-Kummissjoni tista' tittrasferixxi l-appropriazzjonijiet skond l-Artikolu 23(1), din għandha tiegħu d-deċiżjoni tagħha l-aktar tard sal-31 ta' Jannar tas-sena finanzjarja ta' wara u għandha tinforma lill-awtorità baġitarja kif previst fl-Artikolu 23(1).”

- (91) L-Artikolu 154 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 154

1. Id-dħul assenjat taħt dan it-Titolu għandu jkun assenjat skond l-orijini b'konformità ma' l-Artikolu 18(2).

2. Ir-riżultat ta' deċiżjonijiet dwar il-kwittanza tal-kontijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 għandu jiddaħħal f'Artikolu wieħed.”

- (92) It-titolu tat-Titolu II tat-Tieni Parti huwa sostitwit b' dan li ġej:

“TITOLU II

FONDI STRUTTURALI, FOND TA' KOEZZJONI, FOND GĦAS-SAJD, U FOND AGRIKOLU GĦALL-IŻVILUPP RURALI”

- (93) L-Artikolu 155 huwa emendat kif ġej:

- a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

“1. L-Ewwel u t-Tielet Parti ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għan-nefqa effettwata mill-awtoritajiet u l-korpi msemmijin f'dawn ir-Regolamenti li jirregolaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għas-Sajd Ewropew (EFF), u l-EAFRD, minn hawn 'il quddiem 'il-Fondi', u għad-dħul tagħhom, ħlief jekk mhux previst mod ieħor f'dan it-Titolu.”;

- b) jitħassar il-paragrafu 3.

- (94) Fl-Artikolu 157, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'li ġej:

“L-appropriazzjonijiet disimpenjati jistgħu jsiru disponibbli għal darb'oħra fil-każ ta' żball ċar li hu attribwibbli biss lill-Kummissjoni.”

- (95) L-Artikolu 158 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 158

Bl-eċċezzjoni tal-EAFRD, fir-rigward tan-nefqa operattiva msemmija f'dan it-Titolu, il-Kummissjoni tista' tagħmel trasferimenti minn titolu wieħed għal ieħor, dment li l-appropriazzjonijiet in kwistjoni jkunu għall-istess objettiv skond it-tifsira tar-Regolamenti li jirregolaw il-Fondi msemmijin fl-Artikolu 155, jew li huma nfiq fuq Assistenza Teknika”

- (96) Fl-Artikolu 160, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. L-appropriazzjonijiet relatati mad-dħul ġenerat mill-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar stabbilit bil-Protokoll anness mat-Trattat tal-KE dwar il-konsegwenzi finanzjarji ta' l-iskadenza tat-Trattat KEFA u dwar il-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar għandhom jiġu trattati bħala dħul assenjat fit-tifsira ta' l-Artikolu 18. L-appropriazzjonijiet ta' impenn iġġenerati minn dan id-dħul għandhom ikunu disponibbli minn meta l-ammont reċevibbli ikun stmat u l-appropriazzjonijiet tal-ħlas minn meta d-dħul ikun riċevut.”

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

(97) Jiddaħħal l-Artikolu 160a li ġej:

“Artikolu 160a

1. L-approporzazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-ammont ta' l-impenn dispimpenjat bħala riżultat ta' nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-proġetti li jikkonċernaw ir-riċerka li għalihom ġew assenjati jistgħu, b'mod eċċezzjonali u f'każijiet debitament iġġustifikati, isiru disponibbli għal darb'oħra meta dan ikun essenzjali biex jitwettaq il-programm oriġinarjament ippjanat, sakemm il-baġit għas-sena finanzjarja attwali jinkludi fondi għal dan l-għan.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, fil-bidu ta' kull sena finanzjarja, teżamina disimpenji magħmulin matul is-sena finanzjarja preċedenti u għandha tivvaluta, fid-dawl tal-ħtiġiet, il-bżonn li l-approporzazzjonijiet jerġgħu jsiru disponibbli.

Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' tissottometti proposti xierqa lill-awtorità baġitarja, sal-15 ta' Frar ta' kull sena finanzjarja, li jiddikjaraw għal kull partita tal-baġit ir-raġunijiet għaliex dawn l-approporzazzjonijiet reġġgħu saru disponibbli.

3. L-awtorità baġitarja għandha tiddeċiedi dwar il-proposti tal-Kummissjoni fi żmien sitt ġimgħat. Meta ma tittieħed l-ebda deċiżjoni matul il-limitu ta' żmien, il-proposti jitqiesu aċċettati.

L-ammont ta' l-approporzazzjonijiet ta' impenji li għandhom isiru disponibbli għal darb'oħra fis-sena n m'għandu qatt jeċċedi l-25 % ta' l-ammont totali disimpenjat fuq l-istess linja tal-baġit fis-sena $n-1$.

4. L-approporzazzjonijiet ta' impenji li reġġgħu saru disponibbli ma għandhomx jitmexxew 'il quddiem.

L-impenji legali li jikkonċernaw l-approporzazzjonijiet ta' impenji li saru disponibbli għal darb'oħra għandhom jiġu konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena n .

Fl-aħħar tas-sena n , il-bilanċ li ma ntużax ta' dawn l-approporzazzjonijiet ta' impenji li saru disponibbli għal darb'oħra għandhom ikunu disimpenjati mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli”.

(98) Fl-Artikolu 163, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'li ġej:

“L-azzjonijiet imsemmijin f'dan it-Titolu jistgħu jiġu implimentati fuq bażi ċentralizzata mill-Kummissjoni, minn ġestjoni konġunta, fuq bażi deċentralizzata mill-pajjiż/i terz/i benefiċjarju/i, jew konġuntament ma' organizzazzjonijiet internazzjonali f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikoli 53 sa 57.”

(99) Jiħassar l-Artikolu 164.

(100) L-Artikolu 166 huwa emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 1 ġie emendat kif ġej:

i) il-punti (a) u (b) ta' l-ewwel subparagrafu huma sostitwiti b'li ġej:

“a) ftehim finanzjarju mfassal bejn il-Kummissjoni, li taġixxi għall-Komunitajiet, u l-pajjiż jew pajjiżi terzi benefiċjarji jew il-korpi li ħatru, minn hawn 'il quddiem: 'il-benefiċjarji’;

b) kuntratt jew ftehim ta' għotja bejn il-Kummissjoni u korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali jew bejn il-Kummissjoni u l-persuni ġuridiċi jew fiżiċi responsabbli għall-eżekuzzjoni ta' l-azzjonijiet.”

ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'li ġej:

“Il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' l-għajnuna esterna għandhom jiġu stabbiliti fl-istrument li bih għandhom ikunu ġestiti l-kuntratti jew l-għotjiet previsti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.”

b) Il-Paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-ftehim finanzjarji mal-pajjiżi terzi benefiċjarji msemmijin fil-paragrafu 1(a) għandhom ikunu konklużi mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena $n + 1$, fejn is-sena n hija s-sena li fiha kien sar l-impenn baġitarju.

Il-kuntratti individwali, id-deċiżjonijiet dwar għotjiet u ftehim li jimplementaw tali ftehim finanzjarji għandhom jiġu konklużi jew jiġu adottati mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim finanzjarju.

Il-kuntratti u ftehim individwali relatati mal-verifika u l-evalwazzjoni jistgħu jiġu konklużi aktar tard”.

c) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

“3. Id-dispożizzjoni taħt il-paragrafu 2 m'għandhiex tapplika għal programmi pluriennali f'dawn il-każijiet li ġejjin:

- il-kooperazzjoni transkonfini, l-iżvilupp reġjonali, l-iżvilupp tar-riżorsi umani u l-komponenti ta' l-iżvilupp rurali tar-Regolament xxxx/2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni;
- il-komponent tal-kooperazzjoni transkonfini tar-Regolament xxxx/2006 li jstabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija.

F'dawn il-każijiet, għandhom japplikaw il-regoli li ġejjin:

- a) Kwalunkwe parti minn impenn baġitarju għal tali programm pluriennali għandha tiġi diżimpenjata awtomatikament meta, sal-31 ta' Diċembru tat-tielet sena wara s-sena *n* li hija s-sena li fiha kien sar l-impenn baġitarju:
 - i) ma tkunx intużat għal għanijiet ta' prefinanzjament; jew
 - ii) ma tkunx intużat biex isiru ħlasijiet intermedji; jew
 - iii) ma tkunx ippreżentata ebda dikjarazzjoni relatata magħha ta' nefqa li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ... tar-Regolament ta' l-IPA jew l-Artikolu ... tar-Regolament ENPI.
- b) Dik il-parti ta' l-impenni tal-baġit li tkun għadha miftuħa sal-31 ta' Diċembru 2017 li għaliha ma saritx dikjarazzjoni ta' nefqa sal-31 ta' Diċembru 2018 għandha tkun awtomatikament diżimpenjata.”

(101) L-Artikolu 167 huwa emendat kif ġej:

a) Fil-paragrafu 1, il-punt (ċ) huwa sostitwit b'li ġej:

“ċ) korp tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali jew persuni ġuridiċi li huma benefiċjarji ta' għotja għall-implimentazzjoni ta' azzjoni esterna.”

b) Il-Paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-proċeduri għall-akkwisti jridu jkunu stabbiliti fil-ftehim finanzjarji jew fid-deċiżjoni dwar l-għotja jew il-ftehim dwar l-għotja previsti fl-Artikolu 166.”

(102) Fit-Titolu IV tat-Tieni Parti, it-titolu tal-Kapitolu 4 huwa sostitwit b'li ġej:

“KAPITOLU 4 Għotjiet”

(103) L-Artikolu 169a li ġej huwa mdaħħal:

“Artikolu 169a

Proċeduri ta' għotja li għandhom jiġu applikati fil-ġestjoni deċentralizzata minn pajjiżi terzi benefiċjarji għandhom ikunu stabbiliti fil-ftehim finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 166. Huma għandhom ikunu bbażati fuq ir-regoli stabbiliti fit-Titolu VI ta' l-Ewwel Parti.”

(104) L-Artikolu 170 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 170

Kull ftehim ta' finanzjament jew ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja għandu jipprevedi espressament li l-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri jkollhom is-setgħa ta' verifika, abbażi ta' dokumenti u fuq il-post, fuq il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li rċevew fondi Komunitarji.”

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (105) Fl-Artikolu 171, il-paragrafu 2 hu sostitwit b'li ġej:
 “2. Dan it-Titolu għandu japplika għall-operat ta' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 174, 174a u l-Artikolu 175(2).”
- (106) L-Artikolu 173 huwa mibdul b'dan li ġej:
 “*Artikolu 173*
 Fir-rigward ta' l-appropriazzjonijiet introdotti fl-Anness għal kull uffiċċju Ewropew, il-Kummissjoni għandha tiddelega l-poteri ta' l-uffiċjal awtorizzanti lid-Direttur ta' l-uffiċċju Ewropew ikkonċernat, skond l-Artikolu 59.”
- (107) Fl-Artikolu 174 (1), it-tieni sentenza hija sostitwita b'li ġej:
 “Id-Direttur ta' l-uffiċċju Ewropew ikkonċernat għandu jadotta, wara approvazzjoni mill-Kumitat ta' Ġestjoni, il-kriterji li fuqhom għandha tkun ibbażata s-sistema ta' kontabilità.”
- (108) L-Artikolu 174a li ġej huwa mdaħħal:
 “*Artikolu 174a*
 1. Kull istituzzjoni tista' tiddelega l-poteri ta' l-uffiċjal awtorizzanti lid-direttur ta' uffiċċju Ewropew interistituzzjonali għall-ġestjoni ta' appropriazzjonijiet imdaħħlin fis-sezzjoni tagħha u għandha tiffissa l-limiti u l-kondizzjonijiet għal din id-delega ta' poteri.
 2. L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita r-responsabbiltajiet kollha stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitolu 8 ta' l-Ewwel Parti.”
- (109) L-Artikolu 175 huwa emendat kif ġej:
 a) jitħassar il-paragrafu 1;
 b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'li ġej:
 “2. Jekk il-kompetenza ta' uffiċċju Ewropew tinvolvi provvisti lil partijiet terzi għal interess pekunarju, id-Direttur tiegħu għandu jadotta, wara l-approvazzjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni, id-dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw kif dawn il-provvisti għandhom isiru u ż-żamma tal-kontijiet korrispondenti.”
- (110) Jitħassar l-Artikolu 176.
- (111) L-Artikolu 178 huwa emendat kif ġej:
 a) fil-paragrafu 1, it-tieni sentenza hija sostitwita b'li ġej:
 “Tali impenji ma jistgħux, madankollu, jeċċedu kwart ta' l-appropriazzjonijiet deċiżi mill-awtorità baġitarja fuq il-linja tal-baġit korrispondenti għas-sena finanzjarja attwali.”;
 b) fil-paragrafu 2, tiżdied is-sentenza li ġejja:
 “F'dan il-każ, il-limitu msemmi fil-paragrafu 1 m'għandux japplika.”
- (112) Fl-Artikolu 179(3), it-tieni u t-tielet subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġej:
 “Jekk waħda mill-fergħat ta' l-awtorità baġitarja għandha l-intenzjoni li toħroġ opinjoni, hija għandha fi żmien ġimagħtejn mill-irċevuta ta' l-informazzjoni dwar il-proġett ta' bini tinnotifika lill-istituzzjoni konċernata bl-intenzjoni tagħha li toħroġ tali opinjoni. Jekk ma jkunx hemm tweġiba, l-istituzzjoni konċernata tista' tipproċedi bl-operat ippjanat taħt l-awtonomija amministrattiva tagħha, soġġett għall-Artikolu 282 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 185 tat-Trattat Euratom fir-rigward tar-rappreżentanza Komunitarja.
 Din l-opinjoni għandha tkun mgħoddija lill-istituzzjoni konċernata fi żmien ġimagħtejn ta' tali notifikazzjoni.”
- (113) Wara l-Artikolu 179, jiddaħħal it-Titolu VII li ġej:

**“TITOLU VII
 ESPERTI**

Artikolu 179a

Ir-regoli implimentattivi għandhom jinkludu proċeduri speċifiċi għall-għażla ta' esperti, li għandhom jitħallsu abbażi ta' ammont fiss, biex jgħinu lill-istituzzjonijiet partikolarment fl-ewalwazzjoni tal-proposti u l-applikazzjonijiet għall-għotjiet jew l-offerti għall-akkwist u għall-provvediment ta' assistenza teknika għall-ewalwazzjoni segwenti u finali tal-proġetti ffinanzjati mill-baġit.”

(114) Jitħassar l-Artikolu 180.

(115) L-Artikolu 181 *huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“Artikolu 181

1. Rigward il-Fondi msemmijin fl-Artikolu 155(1) li għalihom l-atti bażiċi tħassru qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-appropriazzjonijiet li kienu diżimpenjati fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 157(1) jistgħu jsiru disponibbli mill-ġdid fil-każ ta' żball ċar attribwibbli biss lill-Kummissjoni jew fil-każ ta' *force majeure* li għandha riperkussjonijiet serji għall-implimentazzjoni ta' l-operati appoġġati minn dawn il-Fondi.

2. Id-*database* ċentrali msemmija fl-Artikolu 95 għandha titwaqqaf sa l-1 ta' Jannar 2009.

3. Għal trasferimenti ta' appropriazzjonijiet rigward in-nefqa operattiva msemmija fir-regolamenti li jirregolaw il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perijodu ta' l-i-programmar 2000-2006, li għalihom għad iridu jsiru ħlasijiet Komunitarji għall-ftehim finanzjarju għal impenji Komunitarji pendenti sat-tmiem ta' l-assistenza, il-Kummissjoni tista' tagħmel trasferimenti minn titolu għal ieħor, jekk l-appropriazzjonijiet in kwistjoni:

— huma għall-istess objettiv, jew

— huma marbutin ma' inizjattivi Komunitarji jew għal assistenza teknika u miżuri innovattivi u huma trasferiti għal miżuri ta' l-istess natura.

4. L-Artikolu 31(3) għandu japplika għall-ewwel darba għall-fond imsemmi fl-Artikolu 148(1) fir-rigward ta' ħlasijiet imħallsin mill-baġit ta' l- 2008.”

(116) L-Artikolu 185 huwa emendat kif ġej:

a) Fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'li ġej:

“Il-Kummissjoni għandha tadotta qafas ta' regolament finanzjarju għall-korpi mwaqqfin mill-Komunitajiet u li għandhom personalità ġuridika li fil-fatt jirċievu kontribuzzjonijiet imħallsin mill-baġit.”

b) jitħassar il-paragrafu 4.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mid-data tad-dħul fl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2007.

Madankollu, il-punti 80, 84, 85, 86, 87, 88, 89, 90, 91, 92, 93 u 94 ta' l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, [...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

DIKJARAZZJONIJIET TA' L-ISTITUZZJONIJIET

1. Abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-trasparenza

"Il-Kummissjoni tikkommetti ruħha biex tiżgura li fir-Regolamenti ta' implimentazzjoni speċifiċi għas-settur, l-iżvelar ta' informazzjoni dwar benefiċjarji ta' fondi li għejjin minn Fondi Agrikoli (FEADER u FEAGA) huwa komparabbli ma' dak li hemm fir-Regolamenti ta' implimentazzjoni speċifiċi għas-settur għall-Fondi Strutturali. B'mod partikolari ser tiġi żgurata, il-pubblicazzjoni annwali adegwata ex post, għal kull benefiċjarju, ta' l-ammont li kull wieħed ikun irċieva minn dawn il-fondi, sottodiviżi f'kategoriji prinċipali ta' infiq."

2. Abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iffinanzjar tal-partiti politiċi Ewropej

"Il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tressaq, jekk ikun possibbli, qabel Frar ta' l-2007, proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti dwar il-partiti politiċi fuq livell Ewropew u r-regoli rigward l-finanzjar tagħhom permezz ta' l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet xierqa għal eżenzjoni tar-riżorsi proprji mir-regola li ma jsirx qliegħ stipulata fl-Artikolu 109 tar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari kontribuzzjonijiet u miżati ta' sħubija, aggregati fil-ħidma annwali ta' partit politiku fuq livell Ewropew li jaqbeż il-25 % tan-nefqa eliġibbli li titħallas mill-benefiċjarju skond l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003."

3. Abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar derogi mir-Regolament Finanzjarju

"Il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jimpenjaw ruħhom li jinnotifikaw lill-Istituzzjonijiet l-oħra b'kull deroga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju li hemm fil-proposti leġiżlattivi jew femendi għall-proposti leġiżlattivi mressqa lill-awtorità leġiżlattiva u jgħidu r-raġunijiet speċifiċi biex jiġġustifikaw dawn id-derogi."

P6_TA(2006)0558

Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 6/2006

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 6/2006 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006, Taqsima III - Kummissjoni (15635/2006 — C6-0441/2006 — 2006/2265(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 272(4), is-subparagrafu ta' qabel ta' l-aħħar tiegħu,
- wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità għal Enerġija Atomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006, kif adottat finalment fil-15 ta' Diċembru 2005 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib fil-proċedura baġitarja ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-abbozz preliminari ta' baġit ta' emenda Nru 6/2006 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006, ippreżentat mill-Kummissjoni fil-31 ta' Ottubru 2006 (SEC(2006)1410),

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 78, 15.3.2006.

⁽³⁾ ĠU C 172, 18.6.1999, p. 1 Ftehma kif emendata mid-Deċizzjoni 2005/708/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 14.10.2005, p.24).

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- wara li kkunsidra l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 6/2006, li l-Kunsill stabbilixxa fit-30 ta' Novembru 2006 (15635/2006 – C6-0441/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0444/2006),
- A. billi l-għan ta' l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 6/2006 huwa li jibbaġitja żieda fil-previżjoni tad-dħul u tnaqqis f'approprjazzjonijiet ta' ħlas fil-linji ta' baġit għall-Intestaturi 1, 2 u 7, kif ukoll li jimmodifika l-kummenti ta' l-Artikolu 1 1 1 tal-baġit dwar il-ħażna taz-zokkor u ta' l-Artikolu 13 03 08,
- B. billi ż-żieda fil-previżjoni tad-dħul ta' euro 2 667 miljun u t-tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' ħlas ta' euro 4 706 miljun huma sostanzjali,
- C. billi adożżjoni tal-Baġit ta' Emenda Nru 6/2006 se tirriżulta għalhekk fi tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri għal 2006 b'total ta' euro 7 373 miljun,
- D. billi n-nuqqas ta' stimi korretti, b'mod regolari u sistematiku, tad-dħul bl-effetti kollha tiegħu għandu jittqies bħala kwistjoni li ħaqqu aktar skrutinju,
- E. billi l-livell baxx ta' implimentazzjoni ta' ħlasijiet li kienu adottati fil-proċedura baġitarja annwali għadu kawża kostanti ta' tħassib,
- F. billi ż-żewġ ferġat ta' l-awtorità baġitarja waslu għal ftehim dwar il-Baġit għall-2007, inkluż il-livell ta' ħlasijiet,
- G. billi l-Baġit ta' Emenda Nru 6/2006, minħabba l-effetti tiegħu fuq il-livell ta' ħlasijiet fil-Baġit għall-2007, ġie inkluż f'dan il-ftehim,
1. Ifakkar lill-Kummissjoni fir-responsabilità tagħha li tagħmel l-almu tagħha biex timplimenta ħlasijiet kif adottati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-qafas tal-proċedura baġitarja annwali;
 2. Iddeċieda li jaċċetta l-Abbozz ta' Baġit ta' Emenda tal-Kunsill mingħajr emendi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TA(2006)0559

Koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fl-Istati Membri li jikkonċernaw xandir televiżiv *I**

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li jikkonċernaw attivitajiet tax-xandir televiżiv (COM(2005)0646 – C6-0443/2005 – 2005/0260(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0646) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 55 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0443/2005),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0399/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TC1-COD(2005)0260

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Diċembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti b'liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li jikkonċernaw it-tweġġ ta' attivitajiet ta' xandir televiżiv

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 47(2) u 55 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbiliti fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 89/552/KEE ⁽⁴⁾ tikkoordina ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-tweġġ ta' attivitajiet tax-xandir. Madankollu, it-teknoloġiji l-ġodda fit-trażmissjoni tas-servizzi tal-media awdjoviżivi jirrikjedu adattament tal-qafas regolatorju b'mod li jitqies l-impatt tal-bidla strutturali, **tat-tixrid tat-teknoloġiji ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni (ICT) u ta' l-iżviluppi teknoloġiċi fuq mudelli ta' negozju, speċjalment l-iffinanzjar ta' xandir kummerċjali, u biex jiġu żgurati l-aqwa kundizzjonijiet tal-kompetittività u taċ-ċertezza legali** għat-teknoloġiji ta' l-informatika ta' l-Ewropa u l-industriji u s-servizzi tal-media taġħha, **kif ukoll ir-rispett għad-diversità kulturali u lingwistika. Il-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri amministrattivi għandhom ikunu raġonevoli u sempliċi kemm jista' jkun sabiex jippermettu lil servizzi tal-media awdjoviżivi ġodda u eżistenti jiżviluppaw u jirnexxu, b'hekk jiffavorixxu l-ħolqien ta' l-impjiegi, it-tkabir ekonomiku, l-innovazzjoni u d-diversità kulturali.**

⁽¹⁾ ĠU C 318, 23.12.2006, p. 202.

⁽²⁾ ĠU C ...p...

⁽³⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2006.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE tat-3 ta' Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-tweġġ ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU L 298, 17.10.1989, p. 23). Direttiva kif l-aħħar emedata bid-Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 202, 30.7.1997, p. 60).

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (2) Il-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri amministrattivi fl-Istati Membri li jirrigwardaw it-tweġġ ta' attivitajiet tax-xandir televiżiv huma diġà kkoordinati mid-Direttiva 89/552/KEE, filwaqt li r-regoli applikabbli għal attivitajiet bħal **servizzi tal-media skond it-talba (on-demand) huma biss ikkoordinati fir-rigward tad-distribuzzjoni tagħhom mid-Direttiva 2002/21/KE tas-7 ta' Marzu 2002** ⁽¹⁾ u **fir-rigward tan-negozju mid-Direttiva 2000/31/KE tat-8 ta' Ġunju 2000** ⁽²⁾ **dwar il-kummerċ elettroniku; il-kontenut tas-servizzi tal-media awdjoviżivi l-ġodda għadu rregolat mil-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri. Xi wħud minn dawn id-disparitajiet ifixklu l-moviment ħieles ta' dawn is-servizzi fi ħdan l-Unjoni Ewropea u jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni fis-suq komuni.**
- (3) **Is-servizzi tal-media awdjoviżivi huma prodotti kulturali daqs kemm huma prodotti ekonomiċi.** L-importanza tagħhom li qed tikber għas-soċjetajiet, id-demokrazija — **b'mod partikolari billi tkun żgurata l-libertà ta' l-informazzjoni, id-diversità ta' l-opinjoni u l-pluraliżmu fil-media — l-edukazzjoni** u l-kultura tiġġustifika l-applikazzjoni ta' regoli speċifiċi għal dawn is-servizzi, **u l-infurzar ta' dawk ir-regoli, notevolment sabiex jiġu ppreservati d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Libertajiet Ċivili u Politiċi, u sabiex ikun żgurat il-ħarsien tal-minorenni u tal-persuni vulnerabbli u b'diżabilità.**
- (4) Fir-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' l-1 ta' Diċembru 2005 dwar il-preparazzjoni tas-Sitt Konferenza Ministerjali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ f'Hong Kong ⁽³⁾ u dik ta' l-4 ta' April 2006 dwar l-evalwazzjoni tad-Doha Round li segwiet il-Konferenza Ministerjali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) f'Hong Kong ⁽⁴⁾, il-Parlament Ewropew talab li servizzi pubbliċi bażiċi, bħas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi awdjoviżivi jiġu esklużi mil-liberalizzazzjoni fil-qafas tan-negozjati dwar il-GATS. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2006 dwar il-proposta għall-deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-Konklużjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità ta' l-Espressjonijiet Kulturali ⁽⁵⁾, il-Parlament approva l-Konvenzjoni tal-UNESCO, li tistqarr b'mod partikolari li 'l-attivitajiet, il-prodotti u s-servizzi kulturali għandhom natura kemm ekonomika u kemm kulturali, minħabba li huma jwasslu identitajiet, valuri u tifsiriet, u għalhekk ma jridux ikunu ttrattati bħala li għandhom biss valur kummerċjali'.
- (5) L-edukazzjoni tal-media għandha sservi biex tipprovdi liċ-ċittadini bil-mezz sabiex jinterpretaw b'mod kritiku u jużaw il-volum dejjem jikber ta' informazzjoni li bih huma assejati, kif stipulat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa 1466 (2000). Megħjuna minn proċess ta' tagħlim ta' dan it-tip, iċ-ċittadini se jkunu f'pożizzjoni li jifformulaw messaġġi u jagħżlu l-media l-aktar adattati biex jgħaduhom u b'hekk isiru kapaċi li jeżerċitaw bi sħiħ id-dritt tagħhom għal-libertà ta' l-informazzjoni u l-espressjoni.
- (6) Is-servizzi awdjoviżivi tal-media tradizzjonali — **bħat-televiżjoni** — u s-servizzi 'on demand' emerġenti **awdjoviżivi tal-media** joffru opportunitajiet sinifikanti ta' impjiegi fl-**Unjoni Ewropea**, partikolarment f'intrapriżi żgħar u medji, u jstimulaw it-tkabbir ekonomiku u l-investment. **Tenut kont ta' l-importanza ta' kundizzjonijiet ugwali u suq tax-xandir veru Ewropew, il-prinċipji bażiċi tas-suq komuni, bħal-liġi dwar il-kompetizzjoni u t-ttrattament ugwali, għandhom jiġu rispettati sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-prevedibilità fis-swieq tal-media u sabiex jonqsu l-ostakli għall-aċċess.**
- (7) Jeżistu inċertezza legali u kundizzjonijiet mhux ugwali għall-kumpaniji Ewropej li joffru servizzi awdjoviżivi tal-media fir-rigward tar-reġim legali li jirregola servizzi 'on-demand' emerġenti, huwa għalhekk **neċessarju, biex jiġi evitat t-tgħawġ tal-kompetizzjoni, biex titjeb iċ-ċertezza legali, biex ikun imwettaq is-suq intern u biex ikun iffaċilitat il-ħolqien ta' żona waħda ta' informazzjoni**, li għall-inqas jiġi applikat għas-servizzi awdjoviżivi kollha tal-media, **kemm lineari u mhux lineari, irrispettivament minn jekk ikunux trażmessi fuq il-bażi ta' skeda ta' programmi ffissata jew skond it-talba**, livell bażiku ta' regoli kkoordinati **mmirati biex jiggwarantixxu, inter alia, livell suffiċjenti ta' ħarsien tal-minorenni, tal-persuni vulnerabbli u b'diżabilità u r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. Il-prinċipji bażiċi tad-Direttiva 89/552/KEE, jiġifieri l-prinċipju ta' l-istat li jittrażmetti u standards minimi komuni, urew kemm jiswew u għalhekk għandhom jinżammu.**

⁽¹⁾ ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.

⁽²⁾ ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 285 E, 22.11.2006, p. 126.

⁽⁴⁾ ĠU... .

⁽⁵⁾ ĠU...

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (8) Il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-futur ta' politika regolatorja awdjoviżiva Ewropea ⁽¹⁾, li fiha tenfasizza li politika regolatorja fis-settur għandha tissalvagwardja ċerti interessi pubbliċi, bħalma huma d-diversità kulturali, id-dritt għall-informazzjoni, **il-bżonn tal-pluraliżmu fil-media**, il-protezzjoni tal-**minorenni**, **il-protezzjoni tal-konsumatur**, **u azzjoni biex jissaħħu l-għarfien pubbliku u l-ħiliet fil-media u l-prinċipju ta' aċċess universali għas-setturi kollha tal-pubbliku, inklużi dawk li huma l-aktar żvantaġġjati**, issa u fil-futur.
- (9) Il-koeżistenza ta' xandara privati u pubbliċi hija ta' importanza kbira fis-suq tal-media awdjoviżivi, fejn ix-xandara fis-servizz pubbliku jistgħu jibbenefikaw b'mod ugwali mill-vantaġġi ta' l-ekonomija diġitali.
- (10) Il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini huwa kruċjali għall-ħolqien ta' suq awdjoviżiv pan-Ewropew b'industrija b'saħħitha li tipproduċi kontenut Ewropew. Barra minn hekk, il-prinċipju jissalvagwardja d-drittijiet ta' l-ispettaturi li jagħżlu minn varjetà wiesgħa ta' programmi Ewropej.
- (11) Il-Kummissjoni adottat l-inizjattiva "i2010: Is-Soċjetà ta' l-Infommazzjoni Ewropea" ⁽²⁾ biex jitravwmu t-tkabbir u l-impjiegi fis-soċjetà ta' l-infommazzjoni u fl-industrija tal-media. L-inizjattiva i2010 hija strateġija komprensiva mfassla biex **tħeġġeġ il-produzzjoni ta' kontenut Ewropew**, l-iżvilupp ta' l-ekonomija diġitali **u l-adozzjoni ta' l-ICT**, fl-isfond tal-konverġenza tas-servizzi ta' l-infommazzjoni u tal-media, tan-networks u apparat, billi jiġu mmodernizzati u użati b'mod effettiv l-istrumenti kollha tal-politika ta' l-UE: strumenti regolatorji, riċerka u sħubija ma' l-industrija. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li toħloq qafas konsistenti tas-suq intern għas-servizzi tas-soċjetà ta' l-infommazzjoni u għas-servizzi tal-media billi jiġi mmodernizzat il-qafas legali għas-servizzi awdjoviżivi, u bdiet bi proposta tal-Kummissjoni fl-2005 biex tiġi mmodernizzata d-Direttiva **89/552/EEC u titrasformaha f'Direttiva dwar Servizzi tal-Media Awdjoviżivi. L-għan ta' l-i2010 għandu jintlaħaq fi prinċipju billi l-industrija jitħallew jikbru b'regolazzjoni minima, kif ukoll billi negozji żgħar li jkunu għadhom jibdeu, li huma l-ġid tal-ġejjieni u dawk li joħlqu l-impjiegi fil-futur, jitħallew jikbru, ikunu innovattivi u joħlqu l-impjiegi f'suq deregolarizzati.**
- (12) Fis-6 ta' Settembru 2005, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 89/552/KEE, kif emendata mid-Direttiva 97/36/KE, għall-perjodu 2001-2002 ⁽³⁾. Dik ir-Riżoluzzjoni — **bħar-riżoluzzjonidwar it-Televiżjoni mingħajr Fruntieri ta' l-4 ta' Settembru 2003** ⁽⁴⁾— tappella biex id-Direttiva 89/552/KEE **dwar it-Televiżjoni mingħajr Fruntieri** tiġi adattata għal bidliet strutturali u żviluppi teknoloġiċi filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji bażiċi tagħha fis-sħuħija tagħhom, li jibqgħu validi. Barra minn hekk, fil-prinċipju tappoġġja l-aproċċ ġenerali ta' regoli bażiċi għas-servizzi awdjoviżivi kollha tal-media u għal regoli addizzjonali għal servizzi (ta' xandir) lineari.
- (13) Din id-Direttiva ttejjeb il-konformità mad-drittijiet fundamentali u **tfittex li tinkorpora l-prinċipji, id-drittijiet u l-libertajiet stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea**, b'mod partikulari l-Artikolu 11 tagħha. **F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom iwaqqfu awtorità regolatorja indipendenti waħda jew aktar, jekk għadhom m'għamlux hekk. Awtoritajiet bħal dawn għandhom ikunu l-garanti tad-drittijiet fundamentali tal-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżivi. Stati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk ikunx xieraq li jkollhom awtorità regolatorja waħda għas-servizzi tal-media awdjoviżivi kollha jew diversi awtoritajiet separati għal kull kategorija ta' servizz (lineari jew mhux lineari).** Barra minn hekk, din id-Direttiva ma twaqqaf bl-ebda mod lill-Istati Membri milli japplikaw ir-regoli kostituzzjonali **jew l-arranġamenti regolatorji** tagħhom relatati mal-libertà ta' l-istampa u mal-libertà ta' espressjoni fil-media.
- (14) Ir-reqwiżit li l-Istat Membru ta' oriġini għandu jiżgura konformità mal-liġi nazzjonali kif ikkoordinat b'din id-Direttiva huwa biżżejjed skond il-liġi tal-Komunità biex jiġi żgurat moviment ħieles ta' servizzi tal-media awdjoviżivi mingħajr kontroll sekondarju fuq l-istess bażi fl-Istat Membru riċevitur; madankollu, l-Istat Membru riċevitur jista' f'każ eċċezzjonali u skond kundizzjonijiet speċifiċi, jidderoga minn dan ir-reqwiżit fil-każ ta' ksur serju ta' l-Artikoli 3d, 3e, 22(1) u (2) tad-Direttiva 89/552/KEE, filwaqt li jitqies il-fatt li r-rispett għad-drittijiet fundamentali jiffirma parti integrali mill-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità.

⁽¹⁾ COM (2003) 0784.⁽²⁾ COM (2005) 0229.⁽³⁾ ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 117.⁽⁴⁾ ĠU C 76 E, 25.3.2004, p. 453.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (15) **Id-Direttiva ta' Qafas ħolqot qafas legali uniformi għan-networks u għas-servizzi kollha ta' trażmissjoni, iżda skond** l-Artikolu 1(3) tagħha hi bla ħsara għall-miżuri meħuda fil-livell Komunitarju jew nazzjonali, biex jiġu segwiti l-għanijiet ta' interess ġenerali, b'mod partikulari dawk relatati mar-regolazzjoni tal-kontenut u mal-politika awdjoviżiva ***bil-ħsieb li r-regolazzjoni dwar it-trażmissjoni tiġi sseparata mir-regolazzjoni dwar il-kontenut.***
- (16) Id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku m'għandha l-ebda dispożizzjoni sostanzjali speċifika li tirregola s-servizzi tal-media awdjoviżivi u tħalli l-għażla lill-Istati Membri li jidderogaw mill-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini fuq kwistjonijiet speċifiċi ta' politika pubblika fuq bażi ta' kull każ għalih u f'konformità ma' proċedura ta' notifika. Din id-Direttiva testendi l-qasam tal-liġi tal-Komunità armonizzata billi timponi standards minimi addizzjonali għal servizzi tal-media awdjoviżivi mhux lineari maħsuba għall-protezzjoni tal-minorenni u għall-promozzjoni tad-diversità kulturali. B'dan il-mod din id-Direttiva tibni fuq id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku f'dawn l-oqsma biex tkopri sett sekondarju speċifiku ta' servizzi awdjoviżivi mhux lineari li huma ta' importanza partikolari għas-soċjetà u li huma kkaratterizzati mid-dimensjoni kulturali tagħhom. Għal dawn is-servizzi l-grad ta' koordinazzjoni ta' regoli nazzjonali huwa ogħla u s-suq intern huwa aktar komplet.
- (17) L-ebda dispożizzjoni ta' din id-Direttiva m'għandha tirrikjedi jew tinkoraġġixxi lill-Istati Membri li jimponu sistemi ġodda ta' *liċenzjar*, jew awtorizzazzjoni amministrattiva fuq kwalunkwe tip ta' *media awdjoviżiva*.
- (18) Id-definizzjoni tas-servizzi awdjoviżivi tal-media tkopri s-servizzi tal-media tal-massa awdjoviżivi kollha ***li l-kontenut tagħhom ikun xieraq għal xandir televiżiv tkun xi tkun il-pjattaforma li bihom jitwasslu***, kemm jekk ***l-approċċ editorjali u r-responsabbiltà tal-fornitur ikunu riflissi fi skeda ta' programm kif ukoll f'katalogu ta' selezzjoni.*** Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa limitat għas-servizzi kif definit mit-Trattat u għalhekk ikopri kull forma ta' attività ekonomika, inkluż dik ta' l-intrapriżi ta' servizz pubbliku. ***L-element ekonomiku jrid ikun sinifikanti sabiex tkun iġġustifikata l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Attivitàet ekonomiċi huma normalment ipprovduti bi ħlas, intenzjonati għal perjodu ta' żmien partikulari u kkaratterizzati b'ċerta kontinwità; l-evalwazzjoni ta' l-element ekonomikugħandha tkun suġġetta għall-kriterji u r-regoli tal-pajjiż ta' oriġini. Għalhekk, id-definizzjoni tas-servizzi tal-media awdjoviżivi ma tkoprix attivitàet mhux ekonomiċi li normalment ma jiġux ipprovduti bi ħlas, bħalma huma l-weblogs u kontenut ieħor maħluq mill-utent jew kwalunkwe forma ta' korrisondenza privata, bħalma huma emails u websajts privati.***
- (19) Id-definizzjoni ta' servizzi awdjoviżivi tal-media tkopri l-media tal-massa ***b'responsabbiltà editorjali*** fil-funzjoni tagħha biex toffri informazzjoni, divertiment u edukazzjoni ***lill-pubbliku ġenerali, tinkludi komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi*** imma teskludi kwalunkwe forma ta' korrisondenza privata, bħal emails mibgħuta lil numru limitat ta' riċevituri. Id-definizzjoni teskludi wkoll is-servizzi kollha ***li l-għan prinċipali tagħhom mhux id-distribuzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv, eż. fejn kwalunkwe kontenut awdjoviżiv huwa sempliċiment iċċidentali għas-servizz u mhux ir-raġuni prinċipali.*** L-eżempji jinkludu *websites* li jkollhom biss elementi awdjoviżivi b'mod aċċillari, bħal elementi grafiċi animati, pubbliċità qasira jew informazzjoni relatata ma' prodott jew servizz mhux awdjoviżiv. ***Barra minn hekk, skond id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku, huma esklużi wkoll il-logħob tax-xorti bi premju li jirrappreżenta somma ta' flus, inklużi lotteriji u mħatri, sakemm l-għan ewlieni tagħhom ma jkunx id-distribuzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv. Eżempji oħrajn huma l-logħob online u 'search engines', sakemm l-iskop prinċipali mat-tkunj id-distribuzzjoni tal-kontenut awdjoviżiv.***
- (20) Is-servizzi ta' xandir televiżiv, i.e. is-servizzi lineari, bħalissa jinkludu b'mod partikulari t-televiżjoni 'analogue' u diġitali, 'streaming' dirett, 'webcasting' u 'near-video-on-demand', filwaqt li 'video-on-demand', pereżempju, huwa wieħed mis-servizzi skond it-talba, i.e. mhux lineari. Għal servizzi tal-media awdjoviżivi lineari jew għal servizzi ta' xandir televiżiv li huma offruti wkoll fuq bażi diretta jew differita bħala servizzi mhux lineari mill-istess fornitur ta' servizz tal-media, ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jitqiesu li japplikaw biss għat- trażmissjoni lineari. Madankollu, meta tipi ta' servizzi differenti huma offruti b'mod parallel, mingħajr ma parti minnhom tkun subordinata b'mod ċar għal oħra, din id-Direttiva għandha tibqa' tapplika għal dawk il-partijiet rikonnoxxibbli tas-servizz li jissodisfaw il-kriterji kollha ta' servizz tal-media awdjoviżiv.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (21) Id-definizzjonijiet f'din id-Direttiva, b'mod partikolari d-definizzjonijiet tax-xandir televiżiv, servizzi lineari u mhux lineari, huma stipulati biss għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva u d-Direttiva 89/552/KEE u ma jaffettwawx id-drittijiet bażiċi protetti mill-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet assoċjati. Il-kamp ta' applikazzjoni u r-reġim legali ta' dawn id-drittijiet mhumiex ippreġudikati minn dawn id-definizzjonijiet u jibqgħu jkunu regolati b'mod indipendenti mil-leġiżlazzjoni rilevanti.
- (22) Din id-Direttiva ma tkoprix verżjonijiet elettroniċi ta' gazzetti u rivisti.
- (23) **Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "awdjoviżiv" jirreferi għal immaġni li jiċċaqilqu bil-ħoss jew mingħajru, u għalhekk jinkludi films mingħajr ħoss iżda ma jinkludix xandiriet bl-awdjo jew servizzi tar-radju.**
- (24) Servizz tal-media awdjoviżiv jikkonsisti fi programmi, i.e. sekwenza diskreta ta' immaġni li jiċċaqilqu bil-ħoss jew mingħajru li huma suġġetti għal responsabilita' editorjali, li huma jew trażmessi permezz ta' fornitur tas-servizz tal-media skond skeda ta' ħin fissa jew miġbura fil-forma ta' katalogu.
- (25) L-idea ta' responsabilita' editorjali hija essenzjali għad-definizzjoni ta' l-irwol tal-fornitur tas-servizz tal-media u għalhekk għad-definizzjoni tas-servizzi awdjoviżivi tal-media. **"Responsabilita' editorjali" tfisser ir-responsabilita' għall-għażla u għall-organizzazzjoni, fil-kapaċita' professjonali, tal-kontenut ta' offerta awdjoviżiva. Din tista' tiġi eżerċitata fuq kontenut individwali jew fuq ġabra ta' kontenuti. Tali responsabilita' editorjali tapplika għall-kompożizzjoni ta' l-iskeda, fil-każ ta' programmi televiżivi, jew għall-katalogu tal-programm, fil-każ ta' servizzi mhux lineari.** Din id-Direttiva hija bla ħsara għall-eżenzjonijiet ta' responsabilita' stipulati fid-Direttiva **dwar il-Kummerċ Elettroniku.**
- (26) Is-sempliċi forniment tekniku, b'mezzi terrestri jew bis-satellita, ta' servizz tal-media awdjoviżiv ma jagħtix awtomatikament status ta' fornitur ta' servizz tal-media skond it-tifsira ta' din id-Direttiva; l-istess prinċipju japplika fejn issir deċiżjoni ta' għażla, sakemm terza parti fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jkollha r-responsabilita' editorjali b'mod ċar.
- (27) Il-kriterji stipulati fid-definizzjoni tas-servizzi tal-media awdjoviżivi, kif stabbiliti fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/552/KEE u deskritti fid-dettall fil-Premessi 18 sa 26 ta' din id-Direttiva, iridu jkunu sodisfatti fl-istess ħin.
- (28) Id-definizzjoni aktar wiesgħa ta' komunikazzjoni awdjoviżiva kummerċjali hija introdotta flimkien mar-reklami u t-telebejgħ. Din tinkludi stampi li jiċċaqilqu bil-ħoss u mingħajru li **huma trażmessi bħala parti minn servizz awdjoviżiv tal-media u li jiffurmaw parti minn jew jakkumpanjaw programmi** u li huma mfassla biex jippromwovu, direttament jew indirettament, lill-oġġetti, lis-servizzi jew lill-istampa jew lil entità fiżika jew ġuridika li twestaq attività ekonomika u għalhekk ma tinkludix avviżi ta' servizz pubbliku u appelli ta' karita' mxandra bla ħlas.
- (29) Il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġni jibqa' l-qalba ta d-Direttiva 89/552/KEE, peress li hu essenzjali għall-ħolqien tas-suq intern. Għalhekk, **dan il-prinċipju jrid jiġi applikat għas-servizzi awdjoviżivi tal-media kollha sabiex tkun żgurata ċertezza legali lill-fornituri tas-servizzi tal-media bħala bażi neċessarja għal mudelli ta' negozji ġodda u għat-twettiq ta' dawn is-servizzi.** Huwa wkoll essenzjali sabiex tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera ta' informazzjoni u ta' programmi awdjoviżivi fis-suq intern. **L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju ma tistax teskludi l-konsiderazzjoni tal-kriterji ta' l-oriġini tar-riżorsi ta' servizz bil-ħsieb li jkunu żgurati l-kundizzjonijiet għal kompetizzjoni ġusta.**
- (30) Sabiex tkun promossa industrija awdjoviżiva Ewropea b'saħħitha, kompetittiva u integrata, u sabiex jikber il-pluraliżmu fil-media madwar l-Unjoni Ewropea, jibqa' essenzjali li Stat Membru wieħed biss ikollu ġurisdizzjoni fuq fornitur tas-servizzi tal-media awdjoviżivi u li l-pluraliżmu ta' l-informazzjoni għandu jkun prinċipju fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

- (31) Huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri jevitaw il-ħolqien ta' pożizzjonijiet dominanti li jwasslu għal limitazzjoni tal-pluraliżmu u għal restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' l-informazzjoni tal-media kif ukoll fuq is-settur ta' l-informazzjoni fis-sħuħija tiegħu, pereżempju billi jittieħdu miżuri biex ikun żgurat aċċess mhux diskriminatorju għal offerti ta' servizzi tal-media awdjoviżivi fl-interess pubbliku, eż. permezz ta' regoli 'must-carry'.
- (32) Żviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward ta' programmi diġitali bis-satellita, ifissru li hemm bżonn jiġu adattati kriterji sussidjarji sabiex tkun żgurata regolazzjoni xierqa u implimentazzjoni effettiva u sabiex *il-parteċipanti jingħataw setgħa ġenwina fuq il-kontenut ta' servizz tal-media awdjoviżivi*.
- (33) Peress li din id-Direttiva tikkonċerna servizzi offruti lill-pubbliku ġenerali fl-Unjoni Ewropea, għandha tapplika biss għas-servizzi awdjoviżivi tal-media li l-pubbliku jista' jirċievi b'mod dirett jew indirett fi Stat Membru jew aktar b'apparat standard tal-konsumatur. Id-definizzjoni ta' "apparat standard tal-konsumatur" għandha titħalla f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
- (34) L-Artikoli 43 sa 48 tat-Trattat jistipulaw id-dritt fundamentali għal-libertà ta' l-istabbiliment. Għalhekk il-fornituri ta' servizzi awdjoviżivi tal-media huma b'mod ġenerali ħielsa biex jagħżlu f'liema Stat Membru jridu jkunu stabbiliti. Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea enfasizzat ukoll li "it-Tratta ma jipprojbixx intrapriża milli teżerċita l-libertà li tipprovi servizzi jekk ma toffrix servizzi fl-Istat Membru li tkun stabbilita fih" ⁽¹⁾.
- (35) L-Istati Membri jridu jkunu kapaċi japplikaw regoli aktar stretti fl-oqsma kkoordinati minn din id-Direttiva fuq il-fornituri tas-servizzi tal-media fil-ġurisdizzjoni tagħhom **filwaqt li jridu jiżguraw li daww ir-regoli jkunu konsistenti mil-liġi tal-kompetizzjoni tal-komunità**. Sabiex ikun żgurat li dawn ir-regoli ma jiġux evitati, il-kodifikazzjoni tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ⁽²⁾, magħquda ma' proċedura aktar effiċjenti, hi soluzzjoni xierqa li tqis *it-tħassib* ta' l-Istati Membri mingħajr ma tikkomprometti l-applikazzjoni kif suppost tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini.
- (36) Sabiex Stat Membru jgħib provi fuq bażi ta' kull każ għalih li fornitur ta' servizz tal-media li jkun stabbilit fi Stat Membru ieħor ikun qed jevita r-regoli tiegħu, dak l-Istat Membru jista' jiċċita indikaturi bħall-oriġini tar-riklamar u/jew dħul minn abbonament, il-lingwa ewlenija tas-servizz jew l-eżistenza ta' programmi jew komunikazzjonijiet kummerċjali mmirati speċifikament lejn il-pubbliku fl-Istat Membru li jirċevihom.
- (37) Skond din id-Direttiva, minkejja l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini, Stati Membri xorta jistgħu jieħdu miżuri li jillimitaw il-libertà tal-moviment tax-xandir televiżiv **jew tas-servizzi tal-media awdjoviżivi mhux lineari**, iżda biss taħt ċerti kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 2a tad-Direttiva 89/552/KEE u bil-proċedura stipulata f'din id-Direttiva. *Madankollu, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dejjem sostniet li kwalunkwe limitazzjoni tal-libertà għall-provvediment ta' servizzi, bħalma hija kwalunkwe deroga minn prinċipju fundamentali tat-Trattat, għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv. Għandha tingħata ukoll konsiderazzjonijiet partikulari għall-ħarsien tal-minorenni u s-saħħa, iżda taħt l-ebda ċirkostanza ma għandu jkun permess il-kontroll ex ante ta' ideat jew opinjonijiet ⁽³⁾. F'dak li jirrigwarda servizzi awdjoviżivi mhux lineari, il-possibiltà li Stat Membru jieħu miżuri skond l-Artikolu 2a tad-Direttiva 89/552/KEE tiegħu post il-miżuri possibbli li setgħu ttieħdu minn dak l-Istat Membru kif stipulati fl-Artikolu 3(4) u/jew l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku fil-qasam ikkoordinat mill-Artikolu 3d u 3e tad-Direttiva 89/552/KEE.*

⁽¹⁾ Kawża C-56/96 *VT4 Ltd v Vlaamse Gemeenschap* [1997] ECR I-03143, paragrafu 22; Kawża C-212/97 *Centros Ltd v Erhvervs-og Selskabsstyrelsen* [1999] ECR I-0145, *Centros v Erhvervs-og Selskabsstyrelsen*; ara wkoll: Kawża C-11/95 *Kummissjoni v ir-Renju tal-Belġju* [1996] ECR I-04115, u l-Kawża C-14/96 *Paul Denuit* [1997] ECR I-02785.

⁽²⁾ Kawża C-212/97 *Centros Ltd v Erhvervs-og Selskabsstyrelsen*; Kawża C-33/74 *Van Binsbergen v Bestuur van de Bedrijfsvereniging voor de Metaalnijverheid* [1974] ECR 1299; Kawża 23/93 *TV 10 SA v Commissariaat voor de Media* [1994] ECR I-04795, paragrafu 21.

⁽³⁾ Kawża C-355/98 *Kummissjoni v l-Belġju* [2000] ECR I-1221, paragrafu 28; Kawża C-348/96 *Calfa* [1999] ECR I-0011, paragrafu 23.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (38) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar Regolazzjoni Aħjar għat-Tkabir u għall-Impjieg fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, il-Kummissjoni enfasizzat li għandha tiġi kkunsidrata analiżi bir-reqqa ta' approċċ regolatorju xieraq, b'mod partikulari jekk leġiżlazzjoni hijiex preferibbli għas-settur u għall-problema rilevanti, jew jekk alternattivi bħalma huma l-koregolazzjoni jew l-awto-regolazzjoni. **Barra minn hekk**, l-esperjenza wriet li **kemm** l-istrumenti ta' l-koregolazzjoni **kif ukoll dawk ta'** awtoregolazzjoni implimentati b'konformità mad-diversi tradizzjonijiet legali ta' l-Istati Membri jistgħu jkollhom rwol importanti biex jipprovdu protezzjoni tal-konsumatur ta' livell għoli. **Miżuri mmirati għall-kisba ta' objettivi ta' interess pubbliku fis-settur emerġenti tas-servizzi tal-media awdjoviżivi jkunu aktar effettivi jekk dawn jittieħdu bl-appoġġ attiv tal-fornituri tas-servizzi nfushom. Għalhekk, l-awtoregolazzjoni hija tip ta' inizjattiva volontarja li tippermetti lill-operaturi ekonomiċi, lis-sħab soċjali u lill-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet mhux governattivi li jadottaw bejniethom u għalihom infushom linji gwida komuni. L-Istati Membri għandhom, b'konformità mad-diversi tradizzjonijiet legali tagħhom, jirrikonoxxu l-irwol effettiv li awtoregolazzjoni effettiva jista' jkollha sabiex tikkumplementa l-leġiżlazzjoni u l-mekkaniżmi ġuridiċi u/jew amministrattivi attwali u jirrikonoxxu l-kontribut utli favur il-kisba ta' l-objettivi ta' din id-Direttiva. Madankollu, filwaqt li l-awtoregolazzjoni tista' tkun metodu kumplementari sabiex jiġu implimentati ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, din iżda ma tistax tissostitwixxi l-obbligu tal-leġiżlatur nazzjonali. Il-koregolazzjoni, fil-forma minimali tagħha, tipprovdi "rabta legali" bejn l-awtoregolazzjoni u l-leġiżlatur nazzjonali b'konformità mat-tradizzjonijiet legali ta' l-Istati Membri.**
- (39) It-terminu ġeneriku "koregolazzjoni" jkopri strumenti regolatorji li huma bbażati fuq il-koperazzjoni bejn korpi ta' l-Istat u korpi awtoregolatorji, u jvarjaw ħafna fit-termini ta' l-ismijiet u l-istrutturi tagħhom fuq il-livell nazzjonali. Is-sura proprja li jieħdu dawn l-istrumenti tirrifletti t-tradizzjoni speċifika tar-regolazzjoni tal-media fl-Istati Membri individwali. Sistemi ta' awtoregolazzjoni għandhom inkomuni l-ħidmiet u l-objettivi li oriġinalment kienu l-kompitu ta' l-Istat issa qed jitwettqu f'koperazzjoni mal-partijiet affettwati mir-regolazzjoni. Il-parteċipanti nfushom, sew jekk ikunu maħtura sew jekk awtorizzati mill-Istat, għandhom jiggarratixxu li jintlaħaq l-objettiv regolatorju. F'kull każ is-sistemi huma msejsa fuq qafas legali ta' l-Istat li jistipula l-istruzzjonijiet dwar il-kontenut, l-organizzazzjoni u l-proċeduri. Abbażi ta' dan, il-partijiet interessati joħolqu kriterji, regoli u strumenti ulterjuri, u huma stess jikkontrollaw jekk ikunx hemm konformità magħhom. L-awtoregolazzjoni kif hija ddefinita tippermetti li għarfien speċjalizzat jiġi sfruttat għal ħidmiet amministrattivi, u jistgħu jiġu evitati proċeduri burokratiċi. Huwa neċessarju li l-partijiet kollha, jew għallinqas dawk l-iktar influwenti, jipparteċipaw jew jirrikonoxxu s-sistema. L-awtoregolazzjoni taħdem billi tikkombina istruzzjonijiet lill-partijiet interessati ma' opportunitajiet għal intervent mill-Istat jekk dawk l-istruzzjonijiet ma jitwettqux.
- (40) Id-drittijiet ta' xandir għall-iskop ta' divertiment għal avvenimenti ta' interess pubbliku jistgħu jinkisbu mix-xandara fuq bażi esklussiva. Pero' huwa essenzjali li l-pluraliżmu jiġi promoss permezz tad-diversità fil-produzzjoni u l-programmazzjoni ta' aħbarijiet madwar l-Unjoni Ewropea, u li jiġu rispettati l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.
- (41) Għalhekk, sabiex titħares il-libertà fundamentali li wieħed jirċievi tagħrif u sabiex jiġi żgurat li l-interessi ta' l-udjenza fl-Unjoni Ewropea jiġu protetti b'mod sħiħ u xieraq, dawk li jeżerċitaw drittijiet esklussivi fir-rigward ta' avveniment ta' interess **kbir għall-pubbliku iridu** jagħtu lil xandara u lil intermedjarji oħra, fejn ikunu qed jaġixxu fisem ix-xandara, id-dritt li jużaw siltiet qosra għall-finijiet ta' **programmi** ta' aħbarijiet ġenerali fuq il-bażi ta' termini li huma ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji u li jqisu b'mod xieraq id-drittijiet esklussivi. Termini bħal dawn għandhom jiġu kkomunikati fi żmien xieraq qabel ma jsir l-avveniment ta' interess pubbliku sabiex partijiet oħrajn jingħataw ħin biżżejjed biex jeżerċitaw dan id-dritt. Bħala regola ġenerali, *dan it-tip ta' siltiet qosra m'għandhomx: jaqbzū d-90 sekonda; jiġi trażmess qabel jispiċċa l-avveniment, jew fil-każ ta' avvenimenti sportivi qabel ma jispiċċa l-logħob ta' dak il-ġurnata — skond min jiġi l-ewwel minn dawn it-tnejn; jintwerew aktar tard minn 36 siegħa wara l-avveniment; jintużaw biex jinholq arkivju pubbliku; ineħħu s-simbolu tax-xandar oriġinali jew kull identifikazzjoni tiegħu; jew jintużaw f'servizzi mhux lineari apparti dawk li jiġu offruti fuq bażi diretta jew diferita mill-istess fornitur tas-servizzi tal-media. Id-dritt ta' aċċess transkonfinali għall-aħbarijiet għandu japplika fejn ikun neċessarju biss. Għalhekk, jekk xandar ieħor fl-istess Stat Membru ikun akkwista drittijiet esklużivi għall-avveniment konċernati, l-aċċess għandu jintalab mingħand dak ix-xandar. Għal xandara pan-Ewropej, il-leġiżlazzjoni rilevanti hija dik ta' l-Istat Membru fejn iseħħ l-avveniment.*

(1) COM(2005)0097.

- (42) Il-litteriżmu tal-media jirreferi għall-kompetenzi, l-għarfien u l-fehim li jippermettu li l-konsumatur juża l-media b'mod effettiv. Persuni li huma litterati fil-media jkunu kapaċi jagħmlu għażliet b'mod infurmat; jifhemu n-natura tal-kontenut u tas-servizzi; ikunu kapaċi jieħdu vantaġġ mill-għażla sħiħa ta' opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji tal-komunikazzjoni ġodda, u jkunu aktar kapaċi jipproteġu lilhom infushom u l-familji tagħhom minn materjal ta' ħsara jew offensiv. Għalhekk, huwa importanti ħafna li l-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp tal-litteriżmu tal-media fl-oqsma kollha tas-soċjetà u li jwettqu riċerka regolari biex jissorveljaw il-litteriżmu u biex jagħtu informazzjoni dwar l-approċċ tagħhom għar-regolazzjoni tal-kontenut.
- (43) Servizzi mhux lineari huma differenti minn servizzi lineari fir-rigward ta' l-għażla u l-kontroll li l-utent jista' jeżerċita u fir-rigward ta' l-impatt li jkollhom fuq is-soċjetà⁽¹⁾. ***Din id-differenza*** tiġġustifika l-impożizzjoni ta' regolazzjoni anqas stretta fuq servizzi mhux lineari, li għandhom jikkonformaw biss mar-regoli bażiċi stipulati fl-Artikoli 3c sa 3h ***tad-Direttiva 89/552/KEE***.
- (44) Minħabba n-natura speċifika tas-servizzi tal-*media* awdjoviżivi, speċjalment l-impatt ta' dawn is-servizzi fuq il-mod li bih n-nies jiffurmaw l-opinjoni tagħhom, huwa essenzjali li l-utenti jkunu jafu eżattament min hu responsabbli għall-kontenut ta' dawn is-servizzi. Għalhekk huwa importanti għall-Istati Membri li jiżguraw li ***L-utenti jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-metodi ta' kif tiġi eżerċitata*** r-responsabilità editorjali għall-kontenut ***u minn min din tiġi eżerċitata***. Huwa fidejn kull Stat Membru li jiddeċiedi d-dettalji prattiċi dwar kif għandu jintlaħaq l-għan bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tal-liġi Komunitarja.
- (45) Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma strettament limitati għall-minimu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-oġettiv tal-funzjonament xieraq tas-suq intern. Meta tinħtieġ azzjoni fuq livell ta' Komunità, u sabiex jiġi ggarantit spazju li ġenwinament huwa mingħajr fruntieri interni fejn jidhru s-servizzi tal-*media* awdjoviżivi, id-Direttiva ***89/552/KEE*** għandha ***tippromwovi*** livell għoli ta' ħarsien ta' l-oġettivi ta' interess ġenerali, b'mod partikulari l-ħarsien tal-minorenni, ***tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità*** u tad-dinjità tal-bniedem.
- (46) Kontenut u kondotta fis-servizzi tal-*media* awdjoviżivi li jagħmlu ħsara jkomplu jkunu ta' tħassib għall-leġiżlaturi, għall-industrija u għall-ġenituri. ***F'dan ir-rigward jidher neċessarju li jkunu edukati mhux biss it-tfal, iżda ukoll-ġenituri, l-għalliema u l-edukaturi, sabiex jagħmlu l-aħjar użu mill-media ta' komunikazzjoni, b'mod partikulari servizzi tal-media awdjoviżivi, ikun x'ikun il-mod li bih jiġu furnuti. Għalhekk*** huwa neċessarju li jiġu introdotti regoli li jħarsu l-iżvilupp fiżiku, mentali u moral ta' minorenni kif ukoll id-dinjità tal-bniedem fis-servizzi tal-*media* awdjoviżivi u l-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva kollha, ***ir-reklamar, it-telebejgħ, l-isponsorjar, it-tqegħid tal-prodott u kwalunkwe metodu ieħor ta' komunikazzjoni teknikament fattibbli***.
- (47) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kurrikuli nazzjonali rispettivi u l-korsijiet ta' edukazzjoni wara s-sekondarja tagħhom jipprovdu analiżi kritika tal-media.
- (48) Miżuri li jittieħdu biex jitħarsu l-minorenni u d-dinjità tal-bniedem għandhom ikunu bbilanċjati b'mod kawt mad-dritt fundamentali tal-libertà ta' l-espressjoni kif stipulat fil-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. ***Madankollu*** l-għan ta' dawn il-miżuri għandu jkun li jiġi żgurat livell xieraq ta' protezzjoni ta' minorenni ***u tad-dinjità tal-bniedem***, fir-rigward ta' servizzi mhux ***lineari, permezz ta' obbligu sabiex b'mod ċar tingħied attenzjoni speċifika għal ċerti programmi qabel ma jkunu trazzmessi u skond kemm l-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, li jirrikonoxxi li d-dinjità tal-bniedem hija inviolabbli u għandha tiġi rispettata u protetta, kif ukoll l-Artikolu 24 tal-Karta, li jiddikjara li t-tfal għandu jkollhom id-dritt għal tali protezzjoni u kura jekk ikun meħtieġ għall-benessri tagħhom, u li fl-azzjonijiet kollha li huma relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi kif ukoll minn istituzzjonijiet privati, l-aqwa interessi tat-tfal għandhom ikunu l-konsiderazzjoni ewlenija***.
- (49) Minorenni u persuni vulnerabbli u persuni b'diżabilità, inklużi dawk li għandhom diżabilità mentali, jafu jkunu partikularment affettwati jew disturbati jew jgħaddu minn taqlib psikiku jew psikoloġiku minn programmi li jkollhom xeni ta' vjolenza verbali, fiżika jew morali jew minn xeni li joffendu d-dinjità tal-bniedem jew jinċitaw il-mibegħda razzjali jew kwalunkwe tip ieħor ta' diskriminazzjoni. Peress li wieħed mill-oġettivi ta' din id-Direttiva huwa li tipproteġi tali persuni iġġenerali, l-Istati Membri huma mħeġġa b'mod qawwi li jfakkru lill-fornituri ta' servizzi tal-*media* awdjoviżivi dwar din il-ħtieġa ewlenija u li jesiguhom jindikaw b'mod ċar in-natura partikulari ta' programmi bħal dawn qabel ma jkunu mxandra.

⁽¹⁾ Kawża C89/04 Mediakabel [2005] ECR I-4891

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (50) L-ebda mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-minorenni u l-ordni pubblika ma teżiġi li l-miżuri kkonċernati jkunu implimentati permezz ta' kontrolli preċedenti tas-servizzi awdjoviżivi tal-media.
- (51) L-Artikolu 151(4) tat-Trattat KE jirrikjedi li l-Komunità għandha tqis l-aspetti kulturali fl-azzjoni tagħha taħt dispożizzjonijiet oħrajn tat-Trattat. *B'mod partikulari id-diversità tal-kulturi u l-lingwi tagħha, għandha tiġi rrispettata u mmexxija 'l quddiem, u l-**fehmi reċiproku** għandu jiġi mħeġġeġ.*
- (52) Servizzi awdjoviżivi mhux lineari tal-media għandhom il-potenzjal li parzjalment jieħdu post is-servizzi lineari. Għalhekk, għandhom jipromwovu, fejn huwa prattiku, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tax-xogħlijiet Ewropej u b'hekk jikkontribwixxu b'mod attiv għall-promozzjoni tad-diversità kulturali. **Appoġġ bħal dan għal xogħlijiet Ewropej jista' jieħu s-sura, pereżempju, ta' sehem minimu fix-xogħlijiet Ewropej proporzjonali għall-prestazzjoni ekonomika, sehem minimu f'xogħlijiet Ewropej fil-katalogi 'video-on-demand', jew il-preżentazzjoni attraenti ta' xogħlijiet Ewropej fi gwidi ta' programmi elettroniċi.** Għandu jkun importanti li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej minn servizzi awdjoviżivi tal-media jiġu regolament rieżaminati. Fl-ambitu tal-qafas tar-rapporti stipulati fl-Artikolu 3f (3) **tad-Direttiva 89/552/KEE**, l-Istati Membri għandhom iqisu wkoll, *elementi bħall-kontribuzzjoni finanzjarja ta' dawn is-servizzi lill-produzzjoni u l-akkwist tad-drittijiet ta' xogħlijiet Ewropej; il-perċentwali tax-xogħlijiet Ewropej fil-katalgu tas-servizzi tal-media awdjoviżivi kif ukoll il-konsum effettiv min-naħa ta' l-utenti ta' xogħlijiet Ewropej proposti minn dawn is-servizzi. F'dawn ir-rapporti, għandu jittieħed kont xieraq ukoll tax-xogħlijiet ta' produttori indipendenti.*
- (53) Il-persuni li jwettqu 'bundling' biss jew jittrażmettu biss servizzi tal-media awdjoviżivi jew li joffru għall-bejgħ pakketti ta' dawn is-servizzi, li għalihom m'għandhom l-ebda responsabilità editorjali, m'għandhomx jitqiesu bħala fornituri tas-servizzi tal-media. Għaldaqstant, is-simpliċi 'bundling', traż-missjoni jew bejgħ ta' offerti ta' kontenut, li għalihom m'għandhom l-ebda responsabilità editorjali, ma jidhru fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
- (54) Meta jimplementaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/552/KEE kif emendata, l-Istati Membri għandhom **jadottaw miżuri xierqa biex jinkoraġġixxu lix-xandara** jinkludu sehem xieraq ta' koproduzzjonijiet Ewropej jew ta' xogħlijiet Ewropej li m'għandhomx oriġini domestika.
- (55) Fornituri ta' servizzi tal-media għandhom jinkludu wkoll fis-servizzi tagħhom ix-xogħlijiet ta' produttori indipendenti, waqt li jirrispettaw id-drittijiet li jirrigwardaw xandir ripetut ta' xogħlijiet bħal dawn u t-tqassim ġust tad-drittijiet tal-kontributori.
- (56) Huma importanti li jiġi żgurat li xogħlijiet ċinematografiċi huma trasmessi f'perjodi miftiehma bejn **is-sidien tad-dritt** u l-fornituri tas-servizzi awdjoviżivi tal-media.
- (57) Id-disponibilità ta' servizzi mhux lineari twessa' l-għażla tal-konsumatur. **Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jagħmlu dispożizzjoni fil-kurrikuli nazzjonali tagħhom u fil-korsjiet edukattivi ta' wara s-sekondarja għal edukazzjoni xierqa dwar l-użu kritiku tal-media, sabiex tiġi evitata l-ħtieġa li jiġu introdotti regoli ddettaljati li jirregolaw il-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva.** B'hekk, regoli ddettaljati li jirregolaw il-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva għal servizzi mhux lineari jidhru li mhumiex iġġustifikati u lanqas ma jagħmlu sens mil-lat tekniku. *Madanakollu, il-komunikazzjoni kummerċjali kollha awdjoviżiva għandha tirrispetta mhux biss ir-regoli ta' identifikazzjoni iżda ukoll livell bażiku ta' regoli kwalitativi sabiex jintlaħqu miri ċari tal-politika pubblika.*
- (58) Id-dritt ta' risposta huwa rimedju legali partikularment xieraq fl-ambjent on-line, peress li huwa possibbli tikkoreġi t-tagħrif ikkontestat immedjatament. Madankollu, id-dritt għandu jkun eżerċitat f'perjodu raġonevoli wara li tkun riċevuta t-talba, fi żmien u f'forma li jidhru xierqa fil-kuntest tal-programm partikulari li għalih it-talba tirrelata. B'mod partikulari, ir-risposta għandha tingħata l-istess importanza daqs it-tagħrif ikkontestat, sabiex tilħaq l-istess ċirku ta' utenti bl-istess effetti.

- (59) Kif ġie rikonoxxut mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni Interpretattiva tagħha dwar ċerti aspetti tad-dispożizzjonijiet dwar riklamar **televiżiv** fid-Direttiva "Televisin mingħajr Fruntieri" ⁽¹⁾, l-iżvilupp ta' tekniki ġodda ta' riklamar u innovazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ħoloq opportunitajiet ġodda effettivi għall-komunikazzjonijiet kummerċjali fis-servizzi tradizzjonali tax-xandir, li potenzjalment jippermettulhom jikkompetu aħjar f'suq fejn il-kundizzjonijiet huma l-istess għal kulħadd b'innovazzjonijiet fis-servizz 'on-demand'. Il-Komunikazzjoni Interpretattiva tibqa' valida sakemm tibqa' tirreferi għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva **89/552/KEE** li ma ġewx affettwati minn din id-Direttiva.
- (60) Żviluppi kummerċjali u teknoloġiċi jagħtu lill-utenti aktar għażla u responsabilità fl-użu tagħhom tas-servizzi tal-media awdjoviżivi. Sabiex iżżomm il-proporzjon ma' l-oġġettivi ta' interess nazzjonali, ir-regolazzjoni għandha tippermetti ċerta livell ta' flessibilità fir-rigward tas-servizzi tal-media awdjoviżivi lineari: il-prinċipju ta' separazzjoni għandu jkun limitat għar-riklamar u t-telebejgħ, it-tqegħid tal-prodott għandu jitħalla taħt ċerti ċirkustanzi, **f'ċerti każi determinati fuq il-bażi ta' lista pożittiva**, u xi restrizzjonijiet kwantitattivi għandhom jitneħħew. Madankollu, fejn it-tqegħid ta' prodotti jsir bil-moħbi, dan għandu jiġi pprojbit. Il-prinċipju tas-separazzjoni m'għandux jimpedixxi l-użu ta' tekniki ġodda ta' riklamar.
- (61) **Huwa neċessarju li tiġi żgurata koerenza bejn din id-Direttiva u l-liġi Komunitarja eżistenti. Għalhekk, fil-każ ta' konflitt bejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u d-dispożizzjoni ta' att ieħor Komunitarju li jirregola aspetti speċifiċi ta' aċċess għal jew it-tweġġiq ta' attivitajiet ta' servizz tal-media awdjoviżiv, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom jieħdu preċedenza. Konsegwentement din id-Direttiva tikkomplimenta l-acquis tal-Komunità. B'hekk, apparti mill-prattiki li huma koperti bid-Direttiva attwali, id-Direttiva 2005/29/KE ⁽²⁾ tapplika għal Prattiki kummerċjali mhux ġusti, bħalma huma l-prattiki qarrieqa jew aggressivi li jseħħu fis-servizzi tal-media awdjoviżivi. Barra minn hekk, peress li d-Direttiva 2003/33/KE ⁽³⁾, li tipprojbixxi r-riklamar u l-isponsorizzar tas-sigaretti u ta' prodotti tat-tabakk fil-media stampata, fis-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni u fuq ix-xandir bir-radju, hija bla ħsara għad-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE fir-rigward tal-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva ta' l-Istati Membri li tikkonċerna t-tweġġiq ta' attivitajiet ta' xandir televiżiv, minħabba l-karatteristiċi speċjali tas-servizzi tal-media awdjoviżiva, ir-relazzjoni bejn id-Direttiva 2003/33/KE u d-Direttiva 89/552/KEE għandha tibqa' l-istess wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva attwali. L-Artikolu 88 (1) tad-Direttiva 2001/83/KE ⁽⁴⁾ li jipprojbixxi r-riklamar ta' ċerti prodotti tal-mediċina lill-pubbliku ġenerali japplika, kif previst fil-paragrafu 5 ta' l-istess Artikolu, bla ħsara għall-Artikolu 14 tad-Direttiva 89/552/KEE; ir-relazzjoni bejn id-Direttiva 2001/83/KE u d-Direttiva 89/552/KEE għandha ukoll tibqa' l-istess wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva attwali. Barra minn hekk, din id-Direttiva hija bla ħsara għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar stqarrijiet magħmula dwar l-ikel. fuq il-r vantaġġ nutrittiv u għas-saħħa ⁽⁵⁾.**
- (62) **Minħabba ż-żieda fl-użu ta' teknoloġiji ġodda bħalma huma l-video rekorders personali u fl-għażla usa' ta' kanali**, dettaljata fir-rigward tat-tqegħid ta' biċċiet qosra ta' pubbliċità bil-għan li jitħarsu t-telespettaturi, m'għadhiex iġġustifikata. **Din id-Direttiva tagħti flessibilità lix-xandara fir-rigward ta' l-inklużjoni ta' dan it-tip ta' riklamar** fejn dan ma jimpedixxi b'mod mhux xieraq l-integrità tal-programmi.
- (63) Din id-Direttiva hija intiża għall-protezzjoni tal-karattru speċifiku ta' l-ambjent televiżiv Ewropew. **Spots ta' riklami u telebejgħ jistgħu jiddaħħlu biss waqt programmi b'mod li ma jiġux ippreġudikati l-integrità u l-valur tal-programm, meta wieħed iqis waqfiet normali u t-tul u n-natura tal-programm, u d-drittijiet tas-sidien tad-drittijiet.**

⁽¹⁾ ĠU C 102, 28.4.2004, p. 2.

⁽²⁾ Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Mejju 2005 dwar Prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali). (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

⁽³⁾ **Id-Direttiva 2003/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Tas-26 ta' Mejju 2003 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsnu mar-riklamar u l-patrunaġġ tal-prodotti tat-tabakk** (ĠU L 152, 20.6.2003, p. 16).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

⁽⁵⁾ ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (64) Il-limitazzjoni fuq l-ammont ta' riklamar kuljum kienet fil-biċċa l-kbira teoretika. Il-limitu għal kull siegħa huwa aktar importanti peress li japplika wkoll waqt il-faxxa ta' ħin bl-ikbar segwitu. Għalhekk il-limitu ta' kuljum għandu jitneħħa, waqt li l-limitu għal kull siegħa għandu jinżamm għar-riklamar u għat-telebejgħ; kif ukoll ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq il-ħin li jingħata għall-kanali tat-telebejgħ jew tar-riklamar ma jidhrux li għadhom iġġustifikati meta wieħed iqis iż-żieda fl-għażla tal-konsumatur. Madankollu, jibqa' applikabbli l-limitu ta' 20 % fir-riklamar għal kull siegħa reali, apparti tipi oħra ta' riklamar li jieħdu aktar ħin bħal bħat-telepromozzjoni u t-telebejgħ li jirrikjedu aktar ħin minħabba l-karatteristiċi inerenti u l-metodu tal-preżentazzjoni tagħhom ⁽¹⁾.
- (65) Riklamar bil-moħbi hiwa Prattika pprojbita minn din id-Direttiva minħabba l-effetti negattivi fuq il-konsumaturi. Il-projbizzjoni ta' riklamar bil-moħbi ma tkoprix it-tqegħid ta' prodotti leġittimu fi ħdan il-qafas ta' din id-Direttiva.
- (66) It-tqegħid ta' prodotti huwa realtà fix-xogħlijiet ċinematografiċi u fix-xogħlijiet awdjoviżivi magħmulin għat-televizzjoni, iżda l-Istati Membri jirregolaw din il-prattika b'modi differenti. Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet ta' l-istess livell fis-suq, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività ta' l-industrija tal-media Ewropea, jeħtieġ li jiġu adottati regoli dwar it-tqegħid ta' prodotti. **Huwa utli li tinżamm lista pożittiva li tawtorizza t-tqegħid tal-prodotti fit-tipi ta' kontenut li l-funzjoni ewlenija tagħhom ma tkunx li jinfluwenzaw l-opinjoni, u f'każijiet fejn ma jingħata l-ebda — jew ftit -, kumpens bħala ħlas.** Id-definizzjoni ta' tqegħid ta' **prodott tkopri** kull forma ta' komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva li tikkonsisti fl-inklużjoni jew ir-referenza għal prodott, servizz jew il-marka kummerċjali tiegħu sabiex jidher fil-programm, normalment bi ħlas jew kunsiderazzjoni simili. **Dan jista' jikkonsisti fit-tqegħid ta' servizzi u oġġetti ta' valur monetarju għad-dispożizzjoni ta' persuna, li sabiex jiksibhom ir-riċevitur kien ikollu juża r-riżorsi finanzjarji, personali jew materjali tiegħu stess. It-tqegħid ta' prodotti** huwa suġġett għall-istess regoli kwalitattivi u restrizzjonijiet li japplikaw għar-reklamar. **Barra minn hekk, it-tqegħid ta' prodotti għandu jissodisfa l-ħtiġijiet li ġejjin. Ir-responsabilità u l-indipendenza editorjali tal-fornitur tas-servizz tal-media ma jistgħux jitpoġġew f'periklu. B'mod partikulari, il-mod ta' kif il-prodott jiġi inkluż fil-programm m'għandux jagħti l-impressjoni li l-prodott ikun appoġġjat mill-programm jew mill-preżentaturi tiegħu. Barra minn hekk, il-prodott m'għandux jingħata 'prominenza żejda' — dan ifisser li din il-prominenza ma tkunx iġġustifikata bil-ħtiġijiet editorjali tal-programm, jew bil-bżonn tar-rappreżentazzjoni eżatta tar-realtà. Prominenza żejda tista' tfisser ukoll id-dehra rikurrenti tad-ditti, tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni jew il-mod kif dawn jingħataw prominenza. Għandu jitqies ukoll il-kontenut tal-programm li dawn ikunu introdotti fih.**
- (67) 'Props għall-produzzjoni' tfisser ir-riferenza jew il-preżentazzjoni ta' prodotti jew servizzi minħabba raġunijiet editorjali mingħajr ħlas jew kumpens simili. Sabiex issir distinzjoni bejn l-għajnuna materjali għall-produzzjoni u t-tqegħid ta' prodotti fil-kuntest tat-tifsira ta' din id-direttiva, il-qafas legali għall-użu ta' għajnuna materjali għall-produzzjoni permessi fil-formati kollha tal-programmi għandu jkun iċċarat.
- (68) 'Prominenza żejda' tingħata meta r-rappreżentazzjoni rikurrenti ta' ditta, prodott jew servizz jew in-natura tal-preżentazzjoni tagħhom tagħti prominenza żejda lil prodotti fil-kuntest ta' l-għajnuna materjali għall-produzzjoni jew tat-tqegħid ta' prodotti, b'kont meħud tal-kontenut tal-programmi li jidhru fihom.
- (69) Ir-regolaturi għandhom ikunu indipendenti mill-gvernijiet nazzjonali kif ukoll mill-fornituri tas-servizzi awdjoviżivi tal-media sabiex ikunu kapaċi jwettqu xogħlhom b'mod imparzjali u trasparenti u biex jikkontribwixxu għall-pluraliżmu. Kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-Kummissjoni hija neċessarja biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' din id-Direttiva. **Bl-istess mod, koperazzjoni bejn Stati Membri u bejn awtoritajiet regolatorji ta' l-Istati Membri hija partikularment importanti fir-rigward ta' l-impatt li x-xandara stabbiliti fi Stat Membru wieħed jista' jkollhom fi Stat Membru ieħor. Meta proċeduri ta' liċenzjar ikunu providuti fil-liġi nazzjonali u jekk aktar minn Stat Membru wieħed ikun konċernat, huwa mixtieq li l-kuntatti bejn l-awtoritajiet rispettiva jseħħu qabel ma jingħataw il-liċenzji. Din il-koperazzjoni għandha tkopri l-oqsma kollha koordinati mid-Direttiva 89/552/KEE u b'mod partikulari l-Artikoli 2, 2a u 3.**
- (70) Id-diversità kulturali, il-libertà ta' l-espressjoni u l-pluraliżmu tal-media fil-mezzi ta' komunikazzjoni huma wħud mill-aspetti importanti tas-settur awdjoviżiv Ewropew u għalhekk huma prerekwiżiti indispensabbli għad-demokrazija u d-diversità.

⁽¹⁾ Kawżi C-320/94 Reti Televisive Italiane SpA (RTI); C-328/94 Radio Torre; C-329/94 Rete A Srl; C-337/94 Vallau Italiana Promomarket Srl; C-338/94 Radio Italia Solo Musica Srl et al u C-339/94 GETE Srl v il-Ministero delle Poste e Telecomunicazioni, ECR I-06471.

- (71) Id-dritt ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, ta' l-anzjani u ta' ċittadini ta' pajjiżi barra l-UE li l-ilsien nattiv tagħhom ikun differenti mill-lingwa tal-pajjiż li jgħixu fih li jieħdu sehem u jintegraw fil-ħajja soċjali u kulturali tal-komunità b'konformità ma' l-Artikoli 25 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea huwa marbut bis-sħiħ mal-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżivi. L-aċċessibilità tas-servizzi awdjoviżivi tal-media tinkludi, fost oħrajn, il-lingwa tas-sinjali, is-sottotitoli, deskrizzjoni bl-awdjo u navigazzjoni tal-menu li tinftiehem malajr,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 89/552/KEE qed tiġi emendata b'dan li ġej:

- (1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Direttiva 2007/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li tikkonċerna il-provvista ta' servizzi awdjoviżivi tal-media (Id-Direttiva dwar Servizzi Awdjoviżivi tal-Media)”.

- (2) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Għall-iskop ta' din id-Direttiva:

- (a) 'servizz awdjoviżiv tal-media' tfisser servizz kif definit mill-Artikoli 49 u 50 tat-Trattat **provdut taħt ir-responsabilità editorjali ta' fornitur ta' servizz tal-media**, li l-iskop prinċipali tiegħu huwa l-provvediment ta' **programmi li jikkonsistu fi** stampi li jiċċaqalqu, bil-ħoss jew mingħajru, biex joffru informazzjoni, divertiment **jew** edukazzjoni lill-pubbliku ġenerali permezz ta' **networks** ta' komunikazzjoni elettroniċi fis-sens ta' l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/21/KE **u/jew ta' komunikazzjonijiet awdjoviżivi kummerċjali. Dan la jinkludi servizzi fejn il-provvediment ta' kontenut awdjoviżiv ikun sempliċiment aċċidentali għas-servizz u mhux l-iskop ewlieni tiegħu, u lanqas l-istampa f'forma stampata u elettronika.**
- (b) 'il-fornitur tas-servizzi tal-media' tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li għandha r-responsabilità editorjali għall-għażla tal-kontenut awdjoviżiv tas-servizz awdjoviżiv tal-media u li tiddetermina l-mod ta' kif jiġi organizzat. **Din ma tinkludix persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jitrażmettu biss kontenut li r-responsabbiltà editorjali tiegħu taqqa' f'idejn partijiet terzi;**
- (c) **'xandira televiżiva' jew 'servizz lineari'** tfisser servizz tal-media awdjoviżiv fejn **sekwenza kronoloġika ta' programmi hija trażmessa lil numru indeterminat ta' utenti potenzjali mill-fornitur tas-servizz tal-media f'ħin partikulari deċiż minnu, skond skeda fissa ta' programmar;**
- (d) 'xandar' tfisser fornitur ta' programmi televiżivi u servizzi awdjoviżivi lineari tal-media;
- (e) **'servizz fuq talba' jew** servizz mhux lineari' tfisser servizz awdjoviżiv tal-media **li jikkonsisti f'offerta ta' kontenut awdjoviżiv li jkun ġie editjat jew ikkumpilat minn fornitur tas-servizzi tal-media, u fejn l-utent, fuq bażi individwali, jagħmel talba għat-trażmissjoni ta' programm partikulari minn fost għażla ta' kontenut u f'ħin magħżul minnu, jew li ma jkunx kopert mid-definizzjoni ta' servizz lineari f'punt (c);**
- (f) 'komunikazzjoni awdjoviżiva kummerċjali' tfisser stampi li jiċċaqalqu bil-ħoss jew mingħajru li **huma trażmessi bħala parti minn servizz awdjoviżiv tal-media jew, f'każi bħal kanali dedikati għat-telebejgħ, bħala servizz tal-media awdjoviżiv, bil-għan li jippromwovi,** direttament jew indirettament, l-oġġetti, is-servizzi jew **l-immaġini** ta' entità fiżika jew ġuridika li tkun qiegħda tagħmel attività ekonomika;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (g) 'riklamar televisiv' tfisser kull forma ta' avviż imxandar jew bi ħlas jew għal konsiderazzjoni simili jew xandir bi skopijiet ta' awtopromozzjoni minn intrapriżi pubbliċi jew private li għandhom x'jaqsmu ma' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni sabiex jiġi ppromoss il-forniment ta' prodotti jew servizzi, inkluż proprjetà immobbli, drittijiet u obbligazzjonijiet, bi ħlas;
- (h) 'riklamar bil-moħbi' tfisser ir-rappreżentazzjoni, bi kliem jew stampi, ta' oġġetti, servizzi, l-isem, it-trejdmark jew l-attivajiet ta' produttur ta' oġġetti jew fornitur ta' servizzi fi programmi fejn *din* it-tip ta' rappreżentazzjoni hi intenzjonata mill-**fornitur tas-servizzi tal-media** biex isservi ta' riklamar, u *tista'* tiżvija l-pubbliku dwar in-natura tagħha. *Din* it-tip ta' rappreżentazzjoni *hija meqjusa bħala intenzjonata*, b'mod partikulari jekk issir għall-ħlas jew għal *kumpens* simili;
- (i) 'integrazzjoni ta' prodott' u 'tqegħid tematiku' jfissru l-intervent ta' kwalunkwe intrapriża fl-istorja ta' film jew fil-programm ta' finzjoni li jkollu l-ħsieb li jirreklama prodott, servizz jew ditta partikulari;
- (j) 'sponsorizzazzjoni' tfisser kull kontribuzzjoni magħmula minn intrapriża pubblika jew privata jew persuna **fiżika** li ma tipprovdix servizzi tal-*media* awdjoviżivi jew li ma tipproduċix xogħlijiet awdjoviżivi, għall-iffinanzjar, **dirett jew indirett**, ta' servizzi tal-*media* awdjoviżivi, bl-iskop li jiġi promoss l-isem tagħha, il-marka tad-ditta tagħha, l-immaġni tagħha, l-attivajiet tagħha jew il-prodotti tagħha;
- (k) 'telepromozzjoni' tfisser forma ta' reklamar li tikkonsisti fil-wirja ta' prodotti jew ta' servizzi jew ta' preżentazzjoni mitkellma jew viżiva tal-prodotti u s-servizzi ta' manifattur ta' prodotti jew fornitur ta' servizzi, trażmessa bħala parti minn programm sabiex tiġi promossa l-provvista tal-prodott jew tas-servizzi preżentati jew murija bi ħlas;
- (l) 'telebejgħ' tfisser xandir ta' offerti diretti lill-pubbliku bl-għan li jiġu forniti prodotti jew servizzi bi ħlas, inkluż proprjetà immobbli, drittijiet u obligi;
- (m) 'tqegħid tal-prodott' ifisser kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni awdjoviżiva kummerċjali li tikkonsisti mill-inklużjoni ta' prodott jew *riferenza* għalih, servizz jew il-marka kummerċjali tiegħu sabiex jidher fis-servizzi awdjoviżivi tal-**media**, **bi** ħlas jew konsiderazzjoni simili **oħra jew mingħajrhom lill-fornitur tas-servizz tal-media**. **Madankollu din ma tinkludix komunikazzjonijiet li jirriżultaw minn deċiżjonijiet editorjali indipendenti sabiex jintużaw prodotti, mingħajr ma jin-għataw prominenza żejda, li jkun integrali għal programm u jiffaċilitaw il-produzzjoni tiegħu, bħal ngħidu aħna, premijiet mogħtija waqt programmi, oġġetti inċidentali u props;**
- (n) 'propos għall-produzzjoni' tfisser prodotti jew servizzi li jkunu disponibbli bla ħlas jew kumpens ieħor u wżati għal skopijiet editorjali;
- (o) 'programm' ifisser sensiela ta' stampi jiċċaqlqu bil-ħoss jew mingħajru, li jikkostitwixxi komponent individwali ta' skeda jew katalogu stabbilit jew ikkumpilat minn fornitur tas-servizz tal-*media*;
- (p) 'ko-regolamentazzjoni' tfisser forma ta' regolamentazzjoni bbażata fuq il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi awtoregulatorji;
- (q) 'responsabbiltà editorjali' tfisser ir-responsabbiltà għall-kompożizzjoni ta' l-iskeda jew il-kompilazzjoni fil-kapaċità professjonali ta' programmi maħsub għall-pubbliku, sabiex jiġi trażmess il-kontenut tal-*media* f'perjodu ta' żmien speċifiku jew biex jippermettilu li jiġi ordnat minn katalogu."
- (3) L-Artikolu 2 ġie emendat kif ġej:
- (a) Fil-paragrafu 1, l-espressjoni "xandiriet televiżivi kollha trasmessi minn xandara" hija sostitwita bl-espressjoni "servizzi tal-*media* awdjoviżivi trażmess mill-fornituri tas-servizz awdjoviżiv" u l-espressjoni "xandiriet" hija sostitwita bl-espressjoni "servizzi awdjoviżivi tal-*media*";
- (b) Fil-paragrafu 2, il-kelma "xandara" hija sostitwita bl-espressjoni "fornituri tas-servizz tal-*media*";

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

(c) Fil-paragrafu 3, il-kelma “xandara” hija sostitwita bl-espressjoni “fornituri tas-servizz tal-*media*”; l-espressjoni “deċiżjonijiet editorjali dwar l-iskedi ta’ programmi” hija sostitwita bl-espressjoni “deċiżjoni editorjali dwar is-servizz awdjoviżiv tal-*media*”; l-espressjoni “attività tax-xandir televiżiv” hija sostitwita bl-espressjoni “attività tas-servizz awdjoviżiv tal-*media*” u l-espressjoni “fejn l-ewwel beda jxandar” hija sostitwita bl-espressjoni “fejn beda l-attività tiegħu l-ewwel”, l-espressjoni “deċiżjonijiet dwar l-iskedi tal- programmi” hija sostitwita bl-espressjoni “deċiżjonijiet dwar servizz awdjoviżiv tal-*media*”.

(d) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. Fornituri ta’ servizz tal-*media* li għalihom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 m’humix applikabbli għandhom jitqiesu taħt il-ġurisdizzjoni ta’ Stat Membru f’dawn il-każijiet:

(a) meta jużaw ‘up-link’ satellitari li jkun jinsab fi Stat Membru;

(b) għalkemm ma jużawx ‘up-link’ satellitari li jkun jinsab fi Stat Membru, huma jużaw il-kapaċità satellitari allokata lil dak iStat Membru.”

(e) Fil-paragrafu 5, il-kelma “xandar” hija sostitwita bl-espressjoni “fornitur tas-servizz tal-*media*” u “L-Artikolu 52” jiġi sostitwit b’“L-Artikolu 43”.

(f) Il-Paragrafu 6 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“6. Din id-Direttiva ma’ tapplikax għas-servizzi awdjoviżivi tal-***media*** li ma jinqabdux b’mod dirett jew indirett b’apparat standard tal-konsumatur mill-pubbliku fi Stat Membru wieħed jew iżjed.”

(4) **L-Artikolu 2a** huwa sostitwit b’dan li ġej :

“Artiklu 2a

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw il-libertà tal-konsumatur biex jirċievi t-tranżmissjoni u m’għandhomx jillimitaw ir-ritranżmissjonijiet ta’ servizzi awdjoviżivi tal-*media* minn Stati Membri oħra fit-territorju tagħhom għal raġunijiet inklużi fl-qasma kkoordinati minn din id-Direttiva.”

2. L-Istati Membri jistgħu, proviżorjament, jidderogaw mill-paragrafu 1 jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) servizz tal-*media* awdjoviżiv li joriġina minn Stat Membru ieħor u li jikser b’mod ċar, serju u gravi l-Artikoli 3d u 3e u/jew l-Artikolu 22(1) jew (2);

(b) matul it-12-il xahar ta’ qabel, il-fornitur tas-servizz tal-*media* awdjoviżiv konċernat ikun kiser id-dispożizzjoni/dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) minn ta’ l-anqas f’żewġ okkażjonijiet preċedenti;

(c) l-Istat Membru konċernat innotifika bil-miktub lill-fornitur ta’ servizz tal-*media*, lill-Istat Membru fejn huwa stabbilit u lill-Kummissjoni dwar ksur allegat tar-regolamenti u dwar il-miżuri li bi ħsiebu jieħu kieku kellu jerġa’ jseħħ kwalunkwe ksur ta’ dan it-tip;

(d) konsultazzjonijiet ma’ l-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-fornitur tas-servizz tal-*media* awdjoviżiv konċernat u mal-Kummissjoni ma pproduċewx soluzzjoni amikevoli fi żmien 15-il ġurnata minn meta ssir in-notifika stipulata fil-punt (c), u l-allegat ksur ta’ regolamenti jiġi ripetut.

3. Fir-rigward ta’ servizzi fuq talba, Stat Membru jista’, f’każ ta’ urġenza, proviżorjament jieħu miżuri biex jidderoga mill-paragrafu 1 mingħajr ma jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati f’punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 2. Jekk jagħmel hekk, il-miżuri għandhom jiġu notifikati fl-iqsar żmien possibbli lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizz tal-*media* huwa stabbilit, filwaqt li jiġu indikati r-raġunijiet li għalihom l-ewwel Stat Membru jqis li każ huwa urġenti.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

4. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien xahrejn min-notifika tal-miżuri meħuda mill-Istat Membru, tiegħu deċiżjoni dwar jekk il-miżuri humiex kompatibbli mal-liġi Komunitarja. Jekk tiddeċiedi li m'humiex, l-Istat Membru jkun meħtieġ jirtira il-miżuri kkonċernati bħala kwistjoni ta' urġenza.

5. Il-paragrafu 2 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kull proċedura, rimedju jew sanzjoni applikabbli għall-ksur inkwistjoni fl-Istat Membru li għandu ġurisdizzjoni fuq il-fornitur tas-servizz tal-media kkonċernat.

(5) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jibqgħu fil-libertà li jirrikjedu li l-fornituri tas-servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom jikkonformaw ma' regoli aktar dettaljati u stretti fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva, **sakemm dan it-tip ta' regoli jkunu konformi mal-liġi tal-Komunità u ma jgħawġux il-kompetizzjoni.**

2. F'każijiet fejn Stat Membru:

- (a) ikun eżerċita l-libertà tiegħu skond il-paragrafu 1 li jadotta regoli aktar dettaljati jew aktar stretti; u
- (b) fejn dan it-tip ta' regoli huma ġustifikati għal raġunijiet ta' politika pubblika, inkluż il-ħarsien ta' minuri jew sigurtà pubblika jew saħħa pubblika jew il-ħarsien tad-diversità kulturali;
- (c) l-Istat Membru jqis li fornitur tas-servizz tal-media awdjoviżiv li jaq' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ieħor qed jieħu vantaġġ minn din id-Direttiva b'mod abbużiv jew qarrieq sabiex jiskansa dan it-tip ta' regoli,

jista' jikkuntattja lill-Istat Membru li għandu ġurisdizzjoni, bil-għan li tinkiseb soluzzjoni għall-kwalunkwe problemi li jkunu nħalqu, liema soluzzjoni tkun sodisfaċenti b'mod reċiproku. Meta tkun waslet talba ssostanzjata mill-ewwel Stat Membru, l-Istat Membru li jkollu ġurisdizzjoni għandu jitlob lill-fornitur tas-servizz tal-media awdjoviżiv biex jikkonforma mar-regoli kkonċernati. L-Istat Membru li jkollu ġurisdizzjoni għandu jinforma lill-ewwel Stat Membru bir-riżultati miksuba fi żmien xahrejn wara li tkun saret it-talba.

3. Meta l-ewwel Stat Membru jqis:

- (a) li r-riżultati miksuba permezz ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 1a ma jkunux sodisfaċenti; u
- (b) li l-fornitur tas-servizz tal-media ikkonċernat stabbilixxa ruħu fl-Istat Membru li għandu ġurisdizzjoni biss għar-raġuni li jevita regoli aktar stretti, fl-oqsma kkoordinati b'din id-Direttiva, li kienu jkunu applikabbli kieku kellu jstabbilixxi ruħu fl-ewwel Stat Membru,

jista' jadotta miżuri xierqa kontra l-fornitur tas-servizz tal-media kkonċernat, sabiex ma jħallix li jsir abbuż jew imġiba qarrieqa.

Miżura bħal dawn għandhom ikunu oġġettivament neċessarji, applikati b'mod li mhux diskriminatorju, ikunu adattati għall-ilħuq ta' l-għanijiet tagħhom u ma jstgħux imorru lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħqu.

4. Stat Membru jista' jieħu biss miżuri skond il-paragrafu 3 jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sso-disfati kollha:

- (a) ikun innotifika lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-fornitur tas-servizz tal-media, bl-intenzjoni tiegħu li jieħu miżuri bħal dawn filwaqt li jissostanzja l-premessi li fuqhom jipproponi li jadotta l-miżuri u
- (b) il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-miżuri jkunu kompatibbli mal-liġi tal-Komunità, u b'mod partikulari li l-premessi li fuqhom l-Istat Membru jipproponi li jieħu l-miżuri skond il-paragrafi 2 u 3 jkollhom bażi tajba.

5. Il-Kummissjoni għandha tiegħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien tliet xhur wara n-notifika skond il-paragrafu 4(a). Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-miżuri ma jkunux kumpatibbli mal-liġi Komunitarja, l-Istat Membru ikkonċernat m'għandux jieħu l-miżuri proposti.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz ta' mezzi xierqa, fi ħdan il-qafas tal-leġiżlazzjoni tagħhom, li l-fornituri tas-servizz tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom jikkonformaw b'mod effettiv mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

7. L-Istati Membri għandhom jinkuraġġixxu sistemi **awtoregulatorji u/jew** ko-regulatorji **fuq livell nazzjonali** fl-oqsma kkoordinati b'din id-Direttiva. Dawn għandhom ikunu tali li jiġu aċċettati b'mod wiesa' mill-partijiet interessati ewlenin **fl-Istat Membru konċernat** u li jipprovdu għal infurzar effettiv.

8. Jekk id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu f'kunflitt ma' att Komunitarju ieħor li jirregola aspetti speċifiċi ta' aċċess għal attività ta' servizz tal-media awdjoviżiv, jew l-eżerċitar ta' dik l-attività, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom jipprevalu.

9. L-Istati Membri għandhom, b'mezzi xierqa, jipromwovu l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media fost il-konsumaturi."

(6) Jiddaħħlu l-Artikoli 3b **sa 3l** li ġejjin:

"Artikolu 3b

1. **B'konformità mal-prinċipju tal-libertà għall-aċċess għall-informazzjoni kif stipulat, b'mod partikulari, fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għal ftehimiet kuntrattwali eżistenti bejn xandara u mingħajr ma jdgħajfu drittijiet esklussivi, kull Stat Membru għandu jiżgura, li għall-fini ta' rapporti qosra ta' l-aħbarijiet, inklużi rapporti maħsuba għal xandiriet pan-Ewropej, xandara stabbiliti fi Stati Membri oħrajn ma jiġux imċaħħda minn aċċess fuq bażi ġusta, raġjonevoli u mhix diskriminatorja għal attivitajiet ta' interess kbir għall-pubbliku li jiġu trażmessi minn xandara taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom. **Ix-xandara li jagħtu dan it-tip ta' aċċess għandhom ikunu intitolati għal kumpens xieraq għall-infiq tekniku li jagħmlu.****

2. **Ix-xandara** jistgħu liberament **jagħżlu siltiet qosra** mis-sinjal tax-xandar li jkun qed jittrażmetti b'minn ta' l-inqas l-identifikazzjoni tas-sors tagħhom. **Siltiet bħal dawn għandhom jintużaw b'mod esklussiv għal programmi ta' aħbarijiet ġenerali.**

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-obbligu tax-xandara individwali li jirrispettaw il-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet ta' l-awtur, inkluża d-Direttiva 2001/29/KE ⁽¹⁾ u/jew il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien ta' l-Artisti, tal-Produtturi tal-Fonogrammi u ta' l-Organizzazzjonijiet tax-Xandir ta' Ruma tas-26 ta' Ottubru 1961, u l-Konvenzjoni ta' Berna għall-Ħarsien ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi tad-9 ta' Settembru 1886, kif sussegwentement riveduta u emendata.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-modalitajiet u l-kundizzjonijiet li jmxexxu l-użu ta' dawn is-siltiet qosra jkunu definiti, b'mod partikulari fir-rigward tat-tul massimu tagħhom, il-limiti ta' ħin rigward it-trażmissjoni tagħhom u r-rekwiżiti għall-identifikazzjoni tax-xandar trasmettitur.

5. Ix-xandara jistgħu, skond il-liġi ta' l-Istat Membru konċernat u għall-fini ta' trażmissjoni, ikollhom aċċess huma stess għall-avveniment inkwistjoni.

Artikolu 3c

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-media awdjoviżivi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom għandhom jagħmlu aċċessibbli b'mod faċli, dirett u permanenti għar-riċevituri tas-servizz ta' l-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-fornitur tas-servizz tal-media;

(b) l-indirizz ġeografiku fejn huwa stabbilit il-fornitur tas-servizzi tal-media;

⁽¹⁾ **Direttiva 2001/29/KE tal-parlament ewropew u tal-kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10).**

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (ċ) id-dettalji tal-fornitur tas-servizz tal-media, fosthom l-indirizz tal-posta elettronika jew l-indirizz tal-websajt tiegħu, li jagħmluha possibbli li huwa jiġi kkuntattjat malajr, b'mod dirett u effettiv;
- (d) fejn applikabbli, **L-istituzzjoni** regolatorja **jew ta' sorveljanza rilevanti**.

Artikolu 3d

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw **permezz ta' miżuri xierqa** li s-servizzi tal-media awdjoviżivi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom ma jkunux disponibbli b'mod li jiġi mxekkel serjament l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tal-minorenni. **Dan l-Artikolu għandu japplika b'mod partikulari għal programmi li jkun fihom il-pornografija jew vjolenza gratwita. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinkuraġġixxu lill-partijiet rilevanti fis-settur tal-media biex jippromwovu sistema ta' tikkettar, evalwazzjoni u filtrazzjoni madwar il-Komunità bħala miżura ulterjuri għall-ħarsien tal-minorenni. L-Istati Membri għandhom jippromwovu miżuri biex jagħtu lill-ġenituri u persuni oħrajn li jieħdu ħsieb lill-minorenni aktar kontroll fuq il-kontenut pornografiku u vjolenti gratwita-ment tal-programmi.**

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżivi taħt il-ġurisdiżjoni tagħhom jipprovdu sistemi ta' kontroll għal kontenut li jista' jkun ta' dannu għall-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tal-minorenni, u li jgħarrfu lill-utenti dwarhom.

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinkuraġġixxu lill-fornituri ta' servizzi awdjoviżivi tal-media, lill-awtoritajiet regolatorji u l-partijiet kollha kkonċernati, biex jikkunsidraw il-fattibilità teknika u legali ta' l-iżvilupp ta' sistema armonizzata ta' simboli tal-kontenut li tippromwovi kontroll aħjar u klassifikazzjoni mis-sors, tkun liema tkun il-pjattaforma użata, bil-għan li jkun hemm ħarsien akbar tal-minorenni.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżivi taħt il-ġurisdiżjoni tagħhom ma jxandru taħt l-ebda ċirkustanza materjal pornografiku tat-tfal taħt piena ta' sanzjonijiet amministrattivi u/jew kriminali.

5. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżivi taħt il-ġurisdiżjoni tagħhom biex jippromwovu kampanji ta' informazzjoni għall-prevenzjoni ta' vjolenza kontra n-nisa u l-minorenni, fejn jista' jkun b'kollaborazzjoni ma' assoċjazzjonijiet pubbliċi u privati u entitajiet involuti f'dan is-settur.

Artikolu 3e

L-Istati Membri għandhom jiżguraw permezz ta' miżuri xierqa li servizzi tal-media awdjoviżivi u komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi pprovduti minn fornituri taħt il-ġurisdiżjoni tagħhom ma jkun fihom ebda tixwix għal mibgħeda fuq bażi ta' sess, **razza**, oriġini etnika, reliġjon jew twem-min, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali **jew li ma jirrispettawx id-dinjità umana bi kwalunkwe manjiera oħra.**

Artikolu 3f

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-media li jaqgħu taħt il-ġurisdiżjoni tagħhom, jippromwovu, fejn ikun prattikabbli u b'mezzi xierqa, **u billi jqisu l-mezzi varji ta' tvassil, l-iżvilupp, il-produzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u l-aċċess għalihom skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6. Fil-promozzjoni ta' servizzi tal-media awdjoviżivi mhux lineari, appoġġ għal xogħlijiet Ewropej jista' jieħu s-sura ta' sehem minimu fix-xogħlijiet Ewropej proporzjonali għall-prestazzjoni ekonomika, sehem minimu f'xogħlijiet Ewropej u f'xogħlijiet Ewropej maħluqa minn produtturi li jkunu indipendenti mix-xandara f'katalogi 'video-on-demand', jew il-preżentazzjoni attraenti ta' xogħlijiet Ewropej jew ta' xogħlijiet maħluqin minn dawn il-produtturi indipendenti fi gwidi ta' programmi elettroniċi.**

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-media li jaqgħu taħt il-ġurisdiżjoni tagħhom ma jittrażmettux xogħlijiet ċinematografiċi barra mill-perjodi miftelma mas-sidien tad-drittijiet.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mir-raba' sena wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva u kull tliet snin wara dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fil-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri **u fuq studju indipendenti**, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill **kull tliet snin** dwar l-applikazzjoni tal-paragrafu 1, filwaqt li tqis l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-suq **u l-oġettiv tad-diversità kulturali**.

Artikolu 3g

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi provduti minn fornituri taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom jikkonformaw **mal-prinċipji stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikulari**, mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi għandhom ikunu identifikabbli b'mod ċar bħala tali **u jkunu jingħarfu minn kontenut editorjali. Mingħajr ħsara għall-użu ta' tekniki ġodda ta' reklamar, ir-reklamar fuq it-televiżjoni, it-telebejgħ u t-telepromozzjoni għandhom jinżammu distinti sewwa minn partijiet oħra tas-servizz tal-programmi permezz ta' mezzi ottiċi u/jew akustiċi u/jew ta' spazju**. Komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva bil-moħbi għandha tiġi projbita;
- (b) komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi għandhom jirrispettaw l-integrità ta' waqfiet naturali fil-programm li matulu jkunu trażmessi;
- (c) komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi m'għandhomx jużaw tekniki subliminali; **b'konformità ma' dan, il-volum tal-ħoss tar-riklami u tal-programmi jew sekwenzi ta' qabilhom u ta' warajhom m'għandux jeċċedi l-volum tal-ħoss medju tal-partijiet l-oħra tas-servizz tal-programmi. Dan l-obbligu għandu jkun kemm taħt ir-responsabilità ta' min jirriklama daqs kemm tax-xandara, li jridu jiżguraw li min jirriklama jkun konformi miegħu meta jipprova l-materjal ta' riklamar tiegħu**;
- (d) komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi **għandhom ikunu konformi mal-prinċipji stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikulari** m'għandhomx:
 - (i) joffendu d-dinjità umana;
 - (ii) **ikunu offensivi** fuq bażi ta' **diskriminazzjoni minħabba** razza, **ġeneru**, nazzjonalità; **diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali**;
 - (iii) jiksru d-drittijiet tat-tfal, skond id-definizzjoni li tinstab fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;
 - (iv) jinkuraġġixxu mġieba ta' ħsara għas-saħħa jew għas-sikurezza;
 - (v) jinkuraġġixxu għaġir ta' preġudizzju **gravi** għall-ħarsien ta' l-ambjent.
- (e) il-forom kollha ta' komunikazzjonijiet kummerċjali **awdjoviżivi għas**-sigaretti u prodotti oħra tat-tabakk għandhom jiġu projbiti;
- (f) Il-pornografija, inklużi immaġni li jistgħu jjanqas l-mibegħda msejsa fuq is-sess, għandha tkun ipprojbita fil-forom kollha ta' komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi u ta' telebejgħ;
- (g) il-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi għax-xorb alkoħoliku ma jridux jattiraw lill-minorenni u ma jistgħux jinkuraġġixxu l-konsum bla moderazzjoni ta' xorb ta' dan it-tip;
- (h) komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi għal prodotti mediċinali u trattament mediku disponibbli biss bir-riċetta fl-Istat Membru li fil-ġurisdizzjoni tiegħu jinsab il-fornitur tas-servizzi tal-media għandhom ikunu pprojbiti;
- (i) komunikazzjonijiet awdjoviżivi kummerċjali m'għandhomx jikkawżaw ħsara morali jew fiżika lill-minorenni. Għalhekk m'għandhomx iġiegħlu b'mod dirett lill-minorenni' biex jixtru prodott jew servizz billi jisfruttaw in-nuqqas ta' esperjenza jew il-kredulità tagħhom, jinkuraġġuhom b'mod dirett biex jipperswadu lill-ġenituri tagħhom jew lil ħaddieħor biex jixtru l-prodotti jew is-servizzi rriklamati, jisfruttaw il-fiducia speċjali li l-minorenni ppoġġu fil-ġenituri, fl-għalliema jew f'persuni oħrajn, jew juru minorenni' f'sitwazzjonijiet **perikolużi**;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (j) L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinkuraġġixxu lill-fornituri tas-servizzi tal-media biex jiżviluppaw kodiċi ta' kondotta rigward programmi għat-tfal li jkun fihom jew li jiġu interrotti minn riklamar, sponsorjar jew kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ta' ikel u xorb ħżiena għas-saħħa u mhux xieraq, bħalma huma dawk b'kontenut għoli ta' xaħam, zokkor u melħ u ta' xorb alkoħoliku.

Artikolu 3h

1. Servizzi **jew programmi** tal-media awdjoviżivi li huma **sponsorjati għandhom** jissodisfaw il-ħtiġijiet li ġejjin:

- (a) **il-kontenut tagħhom u, fil-każ tax-xandir televiżiv, l-iskedar tagħhom**, ma jstgħu taħt l-ebda ċirkustanza jiġu influwenzati b'tali mod li jaffettwa r-responsabilità u l-indipendenza editorjali tal-fornitur tas-servizz tal-media;
- (b) dawn m'għandhomx iħeġġu b'mod dirett ix-xiri jew il-kiri ta' prodotti jew ta' servizzi, b'mod partikolari billi jsiru referenzi promozzjonali speċjali lil dawk il-prodotti jew servizzi;
- (ċ) it-tele spettaturi jridu jkunu informati b'mod ċar dwar l-eżistenza **ta'** ftehimha ta' **sponsorjar. Programmi** sponsorjati għandhom ikunu identifikati bħala tali b'mod ċar permezz ta' l-isem, tal-logo u/jew ta' kwalunkwe simbolu ieħor ta' l-isponsor pereżempju b'referenza għall-prodott(i) jew is-servizz(i) tiegħu jew b'sinjal distint tiegħu b'mod xieraq skond il-programmi, fil-bidu, waqt u/jew fl-aħħar tal-**programmi**.

2. Servizzi **jew programmi** tal-media awdjoviżivi m'għandhomx ikunu sponsorjati permezz ta' intrapriżi li l-attività prinċipali tagħhom hija l-manifattura jew il-bejgħ ta' sigaretti u ta' prodotti oħra tat-**tabakk**.

3. L-isponsorjar ta' servizzi **jew programmi** tal-media awdjoviżivi minn intrapriżi li l-attivitàjiet tagħhom jinkludu l-manifattura jew il-bejgħ ta' prodotti mediċinali jew ta' trattamenti mediku jista' jip-promwovi l-isem jew l-immaġini ta' l-intrapriża iżda ma jistax jippromwovi prodotti mediċinali jew trattamenti mediċi speċifiċi li jkunu disponibbli biss b'riċetta fl-Istat Membru li l-fornitur tas-servizz tal-media jaqa' fil-**ġurisdizzjoni** tiegħu.

4. Aħbarijiet u **programmi dwar** ġrajjiet kurrenti m'għandhomx jiġu **sponsorjati**.

Artikolu 3i

1. Għandu jkun ipprojbit it-tqegħid ta' prodotti. B'mod partikolari, l-aħbarijiet u l-programmi dwar ġrajjiet kurrenti, il-programmi għat-tfal, dokumentarji u programmi li fihom jingħataw pariri m'għandux ikun fihom tqegħid ta' prodotti.

L-integrazzjoni tal-prodotti u t-tqegħid tematiku għandhom ikunu pprojbiti fil-prinċipju.

2. Madankollu, sakemm l-Istati Membri ma jiddeċidux mod ieħor, it-tqegħid tal-prodotti għandu jkun permess f'xogħlijiet ta' ċinematografija, films u sensiliet magħmula għat-televiżjoni u xandiriet sportivi.

L-għajnuna materjali tal-produzzjoni għandhom ikunu permessi f'każijiet fejn ma jsir l-ebda ħlas iżda ċerti prodotti jew servizzi jiġu pprovduti b'xejn bl-għan li jkunu inkużi fil-programm.

Il-programmi li jkun fihom tqegħid ta' prodotti jew l-għajnuna materjali tal-produzzjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) il-kontenut tagħhom u, fil-każ tax-xandir televiżiv, l-iskedar tagħhom, ma jstgħu taħt l-ebda ċirkustanza jiġu influwenzati b'tali mod li tiġi effettwata r-responsabilità u l-indipendenza editorjali tal-fornitur tas-servizzi tal-media;
- (b) dawn m'għandhomx iħeġġu b'mod dirett ix-xiri jew il-kiri ta' prodotti jew servizzi, b'mod partikolari permezz ta' referenzi promozzjonali speċjali għal dawk il-prodotti jew servizzi;

- (c) m'għandhomx jagħtu prominenza żejda lill-prodott ikkonċernat;
- (d) it-tele spettaturi għandhom ikunu infurmati b'mod ċar bl-eżistenza tat-tqegħid tal-prodotti. Programmi li jkun fihom tqegħid ta' prodotti għandhom ikunu identifikati b'mod ċar fil-bidu u fit-tmiem tal-programm u b'sinjal għallinqas darba kull 20 minuta matul il-programm, sabiex tiġi evitata kull konfużjoni min-naħa tat-tele spettatur.

It-tele spettaturi għandhom jiġu infurmati permezz ta' mezzi xierqa dwar l-użu ta' props għall-produzzjoni.

3. Fi kwalunkwe każ, il-programmi m'għandhomx jinkludu l-ebda tqegħid ta' prodotti jew ta' props għal-produzzjoni ta':

- prodotti tat-tabakk jew sigaretti jew tqegħid ta' prodotti minn intrapriżi li l-attività prinċipali tagħhom hija l-manifattura jew il-bejgħ ta' sigaretti u ta' prodotti oħra tat-tabakk; jew
- prodotti mediċinali jew trattamenti mediċi speċifiċi li jkunu disponibbli biss b'riċetta fl-Istat Membru li l-fornitur tas-servizz tal-media ikun jaqa' fil-ġurisdizzjoni tiegħu.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw biss għal programmi prodotti wara d-data sa meta l-Istati Membri għandhom ikunu daħħlu lil din id-Direttiva fis-seħħ.

Artikolu 3j

1. Il-proporzjon ta' forom qosra ta' riklamar bħal riklami u telebejgħ f'siegħa partikulari m'għandux jaqbeż l-20 %.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għall-avviżi li jsiru mix-xandara b'konnessjoni mal-programmi tagħhom stess u mal-prodotti aċċillari li huma derivati direttament minn dawn il-programmi, u avviżi ta' sponsorizzazzjoni.

Artikolu 3k

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li s-servizzi tal-media awdjoviżivi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom isiru gradwalment aċċessibbli għal min ikollu diżabbiltà viżwali jew awditiva.

2. Mhux aktar tard ... (*), l-Istati Membri għandhom jissottomettu kull sentejn rapport nazzjonali lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Ir-rapport għandu jinkludi b'mod partikulari statistiċi dwar il-progress magħmul biex jintlaħqu l-oġettivi rigward aċċessibilità kif deskritti f'paragrafu 1. Huwa għandu jiddeskrivi kwalunkwe ostakoli u l-miżuri meħtieġa biex jingħelbu.

(*) 3 snin mill-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 3l

1. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra adottati mill-Istati Membri skond il-liġi ċivili, amministrattiva jew kriminali, kull persuna fiżika jew ġuridika, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħha, li l-interessi leġittimi tagħha, b'mod partikulari iżda mhux biss, ir-reputazzjoni u l-isem tajjeb, ikunu affettwati minn asserzjoni ta' fatti f'servizz ta' media awtoviziv għandu jkollha d-dritt għal tweġiba jew rimedji ekwivalenti.

2. Id-dritt għal tweġiba jew rimedji ekwivalenti għandhom jeżistu fir-rigward tal-fornituri tas-servizz kollha tal-media awdjoviżiv taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu d-dritt għal tweġiba jew rimedji ekwivalenti u għandhom jiddeterminaw il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-eżerċizzju ta' dan. B'mod partikulari, għandhom jiżguraw li jitħalla perjodu ta' żmien biżżejjeż u li l-proċeduri jkunu tali li d-dritt jew ir-rimedji ekwivalenti jistgħu jiġu eżerċitati b'mod xieraq minn persuni naturali jew legali li huma residenti jew stabbiliti fi Stati Membri oħrajn.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

4. Applikazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt għal tweġiba jew ta' rimedji ekwivalenti tista' tiġi miċħuda meta mhix ġustifikata skond il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, jekk tinvolvi att li jista' jkun ikkastigat, jekk ix-xandir tagħha jinvolvi r-responsabilità ċivili tal-fornitur tas-servizz tal-media awdjoviżiva, jew jekk tmur kontra l-istandards ta' deċenza pubblika.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tilwim dwar l-eżerċizzju tad-dritt għal tweġiba jew ta' rimedji ekwivalenti jkun suġġett għal reviżjoni ġudizzjarja.

6. Id-dritt għal tweġiba għandu jkun mingħajr preġudizzju għal mezzi oħrajn ta' rikors disponibbli għal persuni li d-drittijiet tagħhom għad-dinjità, l-unur, ir-reputazzjoni tajba jew il-ħajja privata ma għew rispettati mill-fornitur tas-servizz tal-media.”

- (7) Fl-Artikolu 5 għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

Meta jiddefinixxu terminu 'produttur indipendenti', l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod xieraq it-tliet kriterji li ġejjin:

id-drittijiet tal-pussess u tal-proprjetà tad-ditta li tipproduċi; l-għadd ta' programmi furnuti lill-istess fornitur tas-servizz tal-media u s-sjeda ta' drittijiet sekondarji

- (8) L-Artikolu 6 ġie emendat kif ġej:

- (a) Il-Paragrafu 1(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) xogħlijiet koprodotti fil-qafas ta' ftehimiet relatati mas-settur awdjoviżiv li ġew konklużi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet iddefiniti f'kull waħda minn dawn il-ftehimiet.”

- (b) Il-paragrafu 3 tħassar.

- (c) Il-paragrafu 4 jsir il-paragrafu 3.

- (d) Il-paragrafu 5 tħassar.

- (9) L-Artikolu 7 tħassar.

- (10) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 10

1. Ir-rikliamar fuq it-televixin u t-telebejgħ għandhom ikunu *rikonoxxibbli* mill-ewwel **u distingwibbli mill-kontenut editorjali. Mingħajr preġudizzju għall-użu ta' tekniki ġodda ta' rikliamar, rikliamar televiżiv u telebejgħ għandhom** jinżammu *distinti* minn partijiet oħra tas-servizz tal-programmi permezz ta' mezzi ottiċi u/jew akustiċi **u/jew spazjali**.

2. Spotts pubbliċitarji u spotts ta' telebejgħ iżolati barra dawk fi programmi sportivi, għandhom jibqgħu l-eċċezzjoni.”

- (11) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 11

1. **L-ispots ta' rikliamar u telebejgħ jistgħu jiddaħħlu bejn il-programmi. Spots ta' rikliamar u ta' telebejgħ jistgħu jiddaħħlu wkoll** waqt il-programmi, **b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-integrità tagħhom, li jqis l-interruzzjonijiet naturali fil-programm, b'tali mod li d-drittijiet tas-sidien tad-dritt** ma jkumux ippreġudikati.

2. It-trażmissjoni ta' films magħmula għat-televixin (bl-esklużjoni ta' serje, sirjils, programmi ta' 'light entertainment' u dokumentarji), xogħlijiet ċinematografiċi, programmi tat-tfal u programmi ta' l-aħbarijiet jistgħu jiġu interrotti mill-pubbliċità u/jew telebejgħ għal darba kull perjodu **skedat ta' 30 minuta**.

L-ebda rikliamar jew telebiegħ ma jista' jsir waqt servizzi reliġjużi.”

(12) L-Artikoli 12 u 13 tħassru.

(13) L-Artikoli 16 u 17 tħassru.

(14) L-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 18

1. Il-proporzjon ta' forom qosra ta' riklamar bħal riklami u telebejgħ f'siegħa partikulari m'għandux jaqbeż l-20 %.

2. Paragrafu 1 m'għandux japplika għal avviżi magħmula mix-xandar **li jirriklama** l-programmi tiegħu stess jew lit-**telebejgħ, programmi sponsorizzati jew, fejn applikabbli, it-tqegħid ta' prodott.**”

(15) L-Artikolu 18a se jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 18a

Spazji ta' komunikazzjoni awdjoviżiva kummerċjali bħal telebejgħ, spazji għal telebejgħ u telepromozzjonijiet iridu jkunu identifikati b'mod ċar bħala tali b'mezzi ottiċi u akustiċi.”

(16) L-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 19

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw mutatis mutandis lix-xandiriet televiżivi ddedikati esklussivament għar-riklamar u għat-telebejgħ kif ukoll għal xandiriet televiżivi ddedikati esklussivament għall-awtopromozzjoni, **li għandha tkun rikonossibbli mill-ewwel bħala tali permezz ta' mezzji ottiċi u/jew akustiċi.** Il-Kapitolu 3 kif ukoll l-Artikolu 11 (regoli dwar l-inserzjoni) u l-Artikolu 18 (it-tul tal-ħin tar-riklamar u tat-telebejgħ) ma japplikawx għal dawn ix-xandiriet.”

(17) L-Artikolu 19a tħassar.

(18) L-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 20

Bla ħsara għall-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-liġi Komunitarja, jistipulaw kundizzjonijiet għajr dawk stipulati fl-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 18 fir-rigward ta' xandir **televiżiv** intenzjonat biss għat-territorju nazzjonali li ma jstax jiġi rċevut, direttament jew indirettament mill-pubbliku, fi Stat Membru wieħed jew **iżjed.**”

(19) L-Artikolu 22(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżguraw li l-programmi mxandra mill-fornituri tas-servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom ma jkun fihom xejn li jista' jagħmel ħsara serja lill-iżvilupp fiżiku, psikoloġiku jew morali tal-minorenni, b'mod partikulari dawk il-programmi li juru l-pornografija jew vjolenza bla sens.”

(20) Artikolu 22a u 22b **huma sostitwiti b'dan li ġej:**

“Artikolu 22a

(1) L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-produzzjoni u l-ipprogrammar ta' servizzi u programmi tal-media awdjoviżivi li huma xierqa għall-minorenni u li huma intenzjonati biex itejbu l-għarfien tagħhom tal-media ta' komunikazzjoni.

(2) Tali miżuri għandhom ikunu intenzjonati biex jiffaċilitaw l-azzjoni edukattiva tal-ġenituri, l-għalliema u l-edukaturi biex joħolqu kuxjenza dwar l-effetti tal-programmi li l-minorenni jistgħu jaraw permezz ta':

— l-ħolqien ta' sistemi xierqa ta' klassifikazzjoni;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- l-inkoraġġiment ta' politiki biex iżidu l-kuxjenza u l-għarfien tal-media, li għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni ta' stabbilimenti edukattivi u jaġhmlu possibbli l-produzzjoni ta' programmi Ewropej xierqa biex tarahom il-familja kollha jew immirati għat-tfal u għall-adolesxenti;
- kunsiderazzjoni għall-esperjenza li teżisti f'dan il-qasam fl-Ewropa jew f'postijiet oħra, u l-opinjoni tal-partijiet interessati, bħal xandara, produttori, ġenituri, edukaturi, esperti tal-komunikazzjoni u assoċjazzjonijiet ikkonċernati.

(3) Il-leġiżlazzjoni rispettiva ta' l-Istati Membri għandha tistipula wkoll li settijiet tat-televisin ġodda għandhom ikunu mgħammra b'apparat tekniku li jservi bħala filtru għal ċerti programmi."

(21) L-Artikolu 23a ġie emendat kif ġej:

Fparagrafu 2(e) l-espressjoni "servizzi ta' xandir televiżiv" tinbidel ma' l-espressjoni "servizzi awdjovivi tal-media".

(22) Qed jiddaħħlu l-Artikoli 23b u 23c li ġejjin:

"Artikolu 23b

1. L-Istati Membri għandhom **jieħdu miżuri xierqa biex jistabilixxu korpi u istituzzjonijiet regolatorji nazzjonali skond il-liġi nazzjonali, li jggarantixxu l-indipendenza tagħhom, li jiżguraw li n-nisa u l-irġiel huma rrappreżentati b'mod ugwali fihom u li jassiguraw li jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti.**

2. L-Istati Membri għandhom jassenjaw lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali l-ħidma biex jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-media jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, b'mod partikulari dawk relatati mal-libertà ta' l-espressjoni, mal-pluraliżmu tal-media, mad-dinjità umana, mal-prinċipju tanon-diskriminazzjoni u mal-protezzjoni tal-minorenni, dawk vulnerabbli u b'diżabilità.

3. **Il-korpi** regolatorji nazzjonali għandhom **jikkoperaw iżjed mill-qrib u għandhom jipprovdu lil xulxin u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni neċessarja għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.**

Artikolu 23c

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex ikun żgurat il-pluraliżmu ta' l-informazzjoni fis-settur tax-xandir tat-televiżjoni.

L-Istati Membri, b'konformità mal-liġi Komunitarja, jippromwovu miżuri, għal xandir, sabiex fornuri tas-servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom b'mod ġenerali jirriflettu l-pluraliżmu meħtieġ tal-valuri u għażliet rilevanti fi ħdan is-soċjetà li jaqblu mal-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea."

(23) L-Artikoli 25 u 25a tħassru.

(24) L-Artikolu 26 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 26

Mhux aktar tard ... (*), u kull sentejn wara, il-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva kif emendata, **inklużi r-rapporti msemmija fl-Artikoli 3f(3) u 3k(2) u b'mod partikulari fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fl-Artikoli 3f(1)**, u, jekk meħtieġ, tagħmel aktar proposti biex tadattaha għal żviluppi fil-qasam tas-servizzi tal-media awdjovivi, partikularment fid-dawl ta' żviluppi teknoloġiċi riċenti u l-kompetittività tas-settur **u l-promozzjoni tad-diversità kulturali.**

(*) L-aħħar tal-ħames sena wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva."

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi ("ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi")⁽¹⁾ qed jiġi emendat hekk:

Fl-Anness, il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "4. Id-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE tat-3 ta' Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' ċertu dispożizzjonijiet stipulati b'liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li jikkonċernaw l-insewiment ta' attivitajiet tax-xandir televiżiv: l-Artikoli 3g sa 3h u l-Artikoli 10 sa 20 (ĠU L 298, 17.10.1989, p. 23). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2007/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill."

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard **minn ...** (*). Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta Stat Membru jadotta dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza ta' dan it-tip dwar l-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi [...], [...]

Għall-Parlament Ewropew
Għall-Kunsill

Il-President
Il-President

⁽¹⁾ ĠU L 364, 9.12.2004, p.1. Regolament kif emendat mid-Direttiva 2005/29/KE (ĠU L 149, 11.6.2005, p.22)

(*) **Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.**

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

P6_TA(2006)0560

It-twaqif tal-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-Globalizzazzjoni *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-Globalizzazzjoni (COM (2006)0091 — C6-0082/2006 — 2006/0033(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0091)⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 159(3) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0082/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0385/2006),
1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

P6_TC1-COD(2006)0033

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Diċembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 159,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Minkejja l-effetti pożittivi tal-globalizzazzjoni fuq l-iżvilupp u l-impjiegi fil-Komunità, din tista' wkoll iġġib konsegwenzi negattivi għall-ħaddiema l-aktar vulnerabbli u dawk l-anqas kwalifikati f'ċerti setturi. Għalhekk huwa opportuni li jiġi stabbilit Fond Ewropew ta' aġġustament għall-Globalizzazzjoni (l-EGF) aċċessibbli għall-Istati Membri kollha, li permezz tiegħu l-Komunità, turi s-solidarjetà tagħha lejn il-ħaddiema kienu affettwati minn telf ta' impjiegi b'riżultat ta' bidliet fil-konfigurazzjonijiet kummerċjali dinjija.

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fit-13 ta' Settembru 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU)

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU).

⁽³⁾ Posizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2006.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (2) Huwa neċessarju li jinżammu l-valuri Ewropej u li jiġi promoss l-iżvilupp ta' kummerċ estern ġust. L-effetti negattivi tal-globalizzazzjoni għandhom jiġu ffaċċjati l-ewwel permezz ta' strateġija Komunitarja sostenibbli u fit-tul għal politika tal-kummerċ li timmira lejn standards soċjali u ekoloġiċi għoljin. L-għajnuna pprovduta mill-EGF għandha tkun dinamika u kapaċi tadatta għal ċirkostanzi tas-suq li dejjem qed jinbidlu u li ġieli ma jistgħux jitbassru.
- (3) L-EGF għandu jipprovi għajnuna speċifika ta' darba sabiex tkun iffaċilitata l-integrazzjoni mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol tal-ħaddiema f'oqsma, setturi, territorji jew reġjuni tas-suq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk serju ta' ansjetà ekonomika. L-EGF għandhom jipromwovu l-impreditorjat, pereżempju permezz ta' mikro-krediti jew għat-twaqqif ta' proġetti koperattivi.
- (4) L-azzjonijiet skond dan ir-Regolament għandhom ikunu definiti skond kriterji stretti ta' intervent li huma relatati ma' l-iskala tad-diżordni ekonomiku u ma' l-impatt tiegħu fuq settur jew żona ġeografika partikolari, biex ikun żgurat li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF tkun ikkonċentrata fuq ħaddiema fir-reġjuni u fis-setturi ekonomiċi tal-Komunità li ġew affettwati l-aktar b'mod serju. Tfixkil ta' dan it-tip mhux neċessarjament ikun ikkonċentrat fi Stat Membru wieħed. F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jressqu talbiet konġunti għal assistenza mill-EGF.
- (5) L-attivitajiet ta' l-EGF għandhom ikunu koerenti u kompatibbli mal-politiki Komunitarji l-oħra u għandhom ikunu konformi ma' l-acquis tagħha, b'mod speċjali l-interventi tal-fondi strutturali, filwaqt li jagħtu kontribut ġenwin lill-politiki soċjali tal-Komunità.
- (6) Il-Ftehma Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ⁽¹⁾. (Ftehma Interistituzzjonali) torbot legalment mill-1 ta' Jannar 2007 u l-punt 28 jiddetermina l-qafas baġitarju ta' l-EGF.
- (7) Azzjoni speċifika ffinanzjata taħt dan ir-Regolament m'għandhiex tirċievi għajnuna finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Komunità. Madankollu, hija meħtieġa koordinazzjoni ma' miżuri eżistenti jew ippjanati ta' modernizzazzjoni u ristrutturazzjoni fil-qafas ta' l-iżvilupp reġjonali, għalkemm koordinazzjoni ta' dan it-tip m'għandhiex tirriżulta fil-ħolqien ta' strutturi ta' immaniġġjar paralleli jew addizzjonali għal azzjonijiet iffinanzjati mill-EGF.
- (8) Biex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, in-nefqa għandha tkun eliġibbli mid-data li fiha l-Istat Membru jibda jipprovi servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati. Għandu jiġi stabbilit perjodu ta' żmien li matulu għandha tintuża l-kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-EGF, b'hekk tiġi riflessa l-ħtieġa għal rispons ikkonċentrat li jimmira b'mod speċifiku għall-integrazzjoni mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol.
- (9) L-Istat Membru għandu jibqa' responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja u għall-ġestjoni u l-kontroll ta' l-azzjonijiet appoġġjati mill-finanzjament tal-Komunità, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾. L-Istat Membru għandu jiġġustifika l-użu li jkun sar mill-kontribuzzjoni finanzjarja li jkunu rċevew.
- (10) Iċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ tal-Bidla, li huwa bbażat f'Dublin, jista' jgħin lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri kkonċernati permezz ta' analiżi kwalitattivi u kwantitattivi li jgħinu fl-ewalwazzjoni ta' applikazzjoni mill-fondi ta' l-EGF.
- (11) Peress li l-għanjiet ta' l-azzjoni li għandha tittieħed, ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti, jistgħu jinkisbu aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilt f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanjiet.
- (12) Minħabba li ż-żmien ta' implimentazzjoni ta' l-EGF huwa marbut mat-tul tal-qafas finanzjarju ta' bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Diċembru 2013, l-appoġġ għandu jkun disponibbli għall-ħaddiema affettwati minn telf ta' impjegji relatat mal-kummerċ sa mill-1 ta' Jannar 2007.

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p.1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni**

1. Bl-għan li jstimula t-tkabbir ekonomiku u li joħloq iktar impjiegi fl-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-EGF sabiex il-Komunità tkun tista' tipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet strutturali kbar fis-sistemi kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni fejn dan it-telf ta' impjiegi kellu impatt negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija reġjonali jew lokali.

Il-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu għandu jkun marbut mal-Qafas Finanzjarju minn Jannar 2007 sa Diċembru 2013.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli rigward l-operazzjoni ta' l-EGF sabiex jiffaċilita l-integrazzjoni mill-ġdid ta' malajr fid-dinja tax-xogħol għall-ħaddiema li ġew affettwati minn telf ta' impjiegi fil-kummerċ.

*Artikolu 2***Il-kriterji ta' intervent**

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF għandha tkun provduta meta bidliet strutturali kbar fis-sistemi kummerċjali dinjija jwasslu għal tfixkil ekonomiku serju, partikolarment żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet fl-UE, jew tnaqqis rapidu tas-sehem mis-suq ta' l-UE f'settur partikolari jew delokalizzazzjoni lejn pajjiżi terzi, li jirriżultaw f':

- a) telf ta' mill-inqas 1000 impjieg fuq perjodu ta' 4 xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li jtilfu l-impjieg tagħhom mal-fornituri tagħha jew mal-produtturi li huma eqreb tal-punt tal-bejgħ milli tal-punt tal-produzzjoni, jew
- b) telf ta' mill-inqas 1 000 impjieg, fuq perjodu ta' 9 xhur, f'intrapriża waħda jew aktar, partikolarment intrapriża ta' daqs żgħir u medju, f'settur NACE 2 f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni bi fruntieri komuni fuq livell NUTS II.
- (c) Fi swieq tax-xogħol żgħar jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali, b'ġustifikazzjoni xierqa mill-Istati Membri, applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-EGF tista' tkun meqjusa ammissibbli anke jekk il-kundizzjonijiet stipulati fis-subparagrafi (a) jew (b) ma jkunux ġew sodisfatti għal kollox, meta l-issensjar ikollu effett serju fuq ix-xogħol u fuq l-ekonomija lokali. L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet għal ċirkustanzi eċċezzjonali ma jistax jaqbeż il-15 % ta' l-EGF kull sena.

*Artikolu 3***L-azzjonijiet eliġibbli**

Kontribuzzjoni finanzjarja taħt dan ir-Regolament tista' tingħata għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jagħmlu parti minn pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati mfassla biex jergħu jintegraw fis-suq tax-xogħol lill-ħaddiema li jkunu tilfu l-impjieg tagħhom, li jinkludu:

- a) għajjnuna għat-tfittix ta' impjieg, gwida dwar ix-xogħol, taħriġ imfassal apposta u taħriġ mill-ġdid, li jinkludu ħiliet ta' l-ICT u ċertifikazzjoni ta' l-esperjenza miksuba, għajjnuna għal klassifikazzjoni mill-ġdid u promozzjoni ta' l-intraprenditorjat jew għajjnuna għal impjieg indipendenti;
- b) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien, bħal sussidji għal meta wieħed ikun qed ifittex impjieg, sussidji għall-mobilità, jew sussidji lill-individwi li jieħdu sehem fattivitajiet ta' tagħlim matul il-ħajja kollha u attivitajiet ta' taħriġ;
- c) miżuri li jstimulaw, b'mod partikolari lil ħaddiema żvantaġġati jew ixjeħ, sabiex jibqgħu jew jergħu jidħlu fis-suq tax-xogħol.

L-EGF ma għandiex tiffinanzja miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

Fuq l-inizjattiva ta' l-Istat Membru, l-EGF tista' tiffinanzja l-attivitajiet ta' tħejjija, immaniġġjar, taġrif u pubbliċità, u kontroll għall-implimentazzjoni tal-Fond.

*Artikolu 4***It-tip ta' kontribuzzjoni finanzjarja**

Il-Kummissjoni għandha tagħti kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' pagament wieħed, li għandha tiġi implimentata fil-qafas ta' ġestjoni komuni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, skond l-Artikolu 53, paragrafu 1, punt b) u l-paragrafi 5 u 6 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

*Artikolu 5***L-applikazzjonijiet**

1 L-Istat Membru għandu jissottometti applikazzjoni għall-kontribuzzjoni mill-EGF lill-Kummissjoni fi żmien 10 ġimgħat mid-data li fiha l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 għall-mobilizzazzjoni ta' l-EGF jkunu milħuqa. L-applikazzjoni tista', sussegwentament tiġi supplimentata mill-Istat/i Membru/i.

2. L-applikazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- a) Analiżi raġunata tar-rabta bejn it-telf ta' l-impjiegi ippjanat u l-bidliet strutturali kbar fis-sistemi kummerċjali dinjija u wirja tan-numru ta' impjiegi mitlufa u spjegazzjoni tan-natura mhux prevedibbli ta' dan it-telf ta' impjiegi;
- b) L-identifikazzjoni ta' l-intrapriżi li keċċew lill-impjegati (nazzjonali jew multinazzjonali), il-fornituri jew il-produtturi downstream, is- setturi, u l-kategoriji ta' ħaddiema li għandhom ikunu mmirati;
- c) Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet reġjonali tiegħu u partijiet interessati oħra, u l-impatt li huwa mistenni li se jkollhom l-impjiegi mitlufa fir-rigward ta' l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali;
- d) Il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati li għandhom jiġu ffinanzjati u analiżi ta' kemm mistenni jiswa, inkluża l-komplementarjetà tiegħu ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali kif ukoll informazzjoni dwar azzjonijiet li huma obbligatorji skond il-liġi nazzjonali jew skond ftehim kollettivi;
- e) Id-data/i li fiha nbew jew huwa maħsub li jinbnew servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati;
- f) Il-proċeduri segwiti biex ikunu kkonsultati l-imsieħba soċjali;
- g) L-awtorità responsabbli mill-obbligi ta' ġestjoni u kontroll finanzjarju skond l-Artikolu 18.

3. Waqt li jqiesu l-azzjonijiet li ġew implimentati mill-Istat Membru, mir-reġjun, mill-imsieħba soċjali u mill-intrapriżi kkonċernati permezz tal-liġi nazzjonali jew tal-ftehim kollettivi, u billi nġhatat attenzjoni partikolari lill-azzjonijiet li kienu ffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew (l-ESF), l-informazzjoni provduta taħt il-paragrafu 2 għandha tinkludi deskrizzjoni fil-qosor ta' l-azzjonijiet li ttieħdu u li kienu pplanati mill-awtorità nazzjonali u mill-intrapriżi kkonċernati, inkluża stima ta' kemm ġew jiswew.

4. L-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernat(i) għandu/għandhom jipprovdi/u wkoll informazzjoni ta' l-istatistika u informazzjoni oħra, fuq l-aktar livell territorjali xieraq, li l-Kummissjoni teħtieġ biex tivvaluta jekk il-kriterji ta' intervent intlaħqux jew le.

5. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u fi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali ppreżentata mill-Istat/i Membru/i, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk intlaħqux il-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja taħt dan ir-Regolament.

*Artikolu 6***Il-komplementarjetà, il-konformità u l-koordinazzjoni**

1. L-ġhajjnuna mill-EGF m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skond il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi.

2. L-ġhajjnuna mill-EGF għandha tikkomplementa l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi dawk li huma kofinanzjati mill-fondi strutturali.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

3. L-assistenza mill-EGF għandha tipprovdi solidarjetà u appoġġ għal ħaddiema individwali li jkunu tilfu l-impjieg bħala riżultat ta' bidliet strutturali fis-sistemi kummerċjali dinjija. L-EGF m'għandux jiffinanzja l-istrutturar mill-ġdid ta' kumpaniji jew setturi.
4. Skond ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni ta' l-għajjnuna mill-Fondi tal-Komunità.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet speċifiċi li jirċievu kontribuzzjoni taħt l-EGF ma għandhomx ukoll jirċievu għajjnuna minn strumenti finanzjarji oħra tal-Komunità.

*Artikolu 7***L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi tiġi promossa matul l-istadji varji ta' implimentazzjoni ta' l-EGF. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu passi xierqa sabiex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni minħabba sess, razza, jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali matul l-istadji varji ta' implimentazzjoni ta' l-EGF, u b'mod partikulari, fl-aċċess għall-EGF.

*Artikolu 8***L-għajjnuna teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni**

1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, bla ħsara għal rata massima ta' 0.35% tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għal dik is-sena, l-EGF jista' jintuża biex jiffinanzja l-monitoraġġ, l-informazzjoni, l-appoġġ amministrattiv u tekniku, l-attivitajiet ta' verifiki, kontroll u evalwazzjoni li huma meħtieġa biex ikun implimentat dan ir-Regolament.
2. Kompiti ta' din ix-xorta għandhom jitwettqu skond ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, kif ukoll skond ir-regoli implimentattivi tiegħu li japplikaw għal din il-forma ta' implimentazzjoni tal-baġit.

*Artikolu 9***L-informazzjoni u l-pubbliċità**

1. L-Istat Membru għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-azzjonijiet iffinanzjati u għandu jagħmlilhom pubbliċità. L-informazzjoni għandha tkun indirizzata lill-ħaddiema konċernati, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-imsieħba soċjali, il-midja u lill-pubbliku b'mod aktar ġenerali. Għandha tenfasizza l-irwol tal-Komunità u għandha tiżgura li l-kontribuzzjoni mill-EGF tkun viżibbli.
2. Il-Kummissjoni għandha twaqqaf sit ta' l-internet li jkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-Komunità, liema sit għandu jipprovdi tagħrif dwar l-EGF, gwida dwar it-tfiġh ta' l-applikazzjonijiet, u tagħrif aġġornat dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda, filwaqt li jenfasizzaw l-irwol ta' l-awtorità baġitarja.

*Artikolu 10***Id-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja**

1. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni li twettqet skond l-Artikolu 5(5), partikolarment billi jitqiesu n-numru ta' ħaddiema li għandhom jiġu appoġġati, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż ikkalkulati, il-Kummissjoni għandha tevalwa u tipproponi kemm jista' jkun malajr l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja, li tista' tingħata, fi ħdan il-limiti tar-riżorsi disponibbli.

L-ammont ma jistax jaqbeż il-50% tat-total ta' l-ispejjeż ikkalkulati li indikati fl-Artikolu 5(2)(d).

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

2. Fejn, fuq il-bażi tal-valutazzjoni li twettqet skond l-Artikolu 5(5), il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li ntlaħqu l-kondizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja taħt dan ir-Regolament, għandha tagħti bidu għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12 minnufih.

3. Fejn, fuq il-bażi tal-valutazzjoni li tkun saret skond l-Artikolu 5(5), il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-kondizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja taħt dan ir-Regolament ma ntlaħqux, għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat mill-aktar fis possibbli.

*Artikolu 11***L-eliġibilità tan-nefqa**

In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-EGF mid-data(i) li fiha l-Istat Membru ikkonċernat jibda jipprovi servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati kif stipulat fl-Artikolu 5(2)(e).

*Artikolu 12***Il-proċedura baġitarja**

1. L-arranġamenti għall-EGF għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Punt 28 tal-Ftehma Interstituzzjonali u kwalunkwe revizzjoni ta' dak il-Punt.

2. L-appropriazzjonijiet li jikkonċernaw l-EGF għandhom ikunu inklużi fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea bħala dispożizzjoni permezz tal-proċedura baġitarja normali mill-mument meta l-Kummissjoni tkun identifikat biżżejjed marġni u/jew impenji kkanċellati.

3. Fejn il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li għandha tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF, għandha tressaq proposta quddiem l-awtorità tal-baġit biex tawtorizza l-appropriazzjonijiet li jikkorrispondu għall-ammont li ġie ddeterminat skond l-Artikolu 10 u talba għat-trasferiment ta' l-ammont għal-linja baġitarja ta' l-EGF. Il-proposti jistgħu jinġabru fi gruppi.

It-trasferimenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-EGF se jseħħu skond l-Artikolu 24(4) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

4. Proposta skond il-paragrafu 3 għandha tinkludi dan li ġej:

- a) il-valutazzjoni mwettqa skond l-Artikolu 5(5), flimkien ma' sommarju ta' l-informazzjoni li fuqha hija bbażata dik il-valutazzjoni;
- b) evidenza li ntlaħqu l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 2 u 6; u
- c) ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-ammonti proposti.

5. Fl-istess ħin, waqt li tippreżenta l-proposta tagħha, il-Kummissjoni għandha tibda proċedura ta' trijalogu, possibbilment f'forma sempliċi, sabiex tilħaq ftehim bejn iż-żewġ naħat ta' l-awtorità tal-baġit dwar il-bżonn li jintuża l-EGF u dwar l-ammont meħtieġ.

6. Fl-1 ta' Settembru ta' kull sena, mill-inqas kwart ta' l-ammont annwali massimu ta' l-EGF għandu jibqa' disponibbli sabiex ikunu koperti l-ħtiġijiet li jinqalgħu sakemm tintemm is-sena.

7. Hekk kif l-appropriazzjonijiet isiru disponibbli min-naħa ta' l-awtorità baġitarja, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja.

*Artikolu 13***Il-pagament u l-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja**

1. Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni skond l-Artikolu 12(3), il-Kummissjoni għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istat Membru f'pagament wieħed, bħala prinċipju fi żmien 15-il ġurnata.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

2. L-Istat Membru għandu juża l-kontribuzzjoni finanzjarja, kif ukoll kwalunkwe imgħax li jaqła minn fuqha, fi 12-il xahar mid-data ta' l-applikazzjoni skond l-Artikolu 5.

*Artikolu 14***L-użu ta' l-Euro**

L-applikazzjonijiet, id-deċiżjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u r-rapporti li jaqgħu taħt dan ir-Regolament, kif ukoll kwalunkwe dokument relatat ieħor, għandu jesprimi l-ammonti kollha f'Euro.

*Artikolu 15***Ir-rapport finali u l-ghelug**

1. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara li jiskadi l-perjodu speċifikat fl-Artikolu 13(2), l-Istat Membru ikkonċernat għandu jippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar it-twertiq tal-kontribuzzjoni finanzjarja, li jinkludi informazzjoni dwar it-tip ta' azzjonijiet u r-riżultati ewlenin, flimkien ma' prospett li jiġġustifika n-nefqa u li jindika, fejn ikun xieraq, il-komplementarjetà ta' l-azzjonijiet ma' dawk iffinanzjati mill-ESF.

2. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara li l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni kollha meħtieġa taħt il-paragrafu 1, għandha tagħlaq il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF.

*Artikolu 16***Ir-rapport annwali**

1. Għall-ewwel darba fl-2008 u qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport kwantitattiv u kwalitattiv dwar l-attivitajiet taħt dan ir-Regolament matul is-sena ta' qabel. Ir-rapport għandu jiffoka l-iktar fuq ir-riżultati li ntlaħqu mill-EGF and għandu jinkludi b'mod partikulari informazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-applikazzjonijiet imressqa, mad-Deċiżjonijiet li ġew adottati, ma' l-azzjonijiet iffinanzjati inkluża l-komplementarjetà tagħhom ma' l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-ESF, u ma' l-istralċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja li saret. Għandu jiddokumenta wkoll dawk it-talbiet li ġew miċħuda minħabba nuqqas ta' l-appropriazzjonijiet meħtieġa jew minħabba li ma kienux eliġibbli.

2. Ir-rapport se jiġi trasmess, bħala informazzjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-imsieħba soċjali.

*Artikolu 17***L-evalwazzjoni**

1. Fuq l-inizjattiva tagħha stess u f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twettaq:
 - a) evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' l-effikaċja u s-sostenibbiltà tar-riżultati miksuba sal-31 ta' Diċembru 2011; u
 - b) evalwazzjoni ex-post, sal-31 ta' Diċembru 2014 bl-għajnuna ta' esperti esterni, sabiex jiġi mkejjel l-impatt ta' l-EGF u l-valur miżjud tiegħu.
2. Ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni se jkunu trasmessi, bħala informazzjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-imsieħba soċjali.

*Artikolu 18***Il-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju**

1. Bla ħsara għar-responsabbiltà tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, l-Istati Membri għandhom jassumu r-responsabbiltà fil-bidunett għall-immaniġġjar ta' l-azzjonijiet appoġġjati mill-EGF u l-kontroll finanzjarju ta' l-azzjonijiet. Għal dan l-għan, il-miżuri li huma jieħdu għandhom jinkludu:

- a) li jivverifikaw li l-arranġamenti ta' mmaniġġjar u kontroll ġew stabbiliti u qed ikunu implimentati b'tali mod li jassiguraw li l-fondi tal-Komunità qed ikunu użati b'mod effiċjenti u korrett, b'konformità mal-prinċipji ta' mmaniġġjar finanzjarju tajjeb;

- b) li jiġverifikaw li l-azzjonijiet iffinanzjati twettqu kif suppost;
- c) li jassiguraw li l-infiq iffinanzjat hu bbażat fuq dokumenti ta' ġustifikazzjoni vera, huwa korrett u regolari;
- d) li jimpedixxu, isibu u jikkoreġu l-irregolaritajiet kif stabbiliti fl-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tas-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni ⁽¹⁾ u jirkurpraw l-ammonti li ma kellhomx jit-ħallsu flimkien ma' l-interessi fuq pagamenti magħmula tard bi qbil ma' l-istess Artikolu. Huma għandhom jinnotifikawhom, fi żmien debitu, lill-Kummissjoni, u jżommu lill-Kummissjoni informata bil-progress tal-proċedimenti amministrattivi u legali.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa fejn tkun aċċertata irregolarità. Il-korrezzjonijiet magħmula mill-Istat Membru għandhom jikkonsistu fit-tħassir ta' parti mill-kontribuzzjoni jew tal-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità. Fejn jirriżulta li kien hemm irregolarità l-Istat Membru għandu jirkupra kull ammont mitluf, iħallsu lura lill-Kummissjoni u, meta l-ammont ma jitħallasx f'waqtu fil-limitu ta' żmien mogħti mill-Istat Membru ikkonċernat, interess awtomatiku għandu jkun dovut.

3. Il-Kummissjoni, fir-responsabbiltà tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, għandha tieħu l-passi kollha neċessarji biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati twettqu b'konformità mal-prinċipji ta' mmaniġġjar finanzjarju tajjeb u effiċjenti, b'osservanza tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002. Hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jiżgura li għandu sistemi ta' maniġment u ta' kontroll li qed jaħdmu tajjeb; il-Kummissjoni għandha tivverifika hija stess l-eżistenza ta' dawn is-sistemi.

Għal dan l-iskop, bla ħsara għall-poteri tal-Qorti ta' l-Awdituri jew għall-verifiki mwettqa mill-Istat Membru b'konformità mal-liġijiet nazzjonali, r-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi, l-uffiċjali jew l-impjegati tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifiki fil-post, inklużi verifiki rappreżentattivi, dwar l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond wara avvizz li jintbagħat fiż-żmien minimu ta' jum ta' xogħol. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat bl-iskop li takkwista l-assistenza neċessarja kollha. Uffiċjali jew impjegati ta' l-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu parti f'dawn il-verifiki.

4. L-Istat Membru għandu jassigura li d-dokumenti ta' ġustifikazzjoni li jirrigwardaw in-nefqa magħmula jinżammu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri għal perjodu ta' tliet snin wara l-konklużjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja rċevut mill-EGF.

Artikolu 19

Ir-rimborż tal-kontribuzzjoni finanzjarja

1. F'każi fejn l-ammont ta' l-ispiża effettiva ta' azzjoni jkun inqas mill-ammont ikkalkulat li kien ikkwotat skond l-Artikolu 12, il-Kummissjoni għandha teħtieġ li l-Istat Membru jħallas lura ammont li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni finanzjarja li ħa.

2. Fejn Stat Membru jkun naqas milli jikkonforma ma' l-obbligi ddikjarati fid-Deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa sabiex teħtieġ li l-Istat Membru jħallas lura l-kontribuzzjoni finanzjarja kollha li ħa jew parti minnha.

3. Qabel ma tiġi adottata Deċiżjoni taħt il-paragrafi 1 jew 2, il-Kummissjoni għandha twettaq eżami xieraq tal-każ u, b'mod partikolari, għandha tagħti lill-Istat Membru perjodu speċifiku ta' żmien li matulu jista' jressaq il-kummenti tiegħu.

4. Jekk, wara li jitlestew il-verifiki neċessarji, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat/i Membru/i mhux jikkonforma ma' l-obbligi tiegħu skond l-Artikolu 18(1), hi għandha, jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim u jekk l-Istat Membru jkun għadu ma wettaqx il-korrezzjonijiet f'perjodu stabbilit mill-Kummissjoni, u wara li jkun kunsidrati l-kummenti kollha magħmula mill-Istat Membru, tiddeċiedi fi tliet xhur mill-aħħar tal-perjodu msemmi hawn fuq biex tagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa billi tikkanċella għall-azzjoni involuta l-kontribuzzjoni kollha ta' l-EGF jew parti minnha. Kull ammont mitluf li jirriżulta minn irregolarità misjuba għandu jkun irkuprat u, fejn l-ammont mhux imħallas fiż-żmien mogħti mill-Istat Membru involut, interess awtomatiku għandu jkun dovut.

(¹) ĠU L 210, 31.7.2006, p.25.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

Artikolu 20

Il-klawsola ta' revizzjoni

Fuq il-bażi ta' l-ewwel rapport annwali provdut fl-Artikolu 16, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jirriveđu dan ir-Regolament, fuq il-bażi ta' proposta min-naħa tal-Kummissjoni, biex ikun żgurat li qed jintlaħaq l-għan ta' solidarjetà ta' l-EGF u li d-dispożizzjonijiet tiegħu jikkunsidraw b'mod adegwat, il-karatteristiċi ekonomiċi, soċjali u territorjali ta' l-Istati Membri kollha.

Ikun xi jkun il-każ, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirriveđu dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 21

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi, ...

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

P6_TA(2006)0561

Approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' emissjonijiet u l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija tal-vetturi ***

IRiżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' emissjonijiet u l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 72/306/KEE u d-Direttiva .../.../KE (COM(2005)0683 — C6-0007/2006 — 2005/0282(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0683) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0007/2006),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għat-Trasport u għat-Turiżmu u l-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0301/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi proposti f'direttiva qafas riveduta dwar approvazzjoni tat-tip li tigarantixxi aċċess għal informazzjoni ddetaljata dwar tiswija ta' vetturi sabiex tiġi stimolata l-kompetizzjoni fl-industrija tat-tiswija tal-vetturi. Barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tressaq kwalunke proposta neċessarja sabiex tiġi evitata dupplikazzjoni jew regolamentazzjoni doppja bejn dan ir-Regolament, Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2002 tal-31 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehimiet vertikali u prattiki miftiehma fis-settur tal-vetturi ⁽²⁾ u l-abbozz ta' Direttiva dwar l-approvazzjoni ta' vetturi u t-trejlers tagħhom.
3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tissostitwiha b'test ieħor;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽²⁾ ĠU L 203, 1.8.2002, p. 30.

P6_TC1-COD(2005)0282

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Diċembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Is-suq intern jikkonsisti f'żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital għandu jiġi żgurat. Għal dak l-għan, hemm fis-seħħ sistema ta' approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur, stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽³⁾. Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' emissjonijiet għandhom għalhekk jiġu armonizzati biex jiġu evitati rekwiżiti li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, u biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali.

⁽¹⁾ ĠU C 318, 22.12.2006, p. 62.

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2006

⁽³⁾ ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/40/KE (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12).

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- (2) Dan ir-Regolament huwa wieħed minn numru ta' atti regolatorji separati fil-kuntest tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip taħt id-Direttiva 70/156/KEE. Għalhekk, dik id-Direttiva għandha tiġi emendata skond dan.
- (3) Fuq talba tal-Parlament Ewropew ġie introdott approċċ regolatorju ġdid fil-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar il-vetturi. B'hekk, dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet fundamentali dwar l-emissjonijiet mill-vetturi, filwaqt li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jiġu stabbiliti permezz tal-miżuri ta' implimentazzjoni adottati wara l-proċeduri ta' kumitoloġija.
- (4) F'Marzu 2001 il-Kummissjoni varat il-programm Arja Nadifa għall-Ewropa (CAFE), li l-elementi ewlenin tiegħu huma spjegati f'komunikazzjoni ta' l-4 ta' Mejju 2005. Dan wassal għall-adozzjoni ta' strateġija tematika dwar it-tniġġis ta' l-arja bil-komunikazzjoni tal-21 ta' Settembru 2005. Waħda mill-konklużjonijiet ta' l-istrateġija tematika hija li hemm bżonn ta' tnaqqis ulterjuri ta' l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport (trasport bl-ajru, marittimu u bl-art), mid-djar u mis-setturi ta' l-enerġija, tal-biedja u ta' l-industrija biex jinkisbu l-għanijiet ta' l-UE dwar il-kwalità ta' l-arja. F'dan il-kuntest, il-ħidma biex jitnaqqsu l-emissjonijiet minn vetturi għandha tiġi affrontata bħala parti minn strateġija globali. L-istandards Euro 5 u 6 huma waħda mill-miżuri mfassla biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' partikulat u ta' prekursori ta' l-ożonu, bħal ma huma l-ossidi tan-nitroġenu u l-idrokarburi.
- (5) Hemm bżonn ta' sforzi kontinwi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-vetturi sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' l-UE rigward il-kwalità ta' l-arja. Għal dik ir-raġuni, l-industrija għandha tingħata informazzjoni ċara dwar il-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet fil-ġejjieni. Għalhekk, apparti l-Euro 5, dan ir-Regolament jinkludi l-istadju Euro 6 tal-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet.
- (6) B'mod partikulari, hemm bżonn ta' tnaqqis konsiderevoli ta' l-emissjonijiet ta' l-ossidju tan-nitroġenu biex tittejjeb il-kwalità ta' l-arja u biex ikun hemm konformità mal-valuri ta' limitu għat-tniġġis. Dan jeħtieġ li, fl-istadju Euro 6, jintlaħqu valuri ta' limitu ambizzjużi, mingħajr ma' jkun hemm l-obbligu li jiġu abbandunati l-vantaġġi tal-magni diesel f'dak li għandu x'jaqsam mal-konsum tal-fjuwil u ma' l-emissjonijiet ta' idrokarburi u tal-monossidju tal-karbonju. Jekk jiġi stabbilit pass ta' dan it-tip għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' l-ossidju tan-nitroġenu fi stadju bikri, tingħata sigurtà għall-ippjanar fit-tul, fl-Ewropa kollha għall-manifatturi ta' vetturi.
- (7) Fl-iffissar ta' l-istandards għall-emissjonijiet huwa importanti li jitqiesu l-implikazzjonijiet għas-swieq u l-kompetittività tal-manifatturi, in-nefġiet diretti u indiretti imposti fuq in-negozju u l-benefiċċji li jinħolqu f'termini ta' thegħiġ ta' l-innovazzjoni, titjib fil-kwalità ta' l-arja, tnaqqis fin-nefġiet għas-saħħa, u żieda fil-medja ta' l-għomor, kif ukoll l-implikazzjonijiet ta' l-impatt globali fuq l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju.
- (8) Hemm bżonn ta' aċċess bla restrizzjonijiet għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, bl-użu ta' format standardizzat li jista' jintuża biex terġa' tinkiseb l-informazzjoni teknika u l-kompetizzjoni effettiva fis-suq għat-tiswija u l-manutenzjoni ta' servizzi ta' informazzjoni biex jittejjeb il-mod kif jaħdem is-suq intern, partikolarment fir-rigward tal-moviment liberu ta' merkanzija, il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu provduti servizzi. Proporzjon kbir ta' tali informazzjoni hu relatat ma' sistemi dijanjostiċi fil-vettura (OBD) u l-interazzjoni tagħhom ma' sistemi ta' vetturi oħra. Ikun xieraq li jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li l-websajts tal-manifatturi għandhom isegwu, flimkien ma' miżuri mmirati biex jiġi żgurat aċċess raġonevoli għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs). Standards komuni miftehma bl-involviment ta' kull min hu involut, bħall-format OASIS⁽¹⁾, jistgħu jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-manifatturi u l-fornituri ta' servizzi. Hu għalhekk xieraq li inizjalment jiġi rikjest l-użu ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-format OASIS u biex il-Kummissjoni tintalab tirrikjedi CEN/ISO biex dan il-format ikompli jiġi żviluppat fi standard bl-intenzjoni li l-format OASIS jiġi sostitwit fiż-żmien dovut.
- (9) Mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-operat tas-sistema ta' aċċess għall-informazzjoni kollha dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi bl-intenzjoni li jiġi determinat jekk ikunx xieraq li d-dispożizzjonijiet kollha li jirregolaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vetturi jiġu konsolidati fi ħdan Direttiva qafas riveduta dwar l-approvazzjoni tat-tip. Jekk id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-aċċess għall-informazzjoni kollha dwar vetturi jiġu inkorporati f'dik id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet korrispondenti f'dan ir-Regolament għandhom jitħassru, sakemm id-drittijiet eżistenti għall-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni jiġu preżervati.

(¹) Organizzazzjoni għall-Avvanzament ta' Standards ta' Informazzjoni Strutturata.

- (10) Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-emissjonijiet li għadhom mhux regolati u li jinħolqu bħala konsegwenza ta' użu usa' ta' formulazzjonijiet ġodda ta' karburanti, teknoloġiji tal-magni u sistemi ta' kontroll ta' emissjoni u, fejn jeħtieġ, tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-għan li jiġu regolati dan it-tip ta' emissjonijiet.
- (11) Sabiex tiġi faċilitata l-introduzzjoni ta' vetturi li jużaw fjuwils alternattivi u sabiex dawn it-tip ta' vetturi, li jista' jkollhom emissjonijiet baxxi ta' ossidju tan-nitroġenu u ta' materja partikulata, ikomplu jeżistu, u fl-istess ħin jinkoraġġixxu emissjonijiet imnaqqa minn vetturi li jaħdmu bil-petrol, dan ir-Regolament jintroduċi valuri ta' limitu separati għal idrokarburi totali u idrokarburi totali mhux tal-metanu.
- (12) Għandhom jitkomplew l-isforzi għall-implimentazzjoni ta' limiti aktar stretti fuq l-emissjonijiet, li jinkludu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju, u sabiex jiġi żgurat li daww il-limiti jirrelataw mar-rendiment fil-fatt tal-vetturi meta dawn ikunu qed jintużaw.
- (13) Sabiex jiġi żgurat li l-emissjonijiet ta' materjal partikulat fin ħafna (PM 0.1 μm u inqas) ikunu kkontrollati, il-Kummissjoni għandha tadotta, malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard mid-dħul fis-seħħ ta' l-istadju Euro 6, metodu bbażat fuq numri fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' PM, b'żieda mal-metodu bbażat fuq il-massa li jintuża bħal issa. L-approċċ ibbażat fuq numri għal emissjonijiet ta' PM għandu jaħdem fuq ir-riżultati tal-Programm tal-Kejl tal-Partikulati (PMP) ta' l-UN/ECE, u għandu jkun konsistenti ma' l-għanijiet ambizzjużi eżistenti għall-ambjent.
- (14) Biex tipprovi possibbiltà akbar ta' ripetizzjoni tal-kejl tal-massa u tan-numru ta' emissjonijiet f'partikulati fil-laboratorju, il-Kummissjoni għandha tadotta proċedura ġdida ta' kejl li tissostitwixxi l-proċedura attwali. Dan għandu jsir mill-aktar fis possibbli, u sa mhux aktar tard mid-dħul fis-seħħ ta' l-istadju Euro 6. Għandu jkun ibbażat fuq ir-riżultati tal-PMP. Meta l-proċedura ta' kejl il-ġdida tiġi implimentata, il-limiti tal-massa ta' PM stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jiġu kkalibrati mill-ġdid, billi l-proċedura l-ġdida tirreġistra livell aktar baxx ta' massa minn dak attwali.
- (15) Il-Kummissjoni għandha iżomm taħt konsiderazzjoni l-bżonn li tirrevedi ċ-Ċiklu l-Ġdid tas-Sewqan Ewropew (*New European Drive Cycle*) bħala proċedura ta' ttestjar li ttiprovi l-bażi għar-regolamenti dwar emissjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip KE. L-aġġornament jew is-sostituzzjoni ta' ċikli ta' ttestjar jistgħu jkunu meħtieġa biex jirriflettu l-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vetturi u l-imġieba tas-sewwieqa. Reviżjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa biex jiżguraw li l-emissjonijiet fid-dinja reali jikkorrispondu għal daww imkejla fl-approvazzjoni tat-tip. L-użu ta' sistemi *portable* ta' kejl ta' emissjonijiet u l-introduzzjoni ta' kunċett regolatorju ta' "m'għandux jinqabeż" għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.
- (16) Sistemi OBD huma importanti għall-kontroll ta' l-emissjonijiet matul l-użu tal-vettura. Minħabba l-importanza li jiġu kkontrollati l-emissjonijiet fid-dinja reali, il-Kummissjoni għandha iżomm taħt konsiderazzjoni r-rekwiżiti għal tali sistemi u l-limiti ta' tolleranza għall-monitoraġġ ta' difetti.
- (17) Metodu standardizzat għall-kejl tal-konsum tal-karburant u ta' l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-vetturi huwa meħtieġ biex jiżgura li ebda ostakli tekniċi għall-kummerċ ma jinħolqu bejn l-Istati Membri. Aktar minn hekk, huwa wkoll meħtieġ li jiġi żgurat li l-klijenti u l-utenti jingħataw informazzjoni oġġettiva u preċiża.
- (18) Qabel ma titħejja proposta għal standards futuri ta' l-emissjonijiet, il-Kummissjoni għandha tagħmel studji mfassla sabiex jiġi determinat jekk għadux meħtieġ li titkompla s-suddivizzjoni ta' kategoriji ta' vetturi fi gruppi, u jekk jistgħux jiġu applikati limiti ta' emissjonijiet indipendenti mill-massa.
- (19) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu, permezz ta' inċentivi finanzjarji, jgħaġġlu t-tqegħid fis-suq ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti adottati fil-livell Komunitarju. Madanakollu, tali inċentivi għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, b'mod partikolari r-regoli dwar l-għajnuna statali. Dan sabiex jevitaw distorsjonijiet fis-suq intern. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri li jinkludu l-emissjonijiet fil-bażi tal-kalkolu tat-taxxi imposti fuq il-vetturi.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

(20) Billi l-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet u l-konsum tal-karburant tal-vetturi żviluppat matul perjodu ta' aktar minn 35 sena u issa hija mifruxa fuq aktar minn 24 Direttiva, huwa rakkomandabbli li dawk id-Direttivi jiġu sostitwiti b'regolament ġdid u numru ta' miżuri ta' implimentazzjoni. Regolament jiżgura li d-dispożizzjonijiet tekniċi dettaljati jkunu applikabbli direttament għall-manifatturi, awtoritajiet ta' l-approvazzjoni u servizzi tekniċi u li jkunu jistgħu jiġu aġġornati b'aktar ħeffa u effiċjenza. Id-Direttivi 70/220/KEE ⁽¹⁾, 72/306/KEE ⁽²⁾, 74/290/KEE ⁽³⁾, 80/1268/KEE ⁽⁴⁾, 83/351/KEE ⁽⁵⁾, 88/76/KEE ⁽⁶⁾, 88/436/KEE ⁽⁷⁾, 89/458/KEE ⁽⁸⁾, 91/441/KEE ⁽⁹⁾, 93/59/KEE ⁽¹⁰⁾, 94/12/KEE ⁽¹¹⁾, 96/69/KEE ⁽¹²⁾, 98/69/KEE ⁽¹³⁾, 2001/1/KEE ⁽¹⁴⁾, 2001/100/KEE ⁽¹⁵⁾ u 2004/3/KEE ⁽¹⁶⁾ għandhom għalhekk jiġu mħassra. Barra min dan, l-Istati Membri għandhom iħassru wkoll il-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttivi mħassra.

(21) Sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-vetturi, id-Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi u partikulati minn magni li jaħdmu b'compression ignition għall-użu f'vetturi, u l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi minn magni b'positive ignition li jaħdmu bil-gass naturali jew bil-gass likwidu tal-petroljum għall-użu f'vetturi ⁽¹⁷⁾ għandhom jiġu emendati b'tali mod li jkopru l-vetturi heavy-duty kollha, sabiex ikun magħmul ċar li dan ir-Regolament jikkonċerna l-vetturi light-duty.

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ta' l-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn vetturi bil-mutur (ĠU L 76, 6.4.1970, p.1). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/76/KE (ĠU L 206, 15.8.2003, p.29).

⁽²⁾ Direttiva tal-Kunsill 72/306/KEE tat-2 ta' Awissu 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra emissjonijiet ta' inkwinanti minn magni diesel għall-użu fil-vetturi (ĠU L 190, 20.8.1972, p. 1).

⁽³⁾ Direttiva tal-Kunsill 74/290/KEE tat-28 ta' Mejju 1974 li tadatta għal progress tekniku d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn gassijiet minn magni "positive-ignition" ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 159, 15.6.1974, p. 61). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/101/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p.238).

⁽⁴⁾ Direttiva tal-Kunsill 80/1268/KEE tas-16 ta' Diċembru 1980 dwar l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju u l-konsum tal-karburanti minn vetturi bil-mutur (ĠU L 375, 31.12.1980, p.36). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 49, 19.2.2004, p.36).

⁽⁵⁾ Direttiva tal-Kunsill 83/351/KEE tas-16 ta' Ġunju 1983 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn gassijiet minn magni "positive-ignition" ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 197, 20.7.1983, p. 1).

⁽⁶⁾ Direttiva tal-Kunsill 88/76/KEE tat-3 ta' Diċembru 1987 li temenda d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn gassijiet mill-magni ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 36, 9.2.1988, p. 1).

⁽⁷⁾ Direttiva tal-Kunsill 88/436/KEE 16 ta' Ġunju 1988 li temenda d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn gassijiet mill-magni ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 214, 6.8.1988, p. 1).

⁽⁸⁾ Direttiva tal-Kunsill 89/458/KEE tat-18 ta' Lulju 1989 li temenda, fir-rigward tan-normi ta' emissjonijiet ewropej għal vetturi b'cilindraċ inqas minn 1,4 litru, id-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja permezz ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 226, 3.8.1989, p1).

⁽⁹⁾ Direttiva tal-Kunsill 91/441/KEE tas-26 ta' Ġunju 1991 li temenda d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja permezz ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 242, 30.8.1991, p.1).

⁽¹⁰⁾ Direttiva tal-Kunsill 93/59/KEE tat-28 ta' Ġunju 1993 li temenda d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja permezz ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 186, 28.7.1993, p.21).

⁽¹¹⁾ Direttiva 94/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja permezz ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 100, 19.4.1994, p.42).

⁽¹²⁾ Direttiva 96/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 1996 li temenda d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja permezz ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 282, 1.11.1996, p.64).

⁽¹³⁾ Direttiva 98/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja permezz ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 350, 28.12.1998, p.1).

⁽¹⁴⁾ Direttiva 2001/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja b'emissjonijiet minn vetturi bil-mutur (ĠU L 35, 6.2.2001, p. 34).

⁽¹⁵⁾ Direttiva 2001/100/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn emissjonijiet minn vetturi bil-mutur (ĠU L 16, 18.1.2002, p. 32).

⁽¹⁶⁾ Direttiva 2004/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li temenda d-Direttivi 70/156/KEE u 80/1268/KEE tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam ma miżuri dwar emissjonijiet tad-diossidu u l-karbonju u l-użu tal-fjuwil minn vetturi bil-mutur fil-kategorija N₁ (ĠU L 49, 19.2.2004, p. 36).

⁽¹⁷⁾ ĠU L 275, 20.10.2005, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/51/KE (ĠU L 152, 7.6.2006, p. 11).

- (22) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mid-Direttivi eżistenti għal dan ir-Regolament, l-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ddifferita għal ċertu perjodu wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Madanakollu, matul dak il-perjodu l-manifatturi għandhom ikunu jistgħu jagħżlu li jkollhom il-vetturi approvati jew taħt id-Direttivi preżenti jew taħt dan ir-Regolament. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet dwar l-inċentivi finanzjarji għandhom japplikaw immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-validità ta' l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija taħt id-Direttivi eżistenti m'hijiex affettwata mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (23) Biex tiġi żgurata tranżizzjoni mingħajr problemi mid-Direttivi li jeżistu bħalissa għal dan ir-Regolament għandhom jiġu previsti ċerti eċċezzjonijiet fl-istadju Euro 5 għal vetturi magħmula apposta biex iwettqu ħtiġijiet soċjali speċifiċi. Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom jieqfu meta jibda jseħħ l-istadju Euro 6.
- (24) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni (!).
- (25) B'mod partikolari għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tintroduċi fl-Anness I valuri ta' limitu ta' partikulati fuq bażi ta' numri, kif ukoll biex tikkalibra mill-ġdid il-valuri ta' limitu mniżżla f'dak l-Anness ibbażati fuq il-massa ta' partikulati. Peress li daww il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (26) B'mod partikolari l-Kummissjoni għandha tingħata wkoll is-setgħa biex tistabbilixxi proċeduri speċifiċi, testijiet u rekwiżiti dwar l-approvazzjoni tat-tip, kif ukoll proċedura riveduta għall-kejl ta' materjal f'partikuli u valur ta' limitu tan-numru ta' partikuli, u biex tadotta miżuri dwar l-użu ta' tagħmir għar-riduzzjoni tal-kontroll, l-aċċess għall-informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni tal-vetturi u ċ-ċikli ta' testijiet użati biex jitkejlu l-emissjonijiet. Peress li daww il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla bħala suppliment għal dan ir-Regolament biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (27) Peress illi l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri r-realizzazzjoni tas-suq intern permezz ta' l-introduzzjoni ta' rekwiżiti tekniċi komuni rigward l-emissjonijiet minn vetturi bil-mutur u l-aċċess iggarantit għall-informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni ta' vetturi għal operatori indipendenti fuq l-istess bażi bħall-bejjieġha awtorizzati u min isewwi, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għaldaqstant jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu daww l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet*Artikolu 1***Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi komuni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur ("vetturi") u partijiet tal-bdil bħal ma hu tagħmir tal-bdil għall-kontroll tat-tniġġis fir-rigward ta' l-emissjonijiet tagħhom.
2. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli tal-konformità waqt is-servizz, perjodu ta' servizz tat-tagħmir kontra t-tniġġis, sistemi ta' dijanjostika fil-vettura (on-board diagnostic systems (OBD), kejl tal-konsum tal-fjuwil u aċċessibbiltà għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura.

(!) ĠU L 184, 17.7.1999, p.23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p.11).

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal vetturi tal-kategoriji M_1 , M_2 , N_1 , u N_2 kif definiti fl-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE b'massa ta' referenza ta' mhux aktar minn 2 610 kg.
2. Fuq talba tal-manifattur, l-approvazzjoni tat-tip mogħtija taħt dan ir-Regolament tista' tiġi estiża minn vetturi li jaqgħu taħt paragrafu 1 għall-vetturi M_1 , M_2 , N_1 u N_2 kif speċifikat fl-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE b'massa ta' referenza li ma taqbiżx 2 840 kg u li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' l-implimentazzjoni tiegħu japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- 1) "vettura *hybrid*" tfisser vettura b'minn ta' lanqas żewġ konvertituri ta' l-enerġija differenti u żewġ sistemi ta' ħżin ta' enerġija differenti (fil-vettura) għall-fini tal-propulsjoni tal-vettura;
- 2) "vetturi magħmula apposta biex iwettqu ħtiġijiet soċjali speċifiċi" tfisser vetturi diesel tal-kategorija M_1 li huma jew:
 - (a) vetturi għal skopijiet speċjali kif definiti fid-Direttiva 70/156/KEE b'massa ta' referenza li taqbeż 2 000 kg;
 - (b) vetturi b'massa ta' referenza li taqbeż 2 000 kg u magħmulin apposta biex iġorru 7 persuni jew aktar inkluż is-sewwieq bl-esklużjoni, mill-1 ta' Settembru 2012, ta' vetturi tal-kategorija M_1G kif definiti fid-Direttiva 70/156/KEE; jew
 - (ċ) vetturi b'massa ta' referenza li taqbeż 1 760kg mibnija speċifikament għal skopijiet kummerċjali sabiex jakkomodaw l-użu tas-siġġijiet tar-roti fil-vettura;
- 3) "massa ta' referenza" tfisser il-massa tal-vettura li taħdem sew imnaqqsa bil-massa uniformi ta' sewwieq ta' 75 kg u miżjuda b'massa uniformi ta' 100 kg;
- 4) "inkwinanti gassużi" jfissru emissjonijiet ta' gass ta' l-exhaust bħala monossidu tal-karbonju, ossidi tan-nitroġenu, espressi fekwivalenti ta' dijossidu tan-nitroġenu (NO_2), u idrokarburi;
- 5) "inkwinanti fpartikulati" jfissru komponenti tal-gass ta' l-exhaust li jitneħħew minn gass ta' l-exhaust dilwit f'temperatura massima ta' 325 °K (52 °C) permezz ta' filtri deskritti fil-proċedura ta' ttestjar għall-verifika ta' l-emissjonijiet mit-*tailpipe*;
- 6) "emissjonijiet mit-*tailpipe*" ifissru emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u fpartikuli;
- 7) "emissjonijiet evaporattivi" ifissru evaporazzjonijiet ta' idrokarburi li joħorġu mis-sistema tal-karburant tal-vettura għajr dawk minn emissjonijiet mit-*tailpipe*;
- 8) "*crankcase*" ifisser l-ispazji ġo, jew barra, il-magna li huma mqabbdin mat-tank taż-żejt b'kanali interni jew esterni li minnhom jistgħu joħorġu l-gassijiet u l-fwar;
- 9) "sistema ta' dijanjostika fil-vettura" jew "sistema OBD" tfisser sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet li għandha l-kapaċità li tidentifika ż-żona fejn x'aktarx hemm funzjonament ħażin permezz ta' kodċijiet ta' h̄sarat maħżuna fil-memorja ta' kompjuter;
- 10) "tagħmir ta' riduzzjoni" jfisser kull element tad-disinn li jħoss it-temperatura, il-veloċità tal-vettura, id-dawrien tal-magna (RPM), it-*transmission gear*, il-vakwu fil-manifold jew parametru ieħor bl-iskop li jattiva, jimmodula, jittardja jew iwaqqaf il-funzjonament ta' xi parti mis-sistema ta' kontroll ta' l-emissjonijiet, li tnaqqas l-effettività tas-sistema ta' kontroll ta' l-emissjonijiet taħt kondizzjonijiet li wieħed raġonevolment jistenna li jiltaqa' magħhom waqt it-tħaddim u l-użu normali ta' vettura;
- 11) "tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis" tfisser dawk il-komponenti ta' vettura li jikkontrollaw u/jew jillimitaw l-emissjonijiet mit-*tailpipe* jew evaporattivi;
- 12) "tagħmir oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis" tfisser tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis jew assemblaġġ ta' tagħmir ta' dan it-tip koperti bl-approvazzjoni tat-tip mogħtija għall-vettura konċernata;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- 13) "tagħmir tal-bdil għall-kontroll tat-tniġġis" tfisser tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis jew assemblaġġ ta' tagħmir ta' dan it-tip maħsuba biex jibdel tagħmir oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis u li jistgħu jiġu approvati bħala unità teknika separata kif speċifikat fid-Direttiva 70/156/KEE;
- 14) "informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura" tfisser kull informazzjoni meħtieġa għad-dijanji, il-manutenzjoni, l-ispezzjoni, il-monitoraġġ perjodiku, it-tiswija, l-ipprogrammar mill-ġdid jew l-inizjalizzazzjoni mill-ġdid tal-vettura u li l-manifattur jipprovdi lill-bejjiegħa awtorizzati u min isewwi, inklużi kull emendi u supplimenti li jiġu wara tali informazzjoni. Din l-informazzjoni tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex vettura tiġi mgħammra b'partijiet jew tagħmir;
- 15) "operatur indipendenti" tfisser impriżi għajr bejjiegħa awtorizzati u min isewwi li huma direttament jew indirettament involuti fit-tiswija u l-manutenzjoni ta' vetturi bil-mutur, b'mod partikolari min isewwi, manifatturi jew distributuri ta' tagħmir tat-tiswija, għodda jew spare parts, pubblikaturi ta' informazzjoni teknika, assoċjazzjonijiet tal-karozzi, operaturi ta' l-assistenza fit-triq, operaturi li joffru servizzi ta' spezzjoni u ttestjar, operaturi li joffru t-taħriġ lil min jinstalla, jimmanifattura u jsewwi t-tagħmir għal vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv;
- 16) "bijofjuwils" tfisser fjuwils f'forma ta' likwidu jew ta' gass għat-trasport prodott mill-bijomassa;
- 17) "vettura li taħdem bi fjuwil alternattiv" tfisser vettura ddisinjata biex tkun kapaċi taħdem b'għall-inqas tip wieħed ta' fjuwil li jew ikun fil-forma ta' gass f'temperatura u pressjoni atmosferiċi, jew sustanzjalment derivat minn żejt li mhux minerali.

KAPITOLU II

Obbliġi ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-manifatturi

Artikolu 4

Obbliġi tal-manifatturi

1. Il-manifatturi għandhom juru li l-vetturi għodda kollha mibjugħa, reġistrati jew mqiegħda fis-servizz fil-Komunità għandhom l-approvazzjoni tat-tip skond dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu. Il-manifatturi għandhom juru wkoll li t-tagħmir ġdid, użat biex jibdel tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis, kollu li jeħtieġ approvazzjoni tat-tip li jinbiegħ jew li jitqiegħed fis-servizz fil-Komunità għandu l-approvazzjoni tat-tip skond dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

Dawn l-obbliġi jinkludu r-rispett tal-limiti ta' emissjoni stabbiliti fl-Anness I u l-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 5.

2. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' l-approvazzjoni tat-tip għall-verifika tal-konformità fil-produzzjoni, il-perjodu tas-servizz tat-tagħmir tal-kontroll tat-tniġġis u l-konformità waqt is-servizz jiġu rispettati.

Barra minn hekk, il-miżuri tekniċi meħuda mill-manifattur jridu jkunu tali li jiġi żgurat li l-emissjonijiet mit-tailpipe jew evaporattivi huma effettivament limitati, skond dan ir-Regolament, tul il-ħajja normali tal-vettura li tintuża f'kundizzjonijiet normali. Għalhekk, miżuri ta' konformità waqt is-servizz għandhom jiġu verifikati sa perijodu ta' ħames snin jew 100 000 km, liema minnhom jasal l-ewwel. L-ittestjar tal-perjodu tas-servizz tat-tagħmir tal-kontroll tat-tniġġis imressaq għall-approvazzjoni tat-tip għandu jkopri 160 000 km. Biex jikkonformaw ma' dan it-test tal-perjodu tas-servizz, il-manifatturi għandu jkollhom il-possibilità li jużaw testijiet ta' riproduzzjoni, fl-laboratorju tal-kundizzjonijiet ta' użu ("test bench ageing"), suġġett għall-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.

Il-konformità waqt is-servizz għandha tkun ikkontrollata b'mod partikolari għall-emissjonijiet mit-tailpipe kif ittestjati mal-limiti ta' emissjoni stabbiliti fl-Anness I. Sabiex jitjieb il-kontroll ta' l-emissjonijiet evaporattivi u l-emissjonijiet f'temperatura ambjentali baxxa, il-proċeduri ta' ttestjar għandhom ikunu riveduti mill-Kummissjoni.

3. Il-manifatturi għandhom jifformulaw ċifri ta' emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju u ta' konsum tal-karburant f'dokument mogħti lix-xerrej tal-vettura fil-ħin tax-xiri.

4. Il-proċeduri speċifiċi u r-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 2 u 3 għandhom ikunu stabbiliti f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(2).

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

Artikolu 5

Rekwiżiti u testijiet

1. Il-manifattur għandu jattrezza l-vetturi b'mod li l-komponenti li jistgħu jaffettwaw l-emissjonijiet jiġu ddisinjati, mibnija u assemblati bil-għan li jippermettu li l-vettura, fl-użu normali, tikkonforma ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.
 2. L-użu ta' tagħmir ta' riduzzjoni li jnaqqas l-effettività tas-sistemi tal-kontroll ta' l-emissjonijiet għandu jiġi pprobit. Il-projbizzjoni m' għandiex tapplika fejn:
 - (a) il-bżonn tat-tagħmir huwa ġustifikat għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura;
 - (b) it-tagħmir ma jaħdimx għajr għall-ħtiġijiet ta' l-istartjar tal-magna; jew
 - (c) il-kondizzjonijiet huma sostanzjalment inklużi fil-proċeduri tal-verifika ta' l-emissjonijiet evaporattivi u l-medja ta' l-emissjonijiet mit-*tailpipe*.
 3. Il-proċeduri speċifiċi, it-testijiet u r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip stipulati f'dan il-paragrafu, kif ukoll ir-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 2, li huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(3). Dan għandu jinkludi l-istabbiliment tar-rekwiżiti fir-rigward ta':
 - (a) l-emissjonijiet mit-*tailpipe*, inklużi ċ-ċikli ta' test, l-emissjonijiet f'temperatura ambjentali baxxa, waqt modalità ta' *idling*, l-opaċità tad-duħħan u l-funzjonament korrett u r-riġenerazzjoni ta' sistemi ta' *after-treatment*;
 - (b) l-emissjonijiet evaporattivi u l-emissjonijiet mill-*crankcase*;
 - (c) is-sistemi ta' OBD u l-prestazzjoni waqt l-użu tat-tagħmir tal-kontroll tat-tniġġis;
 - (d) il-perjodu ta' servizz tat-tagħmir kontra t-tniġġis, tagħmir tal-kontroll tat-tniġġis tal-bdil, konformità waqt s-servizz, konformità tal-produzzjoni u tal-kondizzjoni tajba għat-triq;
 - (e) kejl tal-gass bl-effett serra, l-emissjonijiet u l-konsum tal-karburant;
 - (f) il-vetturi *hybrid* u vetturi ta' fjuwil alternattiv;
 - (g) l-estensjoni ta' l-approvazzjonijiet tat-tip u r-rekwiżiti għal manifatturi ta' volum baxx;
 - (h) ir-rekwiżiti għat-tagħmir tat-testijiet; u
 - (i) il-karburanti ta' referenza, bħall-petrol, *diesel*, karburanti gassużi u bijokarburanti, bħal bijoetanol, bijodiżil u bijogass.
- Ir-rekwiżiti ta' hawn fuq għandhom, fejn meħtieġ, japplikaw għal vetturi kollha mingħajr ma jitqies it-tip ta' fjuwil li huma jużaw.

KAPITOLU III

Aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura

Artikolu 6

Obbligi tal-manifatturi

1. Il-manifatturi għandhom jipprovdu aċċess mingħajr restrizzjonijiet u standardizzat għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura lill-operaturi indipendenti permezz ta' websajts permezz ta' format standardizzat b'mod faċilment aċċessibbli u malajr, u b'mod li ma jkunx diskriminatorju meta pparagunat mad-dispożizzjoni mogħtija jew ma' l-aċċess mogħti lil bejjieġha u lil min isewwi awtorizzati. Bil-ħsieb li tiffaċilita l-kisba ta' dan l-oġettiv, l-informazzjoni għandha titressaq b'mod konsistenti, fil-bidu bi qbil mar-rekwiżiti tekniċi tal-format OASIS ⁽¹⁾. Il-produtturi għandhom jipprovdu wkoll materjal ta' taħriġ lill-operaturi indipendenti u lill-negozjanti awtorizzati u lil min isewwi.

⁽¹⁾ Il-“format OASIS” jirreferi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-Dokument OASIS SC2-D5, Format ta' Informazzjoni ta' Tiswija ta' Vetturi, verżjoni 1.0, 28 ta' Mejju 2003 (disponibbli hawn: <http://www.oasis-open.org/committees/download.php/2412/Draft%20Committee%20Specification.pdf>) u ta' Taqsimiet 3.2, 3.5, 3.6, 3.7 u 3.8 tad-Dokument OASIS SC1-D2, Autorepair Requirements Specification, version 6.1, dated 10-01-2003 (disponibbli hawn: <http://lists.oasis-open.org/archives/autorepair/200302/pdf00005.pdf>), li jużaw kliem miftuħ biss u formati grafiċi.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:
 - (a) l-identifikazzjoni mingħajr ekwivoku tal-vettura;
 - (b) il-manwali tal-manutenzjoni;
 - (ċ) il-manwali tekniċi;
 - (d) l-informazzjoni dwar il-komponenti u d-dijanjosi (bħal valuri teoretiċi minimi u massimi ta' kejl);
 - (e) il-pjanti tal-wiring;
 - (f) il-kodiċijiet tad-dijanjistika tal-ħsarat (inklużi kodiċijiet speċifiċi tal-manifattur);
 - (g) in-numru ta' l-identifikazzjoni għall-kalibrazzjoni tas-*software* applikabbli għat-tip ta' vettura;
 - (h) l-informazzjoni pprovduta li tikkonċerna, u tkun twasslet permezz ta' għodda u tagħmir ta' sġieda; u
 - (i) l-informazzjoni tar-reġistrazzjoni tad-data u d-data bi-direzzjonali ta' monitoraġġ u ttestjar.
3. Bejjiegħa u min isewwi awtorizzati fi ħdan is-sistema tad-distribuzzjoni ta' xi vettura partikolari għandhom jittqiesu bħala operatori indipendenti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament safejn huma jipprovdu servizzi ta' tiswija jew manutenzjoni ta' vetturi li fir-rigward tagħhom m'humiex imsieħba fis-sistema ta' distribuzzjoni tal-manifattur tal-vettura.
4. L-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandha tkun dejjem disponibbli, ħlief kif meħtieġ għall-manutenzjoni tas-sistema ta' informazzjoni.
5. Għal skopijiet ta' manifattura u manutenzjoni ta' partijiet għall-bdil jew għall-manutenzjoni kompatibbli ma' l-OBD u għodda għad-dijanjistika u tagħmir tat-testijiet, il-manifatturi għandhom jipprovdu l-OBD rilevanti kif ukoll l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura fuq bażi mhux diskriminatorja lil dawk interessati fost il-manifatturi ta', jew min isewwi komponenti, għodda għad-dijanjistika jew tagħmir tat-testijiet.
6. Għall-iskopijiet tat-tfassil u l-manifattura ta' tagħmir ta' vetturi għal vetturi bi fjuwil alternattiv, il-produtturi għandhom jipprovdu l-OBD rilevanti kif ukoll l-informazzjoni ta' tiswija u ta' manutenzjoni tal-vettura fuq bażi mhix diskriminatorja għal kwalunkwe produttur interessat, għal min jinstalla jew għal min isewwi t-tagħmir ta' vetturi bi fjuwil alternattiv.
7. Meta japplika għall-approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali, il-manifattur għandu jipprovdi evidenza dwar il-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament fir-rigward ta' l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura u ta' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 lill-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip. F'każ li din l-informazzjoni tkun *għadha* mhix disponibbli jew tkun għadha ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu f'dak il-waqt, il-manifattur għandu jipprovdiha fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-approvazzjoni tat-tip. Jekk tali evidenza ta' konformità ma tiġix ipprovduta sa tmiem dak il-perjodu, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura l-konformità.

Il-manifattur għandu jagħmel l-emendi u s-supplimenti sussegwenti ta' l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura disponibbli fil-websajts tiegħu fl-istess waqt li jagħmilhom disponibbli għal dawk awtorizzati li jsewwu.

Artikolu 7

Ħlasijiet mitluba għal aċċess għall-informazzjoni dwar tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura

1. Il-manifatturi jistgħu jitolbu ħlasijiet raġonevoli u proporzjonati għal aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura koperta minn dan ir-Regolament; ħlas mitlub ma jkunx raġonevoli jew proporzjonat jekk jiskoraġġixxi l-aċċess billi jonqos milli jikkunsidra l-ammont ta' użu li operatur indipendenti jkun se jagħmel minnha.
2. Il-manifatturi għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura disponibbli fuq bażi ta' kuljum, kull xahar u ta' kull sena, u l-ħlasijiet mitluba għandhom ivarjaw skond il-perjodu ta' żmien relattiv ta' aċċess mogħti.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

Artikolu 8

Miżuri ta' implimentazzjoni

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 6 u l-Artikolu 7, li huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom ikunu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 15(3). Dan għandu jinkludi d-definizzjoni u l-aġġornament ta' speċifikazzjonijiet tekniċi konnessi mal-mod ta' kif għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar l-OBD, kif ukoll dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, b'mod li tingħata attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' l-SMEs.

Artikolu 9

Rapport

Mhux aktar tard minn ... (*), il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar it-tħaddim tas-sistema ta' aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, b'kunsiderazzjoni partikulari għall-effett fuq il-kompetizzjoni u t-tħaddim tas-suq intern u l-benefiċċji ambjentali. Ir-rapport għandu jkoll jekk ikunx xieraq li jiġu kkonsolidati d-dispożizzjonijiet kollha li jirregolaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi f'direttiva qafas riveduta dwar l-approvazzjoni tat-tip.

KAPITOLU IV

Obbligi ta' l-Istati Membri

Artikolu 10

Approvazzjoni tat-tip

1. B'effett minn ... (**), jekk manifattur hekk jitlob, l-awtoritajiet nazzjonali m'għandhomx, għal raġunijiet relatati ma' l-emissjonijiet jew mal-konsum ta' karburant minn vetturi, jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip ġdid ta' vettura, jew jipprojbixxu ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz tal-vettura l-ġdida, fejn il-vettura konċernata tikkonforma ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, u b'mod partikulari mal-valuri ta' limitu ta' l-Euro 5 stipulati fit-Tabella 1 ta' l-Anness I jew mal-valuri tal-limitu ta' l-Euro 6 stipulati fit-Tabella 2 ta' l-Anness I.
2. B'effett mill-1 ta' Settembru 2009 u mill-1 ta' Settembru 2010 fil-każ ta' vetturi tal-kategorija N₁ klassi II u III u kategorija N₂, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet relatati ma' l-emissjonijiet jew il-konsum ta' karburant, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' tipi ġodda ta' vetturi li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, u b'mod partikulari ma' l-Annessi bl-eċċezzjoni tal-valuri ta' limitu ta' l-Euro 6 stabbiliti fit-Tabella 2 ta' l-Anness I. Għat-test dwar l-emissjonijiet ta' l-exhaust, il-valuri ta' limitu applikati għal vetturi maħsuba biex jissodisfaw ħtiġijiet soċjali speċifiċi għandhom ikunu l-istess bħal dawk għal vetturi tal-kategorija N₁ klassi III.
3. B'effett mill-1 ta' Jannar 2011, u mill-1 ta' Jannar 2012 fil-każ ta' vetturi tal-kategorija N₁ klassi II u III, kategorija N₂ u vetturi maħsuba biex jissodisfaw ħtiġijiet soċjali speċifiċi, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi ġodda li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, u b'mod partikulari ma' l-Annessi bl-eċċezzjoni tal-valuri ta' limitu ta' l-Euro 6 stipulati fit-Tabella 2 ta' l-Anness I, jikkunsidraw iċ-ċertifikati ta' konformità bħala mhux aktar validi għall-finijiet ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 70/156/KEE u għandhom, għal raġunijiet relatati ma' l-emissjonijiet jew il-konsum ta' karburant, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi. Għat-test dwar l-emissjonijiet ta' l-exhaust, il-valuri ta' limitu applikati għal vetturi maħsuba biex jissodisfaw ħtiġijiet soċjali speċifiċi għandhom ikunu l-istess daqs dawk għal vetturi ta' kategorija N₁ klassi III.
4. B'effett mill-1 ta' Settembru 2014, u mill-1 ta' Settembru 2015 fil-każ ta' vetturi tal-kategorija N₁ klassi II u III u kategorija N₂, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet relatati ma' l-emissjonijiet jew mal-konsum tal-fjuwil, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE jew l-approvazzjoni nazzjonali tat-tip fir-rigward ta' tipi ġodda ta' vetturi li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, u b'mod partikulari mal-valuri ta' limitu ta' l-Euro 6 stipulati fit-Tabella 2 ta' l-Anness I.

(*) Erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(**) Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

5. B'effett mill-1 ta' Settembru 2015, u mill-1 ta' Settembru 2016 fil-każ ta' vetturi tal-kategorija N₁ klassi II u III u l-kategorija N₂, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi ġodda li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, u b'mod partikulari mal-valuri ta' limitu ta' l-Euro 6 stipulati fit-Tabella 2 ta' l-Anness I, jikkunsidraw iċ-ċertifikati ta' konformità bħala li m'għadhomx aktar validi għall-finijiet ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 70/156/KEE u għandhom, għal raġunijiet relatati ma' l-emissjonijiet jew mal-konsum tal-fjuwil, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi.

Artikolu 11

Approvazzjoni tat-tip ta' partijiet tal-bdil

1. Dwar tagħmir tal-bdil ġdid għall-kontroll tat-tniġġis maħsub biex jitpoġġa fuq vetturi approvati skond dan ir-Regolament, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jipprojbixxu l-bejgħ jew l-istallazzjoni tiegħu fuq vettura jekk ma tkunx ta' tip li għalih tkun inħarġet approvazzjoni tat-tip konformi ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.
2. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jkomplu jagħtu estensjonijiet għal approvazzjonijiet tat-tip KE għal tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis maħsub għall-istandards ta' qabel dan ir-Regolament taħt il-kundizzjonijiet li kienu japplikaw oriġinarjament. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jipprojbixxu l-bejgħ jew l-istallazzjoni ta' tali tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis fuq vettura sakemm ma jkunx ta' tip li għalih tkun ħarġet approvazzjoni tat-tip rilevanti.
3. Tagħmir tal-bdil għall-kontroll tat-tniġġis maħsub biex jitpoġġa fuq vettura bl-approvazzjoni tat-tip qabel l-adozzjoni tar-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent huwa eżentat mir-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 12

Inċentivi finanzjarji

1. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet għal inċentivi finanzjarji li japplikaw għal vetturi prodotti f'serje li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

Dawk l-inċentivi għandhom ikunu validi għall-vetturi ġodda kollha offruti għall-bejgħ fis-suq ta' Stat Membru li jikkonformaw għall-inqas mal-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet fit-Tabella 1 ta' l-Anness I qabel id-dati stabbiliti fl-Artikolu 10(3); dawn l-inċentivi għandhom jieqfu f'dawk id-dati.

Inċentivi finanzjarji li japplikaw esklussivament għal vetturi li jikkonformaw mal-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet fit-Tabella 2 ta' l-Anness I jistgħu jingħataw għal tali vetturi ġodda offruti għall-bejgħ fis-suq ta' Stat Membru mid-dati ffissati fl-Artikolu 10(3) qabel id-dati stabbiliti fl-Artikolu 10(5); dawn l-inċentivi għandhom jieqfu f' dawk id-dati.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu inċentivi finanzjarji għall-attrezzar b'lura ta' vetturi diġà fl-użu u għal skrapjar ta' vetturi li ma jikkonformawx.
3. L-inċentivi finanzjarji msemmija fil-paragrafi 1 u 2, għal kull tip ta' vettura, m' għandhomx jaqbu n-nefqa addizzjonali għat-tagħmir tekniku introdott biex jiżgura l-konformità mal-limiti ta' emissjoni speċifikati fl-Anness I, inkluża n-nefqa ta' l-istallazzjoni fuq il-vettura.
4. Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata fi żmien li jkun kmieni biżżejjed bi pjanijiet ta' stabbiliment jew ta' tibdil fl-inċentivi finanzjarji msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 13

Penalitajiet

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur mill-manifatturi tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penalitajiet pprovduti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa ... (*) u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti magħmula li taffettwawhom.

(*) Tmintax-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

2. It-tipi ta' ksur li huma suġġetti għal penali għandhom jinkludu:
 - (a) li wieħed jagħmel dikjarazzjonijiet foloz waqt il-proċeduri ta' l-approvazzjoni jew waqt proċeduri li jwasslu għat-teħid lura;
 - (b) il-falsifikazzjoni tar-riżultati tat-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip jew tal-konformità waqt s-servizz;
 - (c) li wieħed iżomm għalih data jew speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu jwasslu biex tittieħed lura jew tinteħha approvazzjoni tat-tip;
 - (d) l-użu ta' tagħmir difettuż; u
 - (e) li wieħed jirrifjuta li jipprovi aċċess għall-informazzjoni.

KAPITOLU V

Dispożizzjonijiet finali*Artikolu 14***Definizzjoni mill-ġdid ta' l-ispeċifikazzjonijiet**

1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-inklużjoni ta' emissjonijiet tal-metanu fil-kalkolu ta' l-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'miżuri biex jingħata kont għall-emissjonijiet tal-metanu jew biex jiġu limitati.
2. Wara t-tlestija tal-programm tal-kejl tal-partikulati tan-NU/ECE, imwettaq taħt l-awspiċi tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi, u mhux aktar tard mid-dħul fis-seħħ tal-Euro 6, il-Kummissjoni għandha tadotta dawn il-miżuri li ġejjin, li huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia, billi jkun issupplimentat mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' ambizzjoni eżistenti rigward l-ambjent:
 - (a) l-emendar ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 15(3) għall-fini ta' kkalibrar mill-ġdid tal-valuri ta' limitu ta' partikulati bbażati fuq il-massa stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament, u tintroduċi valuri ta' limitu ta' partikuli bbażati fuq numri sabiex jikkorrelataw bejn wieħed u ieħor mal-valuri tal-massa tal-limiti għall-petrol u *d-diesel*;
 - (b) adozzjoni ta' proċedura ta' kejl rivedut għall-partikulati u l-valur ta' limitu ta' partikulati f'numri, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 15(3).
3. Il-Kummissjoni għandha tibqa' tirrevedi l-proċeduri, t-testijiet u r-rekwiżiti msemija fl-Artikolu 5(3) kif ukoll iċ-ċikli ta' ttestjar użati biex jitkejjlu l-emissjonijiet. Jekk mir-reviżjoni jirriżulta li dawn m'għadhomx xierqa jew ma jirriflettux aktar is-sitwazzjoni reali ta' l-emissjonijiet, għandhom ikunu adattati b'tali mod li jirriflettu b'mod xieraq l-emissjonijiet iġġenerati mis-sewqan attwali fit-toroq. Il-miżuri meħtieġa mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 15(3).
4. Il-Kummissjoni għandha tibqa' tirrevedi l-inkwinanti suġġetti għar-rekwiżiti tat-testijiet msemija fl-Artikolu 5(3). Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li huwa xieraq li l-emissjonijiet ta' inkwinanti addizzjonali jkun regolati, għandha tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex dan ir-Regolament ikun emendat kif xieraq.
5. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-limiti ta' emissjonijiet stipulati fit-Tabella 4 ta' l-Anness I għall-emissjonijiet mill-vetturi ta' monossidu tal-karbonju u ta' idrokarburi wara li jsir test ta' startjar b'magna kiesħa u għandha tippreżenta, kif xieraq, proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-għan li tbaxxi l-limiti ta' l-emissjonijiet.
6. L-Annessi rilevanti tad-Direttiva 2005/55/KE għandhom ikunu emendati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 15(3) sabiex ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi kollha jkun koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 15

Proċedura fil-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 16

Emendi għad-Direttivi 70/156/KEE u 2005/55/KE

1. Id-Direttiva 70/156/KEE għandha tiġi emendata skond l-Anness II ta' dan ir-Regolament.
2. Id-Direttiva 2005/55/KE hija b' dan emendata kif ġej:
 - (a) It-titolu għandu jinbidel bit-test li ġej:

“Id-Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi kbar u ta' magni f'dak li jirrigwarda l-emmissjonijiet tagħhom (Euro IV u V)”
 - (b) L-Artikolu 1 għandu jinbidel bit-test li ġej:

“Artikolu 1

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ‘vettura’ tfisser kull vettura bil-mutur kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE b'massa ta' referenza li taqbeż 2 610 kilo;
- (b) ‘magna’ tfisser l-għajn tal-propulsjoni ta' qawwa mekkanika ta' vettura għal liema tista' tingħata approvazzjoni tat-tip bħala entità separata, kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE;
- (c) ‘vetturi mtejba li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent (EEV)’ tfisser vetturi li jaħdmu b'magna li tikkonforma mal-valuri ta' limitu ta' l-emmissjonijiet permessi stabbiliti fir-ringiela Ċ tat-tabelli f'Taqsim 6.2.1 ta' l-Anness I.”;
- (c) It-Taqsim 1 ta' l-Anness 1 għandha tinbidel bit-test li ġej:
 - “1. Din id-Direttiva tapplika għall-kontroll ta' sustanzi ta' gass u materjali f'partikulati li jniġġsu, il-ħajja utli ta' apparati li jikkontrollaw l-emmissjonijiet, il-konformità ta' vetturi/magni li qed jintużaw bħalissa u ta' sistemi ta' dijanjosi fil-vettura (OBD) tal-vetturi motorizzati kollha, u għall-magni kif speċifikat fl-Artikolu 1, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-vetturi tal-kategorija M₁, N₁, N₂ and M₂ li għalihom ingħatat l-approvazzjoni tat-tip taħt ir-Regolament (KE) Nru.../... (*)..

Artikolu 17

Tħassir

1. Id-Direttivi li ġejjin għandhom jitħassru b'effett minn ... (*)

- Direttiva 70/220/KEE,
- Direttiva 72/306/KEE,
- Direttiva 74/290/KEE,
- Direttiva 77/102/KEE,
- Direttiva 78/665/KEE,
- Direttiva 80/1268/KEE,
- Direttiva 83/351/KEE,
- Direttiva 88/76/KEE,
- Direttiva 88/436/KEE,

(*) ĠU: Daħħal it-titolu ta' dan ir-Regolament u n-nota tal-qiegħ relevanti.”

(*) 66 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- Direttiva 89/458/KEE,
- Direttiva 91/441/KEE,
- Direttiva 93/59/KEE,
- Direttiva 93/116/KE,
- Direttiva 94/12/KE,
- Direttiva 96/44/KE,
- Direttiva 96/69/KE,
- Direttiva 98/69/KE,
- Direttiva 98/77/KE,
- Direttiva 1999/100/KE,
- Direttiva 1999/102/KE,
- Direttiva 2001/1/KE,
- Direttiva 2001/100/KE,
- Direttiva 2002/80/KE,
- Direttiva 2003/76/KE,
- Direttiva 2004/3/KE,

2. L-Annessi II u V tad-Direttiva tal-Kummissjoni 89/491/KEE tas-17 ta' Lulju 1989 li tadatta għall-progress tekniku d-Direttivi tal-Kunsill 70/157/KEE, 70/220/KEE, 72/245/KEE, 72/306/KEE, 80/1268/KEE u 80/1269/KEE rigward il-vetturi bil-mutur (*) huma mħassra b'effett minn ... (*).

3. Ir-referenzi magħmula għal Direttivi mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri għandhom jirrevokaw il-leġiżlazzjoni ta' l-implimentazzjoni tagħhom adottata taħt id-Direttivi msemmija fil-paragrafu 1 b'effett minn ... ⁽¹⁾.

*Artikolu 18***Dħul fis-seħħ**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika minn ... (**), bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 10(1) u 12 li għandhom japplikaw minn ... (***)).

3. L-emendi jew il-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3) u fl-Artikolu 14(5) għandhom jiġu adottati sa ... (****).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...

Għall-Parlament Ewropew
Għall-Kunsill

Il-President
Il-President

⁽¹⁾ ĠU L 238, 15.8.1989, p. 43.

(*) 66 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(**) 18-il xahar u ġurnata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(***) Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(****) 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

ANNEX I

LIMITI TA' EMISSJONI

Tabella 1: Limiti ta' Emissjoni Euro 5

Kategorija		Klassi	Massa ta' Referenza (RM) (kg)	Valuri ta' Limitu													
				Massa ta' Monossidu tal-Karbonju (CO)		Massa ta' idrokarburi totali (THC)		Massa ta' idrokarburi li mhux mill-metanu (NMHC)		Massa ta' ossidi tan-nitroġenu (NO _x)		Massa kombinata ta' idrokarburi u ossidi tan-nitroġenu (THC + NO _x)		Massa ta' partikulati (PM)		Numru ta' partikulati ⁽¹⁾ (P)	
				L ₁ (mg/km)		L ₂ (mg/km)		L ₃ (mg/km)		L ₄ (mg/km)		L ₂ + L ₄ (mg/km)		L ₅ (mg/km)		L ₆ (#/km)	
		PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI ⁽²⁾	CI	PI	CI		
M	—	Kollha	1000	500	100	—	68	—	60	180	—	230	5,0	5,0			
N ₁	I	RM ≤ 1305	1000	500	100	—	68	—	60	180	—	230	5,0	5,0			
	II	1305 < RM ≤ 1760	1810	630	130	—	90	—	75	235	—	295	5,0	5,0			
	III	1760 < RM	2270	740	160	—	108	—	82	280	—	350	5,0	5,0			
N ₂			2270	740	160	—	108	—	82	280	—	350	5,0	5,0			

Qari: PI = Startjar pożittiv (Positive Ignition), CI = Startjar b'kompresjoni (Compression Ignition)

(¹) Standard numeriku għandu jiġi definit għal dan l-istadju malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mid-dħul fis-seħħ tan-norma Euro 6.

(²) L-istandards dwar il-massa ta' partikulati minn startjar pożittiv japplikaw biss għal vetturi b'magni bl-injezzjoni diretta.

Tabella 2: Limiti ta' Emissjoni Euro 6

Kategorija		Klassi	Massa ta' referenza (RM) (kg)	Valuri ta' limitu													
				Massa ta' monossidu tal-karbonju (CO)		Massa ta' idrokarburi totali (THC)		Massa ta' idrokarburi mhux tal-metanu (NMHC)		Massa ta' ossidi tan-nitroġenu (NO _x)		Massa kombinata ta' idrokarburi totali u ossidi tan-nitroġenu (THC + NO _x)		Massa ta' materja f'partikulati (PM)		Numru ta' partikulati ⁽¹⁾ (P)	
				L ₁ (mg/km)		L ₂ (mg/km)		L ₃ (mg/km)		L ₄ (mg/km)		L ₂ + L ₄ (mg/km)		L ₅ (mg/km)		L ₆ (#/km)	
		PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI ⁽²⁾	CI	PI	CI		
M	—	Kollha	1000	500	100	—	68	—	60	80	—	170	5,0	5,0			
N ₁	I	RM ≤ 1305	1000	500	100	—	68	—	60	80	—	170	5,0	5,0			
	II	1305 < RM ≤ 1760	1810	630	130	—	90	—	75	105	—	195	5,0	5,0			
	III	1760 < RM	2270	740	160	—	108	—	82	125	—	215	5,0	5,0			

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

Kategorija		Klassi		Valuri ta' limitu															
				Massa ta' referenza (RM) (kg)		Massa ta' monossidu tal-karbonju (CO)		Massa ta' idrokarburi totali (THC)		Massa ta' idrokarburi mhux tal-metanu (NMHC)		Massa ta' ossidi tan-nitroġenu (NO _x)		Massa kombinata ta' idrokarburi totali u ossidi tan-nitroġenu (THC + NO _x)		Massa ta' materja f'partikuli (PM)		Numru ta' partikuli (1) (P)	
				L ₁ (mg/km)		L ₂ (mg/km)		L ₃ (mg/km)		L ₄ (mg/km)		L ₂ + L ₄ (mg/km)		L ₅ (mg/km)		L ₆ (#/km)			
				PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI (2)	CI	PI	CI		
N ₂				2270	740	160	—	108	—	82	125	—	215	5,0	5,0				

Qari: PI = Startjar pożittiv (Positive Ignition), CI = Startjar b'kompresjoni (Compression Ignition)
 (1) Standard numeriku jiġi definit għal dan l-istadju.
 (2) L-istandards dwar il-massa ta' partikuli minn startjar pożittiv japplikaw biss għal vetturi b'magni bl-injezzjoni diretta.

Tabella 3 : Limitu ta' Emissjoni għat-Test ta' Emissjonijiet Evaporattivi

Massa ta' Emissjoni Evaporattiva (g/test)
2,0

Tabella 4 : Limitu ta' Emissjoni għall-Emmissjonijiet mit-Tailpipe ta' Monossidu tal-Karbonju u Idrokarbonju wara Cold Start Test

Temperatura waqt it-test 266 K (-7 °C)			
Kategorija tal-Vettura	Klassi	Massa ta' Monossidu tal-karbonju (CO) L ₁ (g/km)	Massa ta' idrokarburi (HC) L ₂ (g/km)
M	—	15	1,8
N ₁	I	15	1,8
	II	24	2,7
	III	30	3,2
N ₂		30	3,2

ANNEX II

Emendi għad-Direttiva 70/156/KEE

Id-Direttiva 70/156/KEE hija b' dan emendata kif ġej:

- 1) Fl-Artikolu 2, is-sentenza li ġejja għandha tiżdied wara l-aħħar inċiż:

“Jekk issir referenza f'din id-Direttiva għal Direttiva jew Regolament separat, din għandha tinkludi wkoll l-atti ta' implimentazzjoni ta' tagħhom.”;

- 2) Il-kliem “jew Regolament” għandhom jizjeddu wara l-kliem “Direttiva separata” fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Artikolu 2, l-ewwel inċiż; Artikolu 2, id-disa' inċiż; Artikolu 2, l-għaxar inċiż; Artikolu 2, l-erbatax-il inċiż; Artikolu 3(1); Artikolu 3(4); Artikolu 4(1)(ċ); Artikolu 4 (1)(d); Artikolu 5(5); Artikolu 6(3); Artikolu 7(2); Artikolu 13(4); Artikolu 13(5); Anness IV, Parti II, l-ewwel paragrafu; Anness V Taqsima 1(a); Anness V Taqsima 1(b); Anness V Taqsima 1(c); Anness VII, nota tal-qiegħ (1); Anness X, Taqsima 2.1.; Anness X, Taqsima 3.3.; Anness XI, Appendiċi 4, Tifsira ta' l-ittri: X; Anness XII, Taqsima B(2); Anness XIV, Taqsima 2(a); Anness XIV, Taqsima 2(ċ); Anness XIV, Taqsima 2(d).

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- 3) Il-kliem “jew Regolamenti” għandhom jiżdiedu wara l-kliem “Direttivi separati” fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Artikolu 2, it-tmien inċiż; Artikolu 3(1); Artikolu 3(2); Artikolu 4(1)(a) l-ewwel u t-tieni inċiż; Artikolu 4(1)(b); Artikolu 4(3); Artikolu 5(4) it-tielet subparagrafu; Artikolu 5(6); Artikolu 8(2); Artikolu 8(2)(ċ); Artikolu 9(2); Artikolu 10(2); Artikolu 11(1); Artikolu 13(2); Artikolu 14(1) (i); Lista ta' l-Annessi: titolu ta' l-Anness XIII; Anness IV, Parti I, l-ewwel u t-tieni linja; Anness IV, Parti II, nota tal-qiegħ (1) għat-tabella; Anness V Taqsma 1(b); Anness V Taqsma 3; Anness V Taqsma 3(a); Anness V Taqsma 3(b); Anness X, Taqsima 2.2.; Anness X, Taqsima 2.3.5.; Anness X, Taqsima 3.5.; Anness XIV, Taqsima 1.1.; Anness XIV, Taqsima 2(ċ).

- 4) Il-kliem “jew Regolament” għandhom jiżdiedu wara l-kelma “Direttiva” fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Artikolu 5(3) it-tielet subparagrafu; Anness IV, Parti I, nota tal-qiegħ X għat-tabella; Anness VI, naħa 2 taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KE l-intestatura tat-tabelli; Anness VII (1), Taqsima 2; Anness VII (1), Taqsima 3; Anness VII (1), Taqsima 4; Anness VIII, Taqsima 1,2,2.1 u 3; Anness IX, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji M_1 **punti 45,46.1 u 46.2; Anness IX**, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji M_2 u M_3 **punti 45 u 46.1; Anness IX**, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji N_1 , N_2 u N_3 punti 45 u 46.1; Anness IX, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji M_1 punt 45 u 46.1; Anness IX, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji M_2 u M_3 , punti 45 u 46.1; Anness IX, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji N_1 , N_2 u N_3 punt 45 u 46.1; Anness X, nota tal-qiegħ 2; Anness X, Taqsima 1.2.2; Anness XI, Appendiċi 4, tabella, intestatura tat-tielet kolonna; Anness XI, Appendiċi 4, Tifsira ta' l-ittri: N/A; Anness XV, l-intestaturi tat-tabelli;

Il-kliem “jew Regolament” għandhom jiżdiedu wara l-kelma “Direttiva” fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Anness IX, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategorija M_1 ; Anness IX, , naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji M_2 u M_3 ; Anness IX, naħa 2 ta' vetturi kompluti jew kompletati ta' kategoriji N_1 , N_2 u N_3 ; Anness IX, , naħa 2 ta' vetturi mhux kompluti ta' kategorija M_1 ; Anness IX, naħa 2 ta' vetturi mhux kompluti ta' kategoriji M_2 u M_3 ; Anness IX, , naħa 2 ta' vetturi mhux kompluti ta' kategorij N_1 , N_2 u N_3 ; Anness XV;

- 5) Fl-Artikolu 8(2)(ċ) il-kliem “jew Regolament(i)” se jiżdiedu wara l-kliem “Direttiva/i”.
- 6) Fl-Anness IV, il-parti I, l-intestatura tat-tabella u l-punt 2 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“Suġġett	Numru tad-Direttiva/ Regolament	Referenza tal-Ġurnal Uffiċjali	Applikabbiltà											
			M_1	M_2	M_3	N_1	N_2	N_3	O_1	O_2	O_3	O_4		
2. Emissjonijiet/Aċċess informazzjoni għall-	.../.../KE (KE) Nru.../..	L ..., ..., p. ..	X ⁽¹⁾	X ⁽¹⁾		X ⁽¹⁾	X ⁽¹⁾							

(¹) Għal vetturi b'massa ta' referenza ta' mhux aktar minn 2610 kg. Fuq talba tal-produttur tista' tapplika għal vetturi b'massa ta' referenza ta' mhux aktar minn 2840 kg.”;

- 7) Fl-Anness IV, il-parti I, il-punti 11 u 39 għandhom jitħassru.
- 8) Fl-Anness VII Taqsima 5 punt 4 il-kliem “jew Regolament” għandhom jiżdiedu wara l-kliem “fil-każ ta' Direttiva”.
- 9) Fl-Anness VII Taqsima 5 punt 5 il-kliem “jew Regolament” għandhom jiżdiedu wara l-kliem “l-aktar Direttiva reċenti”.
- 10) Fl-Anness XI, Appendiċi 1, l-intestatura tat-tabella u l-punt 2 għandhom jiġi sostitwiti b'dan li ġej:

Oġġett	Suġġett	Numru tad-Direttiva/ Regolament	M_1 £ 2 500 (¹)kg	$M_1 > 2 500$ (¹)kg	M_2	M_3
2	Emissjonijiet/Aċċess għall-informazzjoni	.../.../KE (KE) Nru.../..	Q	G+Q	G+Q	

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- 11) Fl-Anness XI, Appendiċi I, il-punti 11 u 39 għandhom jitħassru;
 12) Fl-Anness XI, Appendiċi 2, l-intestatura tat-tabella u l-punt 2 u għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

Oġġett	Suġġett	Numru tad-Direttiva/Regolament	M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄
2	Emissjonijiet/Aċċess għall-informazzjoni	.../.../KE (KE) Nru.../..	A	A		A	A					

- 13) Fl-Anness XI, Appendiċi 2, il-punti 11 u 39 għandhom jitħassru.
 14) Fl-Anness XI, Appendiċi 3, l-intestatura tat-tabella u l-punt 2 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

Oġġett	Suġġett	Numru tad-Direttiva/Regolament	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄
2	Emissjonijiet/Aċċess għall-informazzjoni	.../.../KE (KE) Nru.../..	Q		Q	Q					

- 15) Fl-Anness XI, Appendiċi 3, il-punt 11 għandu jitħassar;
 16) Fl-Anness XI, Appendiċi 4, l-intestatura tat-tabella u l-punt 2 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

Oġġett	Suġġett	Numru tad-Direttiva/Regolament	Krejn Mobbli tal-kategorija N
2	Emissjonijiet/Aċċess għall-informazzjoni	.../.../KE (KE) Nru.../..	N/A

- 17) Fl-Anness XI, Appendiċi 4, il-punt 11 għandu jitħassar.

P6_TA(2006)0562**Kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010) ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li għandu dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010) (COM(2006)0564 — C6-0423/2006 — 2006/0194(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0564) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 308 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0423/2006),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0432/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

⁽¹⁾ Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

3. Iħeġġeġ lill-Kunsill biex, filwaqt li jikkunsidra l-bidla proposta fil-bażi legali tal-proposta tal-Kummissjoni, jevita kwalunkwe dewmien fl-allokkazzjoni tal-Fond Internazzjonali għall-Irlanda;
4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
5. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 1

Ċitazzjoni 1

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 159 tiegħu,
(Din l-emenda tikkonċerna t-test kollu).

P6_TA(2006)0563

Is-settur tal-banana *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 404/93, (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 247/2006 rigward is-settur tal-banana (COM(2006)0489 — C6-0339/2006 — 2006/0173(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0489) ⁽¹⁾
- wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0339/2006),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġit u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0422/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

⁽¹⁾ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

2. ***Iqis li l-ammont indikattiv ta' referenza finanzjarja imsemmi fil-proposta tal-Kummissjoni għandu jkun kompatibbli mal-limitu ta' l-intestatura 2 tal-qafas finanzjarju plurijennali (MFF) l-ġdid u jirrimarka li l-ammont annwali ser jiġi deċiż fi ħdan il-proċedura baġitarja annwali skond id-dispożizzjonijiet tal-punt 38 tal-Ftehma Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja soda tas-17 ta' Mejju 2006 ⁽¹⁾;***

3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinforma lill-Parlament jekk għandu l-ħsieb jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

5. Jitlob lill-Kunsill biex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jimmodifika l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 1

(1) Le régime actuel pour le secteur de la banane est défini dans le règlement (CEE) n°404/93 du Conseil du 13 février 1993 portant organisation commune des marchés dans le secteur de la banane. Le régime d'aide pour les producteurs de bananes repose notamment sur des principes qui, pour d'autres organisations communes des marchés, ont été considérablement modifiés. Afin de mieux garantir un niveau de vie équitable à la population agricole dans les régions de production des bananes, de mieux orienter les ressources pour faciliter l'adaptation des producteurs à la logique du marché, de stabiliser les dépenses, d'assurer le respect des obligations internationales de la Communauté, de prendre en compte de manière adéquate les particularités des régions productrices, de simplifier la gestion du régime et de l'harmoniser avec les principes des organisations communes des marchés réformées, il est nécessaire de modifier ce régime.

(1) L-iskema attwali għas-settur tal-banana hija mfissra fir-Regolament (KEE) Nru 404/93 tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 1993 li jkopri organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-banana. L-iskema ta' għajnuna għall-produtturi tal-banana tistrieħ prinċipalment fuq prinċipji li ġew modifikati konsiderevolment għal organizzazzjonijiet komuni oħra tas-swieq. Sabiex jiġi garantit livell ta' għixien ġust għall-popolazzjoni agrikola fir-reġjuni produtturi tal-banana, sabiex jiġu indirizzati aħjar ir-riżorsi biex jakkumpanjaw l-iżviluppi speċifiċi ta' dawn ir-reġjuni, sabiex tiġi stabbilizzata l-ispiża, biex jiġu żgurati l-obbligi internazzjonali tal-Komunità, sabiex jiġu kkunsidrati b'mod adegwat il-partikularitajiet tar-reġjuni produtturi, sabiex tiġi ssimplifikata l-amministrazzjoni u sabiex tiġi armonizzata skond prinċipji ta' organizzazzjonijiet komuni ta' swieq riformati, din l-iskema jeħtieġ li tiġi modifikata.

Emenda 2

Premessa 2 a (ġdida)

(2a) Wara l-ħolqien ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (COM) fis-settur tal-banana, minħabba kompetizzjoni mill-produtturi tal-banana f'pajjiżi terzi u fl-interess ta' użu tajjeb ta' approprijazzjonijiet Komunitarji, l-industrija kollha kemm hi għamlet sforzi kbar ta' modernizzazzjoni, mill-produzzjoni sat-tqegħid fis-swieq, b'titjib sinjifikattiv fil-livelli ta' produttività u tal-kwalità tal-prodotti tagħhom, filwaqt li tnaqqsu l-effetti ta' l-attività tagħhom fuq l-ambjent. Barra minn hekk is-COM iffavurixxiet konċentrazzjoni ta' l-offerta Komunitarja, li kontribwixxiet biex jiġi kkonsolidat is-settur fir-reġjuni ta' produzzjoni u ffaċilitat it-tqegħid fis-suq tal-banana Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 3

Premessa 3

(3) Les bananes constituent l'une des principales cultures dans certaines des régions ultrapériphériques de l'Union, notamment les départements français d'outre-mer Guadeloupe et Martinique, les Açores, Madère et les îles Canaries. L'isolement, l'insularité, la taille réduite et la topographie difficile de ces régions représentent autant de handicaps pour la culture des bananes. La production locale de bananes joue un rôle essentiel dans l'équilibre environnemental, social et économique des zones rurales de ces régions.

(3) Il-banana tikkostitwixxi wieħed mill-prodotti kultivati prinċipali f'ċerti reġjuni l-aktar imbiegħda ta' l-Unjoni, partikularment fid-dipartimenti barranin Franċiżi ta' Gwadalupe u Martinique, l-Azzori, Madejra u l-ġzejjer Kanari. L-iżolament, l-insularità, iċ-ċokon u t-topografija diffiċli ta' dawn ir-reġjuni jirrapreżentaw żvantaġġi għall-produzzjoni tal-banana. Il-produzzjoni lokali tal-bananas għandha rwol importanti fil-bilanċ ambjentali, soċjali u ekonomiku taż-żoni rurali ta' dawn ir-reġjuni, **li m'għandhom ebda soluzzjoni oħra li tista' toffri alternattiva li tippermetti li ssir diversifikazzjoni lejn kulturi oħrajn li jkunu ekonomikament vijabbli.**

Emenda 4

Premessa 3 a (ġdida)

(3a) **Jeħtieġ li jinżamm kont ta' l-importanza soċjoekonomika li għandu s-settur tal-banana fir-reġjuni l-iktar imbiegħda, kif ukoll il-kontribut ta' dan ta' l-aħħar għall-oġġettiv tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, permezz tad-dħul u tax-xogħol li dan jiġġenera, għall-attivitajiet ekonomiċi li joħloq qabel u , bħala riżultat, għas-sostenn tal-bilanċ ekoloġiku u tal-bilanċ tal-pajsaġġi, suxxettibbli li jiffavorixxi l-iżvilupp tat-turiżmu.**

Emenda 5

Premessa 5

(5) Le titre III du règlement (CE) n° 247/2006 du Conseil du 30 janvier 2006 portant mesures spécifiques dans le domaine de l'agriculture en faveur des régions ultrapériphériques de l'Union institue des programmes communautaires de soutien aux régions ultrapériphériques comprenant des mesures spécifiques en faveur des productions agricoles locales. Ledit règlement prévoit la présentation d'une évaluation au plus tard le 31 décembre 2009. **S'il est constaté un changement significatif dans les conditions économiques affectant les sources de revenu dans les régions ultrapériphériques, il convient que la Commission soumette le rapport susmentionné avant l'échéance prévue.** Cet instrument semble le plus adapté pour soutenir la production de bananes dans chacune des régions concernées en établissant la flexibilité et la décentralisation des mécanismes de soutien. La possibilité d'inclure l'aide au secteur de la banane dans ces programmes de soutien renforcera la cohérence des stratégies d'aide à la production agricole dans ces régions.

(5) It-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistipula miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda ta' l-Unjoni jipprovdi għall-istabbiliment ta' programmi Komuntarji ta' appoġġ għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u li fihom miżuri speċifiċi biex jgħinu l-produzzjoni agrikola lokali. Dan ir-regolament jipprevedi li jkun hemm evalwazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009. **Madankollu, sabiex tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni speċifika tal-produtturi tal-banana, ikun jaqbel li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport speċifiku qabel l-iskadenza msemmija fil-każ li s-sitwazzjoni ekonomika ta' dawn il-produtturi tmur għall-aġħar b'mod sinifikattiv, partikularment minħabba modifiki fl-iskema esterna.** Dan l-istrument jidher li huwa l-aktar adattat biex jipprovdi appoġġ għall-produzzjoni tal-banana f'kull wieħed mir-reġjuni konċernati billi jstabbilixxi l-flessibilità u d-diċentralizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' appoġġ. Il-possibilità li tiġi inkluzja l-għajnuna għas-settur tal-banana fdawn il-programmi ta' appoġġ issaħħaħ il-koerenza ta' l-istrateġiji ta' għajnuna għall-produzzjoni agrikola fdawn ir-reġjuni.

Emenda 6

Premessa 5 a (ġdida)

(5a) **Irid jiġi previst il-ħlas ta' avvanz speċifiku wieħed, jew ta' aktar minn wieħed, għall-produtturi tal-banana tar-reġjuni l-aktar imbiegħda.**

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 7

Premessa 7

(7) En ce qui concerne la production de bananes dans des zones de la Communauté autres que les régions ultrapériphériques, **il ne semble plus nécessaire de conserver un régime d'aide spécifique aux bananes**, compte tenu de la faible proportion que cette production représente dans la production communautaire totale.

(7) **Għal dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni tal-banana f'reġjuni tal-Komunità apparti dawk ir-reġjuni l-aktar imbiegħda, hu opportun li l-Istati Membri jingħataw il-possibilità li jagħżlu l-iskema ta' għajjnuna parzjalment mhux dipendenti għall-banana**, minkejja l-proporzjon żgħir li din il-produzzjoni tirrapreżenta meta mqabbla mal-produzzjoni Komunitarja totali.

Emenda 8

Premessa 8

(8) **Le règlement (CE) n° 1782/2003 du Conseil du 29 septembre 2003 établissant des règles communes pour les régimes de soutien direct dans le cadre de la politique agricole commune et établissant certains régimes de soutien en faveur des agriculteurs et modifiant certains règlements instaure un système découplé d'aide au revenu pour chaque exploitation agricole (ci-après dénommé "le régime de paiement unique"). L'objectif de ce système était de permettre le passage du soutien de la production au soutien des producteurs.**

imħassra

Emenda 9

Premessa 8 a (ġdida)

(8a) **Fil-konverżjoni ta' l-għajjnuna għall-produtturi, il-miżuri ta' informazzjoni u ta' infrastruttura mmirati lejn l-iżvilupp rurali għandu jkollhom irwol primarju; f'dan ir-rigward, hu xieraq li l-adattazzjoni tal-produzzjoni u tat-tqegħid fis-suq tal-banana tiġi adattata għal diversi standards ta' kwalità, bħal dawk tal-kummerċ ġust, tal-prodotti ta' agrikoltura bijoloġika, ta' l-ispeċi lokali jew taċ-ċertifikat ta' oriġini ġeografika; fil-kuntest tat-turiżmu eżistenti f'dawn ir-reġjuni, wieħed jista' jqiegħed fis-suq ukoll il-banana bħala prodott lokali partikulari, li tista' toħloq rabta min-naħa tal-konsumatur fir-rigward ta' din il-banana, peress li tkun prodott identifikabbli privileġġjat.**

Emenda 10

Premessa 8 b (ġdida)

(8b) **Biex jintlaħqu l-oġġettivi importanti ferm tar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni, hu opportun li titneħħa l-biċċa l-kbira tad-dipendenza fuq l-appoġġ għall-qoton, għaż-żejt taż-żebbuġa, għat-tabakk mhux maħdum, għall-ħops u għall-banana u li dan jiġi integrat fi skema unika ta' ħlas.**

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 11

Premessa 8 c (ġdida)

(8c) *L-integrazzjoni kompleta ta' l-iskema ta' appoġġ attwalment fis-seħħ fis-settur tal-banana fl-iskema ta' ħlas uniku se tinvolvi riskju importanti li tiġi sfrattata l-produzzjoni fir-reġjuni ta' kultivazzjoni tal-Komunità. B'konsegwenza ta' dan, parti mill-ġhajjnuna għandha tibqa' marbuta mal-produzzjoni, bil-ħlas ta' ammont għal kull ettaru eliġibbli għal pjantaġġjun konċernata. L-ammont ta' l-ġhajjnuna għandu jiġi kalkulat b'mod li jiġu garantiti l-kundizzjonijiet ekonomiċi li jippermettu, fir-reġjuni adatti għal dan it-tip ta' produzzjoni, li titwettagħ attivitá fis-settur tal-banana u li jiġi evitat li din il-produzzjoni tiġi sostitwita minn oħrajn. Biex jintlaħaq dan il-għan, huwa leġittimu li, għal kull Stat Membru li jixtieq, l-ġhajjnuna totali disponibbli għal kull ettaru tiġi stabbilita għal 40 % tal-parti nazzjonali ta' ġhajjnuna li tingħata indirettament lill-produtturi.*

Emenda 12

Premessa 8 d (ġdida)

(8d) *Is-60 % li jifdal tal-parti nazzjonali ta' l-ġhajjnuna li ngħatat indirettament lill-produtturi għandu jibqa' disponibbli għall-iskema unika ta' ħlas.*

Emenda 13

Premessa 9

(9) *Par souci de cohérence, il y a lieu de supprimer le régime d'aide compensatoire existant pour le secteur de la banane et de l'intégrer dans le régime de paiement unique. À cette fin, il est nécessaire d'inclure l'aide compensatoire pour les bananes dans la liste des paiements directs liés au régime de paiement unique visé à l'article 33 du règlement (CE) n° 1782/2003. Il convient également de permettre aux États membres de déterminer les montants de référence et les hectares admissibles au bénéfice de l'aide dans le cadre du régime de paiement unique, sur la base d'une période représentative appropriée pour le marché de la banane et de critères objectifs et non discriminatoires adéquats. Il importe de ne pas exclure les superficies plantées en bananiers du fait de leur statut de culture permanente. Il convient de modifier les plafonds nationaux en conséquence. Il y a également lieu de prévoir que la Commission puisse arrêter les modalités d'application et toutes les mesures transitoires nécessaires.*

imħassra

Emenda 14

Premessa 10

(10) Le titre II du règlement (CEE) n° 404/93 concerne les organisations de producteurs et les mécanismes de concentration. Pour ce qui est des organisations de producteurs, le régime existant avait pour objectif de constituer des organisations afin de rassembler autant de producteurs que possible et limitait le paiement de l'aide compensatoire aux producteurs qui étaient membres des organisations de producteurs reconnues.

(10) It-titolu II tar-Regolament (KEE) Nru 404/93 jirrigwarda l-organizzazzjoni tal-produtturi u l-mekkaniżmi ta' konċentrazzjoni. Għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, il-programm eżistenti kellu bħala objettiv li jikkonstitwixxi organizzazzjonijiet sabiex jiġbor l-ikbar numbru possibbli ta' produtturi u sabiex isostni t-tqegħid fis-suq fis-settur tal-banana, **filwaqt li jillimita l-ħlas ta' ġhajjnuna ta' kumpens lill-produtturi li kienu membri ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-produtturi.**

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 15

Premessa 11

(11) Le premier objectif a été atteint, puisque la grande majorité des producteurs de la Communauté sont à présent membres des organisations de producteurs. **Le second objectif est obsolète du fait de la suppression prochaine de l'aide compensatoire.** Il n'est en conséquence plus nécessaire de conserver les règles communautaires relatives aux organisations de producteurs, **permettant ainsi aux États membres d'adopter le cas échéant des règles similaires, correspondant aux situations spécifiques de chacun d'entre eux.**

(11) L-ewwel objettiv intlaħaq għaliex il-maġġoranza l-kbira tal-produtturi tal-Komunità huma illum membri ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi. **Għaldaqstant huwa meħtieġ li jinżammu xi regoli komunitarji dwar l-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Sabiex jiġi evitat it-tkissir tas-settur tal-banana fir-reġjuni li jipproduċuha, qed jiġi propost li jinżamm qafas regolamentari Komunitarju u l-Istati Membri qed jintalbu b'insistenza biex ikomplu jagħmlu l-ġhoti ta' l-għajnuna suġġett għall-obbligu li l-produzzjoni titqiegħed fis-suq permezz ta' dawn l-organizzazzjonijiet ta' produtturi.**

Emenda 16

Artikolu 1, punt 1

(Regolament (KEE) Nru 404/93)

1) **Les titres II et III**, les articles 16 à 20, l'article 21, paragraphe 2, l'article 25 et les articles 30 à 32 sont supprimés.

1) **L-Artikoli 6 u 7 tat-Titolu II, it-Titolu III**, l-Artikoli 16 sa 20, l-Artikolu 21, paragrafu 2, l-Artikolu 25 u l-Artikoli 30 sa 32 huma mħassra.

Emenda 17

Artikolu 2, punt - 1 (ġdid)

Artikolu 1, inċiż 4 (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

1) L-Artikolu 1, raba' inċiż, huwa mibdul b' dan li ġej:

— **skemi ta' appoġġ għall-bdiewa li jipproduċu qamħ iebes, uċuh proteiniċi, ross, ġwież, uċuh ta' valur enerġetiku, patata għall-produzzjoni tal-lamtu, ħalib, żrieragħ, uċuh tar-raba', laħam tal-mogħoż u tan-nagħaġ, ċanga, legumi taż-żerriegħa, qoton, tabakk, ħops, kif ukoll għall-bdiewa li jżommu msaġar taż-żebbuġ u dawk tal-banana.**

Emenda 18

Artikolu 2, punt 1

Artikolu 33, paragrafu 1, punt a) (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

1) À l'article 33, paragraphe 1, le point a) est remplacé par le texte suivant:

a) **s'ils se sont vu octroyer un paiement au titre d'au moins un des régimes de soutien visés à l'annexe VI au cours de la période de référence visée à l'article 38 ou, dans le cas de l'huile d'olive, au cours des campagnes de commercialisation visées à l'article 37, paragraphe 1, deuxième alinéa, ou bien s'ils ont bénéficié, dans le cas de la betterave à sucre, de la canne à sucre et de la chicorée, de mesures de soutien du marché au cours de la période représentative visée à l'annexe VII, point K, ou, dans le cas des bananes, d'une compensation de la perte de revenu au cours de la période représentative visée à l'annexe VII, point L.**

imħassar

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 19

Artikolu 2, punt 6 a (ġdid)

Artikolu 64, paragrafu 2 (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

6a) Fl-Artikolu 64, paragrafu 2, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma mibdula bit-test li ġej:

2. **Skond l-għażla magħmula minn kull Stat Membru, il-Kummissjoni tiffissa, b'mod konformi mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 144, paragrafu 2, il-limitu għal kull wieħed mill-pagamenti diretti imsemmija fl-Artikoli 66, 67, 68, 68a, 68b u 69 rispettivament.**

Dan il-limitu huwa daqs il-komponent ta' kull tip ta' pagament dirett fl-ogħla limiti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41, immultiplikat bil-persentaġġi ta' tnaqqis applikati mill-Istati Membri f'konformità ma' l-Artikoli 66, 67, 68a, 68b u 69.

Emenda 20

Artikolu 2, punt 6 b (ġdid)

Artikolu 68 b (ġdid) (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

6b) L-Artikolu 68 b li ġej jiġi miżjud:

Artikolu 68 b**Ħlas għall-banana**

Fil-każ ta' ħlas għall-banana, persentaġġ ta' 40 % ta' l-ghajjnuna jibqa' marbut mal-produzzjoni, filwaqt li s-60 % li jifdal mill-parti nazzjonali ta' l-ghajjnuna jibqa' disponibbli għall-iskema unika ta' ħlas .

Emenda 21

Artikolu 2, punt 7

Artikolu 145 d c. (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

7) **À l'article 145, le point suivant est inséré après le point d ter):**

d quater) des modalités relatives à l'inclusion d'un soutien en faveur de la banane dans le régime de paiement unique.

imħassar

Emenda 22

Artikolu 3, punt - 1 (ġdid)

Artikolu 18 a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 247/2006)

1) **L-Artikolu 18 a li ġej qed jiġi miżjud:**

Artikolu 18 a**Banana**

Il-perċezzjoni ta' l-ghajjnuniet mill-produtturi tas-settur tal-banana hija subordinata għas-sħubija f'organizzazzjoni rikonoxxuta, skond it-Titolu II tar-Regolament (KEE) Nru 404/93. Din l-ghajjnuna tista' tingħata bl-istess mod lill-produtturi individwali li s-sitwazzjoni speċifika tagħhom, b'mod partikulari dik ġeografika, ma tippermettilhomx li jissiehu f'organizzazzjoni ta' produtturi.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 23

Artikolu 3, punt 2 a (ġdid)

Artikolu 28, paragrafu 3 a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 247/2006)

2a) Ma' l-Artikolu 28, paragrafu 3 a, jiżdied dan li ġej:

3a) **Fil-każ li jkun hemm deterjorazzjoni sinifikattiva tal-kundizzjonijiet ekonomiċi li jaffettwaw is-sorsi ta' dħul tal-produtturi tal-banana, b'mod partikulari wara bidla fl-iskema esterna, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport speċifiku lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel il-31 ta' Diċembru 2009, flimkien ma' proposti xierqa jekk ikun il-każ.**

Emenda 27

Artikolu 3, punt 3

Artikolu 30 (Regolament (KE) Nru 247/2006)

3) Skond l-istess proċedura, il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll miżuri li jiffaċilitaw it-transizzjoni mill-arranġamenti pprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 għal dawk stabbiliti minn dan ir-Regolament.

3) Skond l-istess proċedura, il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll miżuri li jiffaċilitaw it-transizzjoni mill-arranġamenti pprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 għal dawk stabbiliti minn dan ir-Regolament. **Dispożizzjoni għandha ssir b'mod partikulari għall-iskema ta' avvanzi speċifiċi għall-produtturi tal-banana minn Jannar sa Ottubru ta' kull sena.**

Emenda 28

Artikolu 4 a (ġdid)

Artikolu 4a**Evalwazzjoni**

Tliet snin wara li r-Regolament tal-Kummissjoni jidħol fis-seħħ, għandu jiġi ppreżentat rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt li ħalla dan ir-Regolament fuq l-istandards ta' għajxien tal-bdiewa tal-Komunità, fuq id-dħul tal-produtturi tal-Komunità, u fuq il-koeżjoni ekonomika u soċjali, u għandhom jiġu proposti inizjattivi prattiċi jekk l-oġettivi prattiċi ma ntlaħqux.

Emenda 25

Anness, punt 1

Anness I (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

1) **La dernière ligne de l'annexe I concernant les bananes est supprimée.**

imħassar

Emenda 26

Anness, punt 2

Anness VI (Regolament (KE) Nru 1782/2003)

2) La ligne suivante est ajoutée à l'annexe VI:
bananes Article 12 du règlement (cee) n° 404/93 Compensation de la perte de revenu

imħassar

P6_TA(2006)0564

Arranġamenti tal-VAT għas-servizzi ta' xandir tar-radju u t-televiżjoni u servizzi oħra *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2002/38/KE rigward il-perijodu ta' applikazzjoni ta' l-arranġamenti tat-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għas-servizzi ta' xandir tar-radju u t-televiżjoni u ċerti servizzi pprovduti elettronikament (COM(2006)0739 — C6-0437/2006 — 2006/0245(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0739) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0437/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0440/2006),
1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha kif meħtieġ, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
 3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinforma lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta mill-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi tal-Parlament

Emenda 2

ARTIKOLU 1

Artikolu 4 (Direttiva 2002/38/KE)

L-Artikolu 1 għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2008.

L-Artikolu 1 għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2009.

Il-Kummissjoni għandha tadotta kwalunkwe proposta għal titwil possibbli tas-sistema, kmieni biżżejjed qabel ma tiskadi, sabiex il-Parlament Ewropew ikollu biżżejjed ħin biex fih jesprimi l-opinjoni tiegħu skond l-Artikolu 93 tat-Trattat.

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

P6_TA(2006)0565

Programm leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2007

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar programm leġiżlattiv u ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2007

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma għall-2007 (COM(2006)0629), adottat fl-24 ta' Ottubru 2006, preżentat mill-Kummissjoni u diskuss mill-Parlament fl-14 ta' Novembru 2006,

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- wara li kkunsidra d-direzzjoni politika u strateġika tal-Kummissjoni għall-2004 sa l-2009, il-Politika Strateġika Annwali għall-2007 tal-Kummissjoni u l-kontribuzzjonijiet tal-Kumitati tal-Parlament, imressqa lill-Kummissjoni mill-Konferenza tal-Presidenti kif stabbilit fil-Ftehma Qafas bejn il-Parlament u l-Kummissjoni,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 33 u 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi s-sena 2007 se tkun sena kruċjali għal proċess ta' integrazzjoni Ewropew, billi l-Unjoni Ewropea se tilqa' żewġ Stati Membri ġodda, ir-Rumanija u l-Bulgarija, se tiċċelebra l-50 anniversarju mit-Trattat ta' Ruma, se taħdem bla heda għal kisba ta' soluzzjoni istituzzjonali u se tnedi serje estensiva ta' programmi ġodda finanzjarji;
- B. billi huwa essenzjali għall-Unjoni li hija tkun tista' tilħaq l-oġġettivi ambizjużi politiċi, ekonomiċi u soċjali għaċ-ċittadini tagħha u li sservi l-interess komuni Ewropew li l-Unjoni ssir parteċipanta dinjija bi rwol ewlieni fil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet komuni għal paċi, s-sigurtà, l-prosperità u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli;
- C. wara li kkunsidra l-bżonn li n-nefqa tiġi allinjata mill-qrib ma' prijoritajiet politiċi, billi l-mezzi provduti fil-qafas finanzjarju l-ġdid mhumix biżżejjed sabiex jilhq u l-isfidi tal-futur;
- D. jisħaqq fuq il-bżonn li l-Ewropa għandha tiegħu azzjoni sabiex tilħaq iż-żieda fl-aspettattivi taċ-ċittadini u sabiex ittejjeb l-irwol tagħha bħala parteċipant ewlieni fix-xena dinjija,
1. Jilqa' l-enfażi fuq il-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni (LWP) għall-2007 dwar il-modernizzazzjoni ta' l-ekonomija Ewropea u t-titjib tal-benesseri taċ-ċittadini; jaqbel f'dan il-kuntest ma' l-importanza mogħtija lis-sigurtà, lis-saħħa, lill-innovazzjoni, lill-ambjent iktar nadif, lill-enerġija u t-tibdil tal-klima, lis-suq intern, lill-migrazzjoni u lill-integrazzjoni, lid-dehra ġenerali u l-effettività ta' l-Ewropa u lill-komunikazzjoni mtejbja maċ-ċittadini Ewropej; jiddispijaċih madanakollu għan-nuqqas ta' vizzjoni f'diversi oqsma; jemmen li sabiex jinkiseb mill-ġdid il-momentum għall-proġett Ewropew, il-Kummissjoni għandha tilgħab il-parti sħiħa tagħha għat-tisħiħ u l-modernizzazzjoni ta' l-ekonomija tas-suq soċjali ta' l-Ewropa bbażata fuq iżvilupp sostenibbli;
 2. Jemmen li d-distinzjoni magħmula bejn "inizjattivi strateġiċi" u "inizjattivi ta' prijorità" iżidu ċ-ċarezza u l-kredibbiltà tal-LWP; jitlob madanakollu lill-Kummissjoni sabiex tkun aktar koerenti u preċiża fl-ispejgazzjoni tad-distinzjoni bejn dawk iż-żewġ kategoriji u b'mod partikolari sabiex tiċċara l-perjodu ta' żmien għal preżentazzjoni ta' l-inizjattivi ta' prijorità"; jistieden lill-Kummissjoni biex sitt xhur wara tippreżenta aġġornament dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-LWP;
 3. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni approvat sensiela ta' kontribuzzjonijiet magħmula mill-Kumitati tal-Parlament fil-qafas tad-"djalogu strutturali" ġdid kif imfissra fir-rapport fil-qosor tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati;
 4. Jitlob madanakollu lill-Kummissjoni sabiex tinforma lill-Parlament għalfejn għażlet li ma tinkludix l-inizjattivi leġiżlattivi li ġejjin fil-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2007 kif mitluba mill-Kumitati tagħha: rikonnoxximent reċiproku fil-kummerċ ta' merkanzija, proposti għat-titjib tal-marka CE, ir-reviżjoni ta' l-istatut għal Kumpanija Ewropea, l-iżvilupp ta' mikro-krediti, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja, il-ħarsien ta' ħaddiema mhux tipiċi, proposta ġdida dwar soċjetà reċiproka Ewropea, limiti minimi għal żerriegħa b'kontenut ta' GMOs u proposta dwar l-Inizjattiva għat-Trasparenza;
 5. Jemmen li l-operazzjoni tal-Ftehma Qafas dwar relazzjonijiet bejn il-Parlament u l-Kummissjoni tista' u għandha tkun imtejbja bl-involviment iktar konsistenti tal-gruppi politiċi fi stadju bikri tal-proċedura;
 6. Jiddispijaċih għan-nuqqas ta' interazzjoni bejn l-LWP u l-proċedura baġitarja; bi qbil mal-Ftehma Qafas bejn il-Parlament u l-Kummissjoni, il-Parlament jixtieq ittejjeb ir-rabta bejn iż-żewġ proċeduri u jistenna bil-ħerqa li jkun hemm diskussjoni dwar il-modalitajiet kif dan jista' jsir;
 7. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinvolvi ruħha fi djalogu bikri mal-Parlament dwar ir-reviżjoni kruċjali tal-qafas baġitarju ta' l-UE u l-qafas finanzjarju, ir-reviżjoni f'nofs it-terminu tal-CAP u d-diskussjoni dwar mekkaniżmi ġodda ta' riżorsi ta' l-Unjoni stess;
 8. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni sabiex torbot aħjar lill-Ewropa maċ-ċittadini tagħha permezz ta' strateġija ta' komunikazzjonijiet imtejbja, imfassla sabiex toħloq kuxjenza u fehim ta' l-UE f'livelli nazzjonali, reġjonali u lokali; jappoġġja l-inizjattivi kollha sabiex jinbnew sħubijiet u sabiex tisma' u tirreaġixxi b'mod aktar sistematiku għat-tħassib taċ-ċittadini;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

9. Jenfasizza, għal dan il-għan, fuq il-bżonn partikolari li jiġu kkoordinati l-politiki ta' komunikazzjoni aktar mill-qrib mal-Gvernijiet nazzjonali u l-partiti politiċi bl-iskop li jiġi mniedi djalogu miftuħ u effettiv maċ-ċittadini dwar kwistjonijiet Ewropej; jemmen li l-Membri, jistgħu jikkontribwixxu għal dan il-proċess u jistenna li l-Kummissjoni tikkopera mill-qrib mal-Parlament meta tiżviluppa u timplimenta il-politika ta' komunikazzjonijiet tagħha;

10. Jinnota d-determinazzjoni tal-Kummissjoni li tkun involuta fl-abbozzar tad-Dikjarazzjoni ta' Berlin fil-okkazzjoni tal-50 anniversarju tat-Trattati ta' Ruma; jemmen li huwa importanti li din id-dikjarazzjoni għandha jkollha karattru inter-istituzzjonali ġenwin bil-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni involuti b'mod konġunt; Jemmen li Dikjarazzjoni bħal din għandha tikkontribwixxi inter alia sabiex tafferma mill-ġdid il-valuri u l-identità ta' l-Unjoni u sabiex tippromwovi riforma istituzzjonali fl-Ewropa;

11. Jilqa' x-xewqa tal-Kummissjoni li tinvolvi ruħha b'mod attiv fil-proċess li jiżgura l-adozzjoni tat-Trattat Kostituzzjonali Ewropew; jemmen li l-oġġettivi u r-riformi mħaddna f'dan it-Trattat huma essenzjali għal ħidma tajba u l-iżvilupp futur ta' l-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni flimkien mal-Parlament, sabiex jieħdu rwol mexxej fit-tiftix ta' soluzzjoni li taħdem għall-impasse istituzzjonali attwali;

Prijoritajiet għall-2007

Il-modernizzazzjoni ta' l-Ekonomija Ewropea

12. Jilqa' l-enfasi kbir fil-Programm tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa kontinwa għall-modernizzazzjoni ta' l-ekonomija Ewropea sabiex issir aktar dinamika u kompetittiva meta tiffaċċja l-isfidi globali; jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni qawwija ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, b'enfasi fuq l-interdipendenza tal-progress ekonomiku, soċjali u ambjentali fil-ħolqien ta' ekonomija Ewropea dinamika u innovattiva; itenni l-appoġġ tiegħu għal aġenda Ewropea fejn il-prosperità u s-solidarjetà jkunu oġġettivi li jappoġġjaw lil xulxin, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiegħu azzjoni li tirrifletti dan;

13. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex ittejjeb il-kordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, partikularment bil-għan li tippromwovi l-inizjattivi nazzjonali u Ewropej li għandhom l-għan li jrawwmu r-riċerka, il-kapaċitajiet u t-teknoloġiji ġodda, il-qsim ta' l-aħjar Prattiki dwar metodi kif ittejjeb l-effettività u l-kwalità ta' l-infiq pubbliku, u sabiex ittejjeb il-kwalità ta' l-istatistika;

Ir-Riċerka u l-Iżvilupp

14. Itenni l-urġenza li titrawwem riċerka koperattiva sabiex titejjeb il-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea, partikularment fl-oqsma ta' teknoloġiji avvanzati; Jitlob sabiex issiru sforzi koordinati mtejjba sabiex jit-mexxew il quddiem is-setturi teknoloġiċi tas-soċjeta' ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni lill-Kummissjoni biex tappoġġja rwol b'saħħtu għall-UE fil-kunċizzjoni tal-politika post-Kyoto u fil-miri l-ġodda;

15. Jemmen li l-istabiliment tal-propost Istitut Ewropew għat-Teknoloġija (EIT), jekk ikun ibbażat fuq prinċipji tajba, jista' jikkontribwixxi lejn il-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea, billi jgħin sabiex titreġġa lura il-frammentazzjoni tar-riċerka, ta' l-edukazzjoni u ta' l-isforzi għall-innovazzjoni, li s'issa waqqfu l-progress; jinsisti li m'għandhomx jintużaw fondi maħsuba għas-Seba' Programm ta' Qafas sabiex jiffinanzjaw l-attivitatiet ta' l-EIT;

16. Jilqa' l-proposti mill-Kummissjoni għal programm Mundus Erasmus II, bil-għan li jrawwem koperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja; madankollu jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu aktar inizjattivi sabiex jippromwovu l-eċċellenza fl-universitajiet Ewropej, l-edukazzjoni aktar għolja u t-tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll għarfien aħjar tal-lingwi;

17. Jenfasizza s-sinifikat strateġiku tas-settur ta' l-ispazju li qed jiżviluppa malajr, u għalhekk jappoġġja bis-siħh l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tiżviluppa Politika Ewropea koerenti u komprensiva dwar l-Ispazju;

Is-Suq Intern

18. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex iżżid l-isforzi tagħha biex tlesti s-suq intern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċji kollha tiegħu; madankollu, jemmen li l-Istrateġija ta' Suq Wieħed m'għandiex tip-provdi skuża għan-nuqqas ta' inizjattivi meħtieġa fis-suq intern; jinsisti li s-suq wieħed jista' jiġi żviluppat b'suċċess biss f'kuntest ta' promozzjoni tal-kompetizzjoni ġusta, il-koeżjoni, livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, u riġett lejn il-prinċipji ta' Gothenburg;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

19. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tesplora kull metodu possibbli biex ittejjeb is-sistemi ta' brevetti u ta' litigazzjoni għall-brevetti;

20. Jenfasizza l-importanza li jitlesta s-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u l-assikurazzjoni, u, partikularment, ta' l-impenn tal-Kummissjoni li tipproponi l-modernizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-solvenza, il-fondi ta' investiment (UCITS) u t-trattament tal-VAT għas-servizzi finanzjarji; madankollu, jikkunsidra li l-implimentazzjoni xierqa u l-applikazzjoni fil-ħin tal-leġiżlazzjoni diġà adottata fi snin riċenti għandha tkun prijorità ewlenija għall-2007 fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tħejji rapport dwar l-impatt possibbli ta' fondi privati ta' ekwità u fondi ta' l-qugh dwar stabbiltà finanzjarja, il-prestazzjoni ekonomika u l-impiegi;

Nindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà Ewropea

21. Jinnota lil l-Kummissjoni qed tippjana li tagħmel "inventarju komprensiv tas-soċjetà Ewropea" imma jistedinha sabiex dan ikun aktar ambizzjuż u, billi l-2007 se tkun is-Sena Ewropea għall-Ugwaljanza fl-Opportunitajiet, tiegħu numru ta' inizzjattivi fl-oqsma ta' l-esklużjoni soċjali, il-faqar, il-protezzjoni tal-had-diema mhux tipiċi u protezzjoni soċjali aħjar fit-tipi ġodda ta' impiegi, kif ukoll tevalwa l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE fil-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, u kull inizjattiva meħtieġa f'dan il-qasam;

22. Jistieden sabiex ikun hemm tkompli xierqa tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward konsultazzjoni dwar azzjoni fuq il-livell ta' l-UE sabiex tippromwovi l-inklużjoni tan-nies li huma l-aktar mbiegħda mis-suq tax-xogħol (COM(2006)0044);

23. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tidentifika b'mod ċar il-bażi legali għall-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza, partikularment kontra n-nisa u t-tfal;

24. Jilqa' f'dan il-kuntest l-oġettiv tal-Kummissjoni li tesplora l-passaġġi possibbli sabiex tittejjeb il-flexicurity u sabiex tgħin lill-Istati Membri jiksbu kemm produttività għolja u kemm protezzjoni soċjali;

Protezzjoni tal-Konsumatur

25. Jitlob lill-Kummissjoni għal spinta ġdida fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, partikularment immirata sabiex tikkonsolida u tirrevedi l-acquis tal-konsumatur sabiex issaħħaħ l-effettività tal-protezzjoni tal-konsumatur u tad-drittijiet tal-konsumatur, sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli, sabiex ikunu msaħħa l-informazzjoni u l-għarfien tal-konsumaturi dwar id-drittijiet u l-kompens - eżempju billi jkun hemm kampanja ta' informazzjoni madwar l-UE - u tiproteġi l-interess tal-konsumatur foqasma ta' politika relatati; jirrimarka li f'dak il-kuntest, leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur m'għandix tikkostitwixxi kanal għall-ħolqien ta' barrieri ġodda fis-suq intern, imma minflok għandha tiżgura li l-konsumaturi fl-Istati Membri kollha jibbenefikaw mil-livell għoli ta' protezzjoni li diġà ntlaħaq;

26. Għalhekk jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Produzzjoni Sostenibbli u l-Konsum għaliex jintegra kemm fid-dimensjoni soċjali kif ukoll f'dik ekonomika;

Is-sigurtà taċ-ċittadini, il-ġustizzja u l-migrazzjoni

27. Jeżiġi l-impenn ta' l-Istati Membri u tal-Kummissjoni Ewropea biex jindirizzaw l-kawżi strutturali tal-migrazzjoni enormi, billi jadattaw u jaġġornaw il-politiki kurrenti tagħhom, sabiex jippermettu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jiproteġu u jibnu l-ekonomiji tagħhom, u sabiex jippermettu dħul diċenti għall-populazzjonijiet tagħhom, li jikkonstitwixxi l-unika alternattiva għaż-żmien twil sabiex titnaqqas l-imigrazzjoni klandestina;

28. Jistieden lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni u l-assistenza teknika reċiproka bejn is-servizzi tagħhom ta' kontroll tal-fruntieri u ż-żieda ta' l-iffinanzjar tal-FRONTEx, sabiex jiġġieldu kontra l-ittraffikar tal-bnedmin; Jitlob li l-konklużjoni tal-ftehimiet ta' ammissjoni mill-ġdid tkun ġusta u tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-migranti u li tikkunsidra l-bżonnijiet ta' bejn l-Istati Membri u dawk tal-pajjiżi ta' orġinu u ta' transitu;

29. Jemmen li politika komuni ta' imigrazzjoni, visa u aži, kif ukoll integrazzjoni ekonomika u soċjali effettiva ta' l-imigranti fuq il-bażi ta' prinċipji komuni, għandha tkun fil-qalba ta' l-azzjoni Ewropea għall-2007; Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi tal-Kummissjoni dwar l-imigrazzjoni għal raġunijiet ta' xogħol u dwar sanzjonijiet għal min iħaddem ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu residenti illegali; jerġa' jitlob direzzjoni lejn il-proċedura ta' kodeċizzjoni u għall-ivvutar tal-maġġoranza kwalifikattiva fiż-żoni kollha marbuta ma' l-imigrazzjoni;

30. Jisħaq il-bżonn ta' politika komuni ta' UE dwar il-viża, bil-konklużjoni tal-VIS (Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża) bħala element prinċipali ta' dan l-oġġettiv; jisħaq, madankollu, fuq il-preokkupazzjoni tiegħu fir-rigward tal-ħarsien tad-data, aċċess għal data u l-interoperabilità tal-bażi tad-data u jiddispijaci li d-deċiżjoni ta' qafas dwar il-protezzjoni tad-data taħt it-tielet pilastru baqgħet inblukkata fil-Kunsill;
31. Jappoġġja bil-qawwi l-Kummissjoni fl-intenzjoni tagħha li taggħorna d-deċiżjoni ta' qafas dwar il-għieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikulari billi tindirizza l-problemi tat-tixrid ta' splussivi u tat-trażmissjoni ta' għarfien espert, u billi tiġġieled l-propoganda tat-terroriżmu, imma tisħaq li s-sigurtà miżjuda għaċ-ċittadini m'għandhiex tikkomprometti l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom;
32. Jinsisti fuq il-bżonn li tiġi solvuta l-kriminalità fuq l-internet, kif ukoll li jitjiebu l-kontrolli fuq il-fruntieri u l-immaniġjar tat-talbiet ta' viżi, filwaqt li jenfasizza l-importanza tad-dħul rapidu fis-seħħ kemm tas-SIS II u tal-VIS;
33. Jitlob lill-Kummissjoni biex fl-2007 tressaq rapport dwar kif id-drittijiet tal-ħaddiema staġjonali fl-UE jistgħu jkunu protetti, sabiex jiġu evitati l-abbużi u l-ksur ta' l-istandards ewlenin tax-xogħol, kif inhu il-każ preżentament;
34. Jiftakar li għad fadal ħafna xi jsir biex jiġi żgurati aċċess ġust u effiċjenti għall-ġustizzja għal kulħadd; Jisħaq fuq iktar inizjattivi fil-qasam tal-ġustizzja ċivili sabiex jingħata l-qafas legali ta' bilanċ li jagħti s-sigurtà u l-aċċess għall-ġustizzja;

Enerġija sikura, kompetittiva u sostenibbli

35. Jilqa' l-proposta mill-Kummissjoni biex l-iżvilupp tal-'Politika Ewropea għall-enerġija' isir oġġettiv strateġiku għall-2007, ibbażat fuq il-prinċipji ta' sigurtà u diversità tal-provvista, sostenibilità, effiċjenza u iktar indipendenza enerġetika;
36. Jisħaq li element essenzjali ta' politika komuni dwar l-enerġija għandu jkun is-solidarjetà bejn l-Istati Membri sabiex wieħed jaffaċċja d-diffikultajiet marbuta mas-sigurtà fiżika ta' infrastrutturi u tas-sigurtà tal-provvista; iqis, barra minn hekk, li solidarjetà mtejba ta' dan it-tip issaħħaħ b'mod konsiderevoli l-kapaċità ta' l-UE biex tiddefendi l-interessi komuni tagħha dwar il-kwistjonijiet ta' l-enerġija fuq livell internazzjonali;
37. Jemmen bil-qawwa li parti essenzjali biex tinżamm is-sigurtà tal-provvista hi t-traspożizzjoni rapida tal-liġi attwali ta' l-UE mill-Istati Membri kollha biex jinkiseb suq intern li jiffunzjona bis-sħiħ fl-elettriku u fil-gass biex jitjiebu l-kompetittività, t-trasparenza u l-effiċjenza enerġetika;
38. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex joħolqu suq intern ta' l-UE għall-enerġija billi jiffissaq bilanċ bejn s-sorsi interni u esterni ta' provvisti u billi jiżguraw l-interoperabilità tal-gradilji ta' l-enerġija nazzjonali;
39. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aħjar is-sinerġiji bejn l-iżvilupp ekonomiku fuq naħa waħda, u l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji nodfa u li jiffrankaw l-enerġija minn naħa l-oħra, peress li l-kumplimentarità jiet huma qawwjin u jikkonstitwixxu sors potenzjali ta' kompetittività miżjuda;

Nagħmlu l-Ewropa post aħjar fejn ngħixu

Żvilupp ambjentali u sostenibbli

40. Jenfasizza l-irwol ta' tmexxija ta' l-Unjoni Ewropea fuq il-livell internazzjonali fil-promozzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali, u jaqbel li, fis-sinjura li ġejjin, l-isforzi għandhom ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-Bidla fil-Klima, speċjalment bl-iżvilupp tal-kunċett "diplomazija ħadra", kif ukoll bil-għan li jkun hemm politika speċifika dwar l-enerġija ffukata fuq iż-żieda tas-sehem ta' l-enerġija li tiġġedded u ta' l-effiċjenza fl-Ewropa; Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja rwol b'saġġtu għall-UE fil-konċepiment ta' politiki ta' wara Kyoto u ta' għanijiet ġodda;
41. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja l-irwol qawwi ta' l-UE sabiex tfassal politiki u għanijiet ġodda għal wara Kyoto; Jistieden fir-rigward ta' dan il-Green Paper dwar il-bidla fil-klima, li tgħin sabiex jiġu identifikati oqsma li jeħtieġu azzjoni;
42. Jistenna li l-proposta tirrevedi l-iskema tan-negożjati ta' l-emmissjonijiet ta' l-UE bil-għan li tittejjeb l-effettività ta' l-iskema, b'hekk ikunu inklużi wkoll l-emmissjonijiet ta' l-avjazzjoni fl-iskema tan-negożjati;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

43. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkordina aħjar il-politika dwar it-trasport u l-ambjent, fl-ispirtu ta' żvilupp sostenibbli, billi tipproponi miri konkreti ta' tnaqqis ta' CO₂ għall-flotta totali ta' vetturi u tintegra t-trasport bl-ajru fl-obbligi li jorbtu tal-Protokoll ta' Kyoto;

44. Jiddispaċih li l-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità fl-UE ma ġietx enfazzzjata bħala prijorità għall-2007, u jinkoraġġixxi aktar lill-Kummissjoni sabiex tieħu t-tmexxija fl-iffaċċjar ta' l-isfida globali tat-telf ta' bijodiversità, filwaqt li tiżgura l-immanniġġar xieraq tan-netwerk NATURA 2000, speċjalment fiż-żoni tal-baħar;

45. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-inizzjattivi meħtieġa sabiex tippermetti l-ħolqien ta' ambjent aħjar għall-iżvilupp ta' għal għejun ta' enerġija mhux ta' CO₂; jisħaq li l-bidla fil-klima għandha konsegwenzi mhux biss għall-ambjent, imma wkoll għas-saħħa u għalhekk jitlob lill-Kummissjoni biex tindirizza t-theddid il-ġdid u l-effetti fuq tul ta' żmien twil;

Saħħa

46. Jilqa' l-kontribut tal-Kummissjoni fit-tfassil ta' politika tas-saħħa fl-Ewropa, u jemmen bis-sħiħ li l-protezzjoni u promozzjoni tas-saħħa għandhom jikkostitwixxu komponent bażiku tal-politiki ta' l-UE;

47. Jenfasizza l-fatt li strateġija tas-saħħa Ewropea effettiva titlob għal kollaborazzjoni mtejba bejn is-servizzi tas-saħħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-mobilità tal-pazjenti u tas-sikurezza tal-pazjenti (eż. iffalsifikar ta' drogi), informazzjoni għall-pazjenti dwar il-farmaċewtiċi, u bidliet fil-mod ta' għajxien, u biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proċess tax-xjuħija b'saħħitha;

Il-Biedja u s-sajd

48. Jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposta dwar is-simplifikazzjoni tal-CAP kif ukoll dik dwar l-organizzazzjoni tas-suq komuni waħdieni (CMO), b'konformità ma' l-oġettivi ta' simplifikazzjoni u trasparenza; jenfasizza li fid-dawl tar-reviżjoni fnofs perjodu tal-baġit Komunitarju fl-2008, l-irwol reġjonali, soċjali u ambjentali tas-CAP għandu jkun imtejjeb flimkien ma' l-istabilizzazzjoni tal-fondi Komunitarji ta' l-agrikoltura;

49. Jilqa' ż-żieda ta' l-inizzjattivi ta' Simplifikazzjoni fil-qasam tal-CAP u jagħti attenzjoni partikulari lill-importanza ta' l-impenn tal-Kummissjoni sabiex tirraporta dwar l-operat ta' sistema ta' Kontro Konformità; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-intenzjoni tal-Kummissjoni li terġa' tfassal u terġa' timmodernizza r-rekwiżiti eżistenti ta' l-ittikkettar ta' l-ġhalf;

50. Jilqa' r-regolament propost immirat lejn iż-żieda fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat, partikularment minħabba t-telf konsiderevoli li sajd bħal dan jikkawża fil-komunitajiet kostali u lis-sajjeda li joperaw legalment; madankollu jiddispaċih għan-nuqqas ta' inizjattiva u spinta politika ġenerali fil-qasam tas-CFP, li huma neċessarji sabiex ikunu ffaċċjati l-isfidi l-ġodda kemm fi ħdan l-UE u kemm internazzjonalment;

L-Ewropa bħala sieħba dinjija*Politika ta' Viċinanza*

51. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni sabiex tagħti prijorità lit-tisħiħ tal-Politika tal-Viċinanzi Ewropea, iżda jemmen li huma meħtieġa proposti u passi konkreti sabiex ilaħħmu lil dan l-impenn; javża kontra s-sogru li l-Politika tal-Viċinanzi Ewropea tillimita ruħha għal relazzjonijiet bilaterali u amministrattivi jew 'burokratiċi' mal-pajjiżi konċernati; jesprimi l-fehma li ċerti karatteristiċi tal-politika għandhom jiġu riveduti sabiex jit-qiesu l-aspettattivi tad-diversi pajjiżi konċernati u sabiex l-arranġamenti jkunu jaqblu aktar mal-bżonnijiet tagħhom; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Parlament Ewropew sabiex ikun involut fil-proċess;

52. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tħejji rapport annwali dwar il-konformità mal-klawżola tal-Ftehimiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija ma' Pajjiżi ta' Viċinat, akkumpanjat b'evalwazzjoni dettaljata u rakkomandazzjonijiet relatati ma' l-effettività u l-koerenza ta' l-azzjoni meħuda;

Stabilità u demokrazija fl-Ewropa tax-Xlokk

53. Jinnota li l-pajjiżi ta' l-Ewropa tax-xlokk qed joqorbu li jiksbu l-momentum ta' l-adeżjoni msemmi "fl-Istqarrija ta' Thessaloniki", u jistenna li l-Unjoni tieħu rwol mexxej fil-konsolidazzjoni ta' l-istabilità u tkabbir tal-prosperità fil-Balkani tal-Punent, u b'hekk jgħinu lill-pajjiżi tar-reġjun fi triqthom lejn is-sħubija ma' l-UE;

Ir-Russja

54. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-Ftehim għal Sħubija u Koperazzjoni attwali mar-Russja ser tiskadi fl-2007; jisdieden lill-Kummissjoni biex tiproponi prinċipji ta' ġwida għall-kontenut strateġiku tar-relazzjonijiet ta' l-UE mar-Russja, u b'mod partikulari biex tenfasizza l-importanza li tpoġġi d-demokrazija, id-drittijiet umani u l-libertà ta' l-espressjoni fil-qalba ta' relazzjonijiet futuri, u tistabbilixxu mekkaniżmu ċar għall-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-klawżoli kollha ta' ftehim bħal dan.

Politika ta' Żvilupp

55. Jitlob lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni biex ikunu aktar ambizzjużi fir-rispett ta' l-impenji tagħhom lejn l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp, u jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti konkreti għal iffinanzjar alternattiv ta' programmi ta' l-iżvilupp;

56. Jemmen li, sabiex il-pajjiżi ta' l-ACP ikunu jistgħu jilhqqu l-għanijiet għall-iżvilupp, l-aspett ta' l-iżvilupp reġjunali għandu jiġi rispettat kif xieraq fin-negozjar dwar Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika;

Politka tal-kummerċ u negozjati tad-WTO

57. Jitlob, fuq livell multilaterali, għal riżultat ta' suċċess u ambizjuż tad-Doha Round; jiddispijaċih li kien neċessarju li n-negozjati dwar l-Aġenda dwar l-Iżvilupp ta' Doha jiġu sospiżi sine die u rrimarka li falliment ta' negozjar multilaterali u ċaqliq lejn ftehimiet bilaterali/reġjunali jista' jwassal għal proċess mhux indaqs ta' liberalizzazzjoni u żvilupp żbilanċjat u għalhekk jaffetwaw b'mod ħażin, partikularment, lill-pajjiżi l-inqas żviluppatti;

ESDP

58. Jenfasizza l-bżonn li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' superviżjoni parlamentari għall-iżvilupp tal-Politika Ewropea għas-Sigurtà u għad-Difiża (ESDP) iġenerali, u misjonijiet ta' l-ESDP b'mod partikulari, u tenfasizza l-bżonn li tiġi pprovduta informazzjoni b'mod pro-attiv u li jsiru dibattiti qabel ma' jiġu deċiżi azzjonijiet konġunti fil-qasam ta' l-ESDP, sabiex il-Parlament ikun jista' jesprimi l-opinjoni u l-ħsibijiet tiegħu;

Leġiżlazzjoni aħjar

59. Jenfasizza l-bżonn li tiġi aċċellerata s-simplifikazzjoni u l-konsolidazzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' l-UE u li jsir aktar sforz għal regolamentazzjoni aħjar, transpożizzjoni fil-pront u implimentazzjoni korretta ta' leġiżlazzjoni ta' l-UE; jagħmel appell għal monitoraġġ aktar qawwi u għal mekkaniżmu ta' infurzar għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE fl-Istati Membri;

60. Jinsisti li l-inizjattivi kollha ta' simplifikazzjoni jkunu totalment konformi mal-prinċipji u mal-kundizzjonijiet kollha stipulati fir-riżoluzzjoni dwar l-istrateġija għal simplifikazzjoni ta' l-ambjent regolatorju adottat fis-16 ta' Mejju 2006 ⁽¹⁾;

Evalwazzjonijiet ta' impatt

61. Jilqa' l-inklużjoni ta' l-Evalwazzjonijiet ta' Impatt fil-proċess leġiżlattiv, u l-fatt li l-LWP enfasizza ftehimha fuq il-bżonn għal leġiżlazzjoni ta' kwalità għolja, u li l-Kummissjoni tieħu ħsieb li ttwettaq l-evalwazzjonijiet ta' impatt fuq l-inizjattivi kollha ta' strateġija u ta' prijorità; jinsisti fuq il-bżonn għal evalwazzjonijiet ta' impatt indipendenti, però jenfasizza li dawn m'għandhomx iwasslu għal dewmien mhux ġustifikat fil-proposti tal-Kummissjoni; jfakkar li 'regolamentazzjoni aħjar' mhux bilfors tfisser deregolamentazzjoni jew forum ta' regolamentazzjoni minima;

Liġi li torbot

62. Jiddispijaċih dwar iż-żieda fl-użu ta' liġi li torbot min-naħa tal-Kummissjoni, bħal rakkomandazzjonijiet u komunikazzjonijiet interpretattivi, li imbagħad jeluđu l-prerogattivi ta' l-awtorità leġiżlattiva;

⁽¹⁾ Testi Adottati ta' din id-data, P6_TA(2006)0205

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006*Monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' l-acquis*

63. Jiddispijaci li l-Kummissjoni toffri biss rispons dgħajef għat-talba tal-Parlament dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE fl-Istati Membri;

64. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel il-proċess sħiħ ta' traspożizzjoni u l-implimentazzjoni aktar trasparenti u biex tipperswadi lill-Istati Membri biex jipproduċu l-imsemmija 'tabelli ta' korrelazzjoni' li juri eżatt liema partijiet ta' kwalunkwe qasam ta' leġiżlazzjoni hu meħud mill-UE u mil-liġi nazzjonali rispettivament;

Responsabbiltà baġitarja

65. Jistenna li r-riformi ġodda kollha stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali l-ġdid tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u mmaniġġjar finanzjarju sod, ikunu totalment implimentati matul l-2007, biex hekk jippermettu riżultat ħafif f'termini ta' implimentazzjoni ta' kwalità ogħla tal-baġit;

66. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura, tiffaċilita u tinkoraġġixxi l-implimentazzjoni totali tal-Baġit ta' l-UE, b'mod partikulari fl-Istati Membri ġodda, peress li l-2007 ser tkun sena kruċjali għall-implimentazzjoni tal-politiki strutturali ġodda; jitlob lill-Kummissjoni biex tapplika għall-miżuri kollha neċessarji sabiex tagħmilha possibbli li l-programmi operazzjonali għall-perjodu ta' l-iffinanzjar il-ġdid, skond il-linji gwida strateġiċi għal koeżjoni, ikunu lesti u implimentati fil-ħin għall-Istati Membri kollha;

67. Jenfasizza l-importanza li jehmeż ma' l-aġenda tar-riforma, b'mod partikulari fil-qasam tal-ġlied kontra l-frodi u l-immaniġjar ħażin peress li każijiet bħal dawn qed jgħinu sabiex jiżdied ix-xettiċiżmu fl-UE; jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni tidher li naqqset il-programm tagħha oriġinali tar-riforma; f'dan il-kuntest jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bix-xogħol tagħha fuq il-Pjan ta' Azzjoni għal Qafas Integrat ta' Kontroll Intern u għall-Inizjattiva tat-Trasparenza;

*
* *

68. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2006)0566

Il-Laqgħa għolja bejn l-UE u r-Russja**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-laqgħa għolja bejn l-UE u r-Russja f'Ħelsinki ta' 24 ta' Novembru 2006***Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, fuq in-naħa l-waħda, u l-Federazzjoni Russa, fuq in-naħa l-oħra (PCA) ⁽¹⁾, li daħlet fis-seħħ fl-1997 u tis-kadi fl-2007,

— wara li kkunsidra l-Konsultazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra r-responsabilitajiet kurrenti tar-Russja fuq livelli internazzjonali u Ewropej, fil-kapaċità tagħha bħala President-fil-kariga tal-G8 u President tal-Kumitat tal-Ministri fil-Kunsill ta' l-Ewropa,

⁽¹⁾ ĠU L 327, 28.11.1997, p. 1.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet ta' qabel tal-Parlament Ewropew dwar ir-Russja, u b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2006 ⁽¹⁾, dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja wara l-qtil tal-ġurnalista Russa Anna Politkovskaya, ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 ⁽²⁾, dwar is-sigurtà tal-forniment ta' l-enerġija fl-Unjoni Ewropea u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2005 ⁽³⁾ dwar ir-Russja,
 - wara li kkunsidra r-riżultat tat-tmitax il-Laqgħa Għolja bejn l-UE u r-Russja f'Helsinki fl-24 ta' Novembru, 2006
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja kibru b'mod kostanti tul l-aħħar ftit snin u b'hekk wasslu għal integrazzjoni u interdipendenza ekonomika profonda u komprensiva, u għandhom jiżiedu aktar fil-futur qarib,
- B. billi koperazzjoni aktar mill-qrib u relazzjonijiet tajba bejn l-UE u r-Russja huma ta' importanza ewlenija għall-istabilità, is-sigurtà u l-prosperità ta' l-Ewropa kollha,
- C. billi l-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa hija ta' l-akbar importanza għal din il-koperazzjoni miżjuda, b'mod partikolari fir-rigward ta' żvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet ekonomiċi bbażati fuq l-ugwaljanza, it-trasparenza u r-rispett għall-proċeduri rikonoxxuti fil-kamp internazzjonali, għat-tisħiħ tas-sigurtà u tas-stabilità fl-Ewropa billi jinstabu soluzzjonijiet politiċi u paċifiċi għall-kunflitti reġjonali fil-viċinanzi komuni, u għat-tkomplija tat-tisħiħ tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-qafas demokratiku bħala bażi għal dawn ir-relazzjonijiet,
- D. billi l-implimentazzjoni mgħagħgla ta' l-erba' oqsma komuni, b'qasam ekonomiku komuni, qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, qasam ta' sigurtà esterna u qasam ta' riċerka, edukazzjoni u kultura għandha tkun fil-qalba tan-negozzjati għal din il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika ġdida,
- E. billi s-sigurtà tal-forniment ta' l-enerġija hija waħda mill-akbar sfidi għall-Ewropa u waħda mill-oqsma ewlenin tal-koperazzjoni mar-Russja, u billi l-UE timporta bejn wieħed u ieħor kwart tal-gass u taż-żejt tagħha mir-Russja u hija l-aktar konsumatur affidabbli ta' l-esportazzjonijiet Russi,
- F. billi t-tmintax il-Laqgħa Għolja bejn l-UE u r-Russja f'Helsinki fl-24 ta' Novembru 2006 kellu l-għan li jimmarka l-bidu ta' fażi ġdida fir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja u, b'mod partikolari, biex iniedu negozzjati dwar ftehim ta' qafas ġdida bejn l-UE u r-Russja biex tissostitwixxi l-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni (PCA) kurrenti li tiskadi fl-2007,
- G. billi l-Polonja blukkat il-bidu tan-negozzjati tal-ftehim ta' qafas ġdida, biex b'hekk għamlet il-bidu tan-negozzjati kundizzjonali fuq it-tneħħija minn Moska tal-projbizzjoni li kienet ġiet introdotta sena ilu fuq importazzjoni ta' laħam Pollakk,
- H. billi fl-10 ta' Novembru 2006 r-Russja imponiet embargo ġdid fuq l-importazzjoni ta' prodotti Pollakki tal-laħam u tat-tajr, filwaqt li qalet li kienet mħassba dwar ksur ta' regolamenti veterinarji; billi r-Russja reċentament ukoll imponiet projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' ħut u prodotti ta' ħut mill-UE; billi qabel il-Laqgħa Għolja r-Russja fl-24 ta' Novembru 2006 heddet li testendi l-projbizzjoni għall-UE kollha min-ħabba tħassib ta' deni tal-ħnieżer fir-Romanija u fil-Bulgarija,
- I. billi l-qtil riċenti ta' avversarji prominenti tal-Gvern Russu kkawża tħassib kbir fl-Ewropa kollha,
- J. billi hemm tħassib mifrux mar-Russja, ma' l-Unjoni Ewropea u postijiet oħrajn, dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fir-Russja u dwar l-inabbiltà tal-pulizija u tal-awtoritajiet ġudizzjarji Russi li jsibu lil dawk responsabbli għall-qtil politiku,
- K. billi l-formalitajiet tal-qsim tal-konfini jieħdu ħafna żmien fil-konfini bejn l-UE u r-Russja, u b'hekk jikkawżaw queue intollerabbli ta' trakkijiet f'xi punti tal-kontroll,
- L. billi l-Unjoni Ewropea għandha tkun tista' tgħaqqad il-forzi tagħha u titkellem b'leħen wieħed fir-relazzjonijiet tagħha mar-Russja,

(¹) Testi adottati, P6_TA(2006)0448.

(²) Testi adottati, P6_TA(2006)0110.

(³) ĠU C 117 E, 18.5.2006, p. 235.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

1. Jagħraf l-importanza tar-Russja bħala msieħba strateġika għall-koperazzjoni, li magħha l-Unjoni Ewropea taqşam mhux biss interessi ekonomiċi u kummerċjali iżda wkoll l-għan ta' koperazzjoni mill-qrib fl-arena internazzjonali kif ukoll fil-viċinat komuni;
2. Jenfasizza l-importanza ta' l-għaqda u s-solidarjetà fost l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea fir-relazzjonijiet tagħha mar-Russja; jilqa', għalhekk, il-linja komuni ta' l-UE li għet stabbilita fil-Laqgħa Għolja mhux uffiċjali ta' Lahti li tippermetti lill-Unjoni titkellem b'leħen wieħed fil-laqgħat tagħha mal-President Vladimir Putin f'Lahti u f'Helsinki;
3. Jilqa' d-diskussjonijiet miftuħa dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fiż-żewġ Laqgħat Għolja; madankollu jenfasizza li s-sitwazzjoni kurrenti fir-Russja tagħti lok għal tħassib serju fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għad-demokrazija, għal-liberta' ta' l-espressjoni, u għad-drittijiet tas-soċjetà ċivili u ta' l-individwi li jissfidaw lill-awtoritajiet u jżommuhom responsabbli ta' l-azzjonijiet tagħhom;
4. Jiddispijaċi li l-Laqgħa Għolja falliet milli tnedi negozzjati dwar fteħima ta' qafas ġdida bejn l-UE u r-Russja u jħeġġeġ lill-Presidenza Finlandiża u dik Ġermaniża sabiex ikompli x-xogħol biex mandat ta' negozjar għal fteħima ġdida jiġi adottat mill-aktar fis u biex jibdeu n-negozzjati mingħajr aktar dewmien;
5. Jenfasizza li d-difiża b'saħħitha tad-drittijiet tal-bniedem u ta' valuri demokratiċi għandha tkun prinċipju ewlieni ta' kwalunkwe impenn ta' l-UE mar-Russja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tibgħat sinjal ċar lill-partijiet kollha involuti li dawn il-valuri mhux ser ikollhom status sekondarju fil-pakkett ta' negozzjar bejn l-UE u r-Russja;
6. Jiddispijaċi li r-raba' round tal-Konsultazzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u r-Russja ma gābet l-ebda progress sostanzjali f'dan il-qasam, li għandu jkun ta' prijorità fir-relazzjonijiet bilaterali; għalhekk jistieden lill-Gvern Russu sabiex jagħti kontribut għall-intensifikar tal-konsultazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bħala parti essenzjali tas-sħubija bejn l-UE u r-Russja u sabiex jippermettu l-ħidma libera ta' organizzazzjonijiet domestiċi u internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem u NGOs oħra u sabiex jiproteġu s-sigurtà personali għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jassiguraw li kull assistenza finanzjarja mogħtija lir-Russja tkun marbuta ma' l-iżvilupp ta' l-istandards demokratiċi ta' dak il-pajjiż;
7. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar l-aħħar rapporti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u esperti tan-NU fil-qasam internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem dwar l-użu tat-tortura f'ħabsijiet u f'għases tal-pulizija Russi, kif ukoll f'ċentri ta' detenzjoni sigrieti fiċ-Ċeċnija, liema tortura tinkludi atti inumani u degradanti min-naħa ta' uffiċjali pubbliċi; jikkundanna b'mod qawwi dawn il-prattiki u jsejjaħ lill-awtoritajiet Russi sabiex jinvestigaw dawn l-abbużi, iwaqfu kwalunkwe mġieba ħażina immedjatament u jressqu lil daww responsabbli quddiem il-qorti;
8. Jenfasizza l-bżonn ta' ħidma flimkien mar-Russja bħala msieħba strateġika meħtija sabiex jipprovdur paċi, stabbiltà u sigurezza, u sabiex jiġġieldu t-terroriżmu internazzjonali u l-estremiżmu vjolenti, kif ukoll jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sigurtà oħra bħal ma huma perikli ambjentali u nukleari, drogi, traffikar ta' armi u ta' bnedmin u l-kriminalità organizzata transkonfinali fil-viċinat Ewropew b'kollaborazzjoni ma' l-OSCE u fora internazzjonali oħra;
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex isegwu inizzjattivi konġunti mal-Gvern Russu sabiex jissaħħu d-demokrazija, is-sigurtà u l-istabbiltà fil-viċinat komuni, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet konġunti sabiex jistabbilixxu d-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet bażiċi tal-bniedem fil-Belarus, u sforzi konġunti sabiex fl-aħħar jiġu solvuti l-kunflitti fil-Moldova, fil-Ġjorġja u Nagorno Karabagh; jistieden lill-UE u lir-Russja sabiex jassumu r-responsabilità tagħhom bħala membri tal-Kwartett għas-soluzzjoni għall-kunflitt tal-Lvant Nofsani u sabiex jippromwovu l-isforzi sabiex tittella' konferenza tal-paċi internazzjonali dwar fteħima reġjonali għall-paċi fl-Lvant Nofsani;
10. Jirrimarka li l-progress lejn l-iffirmar u l-iratifikar ta' fteħimiet li għadhom mħumiex imwettqa dwar konfini bejn l-Estonja u r-Russja u l-Latvja u r-Russja għadha prijorità għolja għar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, u li l-kwistjoni għandha tiġi trattata b'mod konstruttiv u ġust li jkun aċċettabbli min-naħat kollha;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

11. Jiddeplora t-tilwim dwar l-esportazzjoni mill-UE għar-Russja ta' prodotti agrikoli u prodotti ta' ħut; huwa ta' l-opinjoni li t-tkomplija ta' dan it-tilwim dwar il-kummerċ qed jagħmel ħsara serja lill-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet bejn ir-Russja u l-Unjoni Ewropea; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Gvern Russu sabiex isolvu dan it-tilwim kummerċjali pendenti bl-akbar urġenza; jinsisti li l-Unjoni Ewropea għandha turi s-solidarjetà meħtieġa ma' l-Istati Membri kollha, b'mod partikolari mal-Polonja, li qed tiġi ddiskriminata minħabba l-politika kummerċjali tar-Russja;
12. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar dikjarazzjonijiet mill-awtoritajiet Russi fis-sens li se jimponu restrizzjonijiet fuq prodotti agrikoli ta' l-UE wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija;
13. Huwa maħsud bil-kbir bil-qtil ta' Anna Politovskaya u b'każijiet oħra ta' atti ta' vjolenza motivati politiki; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jużaw l-awtorità tagħhom sabiex jipperswadu lill-Gvern Russu juri r-rieda u l-kapaċità tiegħu; biex jgħin fl-investigazzjonijiet sabiex jinstabu l-qattiel u twestaq dmirha biex twaqqaf dan iċ-ċirku vizzjuż;
14. Ihegġegħ lill-Federazzjoni Russa, bħala membru tal-Kunsill ta' l-Ewropa, sabiex ittejjeb il-kundizzjonijiet tal-ħabsin u ggħib fit-tmiem id-diffikultajiet li jkollhom l-avukati biex ikollhom aċċess għal uħud minnhom; jenfasizza li skond il-Kodiċi Kriminali Russa dawk miżmuma taħt arrest għandhom jinżammu f'ħabs li jkun jew qrib il-post tar-residenza tagħhom jew inkella qrib tal-post fejn sar il-ġuri, kif intwera fl-eżempju tal-priġunieri s-Sur Khodorkovsky u s-Sur Lebedev;
15. Jilqa' bi pjaċir il-ftehma li ntlaħqet waqt il-Laqgħa Għolja sabiex bil-mod jispiċċaw it-tariffi li r-Russja żżomm lil linji ta' l-ajru ta' l-UE li jtiru fuq is-Siberja, b'hekk tissolva tilwima ta' għoxrin sena bejn iż-żewġ naħat u titwitta t-triq għal trasportaturi ta' l-UE sabiex iżidu r-rotot għas-swieg ta' l-Asja li qed jikbru; jinnota li t-tilwima dwar it-tariffi, li kienu qed iqumu lil-linji ta' l-ajru UE aktar minn 250 miljun *euro*-sena, kienet waħda mill-aħħar ostakoli li l-UE identifika wara l-ftehma tagħha mar-Russja dwar id-dħul tal-pajjiż fl-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ (WTO), li għandha tiftaħ possibiltajiet ġodda għal aktar koperazzjoni u kummerċ bejn l-UE u r-Russja;
16. Jesprimi tħassib dwar il-bidliet riċenti fil-Parti IV tal-Kodiċi Ċivili tar-Russja dwar id-drittijiet tal-propjeta intellettwali li ma jilhqax l-istandards meħtieġa għad-WTO (TRIPS), u wisq anqas ma jilhqax l-impenji akbar previsti għal sħubija strateġika;
17. Jilqa' bi pjaċir id-djalogu intensifikat bejn l-UE u r-Russja dwar kwistjonijiet ta' enerġija; jenfasizza l-importanza strateġika tal-koperazzjoni dwar l-enerġija u l-bżonn li jitjiebu r-relazzjonijiet dwar l-enerġija bejn l-UE u r-Russja; jisħaq li aktar koperazzjoni f'dan il-qasam għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji ta' interdipendenza u trasparenza kif ukoll l-importanza ta' reċiproċità f'dak li hu aċċess għas-swieg, għall-infrastruttura u għall-investiment, bl-għan li jiġu evitati strutturi oligopolistiċi tas-suq u li jiddiversifikaw il-forniment ta' l-enerġija ta' l-Unjoni Ewropea; f'dan il-kuntest, jitlob lir-Russja biex tirrispetta l-prinċipji tat-Trattat tal-Karta dwar l-Enerġija u biex iżżid il-koperazzjoni dwar l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, fl-iffrankar ta' l-enerġija u fl-enerġija li tiġġedded;
18. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jirduppjaw l-isforzi tagħhom sabiex isolvu l-problemi fil-qsim tal-konfini fuq il-konfini bejn l-UE u r-Russja; jinnota li għandha tinbena kapaċità transkonfinali ulterjuri sabiex takkomoda ż-żieda fil-fluss tal-prodotti; ihegġegħ lill-awtoritajiet Russi sabiex inaqqsu l-istennija fil-queues fil-konfini billi jħaffu l-ispezzjonijiet u billi jneħħu uħud minnhom miż-żona tal-konfini għal żoni aktar remoti;
19. Jilqa' bi pjaċir l-eżitu b'suċċess tal-Laqgħa Għolja dwar id-Dimensjoni tat-Tramuntana, li saret b'konnessjoni ma l-Laqgħa Għolja bejn l-UE u r-Russja u li fiha ħadu sehem ir-Russja, kif ukoll, l-UE, in-Norveġja u l-Iżlanda; jispera li d-Dokument ta' Qafas għad-Dimensjoni tat-Tramuntana li ġie adottat għandu jagħti bażi tajba għall-iżvilupp ta' koperazzjoni aktar mill-qrib mar-Russja fuq livelli reġionali u transkonfinali;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

20. F'dan ir-rigward, jesprimi tħassib serju dwar il-miżuri implimentati mir-Russja kontra l-Ġeorġja, li qed ikollhom konsegwenzi ekonomiċi, politiċi u umanitarji kbar; għalhekk jistieden lill-awtoritajiet Russi sabiex ineħħu l-projbizzjoni mhux ġustifikata fuq esportazzjoni sensittiva mill-Ġeorġja għar-Russja kif ukoll li jwaqqfu r-repressjoni li għadha għaddejja ta' Ġeorġjani etniċi li jgħixu fir-Russja;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea taġixxi b'mod unit u b'determinazzjoni fl-isforzi tagħha biex issaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-Federazzjoni Russa; jilqa' l-intenzjoni tal-Presidenza Ġermaniża li tkompli tagħti prijorità aktar għolja lil din il-kwistjoni importanti;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u l-Parlamenti ta' l-Istati Membri u tal-Federazzjoni Russa.

P6_TA(2006)0567

Implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE

Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' direttiva tal-Kummissjoni li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi relatati ma' intrapriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), fir-rigward ta' kjarifika ta' ċerti definizzjonijiet

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi relatati ma' intrapriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) ⁽¹⁾ (minn issa 'l quddiem imsejħa "Direttiva UCITS-III"),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' Direttiva tal-Kummissjoni li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi relatati ma' intrapriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), fir-rigward ta' kjarifika ta' ċerti definizzjonijiet tat-13 ta' Settembru 2006 (dokument ta' ħidma ESC/43/2006) (minn issa 'l quddiem "abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni"),
- Wara li kkunsidra l-parir tal-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej (CESR) lill-Kummissjoni Ewropea dwar Kjarifika ta' Definizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Assi Eliġibbli għall-investimenti ta' UCITS ta' Jannar 2006 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-istqarrija li għamel Romano Prodi, President tal-Kummissjoni, quddiem il-Parlament Ewropew fil-5 ta' Frar 2002 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Frar 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu tas-27 ta' April 2006 dwar l-immaniġġjar ta' l-assi ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 375, 31.12.1985, p. 3.

⁽²⁾ CESR/06-005.

⁽³⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

⁽⁴⁾ DISKORS/02/44.

⁽⁵⁾ ĠU C 284 E, 21.11.2002, p. 115.

⁽⁶⁾ Testi Adottati P6_TA(2006)0181.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- A. billi l-assi li huma eliġibbli għal UCITS s'issa ġew interpretati b'mod different mill-awtoritajiet ta' sorveljanza fl-Istati Membri, li jfisser li fil-prattika prodotti differenti ġew offruti bħala UCITS,
- B. billi hija meħtieġa kjarifika uniformi ma' l-Ewropa kollha ta' ċerti definizzjonijiet ta' assi eliġibbli sabiex jinkiseb is-suq waħdieni,
1. Huwa tal-fehma li regolament, aktar milli direttiva, huwa l-aħjar għażla sabiex tiġi żgurata traspożizzjoni uniformi, konsistenti u rapida tad-definizzjonijiet ġodda fil-liġi nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistipula r-raġunijiet għalfejn tippreferi direttiva, u teżamina jekk il-proposta tagħha għal direttiva tistax tiġi mibdula fi proposta għal regolament;
 2. Jenfasizza li s-CESR għamel kontribut siewi sabiex jissawru definizzjonijiet ġodda ta' assi eliġibbli għal investment ta' UCITS, u għaldaqstant għandu jkompli jnvolvi ruħu fil-kapaċità tiegħu ta' 'l hekk imsejjaħ grupp tal-Livell 3, b'mod partikulari sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fid-definizzjonijiet kjarifikati għall-miżuri ta' implimentazzjoni fl-applikazzjoni tagħhom minn jum għall-ieħor; jistenna, f'dan ir-rigward, li s-CESR joħroġ stqarrija fil-futur qarib dwar jekk l-Indiċi ta' Fondi ta' Lqugħ ("Hedge Fund Indices") humiex assi eliġibbli; jinnota li l-Indiċi ta' Fondi ta' Lqugħ iridu jissodisfaw il-kriterji baġin meħtieġa sabiex isiru eliġibbli skond il-UCITS III, bħalma huma d-diversifikazzjoni suffiċjenti, il-ħila li jservu ta' punt ta' referenza adegwat, u pubblikazzjoni xierqa;

Titoli trasferibbli

3. Jisħaq dwar l-importanza ta' preżunzjoni ta' likwidità relata mat-titoli trasferibbli, kif msemmija f'Artikolu 2(1) ta' l-Abbozz ta' Direttiva ta' Implimentazzjoni għall-funzjonament tajjeb ta' attivitajiet ta' immaniġġjar ta' l-assi, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura l-inklużjoni ta' dan il-prinċipju fil-livell xieraq;

Strumenti tas-suq tal-flus

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex testendi l-perjodu ta' ħlas għal strumenti tas-suq tal-flus li normalment jiġu kummerċjati fis-swieq tal-flus fi żmien ta' bejn sena u massimu ta' 397 jum preċiżi, li ser ifisser li l-istrumenti tas-suq tal-flus jew se jkollhom maturità ta' mhux aktar minn 397 jum minn meta jinħarġu, jew inkella jkollhom maturità tal-fdal ta' mhux aktar minn 397 jum, jew inkella jsirulhom aġġustament regolari tar-rendita mill-anqas darba kull 397 jum, liema aġġustamenti għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq tal-flus; f'dan ir-rigward, jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li din l-emenda tikkonsdra d-Direttiva 2004/39/KE⁽¹⁾ filwaqt li tippermetti komparabilità mar-regoli ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza Finanzjarja ta' l-Istati Uniti;

Indiċi finanzjarji

5. Jinnota li d-Direttiva UCITS-III tonqos milli tistipula jekk l-indiċi finanzjarji jistgħux jiġu bbażati biss fuq assi eliġibbli jew ukoll fuq assi mhux eliġibbli, u li Artikolu 9 ta' l-abbozz ta' Direttiva ta' implimentazzjoni jiddefinixxi ż-żewġ kategoriji bħala assi eliġibbli, sakemm ikunu sodisfati l-kriterji kollha għad-diversifikazzjoni stipulati f'Artikolu 22a(1) tad-Direttiva UCITS-III;
6. Jiġbed l-attenzjoni li Artikolu 9 ta' l-abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni huwa maħsub sabiex jagħti lok lill-Istati Membri li jgħollu l-limiti minimi ta' investment għal swieq regolati fejn ċerti strumenti tas-suq finanzjarju u titoli huma dominanti ħafna minn 20 % sa 35 %; iqis li dan ifisser li Artikolu 9 ta' l-abbozz ta' direttiva ta' implimentazzjoni m'għandux jirreferi biss għal Artikolu 22a(1), iżda wkoll għal Artikolu 22a(2) tad-Direttiva UCITS-III;
7. Jifhem li b'konformità ma' Artikolu 9(1)(a)(iii) ta' l-Abbozz ta' Direttiva ta' Implimentazzjoni, l-investimenti f'indiċi li huma magħmula minn assi li mhumiex stipulati f'Artikolu 19(1) tad-Direttiva UCITS-III għandhom ikunu permessi; madankollu, f'dan ir-rigward jiġbed l-attenzjoni li Artikolu 9(1)(a)(iii) ta' l-Abbozz ta' Direttiva ta' Implimentazzjoni ma jindirizzax b'mod adegwat lil uħud minn dawn l-indiċi għax Artikolu 22a(1) tad-Direttiva UCITS-III li għaliha qed jirreferi jistabbilixxi limiti biss fir-rigward ta' l-emittenti ta' ishma jew titoli, u ma jkoprix l-indiċi fejn id-diversifikazzjoni ma tiddependix mit-tip ta' emittent, bħalma huma l-indiċi tal-merkanzija, meta d-diversifikazzjoni tiddependi fuq it-tip ta' merkanzija; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' Artikolu 9(1)(a)(iii) ta' l-Abbozz ta' Direttiva ta' Implimentazzjoni sabiex fejn indiċi jkun kopert b'mod adegwat mis-sistema ta' mmaniġġjar tar-riskji ta' l-UCITS, ikun meqjus li hu diversifikat biżżejjed;

(¹) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

Karti kummerċjali appoġġjati minn assi

8. Huwa tal-fehma li mhux biss karti kummerċjali b'żewġ livelli distinti u appoġġjati minn assi għandhom jiġu awtorizzati bħala assi eliġibbli, u għaldaqstant, jistieden lill-Kummissjoni li filwaqt li tqis kif xieraq lir-raba' inċiż ta' Artikolu 191(h) tad-Direttiva UCITS-III, tippermetti wkoll karti oħra kummerċjali appoġġjati minn assi bħala assi UCITS;

*
* *

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-CESR.

P6_TA(2006)0568

Strateġija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2006–2007

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2006–2007 (2006/2252(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għat-tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2006–2007 (COM(2006)0649),
 - Wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2006 dwar il-progress tat-Turkija għall-adeżjoni ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen tal-21 u t-22 ta' Ġunju 1993 u tal-Kunsill Ewropew ta' Madrid tal-15-16 ta' Diċembru 1995, tal-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu tat-12-13 ta' Diċembru 1997, tal-Kunsill Ewropew ta' Thessaloniki tad-19-20 ta' Ġunju 2003 u tal-Kunsilli ta' Brussell tas-16-17 ta' Diċembru 2004, tas-16-17 ta' Ġunju 2005 u tal-15-16 ta' Ġunju 2006,
 - Wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Marzu 2006 dwar il-karta dwar l-istrateġija għat-tkabbir ⁽²⁾,
 - Wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2006 dwar il-perjodu ta' riflessjoni: l-istruttura, is-suġġetti u l-kuntest għall-evalwazzjoni tad-dibattitu dwar l-Unjoni Ewropea ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0436/2006),
- A. l-Unjoni Ewropea hija proġett politiku bbażat fuq valuri u objettivi komuni,
- B. l-UE evolviet funjoni politika ta' demokrazzija li għandha impenn lejn standards demokratiċi u lejn l-iżvilupp ta' kultura haġja tad-demokrazzija,
- C. l-inċentiva offruta mill-prospett ta' l-işhubija ma' l-UE bla dubju kkontribwixxa għall-promozzjoni ta' riformi, il-konsolidazzjoni tad-demokrazzija, it-tişiħ tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u ż-żieda fl-istabilità fil-pajjiżi ġirien,

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2006)0381.

⁽²⁾ Testi Adottati, P6_TA(2006)0096.

⁽³⁾ ĠU C 287 E, 24.11.2006, p. 306.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- D. il-Kunsill Ewropew ta' Thessaloniki tad-19-20 ta' Ġunju 2003 tenna mill-ġdid l-impenn għal implimentazzjoni sħiħa ta' l-aġenda ta' Thessaloniki, u l-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006 tenna mill-ġdid l-intenzjoni li jonora l-impenji attwali mwettqa għall-pajjiżi tax-Xlokk ta' l-Ewropa (it-Turkija u l-Kroazja, pajjiżi li magħhom qed jitwettqu negozjati ta' sħubija, l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja/FYROM, bħala pajjiż kandidat, u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, bħala kandidati potenzjali) fir-rigward tat-tkabbir, waqt li jenfasizza l-hteġa li jiżgura li l-Unjoni "hija f'pożizzjoni li tiffunzjona f'sens politiku, finanzjarju u istituzzjonali waqt it-tkabbir",
- E. l-UE għandha tipproċedi mill-bażi ta' l-impenn irriversibbli tagħha għad-demokrazija u mill-fehma irriversibbli tagħha li d-demokrazija taħdem biss jekk id-demos – iċ-ċittadini ta' l-Ewropa – jirrikonoxxu u jappoġġaw it-tkabbir ta' l-UE permezz ta' l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda u l-integrazzjoni taċ-ċittadini tagħhom,
- F. il-Parlament Ewropew, flimkien mal-parlamenti nazzjonali, u bl-appoġġ ta' l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-korpi tas-soċjetà ċivili, jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tat-trasparenza u r-responsabilizzazzjoni tal-proċess tat-tkabbir, u b'hekk iżid il-kunsens pubbliku dwar din il-kwistjoni,
- G. it-tkabbir għandu - kif stabbilit fit-Trattat - jikkontribwixxi għall-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u għall-kisba ta' unjoni aktar mill-qrib fost il-popli ta' l-Ewropa, iżda ma jipperikolax il-karatteristika politika ta' dan il-proġett; it-tkabbir għandu jippromwovi l-paċi, is-sigurtà, l-istabilità, id-demokrazija u l-prosperità fl-Ewropa,
- H. għal dik ir-raġuni, trid titqies il-kapaċità ta' integrazzjoni ta' l-Unjoni meta jiġi kkunsidrat il-futur ta' l-Ewropa,
- I. l-istqarrija maħruġa fill-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen tal-20-22 ta' Ġunju 1993 semmiet bħala kunsiderazzjoni importanti "il-kapaċità ta' l-Unjoni li tassorbi membri ġodda, filwaqt li żżomm il-momentum ta' l-integrazzjoni Ewropea",
- J. l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet ta' l-UE għandhom jindirizzaw b'kuraġġ il-fatturi istituzzjonali, finanzjarji u politiki li jsejju l-kapaċità ta' l-Unjoni li tintegra Stati Membri ġodda,
- K. dan jippresupponi analiżi bir-reqqa ta' l-implikazzjonijiet li tista' ġġib magħha sħubija akbar għall-politiki ta' koeżjoni ta' l-Unjoni, u għall-finanzi tagħha,
- L. il-kapaċità ta' integrazzjoni hija kunċett evoluzzjonarju li jrid jiġi valutat b'mod regolari fid-dawl ta' ċirkustanzi ġodda,
- M. il-kapaċità ta' integrazzjoni hija msejsa fuq kriterji oġġettivi u tindirizza problemi reali, u għalhekk m'għandhiex titħallat mal-perċezzjoni pubblika ta' l-impatt ta' tkabbir ulterjuri,
- N. il-kapaċità ta' l-integrazzjoni mhix kriterju ġdid applikabbli għall-pajjiżi kandidati, iżda hija pre-rekwiżit għas-suċċess tat-tkabbir u l-approfondiment tal-proċess ta' l-integrazzjoni Ewropea; ir-responsibilità li ttejjeb il-kapaċità tagħha ta' l-integrazzjoni hija ta' l-Unjoni u mhux tal-pajjiżi kandidati,
- O. il-pajjiżi ta' l-adeżjoni u dawk kandidati għandhom jikkonformaw mal-kriterji ta' l-adeżjoni stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen (il-kriterji ta-Kopenhagen) u ma' l-obbligi l-oħra kollha li jirriżultaw mit-Trattati u mill-ftehimiet bilaterali,
1. Jaqbel mal-Kummissjoni li t-tkabbir tal-passat kien suċċess, li saħħaħ l-Unjoni Ewropea billi saħħaħ it-tkabbir ekonomiku, saħħaħ l-irwol ta' l-UE fid-dinja u ppromwova l-iżvilupp ta' politiki ġodda ta' l-UE, u ppromwova d-demokrazija, il-paċi u l-prosperità fl-Ewropa; jenfasizza li t-tkabbir f'sens ġenerali huwa fost l-aktar strumenti effettivi tal-politika barranija u tal-politiki ta' prevenzjoni ta' konflitt ta' l-UE; ifakkar li dan is-suċċess ġej mill-appoġġ wiesa' għat-tkabbir fil-passat bħala twettiq tal-missjoni ta' integrazzjoni Ewropea tal-bidu li tgħaqqad mill-ġdid il-kontinent Ewropew wara l-qasmiet politiki tas-seklu għoxrin;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

2. Jinnota, madankollu, li mill-esperjenzi tal-passat jistgħu jittieħdu xi tagħlimiet, b'mod partikulari dwar il-bżonn li kull pajjiż kandidat jiġi għudikat fuq il-merti tiegħu stess u li l-adeżjoni tiegħu tkun negozjata skond skeda bbażata fuq konformita' effettiva mal-kriterji il-kriterji ta' Kopenhagen, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi evitat li tiġi ffrissata data kmieni żżejjed għall-adeżjoni finali;
3. Jemmen li dawn it-tagħlimiet għandhom jintużaw sabiex jittejjbu l-kwalità u t-trasparenza tal-proċess tat-tkabbir;
4. Huwa tal-fehma li l-Unjoni għandha tonora l-impenji tagħha lejn il-pajjiżi li diġa għandhom prospetti ta' sħubija, sakemm dawn il-pajjiżi jikkonformaw rwieħhom mal-kriterji ta' Kopenhagen għas-sħubija ma' l-UE u jwettqu l-obbligi li joħorġu minn dawn il-kriterji; jenfazizza li s-sodisfazzjon ta' dawn l-impenji huwa inċentiv qawwi għal daww il-pajjiżi sabiex ikomplu bir-riformi;
5. Jaqbel li l-konsolidazzjoni, il-kundizzjonalità u l-komunikazzjoni huma l-priċipji gwida ta' l-Istrateġija Ewropea għat-Tkabbir; huwa tal-fehma li kwalunkwe impenn ulterjuri għat-tkabbir jirrikjed aktar skrutinju, b'aktar reqqa minn qatt qabel, tal-kwistjoni tal-kapaċità ta' integrazzjoni ta' l-Unjoni, kemm jekk mil-lat istituzzjonali, finanzjarju jew dak politiku;
6. Għaldaqstant jiddispaċiħ li l-Kummissjoni naqset milli tipprovi analiżi profonda biżżejjed tal-kwistjoni-jiet li jridu jiġu solvuti qabel ma l-Unjoni tkun tista' tagħmel aktar tkabbir;
7. Iqis li "R-Rapport Speċjali dwar il-Kapaċità ta' l-UE illi tintegra membri ġodda' li jinstab fl-Anness I tal-Kommunikazzjoni, mhux tweġiba sodisfaċenti għat-talba tal-Parlament, fil-paragrafu 5 tar-riżoluzzjoni hawn fuq imsemmija tas-16 ta' Marzu 2006, għal 'rapport li jistipula l-prinċipji li jirfdu lil dan il-kunċett".
8. Huwa tal-fehma li l-kapaċità ta' integrazzjoni ta' l-Unjoni hija msejsa b'mod ewlieni fuq tliet pilastru, li huma l-istituzzjonijiet tagħha u l-leġittimità tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jaġixxu u li jieħdu deċiżjoni b'mod demokratiku u effiċjenti f'ċirkostanzi ġodda, ir-riżorsi finanzjarji tagħha u l-kontribut globali tagħhom għall-koeżjoni ekonomika u soċjali, u l-kapaċità ta' Unjoni akbar li ssegwi l-għanijiet politiċi tagħha;
9. Ifakkar li r-responsabilità għat-titjib fil-kapaċità ta' l-Unjoni għat-tkabbir hija ta' l-istess l-Unjoni, u mhux tal-pajjiżi kandidati;
10. Jemmen li l-UE tista' biss tistenna attitudni pożittiva dwar it-tkabbir mingħand iċ-ċittadini jekk dawn jaraw Ewropa li twettaq riżultati; jenfazizza, għaldaqstant, li l-kapaċità ta' integrazzjoni ma tistax titqies b'mod separat mill-kapaċità ta' l-UE li taġixxi; iqis li t-tkabbir għandu jkun parti mill-Aġenda ta' Ċittadini ta' l-Unjoni u għandu jkun komunikat bħala tali;
11. Iqis li l-funzjonament xieraq ta' l-Unjoni jiddependi fuq il-fedeltà bla kundizzjonijiet tal-Membri kollha tagħha mal-valuri universali li fuqhom hija msejsa l-UE bħala proġett politiku: id-drittijiet inalienabbli u invjollabbli tal-persuna umana, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt li jagħmlu l-identità Ewropea;
12. Jemmen li kwalunkwe nuqqas li jiġi żgurat li l-kapaċità ta' integrazzjoni ta' l-UE tkun taqbel ma' l-aġenda tagħha ta' tkabbir, idgħajef l-Unjoni internament u esternament u jonqsu l-benefiċċji taż-żieda fis-sħubija akbar għall-membri kollha tagħha, u li dan l-effett ma jkun kumpensat permezz ta' daqs estern akbar;
13. Jikkritika lill-Kummissjoni għal mod superfiċjali li bih tittratta l-aspetti istituzzjonali, u f'dan ir-rigward jirreferi għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar l-aspetti istituzzjonali tal-kapaċità ta' l-UE li tintegra Stati Membri ġodda⁽¹⁾;
14. Ifakkar it-termini tar-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tad-19 ta' Jannar 2006 u jafferma mill-ġdid li, wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, it-Trattat ta' Nizza mhux ser jipprovi bażi adegwata għal tkabbir ulterjuri;
15. Għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kaprijiet ta' Stati u Gvernijiet sabiex jikkonkludu l-proċess kostituzzjonali sattuam ta' l-2008, kif intqal fil-Kunsill Ewropew ta' ġunju 2006, sabiex jagħti lok lill-Unjoni li taħdem b'mod aktar effettiv, aktar trasparenti u aktar demokratiku, li huwa pre-rekwiżit għal tkabbir ulterjuri;

(1) P6_TA(2006)0569.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

16. Ifakkar lill-Kapijiet ta' Stati u l-Gvernijiet dwar id-dmir tagħhom li jtemmu dan il-proċess qabel l-elezzjonijiet Ewropej li għejjin, sabiex jevitaw dewmien fin-negozjati ta' adeżjoni attwali;
17. Jenfasizza li r-riforma istituzzjonali ta' l-Unjoni hija b'zonn fih innifsu, indipendentement minn tkabbir ieħor, u għandha tiġi segwita b'mod rigoruż u malajr;
18. Jikkonferma li n-negozjati ta' adożjoni ser jimxu 'l quddiem skond il-merti u l-kisbiet ta' kull msieħeb fin-negozjati;
19. Jilqa' b'sodisfazzjon u jappoġġa l-impenn tal-Kummissjoni li ttejjeb il-kwalità tal-proċess ta' l-adeżjoni billi tagħmlu aktar trasparenti u bbażat fuq benchmarks, u billi b'mod sistematiku tagħmel valutazzjoni ta' l-impatt dwar oqsma ewlenin tal-politika fl-istadji kruċjali tal-proċess;
20. Huwa tal-fehma li r-reviżjoni maħsuba tal-baġit ta' l-Unjoni fl-2008/2009 għandha tqis l-integrazzjoni għejjena tal-pajjiżi li kandidati u pre-kandidati;
21. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma ħaditx ħsieb bir-reqqa ta' l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' tkabbir ulterjuri, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipprovdni estimi ċari u kredibbli ta' l-baġitarju qabel ma ssir kwalunkwe adeżjoni ulterjuri;
22. Itenni li d-dibattitu jinkludi kwistjonijiet diffiċli li jista' jkollhom implikazzjonijiet għall-politiki komuni ta' l-Unjoni, inklużi l-politiki ta' koeżjoni tagħha;
23. Hu tal-fehma li l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' tkabbir ieħor, li l-komplessità tiegħu ġiet rikonossuta b'mod impliċitu impliċitament mill-Kapijiet ta' Stati u Gvernijiet meta huma naqsu li jikkunsidrawh fil-Qafas Finanzjarju 2007-2013, iridu jiġu indirizzati b'urġenza; jistieden lill-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u lill-Kunsill ta' l-ECOFIN sabiex jagħmlu dibattitu konġunt dwar din il-kwistjoni;
24. Jenfasizza li l-konformità mal-kriterji politiċi stipulati fil-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen, inklużi dawk tal-qasam ta' l-istat tad-dritt, għandha tingħata prijorità akbar milli nġhatat s'issa fin-negozjati għall-adeżjoni, u li għandha tiġi stabbilita rabta diretta bejn dawk il-kriterji u l-ftuħ kif ukoll mal-pass ġenerali tan-negozjati;
25. F'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon l-inklużjoni fil-qafas ta' negozjati attwali ta' kapitolu dwar Drittijiet Ġudizzjali u Fundamentali li jkopri l-kwistjonijiet politiċi, li se jagħti lok lill-istituzzjonijiet ta' l-UE li jagħmlu skrutinju mill-qrib tal-progress fl-oqsma kruċjali;
26. Huwa ta' l-opinjoni li fit-tkabbir preċedenti il-progress fl-oqsma tal-ġustizzja, il-korruzzjoni u d-drittijiet fundamentali ma nġhatax biżżejjed attenzjoni fil-fażijiet bikrija tan-negozjati; iwiegħed li se jkollu rwol ħafna aktar attiv fl-immonitorjar tal-proċess ta' adeżjoni, b'enfasi partikulari fuq l-aspetti politiċi tiegħu, u jstieden lill-Kunsill sabiex jagħmel l-istess u sabiex jagħmel rakkomandazzjonijiet ċari u raġunati kif jixraq lill-pajjiżi kandidati, aktar milli sempliċement jieħu nota tal-progress tekniku tan-negozjati;
27. Ifakkar fil-prospetti ċari ta' sħubija Ewropea li l-Kunsill Ewropew ta' Thessaloniki tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 offra lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent; jibqa' impenjat b'mod sħiħ għal dawn il-prospetti li jridu jinżammu biex jikkonsolidaw l-istabilità u l-paċi fir-reġjun; ifakkar lil dawk il-pajjiżi li huma se jiġu valutati wieħed wieħed fuq il-bażi tal-merti tagħhom, u li dan se jiddetermina l-pass ta' l-integrazzjoni tagħhom fl-UE;
28. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2006 sabiex jiġu adottati l-mandati ta' negozjati għall-faċilitazzjoni tal-visa u ftehimiet ta' rijamissjoni mal-pajjiżi Balkani tal-Punent, bħala l-ewwel pass fil-promozzjoni ta' kuntatti interpersonali bejn dawk il-pajjiżi u l-UE, iżda jenfasizza li l-objettiv huwa vjaġġar mingħajr viża;
29. Jilqa' b'sodisfazzjoni il-progress kontinwu tal-Kroazja, pajjiż kandidat, lejn l-integrazzjoni ta' l-UE, u jitlob lin-negozjaturi taż-żewġ naħat sabiex iżommu l-momentum li ntlaħaq f'dawn in-negozjati, bil-għan li l-istess negozjati jintemmu kmieni;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

30. Jinnota r-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress tat-Turkija 2006, li filwaqt li jgħid li r-riformi politiċi fit-Turkija komplew, isemmi li r-ritmu tagħhom naqas u jikkonferma n-nuqqasijiet fil-proċess ta' riforma li kienu diġà ġew msemmija fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-27 ta' Settembru 2006 dwar il-progress tat-Turkija lejn l-adeżjoni; jinsisti li dan jinkludi wkoll ir-ratifika u l-implimentazzjoni sħiħa mit-Turkija tal-Protokoll Anċillari li jestendi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija għall-għaxar Stati Membri ġodda, iffirmit mit-Turkija f'Lulju 2005, b'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' l-UE tal-21 ta' Settembru 2005;
31. Jenfasizza li r-rifjut tat-Turkija biex tikkonforma b'mod sħiħ mal-punti tal-Protokoll Addizzjonali qed jipperikola b'mod serju l-progress xieraq tan-negozjati ta' sħubija; jinnota li d-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jinfetħux in-negozjati dwar tmien kapitoli importanti li jkopru oqsma ta' politiki rilevanti għar-restrizzjonijiet li poġġiet it-Turkija fir-rigward tar-Repubblika ta' Ċipru u li ma jingħalaq l-ebda kapitolu provviżorjament hija konsegwenza li ma tistax tkun evitata tal-pożizzjoni tat-Turkija dwar din il-kwistjoni; iħeġġeġ lit-Turkija biex tikkopera b'mod kostruttiv biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-Protokoll Addizzjonali malajr kemm jista' jkun; jilqa' f'dan ir-rigward l-istedina lill-Kummissjoni li tissottometti rapporti annwali fuq il-progress magħmul fl-indirizzar ta' kwistjonijiet koperti mid-dikjarazzjoni tal-UE tal-21 ta' Settembru 2005;
32. Jiddispaċiħ b'mod sinċier il-fatt li l-isforzi tal-Presidenza Finlandiża li ssib soluzzjoni għal waqfien attwali rigward l-implimentazzjoni sħiħa tal-Protokoll Addizzjonali minn naħa u li jittaffa l-iżolament tal-komunità Ċiprijotta-Torka tal-gżira minn naħa l-oħra ma kellhomx suċċess; jistieden lill-Presidenza Ġermaniża biex tkompli dawn l-isforzi b'determinazzjoni; "f'koperazzjoni mill-qrib ma' inizjattivi tan-NU";
33. Huwa ta' l-opinjoni li l-Unjoni Ewropea għandha tkun ippreparata biex tadotta skeda biex tiżgura li l-għanijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu fi żmien raġjonevoli;
34. Iħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jagħmel impenni ġodda biss fuq il-bażi ta' valutazzjoni profonda tal-konsegwenzi istituzzjonali, finanzjarji, politiċi u soċjo-ekonomiċi tagħhom; Għaldaqstant jiltob lill-Kummissjoni sabiex tippovdi evalwazzjonijiet komprensivi ta' impatt, kull meta tqis applikazzjonijiet ġodda għas-sħubija u meta tippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tagħha għall-ftuħ u għall-għeluq ta' negozjati;
35. Ifakkar li, waqt in-negozjati tas-sħubija, meta l-Kunsill, bil-proċedura ta' unanimità fuq proposta tal-Kummissjoni, jistabbilixxi benchmarks għall-ftuħ u l-għeluq provviżorju ta' kull kapitolu, l-Istati Membri għandhom jipproċedu b'mod imparzjali fir-rigward tal-pajjiżi kollha għas-sħubija;
36. Jemmen li d-dritt tal-kunsens li għandu l-Parlament għandu japplika mhux biss wara l-konklużjoni tal-proċess tan-negozjati, iżda wkoll qabel il-ftuħ ta' negozjati għas-sħubija;
37. Jinnota li waqt li l-UE qed tkompli tagħmel, u tiftaħ, negozjati għal tkabbir mal-pajjiżi tal-Balkani, l-iffaċċjar tal-korruzzjoni endemika u tan-netwerks reġjonali tal-kriminalità organizzata ser jkun fattur dejjem aktar importanti fit-triq ta' l-adeżjoni; Jirakkomanda bis-sħiħ, għaldaqstant, li l-istrument finanzjarji attwali tat-tkabbir jiġu msaħħa u ffokati mill-ġdid sabiex bħala prijorità ewlenija, jimmiraw fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, b'enfasi partikulari fuq ir-riforma tal-ġudikatura, it-tisħiħ tal-kapaċità fl-amministrazzjoni pubblika u t-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali;
38. Ifakkar lill-gvernijiet u lill-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri li hija r-responsabbiltà tagħhom li jinfurmaw lill-pubbliku b'mod xieraq dwar il-benefiċċji tat-tkabbir tal-passat u dwar ir-riskji li jinvolvi tkabbir ieħor, u li huma għandhom jagħtu lill-pubbliku r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet li jieħdu, b'mod unanimu, matul il-proċess kollu ta' l-adeżjoni;
39. Għaldaqstant, jistieden lill-Kummissjoni sabiex taħdem flimkien ma' l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali sabiex tikkomunika l-aġenda tat-tkabbir lill-pubbliku b'mod aktar effettiv, biex b'hekk tittejjeb it-trasparenza tal-proċess;
40. Jilqa' b'sodisfazzjoni ir-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kummissjoni dwar rapporti ta' sħarriġ, benchmarks għall-ftuħ ta' kapitoli ta' negozjati u li l-pożizzjoni komuni finali ta' l-UE ssir pubblika;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

41. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi definizzjoni aktar preċiża ta' "Politika msaħħa tal-Viċinat" u biex tispeċifika fid-dettal dak li tinvolti relazzjoni ta' dan it-tip;
42. Itenni t-talba preċedenti tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jippreżentaw, għall-pajjiżi Ewropej kollha li bħalissa m'għandhomx prospetti ta' sħubija, proposti għal relazzjoni bilaterali jew multilaterali mill-qrib ma' l-UE, li taqbel mal-ħtiġijiet u ma' l-interessi speċifiċi tagħhom; jenfasizza li huwa f'idejn il-pajjiżi kollha bi prospetti rikonoxxuti ta' sħubija sabiex jiddeċiedu jekk iridux jissiehu jew le f'dan il-qafas multilaterali bħala pass intermedju lejn sħubija sħiħa;
43. F'dan il-kuntest, ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iqisu li bħala parti mill-Istrateġija ta' Viċinat Imsaħħaħ, u b'addizzjoni għall-istrateġiji rigward relazzjonijiet ma' pajjiżi oħrajn, politika reġjonali ġenerali ta' l-UE fiż-żona wiesgħa tal-Baħar l-Iswed, biex jibnu relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi bilaterali jew multilaterali aktar b'saħħithom bejn l-UE u l-pajjiżi kollha ta' din iż-żona, b'mod partikulari fir-rigward tal-kummerċ ħieles, bħal fil-każ tal-Ftehma ta' Kummerċ Ħieles ta' l-Ewropa Ċentrali, l-investment, is-sigurtà ta' l-enerġija u l-politika tal-migrazzjoni;
44. Huwa tal-fehma li l-għażliet imsemmija hawn fuq, li jinkludu firxa wiesgħa ta' possibilitajiet operattivi, għandhom ikunu għażla reali u attraenti li, mingħajr ma teskludi s-sħubija sħiħa, tkun qed tagħti lill-pajjiżi msieħba perspettiva stabbli u għall-futur imbiegħed ta' relazzjonijiet istituzzjonalizzati ma' l-UE, u tipprovdi l-inċentiv neċessarju sabiex jiġu kkoltivati r-riformi interni meħtieġa fil-pajjiżi konċernati;
45. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill f'dan il-kuntest biex jikkunsidraw li jaġġustaw l-għajnuna tal-Komunità fid-dawl tal-progress miksub mill-pajjiżi benefiċjarji fit-tweġġiq tar-riformi meħtieġa għall-integrazzjoni Ewropea tagħhom;
46. Jenfasizza li filwaqt li r-Russja mhix kandidat għal sħubija fl-UE u lanqas m'hi parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, ir-relazzjonijiet ma' l-akbar ġara ta' l-UE xorta jibqgħu vitali fil-kuntest ta' kwalunkwe strateġija ġejjiena ta' l-UE għat-tkabbir; iħeġġeġ li f'dan il-kuntest, l-UE għandha tkompli tipprova tiżviluppa sħubija unika u b'firxa wiesgħa mar-Russja, li tinkludi l-kummerċ u l-enerġija, iżda fuq kollox, kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokratizzazzjoni;
47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u parlamenti ta' l-Istati Membri, stati li qed jaderixxu u stati kandidati.

P6_TA(2006)0569

L-aspetti istituzzjonali tal-kapaċità ta' l-Unjoni Ewropea li tintegra Stati Membri ġodda

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-aspetti istituzzjonali tal-kapaċità ta' l-Unjoni Ewropea li tintegra Stati Membri ġodda (2006/2226(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 49 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew li saru f'Ġunju 1993 f'Kopenhagen, f'Diċembru 1995 f'Madrid, f'Diċembru 1997 fil-Lussemburgu, f'Ġunju 2003 f'Tessaloniki, u f'Diċembru 2004, f'Ġunju 2005 u f'Ġunju 2006 fi Brussell,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-dokument strateġiku dwar it-tkabbir ta' l-2005 tal-Kummissjoni (COM(2005)0561),

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Jannar 2005 dwar it-Trattat li jstabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2005 dwar il-bidu tan-negozjati mat-Turkija ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-oqfsa tan-negozjati għat-Turkija u għall-Kroazja adottati mill-Kunsill fit-3 ta' Ottubru 2005,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-19 ta' Jannar 2006 dwar il-perjodu ta' riflessjoni: l-istruttura, is-suġġetti u l-kuntesti għal evalwazzjoni tad-dibattitu dwar l-Unjoni Ewropea ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tas-16 ta' Marzu 2006 dwar id-dokument strateġiku dwar it-tkabbir ta' l-2005 tal-Kummissjoni ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-istadji li jmiss għall-perjodu ta' riflessjoni u analiżi dwar il-Futur ta' l-Ewropa ⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2006 dwar il-progress tat-Turkija lejn l-adeżjoni ⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regola 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0393/2006), billi,
- A. il-Kunsill Ewropew tad-19-20 ta' Ġunju 2003 wera perspettiva Ewropea ċara lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, bl-isħubija fl-Unjoni bħala l-għan finali (l-aġenda ta' Tessaloniki),
- B. il-Kunsill Ewropew tas-16-17 ta' Ġunju 2005 afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa ta' l-aġenda ta' Tessaloniki, u dak tal-15-16 ta' Ġunju 2006 afferma mill-ġdid il-ħsieb tiegħu li jżomm l-impenni eżistenti magħmulin mal-pajjiżi ta' l-Ewropa tax-Xlokk (it-Turkija u l-Kroazja, pajjiżi li għadhom qegħdin jinnegozjaw l-adeżjoni, l-ex Reppublika Jugoslava tal-Maċedonja/FYROM bħala pajjiż kandidat, u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent bħala kandidati potenzjali) rigward it-tkabbir, waqt li enfażizza l-ħtieġa li l-Unjoni “għandha l-kapaċità taħdem politikament, finanzjarjament u istituzzjonalment waqt li tikber”,
- C. il-Kunsill beda b'mod uffiċjali n-negozjati ta' l-adeżjoni mat-Turkija u mal-Kroazja fit-3 ta' Ottubru 2005,
- D. il-Kunsill Ewropew tal-15-16 ta' Diċembru 2005 ta l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-ex-Reppublika Jugoslava tal-Maċedonja/FYROM,
- E. sa mill-1993 il-konformità mal-kriterji kollha ta' Kopenhagen kienet il-bażi għall-adeżjoni fl-UE u għandha tibqa' hekk għall-sħubijiet tal-ġejjieni;
- F. il-kriterji ta' Kopenhagen isemmu wkoll bħala kunsiderazzjoni importanti “l-kapaċità ta' l-Unjoni li tassorbi membri ġodda, waqt li jżomm il-momentum ta' l-integrazzjoni Ewropea”,
- G. il-kapaċità istituzzjonali ta' l-Unjoni li tintegra Stati Membri ġodda kienet diskussa dejjem iżjed fil-kuntest tat-tkabbir li jista' jsir wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija,
- H. fir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq dwar id-dokument strateġiku dwar it-tkabbir ta' l-2005 l-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni sabiex sa l-aħħar ta' l-2006 tressaq rapport li jelenka l-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-kapaċità ta' l-Unjoni li tassorbi Stati Membri ġodda,
- I. il-Kunsill Ewropew tal-15-16 ta' Ġunju 2006 ddeċieda li 'l-pass tat-tkabbir irid iqis il-kapaċità ta' l-Unjoni li tassorbi Stati Membri ġodda' u ddeċieda li jorganizza dibattitu f'Diċembru ta' l-istess sena 'dwar l-aspetti kollha tat-tkabbir tal-ġejjieni, inklużi l-kapaċità ta' l-Unjoni li tassorbi membri ġodda u metodi oħrajn ta' kif tista' tittejjeb il-kwalità tal-proċess tat-tkabbir ibbażati ta' l-esperjenzi pożittivi akkumulati s'issa', fuq il-bażi ta' rapport 'dwar l-aspetti rilevanti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kapaċità ta' l-Unjoni li tassorbi Stati Membri ġodda' li għandu jitressaq mill-Kummissjoni flimkien mar-rapport annwali tagħha dwar it-tkabbir u l-proċess ta' qabel l-adeżjoni,
- J. skond ir-rapport għandu “jkopri wkoll il-kwistjoni tal-perċezzjoni preżenti tat-tkabbir miċ-ċittadini u għandu jqis ukoll il-ħtieġa li jispejga l-proċess tat-tkabbir kif jixraq lill-pubbliku fl-Unjoni”,

⁽¹⁾ ĠU C 247 E, 6.10.2005, p. 88.

⁽²⁾ ĠU C 227 E, 21.9.2006, p. 163.

⁽³⁾ ĠU C 287 E, 24.11.2006, p. 306.

⁽⁴⁾ Testi Adottati, P6_TA(2006)0096.

⁽⁵⁾ Testi Adottati, P6_TA(2006)0263.

⁽⁶⁾ Testi Adottati, P6_TA(2006)0381.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

- K. il-Kunsill Ewropew tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2004 fi Brussell stqarr li “n-negozjati dwar l-adeżjoni li għadhom ma nbdewx ta' pajjiżi kandidati li l-isħubija tagħhom jaf ikollha konsegwenzi finanzjarji sostanzjali, jistgħu jiġu konklużi biss wara li jkun ġie stabbilit il-Qafas Finanzjarju għall-perjodu li jibda fl-2014 flimkien ma' riformi finanzjarji konsegwenzjali possibbli”;
- L. il-kunċett tal-kapaċità ta' integrazzjoni jinvoli l-isfida li l-UE tadatta ruħha sabiex takkomoda l-Membri l-ġodda tagħha; din l-isfida bħalissa għadu ma nstabx tarfha, speċjalment wara r-rifjut tat-Trattat Kostituzzjonali fi Franza u fl-Olanda, minħabba li dan it-trattat jippermetti lill-Unjoni Ewropea li taħdem b'mod effiċjenti u demokratiku, **għalkemm l-isfida tar-riżorsi finanzjarji għad trid tiġi affrontata**;
- M. hemm dibattitu li għadu għaddej dwar l-hekk-imsejja 'kapaċità ta' l-assorbiment' ta' l-Unjoni fil-kuntest tat-tkabbir tal-ġejjieni;
- N. il-President tal-Kummissjoni stqarr quddiem il-Parlament Ewropew li huwa jemma li għandu jkun hemm arranġament istituzzjonali li jippreċedi kwalunkwe tkabbir futur, u esprima t-tama tiegħu li dak l-arranġament istituzzjonali, kif stabbilit mill-Kunsill Ewropew tal-15-16 ta' Ġunju 2006, jista' jinkiseb sa l-aħħar ta' l-2008, u b'hekk jippermetti lill-Unjoni li tirrispetta l-impenji tagħha lejn il-pajjiżi li qegħdin jinnegozjaw u lejn il-pajjiżi li nfethilhom il-prospett ta' l-adeżjoni,
- O. l-arranġament istituzzjonali ta' dan it-tip huwa qabelxejn meħtieġ sabiex jinżamm il-momentum tal-Integrazzjoni Ewropea, kif osservat mill-Kaprijiet ta' Stati u Gvernijiet waqt il-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen ta' l-1993,
1. Jirrimarka li t-tkabbir passat saħħaħ l-Unjoni, rawwem it-tkabbir ekonomiku, irrinforza l-irwol tagħha fid-dinja u stimula l-iżvilupp ta' politiki ġodda ta' l-UE;
 2. ifakkar li l-idea tal-“kapaċità ta' l-assorbiment” ħarġet fil-beraħ għall-ewwel darba b'mod formali fl-1993, meta l-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen irrikonoxxa li, flimkien mal-kriterji politiċi u ekonomiċi li l-pajjiżi kandidati jridu jissodisfaw sabiex jissiehb u fl-Unjoni, “il-kapaċità ta' l-Unjoni li tassorbi membri ġodda, waqt li żżomm il-momentum ta' l-integrazzjoni Ewropea” tikkostitwixxi wkoll 'kunsiderazzjoni importanti fl-interess ġenerali ta' l-Unjoni u tal-pajjiżi kandidati”;
 3. Ifakkar li minkejja li kull tkabbir ta' l-Unjoni ġab bidliet fil-qafas istituzzjonali, politiku u finanzjarju tagħha, bidliet bħal dawn ma kinux biżżejjed sabiex jippreservaw l-effettività tal-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-UE;
 4. Jidhirlu li t-terminu “kapaċità ta' l-assorbiment” ma jwassalx b'mod adegwat l-idea li jrid jesprimi, għax l-UE bl-ebda mod ma tassorbi l-membri tagħha, u għalhekk jipproponi li din l-espressjoni tinbidel u ssir “kapaċità ta' integrazzjoni”, li tirrifletti aħjar in-natura tas-sħubija fl-UE;
 5. Jisħaq li “l-kapaċità ta' integrazzjoni” mhix kriterju ġdid applikabbli għall-pajjiżi kandidati iżda kundizzjoni għas-suċċess tat-tkabbir u ta' l-approfondiment tal-proċess ta' l-integrazzjoni Ewropea; ir-responsabbiltà tat-titjib tal-“kapaċità ta' integrazzjoni” hija ta' l-Unjoni u mhux tal-pajjiżi kandidati;
 6. Iqis li l-kunċett tal-“kapaċità ta' integrazzjoni” timplika li wara t-tkabbir:
 - l-istituzzjonijiet Ewropej se jkunu kapaċi jaħdmu tajjeb u jieħdu deċiżjonijiet b'mod effiċjenti u demokratiku skond il-proċeduri speċifiċi tagħhom,
 - ir-riżorsi finanzjarji ta' l-Unjoni se jkunu biżżejjed sabiex jiffinanzjaw b'mod xieraq l-attivitajiet tagħha,
 - l-Unjoni se tkun kapaċi tiżviluppa b'suċċess il-politiki tagħha u tilħaq l-għanijiet tagħha, sabiex issegwi l-proġett politiku tagħha;
 7. Iqis li, sabiex tiżgura l-kapaċità tagħha ta' integrazzjoni, l-Unjoni trid tiddeċiedi dwar l-iskop u s-sustanza tar-riformi li teħtieġ tikseb qabel ma jsir xi tkabbir ieħor; l-evalwazzjoni tagħha f'dan ir-rigward għandha ssir matul l-istadji prinċipali tal-proċess tat-tkabbir, billi fost oħrajn jitqies l-impatt possibbli li l-Istati l-Membri l-ġodda se jkollhom fuq il-ħiliet istituzzjonali, finanzjarji u deċiżivi tagħha;
 8. Jirrikonoxxi li l-Unjoni fil-mument tinsab f'diffikultà biex iżżomm l-impenji tagħha lejn il-pajjiżi ta' l-Ewropa tax-Xlokk, għax l-istruttura istituzzjonali, finanzjarja u politika tagħha mhix adattata għal tkabbir ulterjuri u teħtieġ li tittejjeb;

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006***Aspetti istituzzjonali tal-kapaċità ta' integrazzjoni***

9. Jisħaq li qabel isir xi tkabbir ieħor huwa essenzjali li l-Unjoni tiġi rriformata sabiex tkun tista' taħdem b'mod iżjed effiċjenti, iżjed trasparenti u iżjed demokratiku; f'dan id-dawl, kwalunkwe tkabbir fil-ġejjieni se jeħtieġ ir-riformi istituzzjonali li ġejjin:

- a) l-adozzjoni ta' sistema ġdida ta' sistema ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata li żżid il-kapaċità tal-Kunsill li jieħu d-deċiżjonijiet;
- b) estensjoni sostanzjali tal-kwistjonijiet li tapplika għalihom il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata;
- c) estensjoni sostanzjali tal-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew, li ggħibu fuq livell indaq mal-Kunsill, f'kwistjonijiet baġitarji u leġiżlattivi;
- d) modifika tas-sistema ta' rotazzjoni tal-Presidenzi tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill;
- e) il-ħolqien tal-kariga ta' Ministru għall-Affarijiet Barranin;
- f) modifika ulterjuri tal-kompożizzjoni tal-Kummissjoni li tmur lil hinn minn dik stipulata mit-Trattat ta' Nizza;
- g) it-tisħiħ ta' l-irwol tal-President tal-Kummissjoni u l-infurzar mill-ġdid tal-leġittimità demokratika tiegħu/tagħha permezz ta' elezzjoni mill-Parlament Ewropew;
- h) estensjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-oqsma kollha ta' l-attivitajiet ta' l-Unjoni, inklużi s-sorveljanza tar-rispett tad-drittijiet fundamentali;
- i) it-twaqqif ta' mekkaniżmi għall-involvement tal-parlamenti nazzjonali fl-isktuniju ta' l-azzjonijiet ta' l-Unjoni;
- j) it-titjib ta' arranġamenti ta' flessibilità bħala reazzjoni għall-possibilità li qiegħda tikber li mhux l-Istati Membri kollha jkunu jridu jew jistgħu jadottaw ċerti politiki fl-istess żmien;
- k) modifika tal-proċedura għall-emendar tat-Trattati, sabiex din titħaffef, tiġi iżjed effiċjenti u ssaħħaħ il-karattru demokratiku u t-trasparenza tagħha;
- l) tneħħija ta' l-"istruttura tal-pilastru" u s-sostituzzjoni tagħha b'entità waħda b'struttura unifikata u personalità legali;
- m) l-adozzjoni ta' klawsola li tippermetti lill-Istati Membri li joħorġu mill-Unjoni Ewropea;
- n) definizzjoni ċara tal-valuri li fuqhom l-Unjoni hija mwaqqfa, kif ukoll ta' l-għanijiet ta' l-Unjoni;
- o) definizzjoni ċara tal-kompetenzi ta' l-Unjoni u tal-prinċipji li jmxexxu l-azzjonijiet u r-relazzjonijiet tagħha ma' l-Istati Membri;
- p) it-tisħiħ tat-trasparenza tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-Unjoni, b'mod partikulari permezz ta' l-iskrutinju pubbliku ta' l-attivitajiet tal-Kunsill meta jkun qiegħed jaġixxi bħala fergħa ta' l-awtorità leġiżlattiva;
- q) definizzjoni ċara u simplifikazzjoni ta' l-istrumenti li permezz tagħhom l-Unjoni teżerċita l-kompetenzi tagħha;

Jirrimarka li dawn ir-riformi kollha diġà jinsabu fit-Trattat Kostituzzjonali, u li d-dħul fis-seħħ tagħhom jippermetti l-funzjonament adegwat ta' Unjoni ikbar u jiżgura l-kapaċità tagħha li tiddeċiedi b'mod effiċjenti u demokratiku;

Aspetti rilevanti oħrajn tal-kapaċità ta' integrazzjoni

10. Jirrimarka li, apparti r-riformi istituzzjonali neċessarji, proċessi ta' tkabbir futuri ta' l-Unjoni se jeħtieġu modifiki f'aspetti importanti oħrajn ta' l-istruttura tagħha, bħal:

- a) l-adozzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u titjib tal-politiki ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri;

- b) reviżjoni tal-qafas finanzjarju tagħha, inkluż fir-rigward tas-sistema ta' finanzjament tagħha, sabiex tadattaha għall-ħtiġijiet il-ġodda ta' Unjoni ikbar, billi tibni fuq ir-reviżjoni "sħiħa u globali" tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013 diġà pplanat għall-2008/2009 skond ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar L-Isfidi Politiċi u l-Mezzi Baġitarji ta' Unjoni ikbar 2007-2013 tat-8 ta' Ġunju 2005 ⁽¹⁾ u d-dispożizzjonijiet ta' l-Arranġament Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba tas-17 ta' Mejju 2006 ⁽²⁾,
- c) definizzjoni ġdida ta' bosta mill-politiki tagħha, li wħud minnhom ġew implimentati ħamsin sena ilu, sabiex tkun tista' **tkun implimentata l-istrateġija ta' Liżbona, tissaħħaħ il-ħila tagħha għall-azzjoni fix-xena internazzjonali u tadatta ruħha** għall-isfidi l-ġodda li Unjoni ħafna akbar u diversa se jkollha tiffaċċja f'dinja globalizzata,
- d) infurzar mill-ġdid tal-Politika Ewropea għall-Viċinat, maħsuba biex tipprovdi strument xieraq sabiex jiġu stabbiliti relazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku ma' dawk il-pajjiżi Ewropej li ma jkollhom l-ebda prospetti immedjati li jissiehu minħabba li ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għas-sħubija jew ikunu għażlu li ma jissiehub;
11. Jisħaq li r-riformi msemmijin fuq jridu jimxu id f'id ma' sforzi sabiex tiżdied l-approvazzjoni pubblika għat-tkabbir u jfakkar fir-responsabbiltà tal-mexxej Ewropej li jispjegaw lill-pubbliku l-għanijiet u l-vantaġġi reċiproċi tat-tkabbir u ta' l-unifikazzjoni ta' l-Ewropa; jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni li tuża 'varjetà vasta ta' toroq sabiex tikkonnumika l-politika ta' tkabbir tagħha u tirribatti l-ideat żbaljati permezz tal-provi', kif iddikjarat fid-dokument strateġiku dwar it-tkabbir ta' l-2005 hawn fuq imsemmi;
12. Jerġa jtenni, madankollu, li kwalunkwe deċiżjoni ta' l-UE sabiex iddaħħal Stati Membri ġodda tittieħed minn proċedura li fiha bosta salvagwardji, b'mod partikolari deċiżjoni unanima mill-Istati Membri kollha dwar il-ftuħ u l-għeluq tan-negożjati għall-isħubija, l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u r-ratifikazzjoni ta' kull Trattat ta' Adeżjoni mill-Istati Membri kollha;
13. Jirrimarka li, f'kwalunkwe każ, l-iffirmar tat-Trattat ta' Adeżjoni mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri jfisser li dawk il-gvernijiet ikunu kommessi b'mod sħiħ li jaġixxu jaġixxu b'mod li jiżguraw li l-proċess tar-ratifikazzjoni ta' dak it-Trattat jiġi konkluż b'suċċess, b'konformità mal-proċeduri fis-seħħ f'kull pajjiż;
14. Huwa tal-fehma li **l-kunsens tal-Parlament Ewropew, meħtieġ biex il-Kunsill jaġixxi skond l-Artikolu 49 tat-Trattat UE dwar l-adeżjoni ta' stati membri ġodda, għandu japplika għad-deċiżjoni biex jin-fetħu n-negożjati, kif ukoll biex jiġu konklużi;**

Konklużjonijiet

15. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għat-tkabbir bħala opportunità storika sabiex jiġu żgurati l-paċi, is-sigurtà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll it-tkabbir ekonomiku u l-prospertà fl-Ewropa; jafferma mill-ġdid il-konvinzjoni tiegħu li t-tkabbir irid jimxi id f'id ma' l-approfondiment ta' l-Unjoni, sabiex l-għanijiet tal-proċess ta' l-integrazzjoni Ewropea ma jitpoġġewx f'periklu;
16. Jisħaq li l-Unjoni trid tkun kapaċi tadatta l-istruttura istituzzjonali, finanzjarja u politika tagħha fil-ħin sabiex tevita li tikkawża dewmien mhux mistenni fl-adeżjoni ta' pajjiżi kandidati ladarba jkun ġie stabbilit li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha ta' l-isħubija;
17. Jafferma mill-ġdid li t-Trattat ta' Nizza ma jipprovdi bażi xierqa għal tkabbir ulterjuri;
18. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għat-Trattat Kostituzzjonali, li diġà joffri soluzzjonijiet għall-bieċa l-kbira tar-riformi meħtieġa mill-UE sabiex iżżomm l-impenni preżenti tagħha għat-tkabbir u jikkostitwixxi espressjoni tanġibbli tar-relazzjoni bejn it-tkabbir u l-approfondiment, u jwissi li kwalunkwe tentattiv favur implimentazzjoni parzjali ta' partijiet mill-pakkett kostituzzjonali jista' jipperikola l-kompromess globali li fuqu huwa msejjes;
19. Jieħu nota ta' l-iskeda stabbilita mill-Kunsill Ewropew ta' l-15-16 ta' Ġunju 2006 sabiex tinstab soluzzjoni għall-kriżi kostituzzjonali sa mhux iżjed tard mit-tieni semestru ta' l-2008;

⁽¹⁾ ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 373

⁽²⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

L-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2006

20. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jkseb arranġament kostituzzjonali għall-Unjoni Ewropea malajr kemm jista' jkun, u f'kull każ, qabel iċ-ċittadini ta' l-Unjoni jintalbu jivvotaw fl-Elezzjonijiet Ewropej fl-2009, sabiex l-Unjoni tkun tista' żżomm l-impenni tagħha lejn il-pajjiżi kandidati u tkun lesta li taċċettahom bħala Stati Membri;

*
* *

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill Kummissjoni, lill-parlamenti u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-parlamenti u lill-gvernijiet ta' Turkija, ta' Kroazja, ta' l-ex Repubblika Jugoslava ta' Maċedonja, ta' l-Albanija, ta' Bożnja u l-Herżegovina, ta' Serbja, ta' Montenegro, lill-Istituzzjonijiet Proviżorji ta' Autogovernanza fil-Kosovo u lill-Missjoni tal-Ġnus Magħquda fil-Kosovo.
